

# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 84**
**Randan - Għid 1995**

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 84** **Randan – Għid 1995**

## WERREJ


Ittra Appostolika *Tertio Millenio Adveniente* 133
Messaġġ tal-Papa għall-Jum l-Emigrant 1994 166
Messaġġ tal-Papa għall-Jum Dinji tal-Paċi 1995 170
Messaġġ tal-Papa għall-Jum il-Morda (11 ta' Frar 1995) 176
Messaġġ tal-Papa għar-Randan 1995 179
Messaġġ tal-Papa għall-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet 1995 182
Common Christological Declaration between the Catholic Church and the Assyrian Church of the East 186
Ittra tal-Papa għall-400 sena mill-mewt ta' San Filippu Neri 188
Diskors tal-Papa dwar l-Anzjani fil-Knisja 191
Ittra tal-Papa għall-150 sena ta' l-Appostolat tat-Talb 194
Ittra tal-Papa lit-Tfal 196
Messaġġ tas-Sinodu ta' l-Isfijiet dwar il-Ħajja Konsagrata 203
Letter to the Bishops concerning the Reception of Holy Communion by Divorced and Remarried Persons 211
Messaġġi u Diskorsi ta' l-Arċisqof 219
Cirkularijiet tal-Kurja (n. 309-316) 250
Ittra tal-Vigarju Ġenerali lill-Kappillani dwar Magħmudijiet fl-Isptar 258
Nomini Ġodda fil-Knisja 258
Ħutna li l-Mulej Sejjaħ Għandu fl-1994 259
Eżempju ta' Omeliji 282

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 84** **Randan – Għid 1995**

# Ittra Appostolika *Tertio Millenio Adveniente* tal-Papa Ġwanni Pawlu II lill-Isqfijiet, lill-Kleru u lill-Fidili dwar it-tħejjija għall-Ġublew tas-Sena 2000

Lill-Isqfijiet,
lis-Saċerdoti u d-Djakni,
lir-Reliġjużi rġiel u nisa,
u lil-lajċi nsara kollha.

1. Issa li qed toqrob sewwa l-miġja tat-tielet elf sena wara Kristu, ħsiebi minn rajh imur fuq il-kliem ta' l-Appostlu San Pawl: "Meta waslet il-milja taż-żmenijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara" (Gal 4, 4). **Il-milja taż-żminijiet hi ħaġa waħda mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb**, l-Iben ta' Alla, natura waħda mal-Missier, u mal-misteru tal-Fidwa tad-dinja. San Pawl f'dan il-kliem tiegħu jinsisti li l-iben ta' Alla twieled minn mara, twieled skond il-liġi, u ġie fid-dinja biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U żied jgħid: "Għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: 'Abba, Missier!'". Għeluq kliemu hu tassew ta' faraġ: "Għalhekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla" (Gal 4, 6-7).

Il-mod kif San Pawl jippreżenta l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni juri r-rivelazzjoni tal-misteru tat-Trinità u **juri wkoll li l-missjoni ta' l-Iben tkompli fil-missjoni ta' l-Ispirtu s-Santu.** L-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla,it-tnissil tiegħu, it-twelid tiegħu kellhom jiġu qabel il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. Kliem San Pawl għalhekk **juri l-milja tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni-redenzjoni.**

# I

## "ĠESÙ KRISTU HU DAK LI KIEN FL-IMGĦODDI, ISSA...

2. Fl-Evanġelju tiegħu San Luqa jagħtina **deskrizzjoni eżatta ta' dak li ġara fit-twelid ta' Ġesù.** "F'dik il-ħabta Ċesri Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment tad-dinja kollha... Kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tela' l-Lhudija, fil-belt ta' David, jisimha Betlehem, – għax hu kien mid-dar u mill-familja ta' David – biex jinkiteb flimkien ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" (Lq 12, 1. 3-7).

B'hekk seħħ dak li l-Anġlu Gabrjel kien qal fit-Tħabbira tiegħu. Lill-Verġni ta' Nazaret kien qalilha dan il-kliem: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek" (Laq 1, 28). Dan il-kliem ħawwad lil Marija u l-Anġlu ta' Alla minnufih żied jgħid: "Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jissejjaħ Bin il-Għoli... L-Ispirtu s-Santu jigi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla" (1, 30. 32-35). It-tweġiba ta' Marija għall-kliem l-Anġlu ta' Alla kienet bla tlaqliqa: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (1, 38). Fil-ġrajja kollha tal-bniedem qatt ma ġara li ħaġa hekk[1] kbira tkun tiddependi biss mill-kunsens ta' kreatura umana.

3. San Ġwann, fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu, jiġbor fi frażi waħda l-kobor tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Kiteb: **Il-Verb sar bniedem u għammar fostna,** u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (1, 14). Għal San Ġwann fit-tnissil u t-twelid ta' Ġesù seħħet l-Inkarnazzjoni tal-Verb etern, natura waħda mal-Missier.

L-Evanġelista qed jitkellem dwar il-Verb li fil-bidu kien ma' Alla, li kollox bih sar u xejn ma sar mingħajru; il-Verb li kellu l-ħajja fih u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin (ara 1, 1-5). Dwar l-Iben il-waħdieni ta' Alla, Alla minn Alla, San Pawl kiteb li **hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha** (Kol 1, 15). Alla ħalaq id-dinja permezz tal-Verb. Il-Verb huwa l-Għerf etern, il-Ħsieb u x-Xbieha natura waħda ma' Alla, "dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu" (Lh 1, 3). Hu mnissel minn dejjem ta' dejjem u maħbub għal dejjem ta' dejjem mill-Missier bħala Alla minn Alla u Dawl minn Dawl, hu l-bidu u s-sura ewlenija ta' kulma Alla ħalaq fiż–żmien. Il-fatt li l-Verb etern, fil-milja taż-żminijiet, ħa s-sura ta'

kreatura, jagħti lill-ġrajja li seħħet f'Betlehem elfejn sena ilu, tifsir universali singulari. **Minħabba l-Verb id-dinja tal-ħlejjaq tidher bħala "cosmos"** jiġifieri univers ordnat. U l-Verb ukoll, **meta sar bniedem ġedded l-ordni universali tal-ħolqien.** L-Ittra lill-Efesin titkellem dwar il-pjan ta' Alla, imfassal minn qabel fi Kristu, "li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet, jiġifieri li kollox **jinġabar taħt Ras waħda li hu Kristu,** kulma hu fl-art u kulma hu fis-sema" (Ef 1, 10).

4. Kristu, il-Feddej tad-dinja, ***hu l-Medjatur waħdieni bejn Alla u l-bniedem,*** u taħt is-sema ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi (ara Atti 4, 12). Naqraw fl-Ittra lill-Efesin: "Fih għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu. Biha fawwarna fil-għerf u l-għaqal kollu... skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet" (Ef 1, 7-10). Kristu, l-Iben natura waħda mal-Missier, hu għalhekk dak li **juri l-ħsieb ta' Alla għall-ħolqien kollu, u b'mod partikulari għall-bniedem.** Bil-qawwa kollha l-Konċilju Vatikan II jgħid: "Hu juri lill-bniedem li hu kollu kemm hu bniedem u jurih ukoll kemm hi tassew għolja l-vokazzjoni tiegħu"[2]. Jurih din il-vokazzjoni billi jirrivelalu l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu. "Xbieha ta' Alla li ma jidhirx", Kristu hu l-bniedem perfett li reġa' ta lil ulied Adam ix-xebh ma' Alla, xebh imħassar mid-dnub. In-natura umana ta' Kristu, ħielsa minn kull dnub, ittieħdet mill-Persuna divina tal-Verb, u hekk in-natura tal-bnedmin kollha ġiet mgħollija għall-ogħla dinjità. "Bl-inkarnazzjoni l-Iben ta' Alla **b'xi mod ingħaqad ma' kull bniedem.** Ħadem bl-idejn ta' bniedem, ħaseb b'moħħ ta' bniedem, ħabb bħal qalb ta' bniedem. Meta twieled mill-Verġni Marija, sar tassew wieħed minna, jixbahna f'kollox minbarra d-dnub"[3].

5. L-Iben ta' Alla "sar wieħed minna" b'att ta' umiltà mill-aqwa, tant li ma nistagħġbux li l-istorja profana, moħħha kollha kemm hi fi ġrajjiet ta' importanza kbira u f'persunaġġi mill-aktar magħrufin, fil-bidu għal Kristu ma kellhiex ħlief xi tagħrif żgħir, għalkemm ifisser ħafna. Insemmi xi eżempji: insibu lil Kristu msemmi fl-*Antiquitates Iudaicae,* li nkitbu f'Ruma bejn is-snin 93 u 94 mill-istoriku Ġużeppi Flavju[4]; iżda nsibu aktar tagħrif fl-*Annales* ta' Taċitu li nkitbu bejn is-snin 115 u 120: f'dawn l-*Annales* il-kittieb, huwa u jitkellem dwar il-ħruq ta' Ruma fis-sena 64, li Neruni b'qerq akkuża bih lill-insara, isemmi ċar u tond lil Kristu "ġustizzjat minn Ponzju Pilatu fi żmien l-Imperatur Tiberju"[5]. Svetonju wkoll, fil-bijografija ta' l-Imperatur Klawdju, miktuba għall-ħabta tas-sena 121, jgħarrafna dwar it-tkeċċija tal-Lhud minn Ruma għaliex, "imxewxa minn ċertu Krestu, spiss kienu qed joħolqu ħafna rvellijiet"[6]. Ħafna huma konvinti li dan il-pass ta' Svetonju huwa fuq Kristu, li dwaru kien hemm ħafna tilwim fi ħdan il-Lhud ta' Ruma. Importanti, għax turi kemm xtered malajr it-twemmin nisrani, hi x-xhieda ta' Plinju ż-Żgħir, gvernatur tal-Bitinja, li, bejn is-snin 111 u 113, għarraf lill-Imperatur Trajanu, li għadd kbir ta' nies kienu mdorrijin jinġabru

"f'ġurnata fissa, qabel jisbaħ, biex ikantaw bejniethom innu lil Kristu qisu xi alla"[7].

Iżda din il-ġrajja kbira, li l-istoriċi mhux insara kemm isemmu, tikseb dija mill-aqwa fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid li, għalkemm huma dokumenti ta' fidi, mhux ta' min ma joqgħodx fuqhom, f'dak kollu li jgħidu, bħala xhieda storika ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem, Sid il-ħolqien kollu, u wkoll Sid l-istorja, li tagħha hu l-"Alpha u l-Omega" (Apok 1, 8; 21, 6), "il-Bidu u t-Tmiem" (Apok 21, 6). Fih il-Missier qal, bil-qawwa kollha, l-aħħar kelma fuq il-bniedem u ġrajjietu. Hu dan li tfisser b'qawwa kbira fil-qosor l-Ittra lil-Lhud: "Alla, li fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri, permezz tal-profeti, **issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu"** (Lh 1, 1-2).

6. Ġesù twieled fi ħdan il-Poplu magħżul ta' Alla, ħa sseħħ il-wegħda, magħmula lil Abraham u bla heda mfakkra mill-profeti. Dawn tkellmu f'isem u minflok Alla. L-ekonomija" tat-Testment il-Qadim kienet minnha nfisha diretta għat-tħejjija u t-tħabbira tal-miġja ta' Kristu l-Feddej tad-dinja u tas-Saltna messjanika tiegħu. Il-kotba tal-Patt il-Qadim huma għalhekk xhieda li dejjem tibqa' tal-"pedagoġija" attenta ta' Alla[8]. *Fi Kristu* din il-pedagoġija tilħaq l-għan tagħha, għax Kristu mhux biss dak li jitkellem "f'isem Alla" bħall-profeti, imma hu Alla stess li jitkellem permezz tal-Verb etern tiegħu li sar bniedem. Hawn insibu l-punt **essenzjali li jagħmel il-krisjaneżmu differenti mir-reliġjonijiet l-oħra kollha:** f'dawn ir-reliġjonijiet sa mill-bidu nsibu **t-tfittxija ta' Alla mill-bniedem.** Fil-kristjaneżmu l-bidu nsibuh fl-Inkarnazzjoni tal-Verb. Fil-kristjaneżmu mhux il-bniedem biss qiegħed ifittex 'l Alla, imma hu Alla nnifsu wkoll li jiġi bħala Persuna biex ikellem lill-bniedem u jurih it-triq kif jista' jasal għandu. Hu dan li jħabbar il-bidu ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann: "Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma għarrafulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla li hu fi ħdan il-Missier" (Ġw 1, 18). **Il-Verb magħmul bniedem hu għalhekk it-tmiem tal-ħerqa tar-reliġjonijiet kollha tal-bniedem:** dan it-tmiem hu għemil ta' Alla u jmur 'l hemm minn kulma jista' jistenna l-bniedem. Hu misteru ta' grazzja.

Fi Kristu ir-reliġjon m'hijiex it-tiftix ta' Alla biex forsi tkun tista' "tħossu b'idejk" (ara Atti 17, 27), imma hi **tweġiba tal-fidi** f'Alla li juri ruħu: tweġiba li biha l-bniedem jitkellem ma' Alla bħala l-Ħallieq tiegħu u Missieru, tweġiba li saret possibbli permezz ta' dak il-Bniedem waħdieni li hu wkoll il-Verb ta' natura waħda mal-Missier: fih Alla jkellem lil kull bniedem, u kull bniedem jikseb il-ħila li jwieġeb lil Alla. Anzi f'dan il-Bniedem il-ħolqien kollu jwieġeb lil Alla, għax Ġesù Kristu hu l-bidu ta' kollox: kollox jinsab fih mill-ġdid, kollox jiġi milqugħ u mogħti lura lill-Ħallieq li minnu kiseb il-bidu tiegħu. B'dan il-mod fi **Kristu sseħħ il-ħerqa tar-reliġjonijiet kollha tad-dinja u għalhekk Kristu hu t-tmiem żgur u waħdieni ta' din il-ħerqa. Jekk min-naħa, Alla jitkellem mal-**bnedmin fuqu nnifsu fi Kristu, min-naħa l-oħra, fl-istess Kristu, il-ġens kollu

tal-bnedmin u l-ħolqien kollu jitkellmu fuqhom infushom ma' Alla, u anzi jingħataw lil Alla. Hekk kollox jerġa' lura għall-bidu tiegħu. **F'Ġesù Kristu kollox jinġabar taħt Ras waħda** (ara Ef 1, 10) u fl-istess ħin kull ħaġa ssib it-tmiem tagħha f'Alla, tmiem li huwa l-glorja ta' Alla. Ir-reliġjon li għandha s-sisien tagħha f'Ġesù Kristu, hi r-*reliġjon tal-glorja* hi tiġdid ta' ħajja għat-tifħir tal-glorja ta' Alla. Il-ħolqien kollu fil-fatt hu tħabbira tal-glorja ta' Alla: b'mod partikulari l-bniedem *(vivens homo* – il-bniedem ħaj) hu manifestazzjoni tal-glorja ta' Alla, imsejjaħ biex jgħix il-milja ta' ħajtu f'Alla. Hekk, il-bniedem jgħix ħajja ġdida "għat-tifħir tal-glorja ta' Alla" (Ef , 1, 12).

7. **F'Ġesù Kristu** Alla mhux biss ikellem lill-bniedem imma **jfittxu** wkoll. L-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla tixhed li Alla ried ifittex lill-bniedem. Dwar dan it-tfittix tal-bniedem, Ġesù jqisu bħala tfittix tan-nagħġa mitlufa (ara Lq 15, 1-7). Hu tfittix li **joħroġ mill-fond tal-qalb ta' Alla** u jilħaq il-qofol tiegħu fl-Inkarnazzjoni tal-Verb. Jekk Alla jfittex il-bniedem, maħluq fuq is-sura tax-xbieha tiegħu, dan jagħmlu għax minn dejjem ta' dejjem ħabb il-bniedem fil-Verb tiegħu, u fi Kristu ried li jiġi mgħolli għad-dinjità ta' iben adottiv. Alla mela jfittex il-bniedem għax hu **l-proprjetà partikulari tiegħu,** b'manjiera għal kollox differenti minn kif huma proprjetà tiegħu l-ħlejjaq l-oħra kollha. Il-bniedem hu proprjetà partikulari ta' Alla b'għażla ta' mħabba: Alla jfittex il-bniedem imqanqal mill-qalb tiegħu ta' Missier.

**Għalfejn ifittxu?** Għax il-bniedem tbiegħed minnu u, bħal Adam, mar jistaħba wara s-siġar tal-Ġenna ta' l-Art (Ara Ġen 3, 8-10) **Il-bniedem ħalla lilu nnifsu jiġi mqarraq** mill-għadu ta' Alla (ara Ġen 3, 13). Ix-xitan qarraq bih għax ipperswadih li hu wkoll kien xi alla, u bħal Alla seta' jkun jaf x'inhu t-tajjeb u l-ħażin, u jmexxi d-dinja kif irid u kif jogħġbu, bla ma jqis xi tkun ir-rieda ta' Alla (ara Ġen 3,5). Alla huwa u jfittex il-bniedem permezz ta' l-Iben ried iwasslu biex iħalli t-triqat tal-ħażen li fihom jipprova dejjem aktar jgħaddi 'l quddiem.

"Iħalli dawn it-triqat", ifisser li jġagħlu jifhem li qabad triq ħażina, jiġifieri jgħaġġlu **jirbaħ il-ħażen li jinsab imxerred fil-ġrajja kollha tal-bniedem. Jirbaħ il-ħażen: din hi l-fidwa.** Isseħħ fis-sagrifiċċju ta' Kristu, li bih il-bniedem ħallas id-dejn tad-dnub u tħabbeb mill-ġdid ma' Alla. L-Iben ta' Alla sar bniedem u ħa ġisem u ruħ fil-ġuf ta' Verġni, proprju biex ikun sagrifiċċju perfett ta' fidwa. Ir-reliġjon ta' l-Inkarnazzjoni hi **r-reliġjon tal-fidwa** tad-dinja permezz tas-sagrifiċċju ta' Kristu, li fih tinsab ir-rebħa fuq id-dnub u fuq l-istess mewt. Kristu, huwa u jilqa' l-mewt tas-salib, fl-istess waqt, juru u jagħti l-ħajja, għax jirxoxta u l-mewt m'għandhiex aktar setgħa fuqu.

8. Ir-reliġjon, li għandha l-bidu tagħha fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa, hi r-reliġjon li biha **wieħed jibqa' fil-fond tal-qalb ta' Alla** u jgħix l-istess ħajja tiegħu. Jgħid San Pawl bil-kliem li semmejna fil-bidu: "Alla baghat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: 'Abba' Missier' " (Gal 4, 6). Il-bniedem jgħolli

leħnu bħal Kristu li, "b'leħen għoli u bid-dmugħ" (Lh 5, 7), talab lil Alla, speċjalment fil-Ġetsemani u fuq is-Salib. Il-bniedem jgħajjat lil Alla kif Kristu għajjat lil Alla, u hekk ta xhieda li hu iben bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu, lil-Missier bagħat f'isem l-Iben, jagħti lill-bniedem li jkollu sehem mill-ħajja intima ta' Alla. Jagħmel li **l-bniedem ikun ukoll iben b'xebh ma' Kristu,** werriet ta' dak il-ġid kollu li hu parti mill-wirt ta' l-Iben (ara Gal 4, 7). Din hi r-reliġjon li biha "wieħed jibqa' fil-ħajja intima ta' Alla": l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla tat bidu għal dan. L-Ispirtu s-Santu, li jgħarbel sal-fond ta' Alla (ara I Kor 2, 10), iwassal lilna l-bnedmin għal dan l-għoli kollu bis-saħħa tas-sagrifiċċju ta' Kristu.

# II

# IL-ĠUBLEW TAS-SENA 2000

9. Huwa u jitkellem fuq it-twelid ta' l-Iben ta' Alla, San Pawl jgħid li seħħ "fil-milja taż-żminijiet" (Gal 4, 4). **Iż-żmien wasal fil-milja tiegħu għaliex Alla bl-Inkarnazzjoni daħal fil-ġrajja tal-bniedem.** L-eternità daħlet fiż-żmien: xi "tmiem" hemm aqwa minn dan? Xi "tmiem" ieħor seta' jkun hemm? Xi wħud ħasbu dwar **ċikli misterjużi ta' l-univers,** ċikli li bihom il-ġrajja kollha ta' l-univers, u b'mod partikulari l-ġrajja tal-bnedmin tiġi mtennija bla heda għal dejjem. Il-bniedem jiġi mill-art u lejn l-art jerġa' jmur (ara Ġen 3, 19). Dan hu fatt li narawh b'għajnejna, iżda fil-bniedem hemm xewqa li jibqa' jgħix għal dejjem, xewqa li bl-ebda mod ma tista' tinqered mill-bniedem. Kif tista' taħseb dwar ħajja oħra wara l-mewt? Xi wħud ħolmu b'ħafna suriet ta' **ri-inkarnazzjoni;** skond ma wieħed ikun għex il-ħajja tiegħu ta' qabel, jgħix il-ħajja ġdida tiegħu f'sura aktar nobbli jew aktar umli, sakemm jilħaq tisfija sħiħa. Dan it-twemmin, li għandu għeruq fil-fond fir-reliġjonijiet tal-lvant, juri, fost affarijiet oħra, li l-bniedem ma jridx jaċċetta li mal-mewt jintemm kollox. Il-bniedem hu konvint li n-natura tiegħu hi essenzjalment spiritwali u immortali.

Ir-rivelazzjoni nisranija ma tammettix ir-ri-inkarnazzjoni, u aktar titkellem dwar tmiem, li l-bniedem hu jistieden jikseb bl-eżistenza waħdanija tiegħu fuq l-art. Dan it-tmiem tad-destin tiegħu, il-bniedem jilħqu bl-għoti mill-qalb tiegħu nnifsu, għoti li jista' jseħħ biss f'laqgħa ma' Alla. Hu f'Alla għalhekk li l-bniedem jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala bniedem: **din hi l-verità li rrivelalna Kristu.** Il-bniedem jilħaq it-tmiem tiegħu nnifsu f'Alla, li niżel jiltaqa' miegħu permezz ta' l-Iben etern tiegħu. Bil-miġja ta' Alla fid-dinja ż-żmien tal-bniedem, li kellu

l-bidu tiegħu fil-ħolqien, laħaq il-milja tiegħu. "Il-milja taż-żminijiet", fl-aħħar mill-aħħar, m'hijiex ħlief l-eternità, anzi hi **Dak li hu etern, li hu għal dejjem ta' dejjem,** jiġifieri Alla. Mela tidħol fil-milja taż-żminijiet ifisser li tasal sat-tmiem taż-żmien, u toħroġ mil-limiti tiegħu biex issib it-tmiem tiegħu fl-eternità ta' Alla.

10. **Fil-kristjaneżmu ż-żmien hu ta' importanza fondamentali.** Id-dinja nħolqot fiż-żmien; fiż-żmien seħħet il-ġrajja tas-salvazzjoni, li laħqet il-qofol tagħha fil-"milja taż-żmien" ta' l-Inkarnazzjoni u tasal għat-tmiem tagħha meta l-Iben ta' Alla jerġa' jiġi fil-glorja fl-aħħar taż-żmien. Bil-miġja ta' Kristu jibdew "l-aħħar żminijiet" (ara Lh 1, 2), "l-aħħar siegħa" (ara I Ġw 2, 18), jibda ż-żmien tal-Knisja li jibqa' sal-Parusija.

Minn din ir-relazzjoni ta' Alla maż-żmien, joħroġ id-dmir li **għandna nqaddsu ż-żmien.** Dan isir biex insemmu xi eżempji, meta niddedikaw lil Alla xi żminijiet, xi ġranet, xi ġimgħat, kif kien jiġri fir-reliġjon tal-Patt il-Qadim, u kif għadu jiġri għalkemm, mhux bl-istess mod, fil-kristjaneżmu. Fil-Liturġija tal-Vġili ta' l-Għid, iċ-ċelebrant, huwa u jbierek il-blandun, simbolu ta' Kristu rxoxt, liħabbar: "Kristu l-bieraħ u llum, il-bidu u t-tmiem, l-Alfa u l-Omega, Tiegħu ż-żmien, Lilu glorja u setgħa għal dejjem ta' dejjem". Iċ-ċelebrant jgħid dan il-kliem huwa u jonqox fuq il-blandun is-sena li tkun. It-tifsir ta' dan ir-rit hu ċar: juri li **Kristu hu Sid iż-żmien**, hu l-bidu u t-tmiem: kull sena, kull jum, kull mument jitħaddnu mill-Inkarnazzjoni u mill-Qawmien mill-imwiet, biex hekk isibu posthom "fil-milja taż-żminijiet". Hu għalhekk li l-Knisja tgħix u tiċċelebra l-liturġija tagħha tul is-sena. **Is-sena liturġika tidħol fis-sena tax-xemx kollha kemm hi** u hekk, b'xi mod, ittenni l-misteru sħiħ ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa, billi tibda mill-ewwel Ħadd ta' l-Avvent u tintemm bis-solennità ta' Kristu Sultan u Sid tal-ħolqien kollu u tal-ġrajja kollha tad-dinja. Kull Ħadd ifakkar jum il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

11. Fid-dawl ta' dan kollu, nistgħu nifhmu x'inhi **d-drawwa tal-Ġublewijiet** li bdiet fit-Testment l-Qadim u qed tkompli fil-ġrajja tal-Knisja. Ġesù ta' Nazaret, meta darba **daħal fis-sinagoga ta' beltu**, qam biex jaqra (ara Lq 4, 16-30). Taw il-Ktieb tal-Profeta Isaija u minnu qara din is-silta: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqarin. Bagħatni ndewwi l-qalb miksura, biex iħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs, biex **inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej** (61, 1-2).

Il-profeta kien qed jitkellem dwar il-Messija. U Ġesù qal: "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu" (Lq 4, 21), u ġegħelhom jifhmu li l-Messija mħabbar mill-profeta kien proprju hu, u li fih ingħata bidu taż-"żmien" tant mistenni: kien wasal il-jum tas-salvazzjoni, "il-milja taż-żminijiet". **Kull Ġublew għandu riferenza għal dan "iż-żmien", u huwa dwar il-missjoni messjanika ta' Kristu,** li ġie bħala wieħed "ikkonsagrat bl-unzjoni" ta' l-Ispirtu s-Santu, bħala "mibgħut mill-Missier". Huwa hu li jħabbar il-bxara t-tajba lill-fqajrin, li jġib il-

ħelsien lil dawk imċaħħdin minnu, li jeħles lill-maħqurin, li jagħti d-dawl lill-għomja (ara Matt 11, 4-5; Lq 7, 22). B'dan il-mod hu jagħmel li sseħħ "is-sena tal-grazzja tal-Mulej", li jħabbar mhux biss bi kliemu, iżda qabel kollox b'għemilu. Il-Ġublew, jiġifieri sena tal-grazzja tal-Mulej, **huwa l-karatteristika tal-ħidma kollha ta' Ġesù,** u mhux biss xi ħaġa li tiġi kull ċertu żmien.

12. **Il-kliem u l-għemil ta' Ġesù, b'dan il-mod, huma t-tmiem tat-tradizzjoni kollha tal-Ġublew** tat-Testment il-Qadim. Nafu li l-**Ġublew kien żmien dedikat b'mod partikulari lil Alla.** Kien jiġi kull seba' snin skond il-Liġi ta' Mosè: kien "is-sena sabbatika", li matulha l-art kienet titħalla tistrieħ, u kienu jiġu meħlusa l-ilsiera.

Id-dmir tal-ħelsien ta' l-ilsiera kien regolat b'mod dettaljat ħafna kif naraw mill-Ktieb ta' l-Eżodu (23, 10-11), mill-Ktieb tal-Levitiku (25, 1-28) u mill-Ktieb tad-Dewteronomju (15, 1-6), prattikament fil-leġislazzjoni biblika kollha, u għalhekk tikseb din id-dimensjoni partikulari. Fis-sena sabbatika, barra l-ħelsien ta' l-ilsiera, il-Liġi kienet titlob ukoll il-maħfra tad-djun kollha, skond regolamenti preċiżi ħafna. Kollox kien irid isir għall-glorja ta' Alla. Dak li jingħad għas-sena sabbatika kien jgħodd ukoll għas-**sena tal-Ġublew** li kienet tiġi kull ħamsin sena. Fis-sena tal-Ġublew id-drawwiet tas-sena sabbatika kienu aktar wiesgħa u kienu jiġu ċelebrati b'solennità akbar. Naqraw fil-Levitiku: "Tqaddsu intom l-ħamsin sena u tniedu l-ħelsien fl-art lil kull min jgħammar fiha. Tkun is-sena tal-ġublew għalikom; kull wieħed jerġa' għalli kellu u għal ma' niesu" (Lev 25, 10). Wieħed mill-effetti l-aktar importanti tas-sena tal-ġublew kien **il-ħelsien ġenerali ta' dawk kollha li kienu jeħtieġu l-ħelsien.** F'din l-okkażjoni kull Lhudi kien jieħu lura art missirijietu li kien bigħ jew tilef għax waqa' fil-jasar. Ħadd ma kien jista' jiġi mċaħħad għal dejjem minn artu, għax l-artu hi ta' Alla, u lanqas ma setgħu l-Lhud jibqgħu dejjem f'qagħda ta' jasar għax Alla "fdiehom" għalih, bħala proprjetà tiegħu biss, meta ħelishom mill-jasar ta' l-Eġittu.

13. Ukoll jekk il-preċetti dwar is-sena tal-ġublew, fil-qofol tagħhom, kienu biss ideal li ried jintlaħaq – aktar ħaga ta' tama milli fatt konkret – u li fl-aħħar mill-aħħar ma kinux għajr *prophetia futuri* (tħabbira ta' dak li kellu jseħħ) għax kienu tħabbira tal-ħelsien tassew li kien se jagħti l-Messija li kellu jiġi, kien ideal mibni fuq norma ġuridika li minnha ħarġet sura ta' **duttrina soċjali** li bdiet tiżviluppa b'mod aktar ċar sa mill-bidu tat-Testment il-Ġdid. **Is-sena tal-ġublew riedet iġġib li l-ulied kollha ta' Israel għal qagħda li jerġgħu jkunu lkoll indaqs,** billi tagħti possibbiltajiet ġodda għal dawk il-familji li tilfu kollox, saħansitra l-libertà personali tagħhom. Lill-għonja imbagħad is-sena tal-ġublew kienet tfakkarhom li kien wasal iż–żmien li fih l-ilsiera Israelin jerġgħu jsiru ħielsa bħalhom, u setgħu jitolbu l-ħarsien tad-drittijiet tagħhom. Fiż-żmien iffissat mil-Liġi, is-sena tal-ġublew kienet tiġi mħabbra, ħa tkun ta' għajnuna għal kull min kien f'xi ħtieġa. Din is-sena kienet titlob tmexxija skond il-ġustizzja. **Il-ġustizzja,**

**sķond il-liġi ta' Israel, kienet fuq kollox titlob il-ħarsien ta' min hu dgħajjef,** u f'dan is-sultan kien fid-dmir li jkun qabel kulħadd, kif jgħid is-salmista: "Jeħles il-fqir li jsejjaħlu, u lill-imsejken li m'għandux min jgħinnu, iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar, u l-ħajja tal-fqajrin isalva" (salm 72/71, 12-13). **Il-prinċipji li fuqhom hi mibnija din it-tradizzjoni huma prinċipji kollha kemm huma teoloġiċi** marbutin l-ewwelnett mat-teoloġija tal-ħolqien u mat-teoloġija tal-Provvidenza ta' Alla. Infatti kulħadd kien konvint li **Alla biss, bħala Ħallieq, għandu d-"dominium altum"** jiġifieri s-setgħa fuq il-ħolqien kollu u b'mod partikolari fuq l-art (ara Lq 25, 23). Jekk, fil-provvidenza tiegħu, Alla ta l-art lill-bniedem, dan ifisser li taha lil kulħadd: għalhekk **l-għana kollu tal-ħolqien kellu jitqies bħala ġid komuni tal-ġens kollu tal-bnedmin.** Min kellu dan il-ġid bħala proprjetà tiegħu, fil-fatt kien biss amministratur, jiġifieri qaddej obbligat jaqdi dmiru f'isem Alla, il-proprjetarju waħdieni fis-sens sħiħ tal-kelma, għax Alla ried li l-ġid maħluq kollu jkun għall-qadi ta' kulħadd b'mod l-aktar ġust. **Is-sena tal-ġublew kellha proprju terġa' ġġib ukoll din il-ġustizzja soċjali.** Għalhekk id-duttrina soċjali tal-Knisja għandha l-għeruq tagħha fit-tradizzjoni tas-sena tal-ġublew, duttrina soċjali li kellha dejjem post fit-tagħlim tal-Knisja u li b'mod partikulari, żviluppat f'dawn l-aħħar mitt sena, l-aktar minn wara li ħarġet l-enċiklika *Rerum Novarum.*

14. Iżda rridu naraw ukoll sewwa x'ried jgħid Isaija bil-kliem **"tniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej".** Il-Ġublew, għall-Knisja, hu proprju dan: "sena ta' grazzja", sena ta' maħfra tad-dnubiet u tal-pieni tad-dnub, sena ta' rikonċiljazzjoni bejn dawk li tlewmu bejniethom, sena ta' għadd kbir ta' konverżjonijiet u ta' penitenza sagramentali u extra-sagramentali. It-tradizzjoni tas-snin ta' Ġublew hi marbuta ma' l-għoti ta' indulġenzi, b'idejn aktar miftuħa milli jkunu fi żminijiet oħra. Flimkien mal-Ġublewijiet, li jfakkru l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni kull mija, kull ħamsin u kull ħamsa u għoxrin sena, hemm dawk li jfakkru l-Fidwa: is-Salib ta' Kristu, il-mewt tiegħu fuq il-Golgota, u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. F'dawn l-okkażjonijiet il-Knisja tħabbar "sena ta' grazzja tal-Mulej", u tħabrek biex, minn din is-sena ta' grazzja, igawdu, kemm jista' jkun dejjem aktar, il-fidili kollha. **Hu għalhekk li l-Ġublewijiet jiġu ċelebrati mhux biss "in Urbe" (Ruma), imma wkoll "extra Urbem"** (barra minn Ruma). Dan tradizzjonalment isir sena wara l-Ġublew "in Urbe".

15. **Fil-ħajja ta' kull persuna, il-Ġublewijiet** huma ġeneralment marbutin mad-data tat-twelid, iżda huma ċelebrati wkoll l-anniversarji tal-Magħmudija, tal-Konfermazzjoni, ta' l-ewwel tqarbina, ta' l-Ordinazzjoni saċerdotali u episkopali, u tas-sagrament taż-Żwieġ. Xi wħud minn dawn l-anniversarji ssibhom ukoll ċelebrati fl-ambjent lajk, iżda l-insara dejjem jaraw fihom karattru reliġjuż. F'dawl nisrani kull Ġublew – dak tal-25 sena tas-saċerdozju jew taż-Żwieġ li jissejjaħ "ġublew tal-fidda", dak tal-50 sena li jissejjaħ "ġublew tad-deheb", u dak tas-60 sena li jissejjaħ "ġublew tad-djamanti" – hu dejjem **sena partikulari**

**ta' grazzja** għal dak li jkun irċieva wieħed mis-sagramenti msemmija. Dak li għidna dwar il-Ġublewijiet individwali nistgħu ngħiduh wkoll għall-**komunitajiet u għall-istituzzjonijiet** ta' xi belt jew raħal. Fi ħdan il-Knisja jiġu ċelebrati l-Ġublewijiet tal-parroċċi u tad-djoċesijiet. Dawn il-Ġublewijiet kollha, personali u komunitarji, huma importanti u jfissru ħafna fil-ħajja ta' l-individwi u tal-komunitajiet.

Quddiem dan kollu l-elfejn sena mit-twelid ta' Kristu (mingħajr ma noqogħdu nqisu l-iżball li sar meta ġiet kalkulata s-sena ta' dan it-twelid) jirrappreżentaw Ġublew tassew kbir fuq li kbir, mhux biss għall-insara, imma wkoll, indirettament, għall-ġens kollu tal-bnedmin minħabba l-parti importanti li kellu l-kristjaneżmu fid-dinja tul dawn l-aħħar elfejn sena. Ifisser ħafna li, tista' tgħid kullimkien, is-snin jibdew jingħadu mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, hekk li Kristu jsir iċ-ċentru tal-kalendrju li hu l-aktar użat illum. Mhux dan ukoll sinjal tal-kontribut lima bħalu li ta lill-ġrajja kollha tad-dinja t-twelid ta' Ġesù ta' Nazaret?

16. Il-kelma "Ġublew" tħabbar il-ferħ, mhux biss ferħ fir-ruħ imma wkoll ferħ li jidher minn barra, għax il-miġja ta' Alla hi ġrajja, li tidher, tinstema', tinħass, kif jgħid San Ġwann (ara I Ġ, 1, 1). Hi ħaġa sewwa għalhekk li kull xhieda ta' ferħ għal din il-miġja tintwera minn barra wkoll. Dan ifisser li l-Knisja tifraħ bis-salvazzjoni. Tistieden lil kulħadd biex jifraħ u tagħmel sforz biex toħloq kundizzjonijiet għal dan il-ferħ, ħalli l-qawwa kollha tas-salvazzjoni tkun tista' titwassal lil kull wieħed. Is-sena 2000 għalhekk se tkun is-sena tal-Ġublew il-Kbir.

Dak li se jkollu fih dan il-Ġublew il-Kbir, f'ċertu sens se jkun l-istess bħal dak tal-Ġublewijiet l-oħra kollha. Iżda, fl-istess ħin, m'huwiex l-istess għal kollox għax huwa akbar minn kull Ġublew ieħor. Dan għaliex il-Knisja tirrispetta t-taqsimiet kollha taż-żmien: is-sigħat, il-jiem, is-snin, is-sekli. F'din il-ħaġa l-Knisja timxi bil-pass ta' kull bniedem; lil kull bniedem turih li kull waħda minn dawn it-taqsimiet taż-żmien hi mimlija bil-preżenza ta' Alla u bil-ħidma tiegħu għas-salvazzjoni. Hu b'dan l-ispirtu li l-Knisja tifraħ, trodd il-ħajr, titlob maħfra, u tgħolli talb u suppliki lis-Sid ta' l-istorja u tal-kuxjenzi tal-bnedmin.

Fost is-suppliki l-aktar imħeġġa ta' dan il-mument eċċezzjonali, hija u riesqa elf sena ġdida, il-Knisja titlob lill-Mulej għaqda sħiħa fost l-insara, biex tintlaħaq xirka sħiħa bejn il-Knejjes Insara kollha. Nittama li l-Ġublew ikun okkażjoni mill-aqwa u mill-aħjar biex ikun hemm kollaborazzjoni li tagħti kotra ta' frott, ħa naraw flimkien dak kollu li jgħaqqadna, u li hu wisq aktar minn dak kollu li jifridna. F'din il-ħaġa kemm tkun ta' ġid li, b'rispett sħiħ għall-programmi li qed iħejju l-Knejjes u l-Komunitajiet kollha, iseħħ ftehim ekumeniku fit-tħejjija tal-Ġublew u fis-seħħ tiegħu! b'hekk jikseb qawwa akbar għax jagħti xhieda lid-dinja tar-rieda deċiża tad-dixxipli kollha ta' Kristu li jiksbu kemm jista'

jkun malajr l-għaqda sħiħa, żguri li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax ikun".

# III

# IT-TĦEJJIJA TAL-ĠUBLEW IL-KBIR

17. **Kull Ġublew hu mħejji mill-Provvidenza ta' Alla fil-ġrajja tal-Knisja.** Dan jgħodd ukoll għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. Konvinti minn din il-ħaġa, inħarsu b'sens ta' ħajr u b'sens ukoll ta' responsabbiltà lejn kull ma ġara fl-isotrja tal-ġens kollu tal-bnedmin, ibda mit-twelid ta' Kristu, u l-aktar lejn kull ma ġara bejn l-Elf u l-Elfejn sena. Iżda, b'mod għal kollox partikulari, irridu nħarsu b'ħarsa ta' fidi lejn is-seklu tagħna, biex infittxu fih kull ma jagħti xhieda, mhux biss tal-ġrajja tal-bniedem, imma wkoll ta' l-indħil ta' Alla fil-ġrajjiet tal-bnedmin.

18. Fid-dawl ta' dan nistgħu ngħidu li l-Konċilju Vatikan II **kien ġrajja provvidenzjali, li biha l-Knisja tat bidu għat-tħejjija mill-qrib** tal-Ġublew tat-tieni elf sena. Kien Konċilju l-istess bħall-Konċilji ta' qablu, iżda fl-istess ħin tant differenti: **Konċilju kollu kemm hu dwar il-misteru ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu u fl-istess waqt miftuħ għad-dinja.** Dan il-ftuħ għad-dinja kien it-tweġiba evanġelika għall-evoluzzjoni ta' dan l-aħħar tad-dinja, bit-taqlib kollu li ġiebu magħhom l-esperjenzi kollha tas-seklu XX, imġarrab mill-ewwel u t-tieni gwerra dinjija, mill-esperjenza tal-kampijiet ta' konċentrament u minn ħafna massakri tassew li jkexkxu. Kull ma ġara juri kemm id-dinja teħtieġ li tissaffa, kemm teħtieġ tikkonverti. Ħafna jgħidu li l-Konċilju Vatikan II ta bidu għall-żmien ġdid fil-ħajja tal-Knisja. Dan hu minnu, iżda fl-istess ħin ma jistax ikun li ma tinnotax li **l-Konċilju kiseb ħafna mill-esperjenzi u r-riflessjonijiet taż-żmien ta' qabel,** speċjalment mill-wirt ta' tagħlim ta' Piju XII. L-istorja tal-Knisja, "il-qadim u l-ġdid" huma minsuġin sewwa ma' xulxin. Il-"ġdid" jikber mill-"qadim" u l-"qadim" isib fil-"ġdid" tifsira aktar sħiħa tiegħu. Hekk ġara għall-Konċilju Vatikan II u għall-ħidma tal-Papiet li kellhom rabta mal-Konċilju, ibda minn Ġwanni XXIII, imbagħad minn Pawlu VI u minn Ġwann Pawlu I u l-Papa ta' llum.

Dak li għamlu waqt il-Konċilju u warajh, kemm bit-tagħlim u kemm bil-ħidma tagħhom kien ta' għajnuna kbira ħafna **għat-tħejjija ta' din ir-rebbiegħa ġdida ta' ħajja nisranija,** li jrid juriha l-Ġublew il-Kbir, jekk l-Insara joqogħdu għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

19. Il-Konċilju, għalkemm ma tkellimx b'dik is-severità ta' Ġwanni l-Battista

meta f'xatt il-Ġordan kien iħeġġeġ għall-penitenza u għall-konversjoni (ara Lq 3, 1-17), wera fih innifsu xi ħaġa mill-karattru ta' dan il-profeta tal-qedem, meta b'qawwa ġdida wera lill-bnedmin ta' llum lil Kristu, il-"Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ara Ġw 1, 29), il-Feddej tal-bniedem, is-Sid ta' l-istorja. Fl-assmblea konċiljari, il-Knisja, biex turi fedeltà sħiħa lejn l-Imgħallem tagħha, staqsiet lilha nnifisha x'kienet l-identità tagħha, u sabet mill-ġdid il-kobor bla qies tal-misteru tagħha bħala Ġisem u Għarusa ta' Kristu. Ħija u tisma' bit-tjieba kollha l-Kelma ta' Alla, tenniet mill-ġdid is-sejħa ta' kulħadd għall-qdusija; ħasbet għat-tiġdid tal-Liturġija "għajn u qofol" tal-ħajja kollha tagħha; imbuttat biex iseħħ tiġdid sħiħ f'ħafna aspetti ta' l-eżistenza tagħha kemm f'livell universali u kemm fil-livell tal-knejjes lokali; impenjat ruħha biex iġġib 'il quddiem il-vokazzjonijiet Insara kollha, minn dik tal-lajċi għal dik tar-reliġjużi, mill-ministeru tad-djakni għal dak tal-presbiteri u ta' l-Isqfijiet; reġgħet sabet, b'mod partikulari, il-kolleġġjalità episkopali, fejn b'mod speċjali jidher il-qadi pastorali li jagħtu l-Isqfijiet f'xirka mas-Suċċessur ta' San Pietru. Fuq is-sisien ta' dan it-tiġdid hekk fil-fond, il-Konċilju nfetaħ għall-Insara mhux kattoliċi, għal dawk li jħaddnu reliġjonijiet oħra, għall-bnedmin kollha ta' żminijietna. F'ebda Konċilju ieħor ma ntqal kliem hekk ċar dwar l-għaqda ta' l-Insara, dwar id-djalogu ma' reliġjonijiet mhux insara, dwar it-tifsir speċifiku tal-Patt il-Qadim u ta' Israel, dwar id-dinjità tal-kuxjenza personali, dwar il-prinċipju tal-libertà reliġjuża, dwar it-tradizzjonijiet kulturali diversi li fosthom il-Knisja taqdi l-mandat missjunarju tagħha, dwar il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

20. Għana bla qies ta' materjal u **mod ta' diskors li qatt ma nstema' qabel** fil-preżentazzjoni ta' dak li hemm fil-Konċilju, qishom tħabbira ta' żminijiet ġodda. L-isqfijiet tkellmu bi kliem l-Evanġelju, bi kliem id-Diskors ta' l-Għolja tal-Beatitudnijiet. Fil-messaġġ tal-Konċilju, **Alla hu preżentat bħala Dak li għandu setgħa sħiħa fuq kollox,** u wkoll **bħala Dak li jħares l-awtonomija vera ta' kull ma hu taż-żmien.**

Għalhekk l-aħjar tħejjija għas-sena 2000 ma tistax ma tkunx impenn imġedded biex, sa fejn jista' jkun, iseħħ **it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II fil-ħajja ta' kull wieħed u tal-Knisja kollha.** Bil-Konċilju bdiet it-tħejjija mill-qrib tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 fit-tifsir sħiħ tal-kelma. Jekk iridu nsibu xi analoġija ta' dan fil-liturġija, nistgħu ngħidu li **l-liturġija ta' l-Avvent** ta' kull sena hu ż-żmien l-aktar qrib għall-ispirtu tal-Konċilju. L-Avvent iħejjina għal-laqgħa ma' Dak li kien, li hu u li dejjem ġej (Ara Apok. 4,8).

21. Fil-mixi għat-tħejjija biex niltaqgħu mas-sena 2000 insibu għadd ta' Sinodi li bdew wara l-Konċilju Vatikan II: Sinodi ġenerali u Sinodi kontinentali, reġjonali, nazzjonali u djoċesani. Is-suġġett ewlieni ta' dawn is-Sinodi kien dejjem l-**evanġelizzazzjoni**, anzi l-evanġelizzazzjoni ġdida, li bħala sisien għandha l-Eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi* ta' Pawlu VI, li ħarġet fl-1975 wara t-tielet assemblea tas-Siinodu ta' l-Isqfijiet. Dawn is-Sinodi huma ġa

minnhom infushom parti mill-evanġelizzazzjoni ġdida: ħerġin mill-fehma tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Knisja; jagħtu sehem tassew kbir lit-tisħib tal-lajċi, u jgħidu liema huma r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom fil-Knisja; ifissru l-qawwa li Kristu ta lill-Poplu kollu ta' Alla, billi jsieħbu fil-missjoni messjanika proprja tiegħu, missjoni profetika, saċerdotali u regali. Dwar din il-ħaġa jfisser ħafna dak li jingħad fit-tieni Kap tal-Kostituzzjoni dommatika *Lumen genium.* **Hekk isseħħ fil-Knisja kollha f'livell universali u f'livell lokali it-tħejjija għall-Ġublew tas-sena 2000,** fil-Knisja imqanqla minn għarfien ġdid tal-missjoni għas-salvazzjoni li rċeviet mingħand Kristu. Dan l-għarfien jidher b'mod tassew ċar fl-Eżortazzjonijiet post-sinodali dwar il-missjoni tal-lajċi, il-formazzjoni tas-saċerdoti, il-katekeżi, il-familja, is-siwi tal-penitenza u tar-rikonċiljazzjoni fil-ħajja tal-Knisja u f'dik tal-ġens kollu tal-bnedmin, u minn hawn u ftit ta' żmien ieħor, fil-ħajja konsagrata.

22. Iżda **l-ministeru ta' l-Isqof ta' Ruma għandu** dmirijiet u responsabbiltajiet speċifiċi dwar il-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. Għal dan il-għan b'xi mod ħadmu l-Papiet kollha ta' dan is-seklu li wasal biex jintemm. Bil-programm li jġedded kollox fi Kristu, San Piju X ried kieku jżomm l-iżviluppi traġiċi li kienet qiegħda tħejji għalihom il-qagħda internazzjonali tal-bidu ta' dan is-seklu. Il-Knisja kienet tħoss li għandha bil-qawwa kollha iġġib 'il quddiem u tħares il-ġid fundamentali tal-paċi u tal-ġustizzja quddiem fehmiet kuntrarji li ġa kienu qed jidhru fid-dinja. Il-Papiet taż-żmien qabel il-Konċilju ħadmu għal dan il-għan b'impenn kbir, kull wieħed kif kien qed jara hu l-qagħda tad-dinja, Benedittu XV sab quddiemu t-traġedja ta' l-ewwel gwerra dinjija. Piju XI kellu jeħodha kontra t-theddid ta' sistemi titalitarji jew sistemi li ma kinux jirrispettaw il-libertà tal-bniedem fil-Ġermanja, fir-Russja, fl-Italja, fi Spanja u, qabel ukoll, fil-Messiku. Piju XII ħadha kontra dik l-inġustizzja kbira li hi l-istmerrija tad-dinjità tal-bniedem, kif seħħet tul it-tieni gwerra dinjija. Hu ta direttivi ċari ħa jkun hemm ordni ġdid fid-dinja wara l-waqgħa tas-sistemi politiċi ta' qabel.

Barra dan, tul dan is-seklu, fuq il-passi ta' Ljun XIII, il-Papiet, b'mod sistematiku, komplew jiżviluppaw id-duttrina soċjali kattolika, u tkellmu dwar il-karatteristiċi ta' **sistemi ġusti** fil-qasam tar-relazzjonijiet bejn xogħol u kapital. Biżżejjed wieħed isemmi l-Enċiklika *Quadragesimo Anno* ta' Piju XI, il-ħafna interventi ta' Piju XII, il-*Mater et magistra* u l-*Pacem in terris* ta' Ġwanni XXIII, il-*Populorum progressio* u l-Ittra Appostolika *Octogesimo adveniens* ta' Pawlu VI. Jien stess tkellimt spiss fuq din il-materja, u ktibt Enċiklika *Laborem exercens* b'mod speċifiku dwar l-importanza tax-xogħol tal-bniedem, waqt li fiċ-*Centesimus annus* ridt, wara mitt sena, intenni s-siwi tad-duttrina tar-*Rerum novarum.* Bl-Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* kont qabel fakkart b'mod sistematiku id-duttrina soċjali kollha tal-Knisja, jiena u nqis il-qagħda kontra xulxin taż-żewġ blokki Lvant-Punent u l-periklu ta' gwerra nukleari. Iż-żewġ elementi tad-duttrina soċjali tal-Knisja – **il-ħarsien tad-dinjità u tad-drittijiet tal-persuna** fil-qasam

tar-relazzjoni ġusta bejn xogħol u kapital u **l-promozzjoni tal-paċi** iltaqgħu flimkien f'din l-Enċiklika u saru ħaġa waħda. Barra dan, kienu ta' servizz għall-paċi il-Messaġġi pontifiċji pubblikati kull l-ewwel ta' Jannar, sa mis-sena 1968, fi żmien il-pontifikat ta' Pawlu VI.

23. **Il-pontifikat ta' llum**, sa mill-ewwel dokument tiegħu, **jitkellem b'mod espliċitu dwar il-Ġublew il-Kbir** u stieden biex dan iż-żmien li fih qed nistennew is-sena 2000 ikun "Avvent ġdid"[9]. Dan il-ħsieb ġie mtenni kemm-il darba u mtenni fit-tul fl-Enċiklika *Dominum et vivificantem*[10]. Fil-fatt, it-tħejjija tas-**sena 2000 saret sura ta' muftieħ li jfisser dan il-pontifikat.** Ma rridux naħsbu f'xi sura ta' millenariżmu ġdid, kif għamlu xi wħud mat-tmiem ta' l-ewwel elf sena, imma **rridu li jinħass b'mod partikulari dak li l-Ispirtu qed jgħid lill-Knisja u lill-Knejjes** (ara Apok 2, 7ss), u lil kull persuna, permezz tal-kariżmi li jingħataw għas-servizz tal-komunità kollha kemm hi. Trid tingħata importanza lil dak li l-Ispirtu qed jissuġġerixxi lill-komunitajiet kollha, mill-iżgħar komunitajiet, bħalma hi l-familja, għall-ikbar komunitajiet bħalma huma n-nazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, mingħajr ma jitħallew fil-ġenb il-kulturi, iċ-ċiviltajiet u t-tradizzjonijiet tajba kollha. Il-ġens kollu tal-bnedmin, minkejja dak kollu li qed naraw, għadu jistenna r-rivelazzjoni ta' wlied Alla, bit-tama bħal dik ta' min hu mġarrab mill-uġigħ tal-ħlas, skond kif jgħid San Pawl b'qawwa lima bħalha fl-Ittra lir-Rumani (ara Rum 8, 15-22).

24. Il-pellegrinaġġi tal-Papa saru element importanti ta' l-impenn biex iseħħ il-Konċilju Vatikan II. Mibdijin minn Ġwanni XXIII lejlet il-ftuħ tal-Konċilju bil-pellegrinaġġi għal Loretu u għal Assisi fl-1962, żdiedu sewwa ma' Pawlu VI li, wara li l-ewwel mar fl-Art Imqaddsa (1964), għamel disa' vjaġġi appostoliċi kbar li wassluh biex jiltaqa' direttament mal-popolazzjonijiet ta' ħafna kontinenti.

Dan il-pontifikat kattar sewwa dan il-programm u beda mill-Messiku fl-okkażjoni tat-III Konferenza Ġenerali ta' l-Isqfijiet ta' l-Amerika Latina, li saret fi Puebla fl-1979. Dik is-sena kien hemm ukoll il-pellegrinaġġ għal Polonja tul il-Ġublew tad-disa' mitt sena tal-mewt ta' San Stanislaw, isqof u martri.

Kulħadd jaf bihom il-pellegrinaġġi kollha li saru wara: saru ħaġa sistematika u laħqu l-knejjes partikulari tal-kontinenti kolha, b'attenzjoni speċjali ħa jiġu **żviluppati r-relazzjonijiet ekumeniċi** ma' l-insara tal-knejjes l-oħra. Dwar din il-ħaġa, għandhom importanza speċjali ż-żjarat fit-Turkija (1979), fil-Ġermanja (1980), fl-Ingilterra u f'Wales u fl-Iskozja (1982), fl-Isvizzera (1984), fl-Iskandinavja (1989) u dan l-aħħar fil-pajjiż tal-Baltiku (1993).

Bħalissa hemm maħsuba pellegrinaġġi tassew mixtieqa; hemm, barra dak ta' Sarajevo, dawk għal Bosnja u l-Erżegovina, għal-Lvant Nofsani, għal Libanu, għal Ġerusalemm u għall-Art Imqaddsa. Tkun ħaġa tassew speċjali jekk fl-okkażjoni tas-sena 2000, tkun possibbli ż-żjara f'**dawk il-postijiet kollha li**

**minnhom għadda l-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim**, mill-artijiet ta' Abraham u ta' Mosè, sa l-Eġittu u l-għolja tas-Sinaj, sal-belt ta' Damasku, li kienet xhud tal-konversjoni ta' San Pawl.

25. Fit-tħejjija għas-sena 2000 kull Knisja għandha s-sehem proprju tagħha: kulll Knisja bil-Ġublewijiet tagħha tiċċelebra l-mumenti importanti, il-mumenti li jfissru ħafna, fil-ġrajja tas-salvazzjoni ta' kull poplu. Fost dawn il-Ġublewijiet lokali u reġjonali hemm ġrajjiet tassew kbar bħalma huma l-elf sena tal-Magħmudija tar-Rus fl-1988[11], u l-ħames mitt sena tal-bidu ta' l-evanġelizzazzjoni tal-kontinent Amerikan fl-1492. Flimkien ma' dawn il-ġrajjiet hekk kbar hemm ġrajjiet oħra li, għalkemm mhux ta' importanza universali, huma ta' min ifakkarhom ukoll, għax ifissru ħafna: kien hemm l-elf sena tal-magħmudija tal-Polonja fl-1966 u tal-magħmudija ta' l-Ungerija fl-1968, u kien hemm sitt mitt sena tal-magħmudija tal-Litwanja fl-1987. Ma jdumx ukoll ma jasal l-1500 anniversarju tal-magħmudija ta' Klovis, is-sultan tal-Franki (496), u l-1400 anniversarju tal-wasla ta' Santu Wistin f'Canterbury (597), li ta bidu għall-evanġelizzazzjoni tal-poplu anglosassoni. Dwar l-Asja mbagħad, il-Ġublew ifakkarna f'San Tumas li fil-bidu ta' l-era nisranija, skond it-tradizzjoni, wassal it-tħabbira ta' l-Evanġelju fl-Indja, fejn għall-ħabta tas-sena 1500, waslu l-missjunarji mill-Portugall. Din is-sena taħbat ukoll is-seba' mitt sena ta' l-evanġelizzazzjoni taċ-Ċina (1294), u qed inħejju ruħna biex infakkru l-bidu tal-ħidma missjunarja fil-Filippini u t-twaqqif tad-djoċesi metropolitana ta' Manila (1595), u tar-raba' ċentinarju ta' l-ewwel martri tal-Ġappun (1597).

Fl-Afrika, fejn l-ewwel tħabbira ta' l-Evanġelju saret fi żmien l-Appostli, infakkru l-1650 tal-konsagrazzjoni episkopali ta' l-ewwel isqof ta' l-Etjopi, San Frumenzju, (c. 140) u l-ħames mitt sena tal-bidu ta' l-evanġelizzazzjoni ta' l-Angola u tas-saltna antika tal-Kongo (1491), flimkien man-nazzjonijiet bħal dawk tal-Kamerun, tal-*Côtè d'Ivoire*, tar-Repubblika ta' nofs l-Afrika, tal-Burundi, tal-Burkina-Faso, li qed jiċċelebraw iċ-ċentinarju tal-wasla tal-missjunarji fit-territorji tagħhom. Nazzjonijiet Afrikani oħra dan iċċelebrawh ftit ilu.

U kif jista' jkun li ma nsemmux il-Knejjes tal-Lvant: il-Patrijarkati antiki tagħhom huma qrib ħafna l-wirt ta' l-Appostli u t-tradizzjonijiet teoloġiċi, liturġiċi u spiritwali tagħhom, li huma ta' ġieħ li ma bħalu, huma ta' għana bla qies u huma l-wirt tal-Kristjanità kollha kemm hi. Il-ħafna ġublewijiet ta' dawn il-Knejjes u tal-Komunitajiet li fihom jaraw il-bidu ta' l-appostoliċità tagħhom, ifakkru l-mixi ta' Kristu tul iż-żminijiet u jaslu huma wkoll għall-Ġublew il-Kbir tat-tmiem it-tieni elf sena.

Meta nħarsu lejn l-istorja tal-Knisja fid-dawl ta' dan kollu, tidhrilna qisha xmara waħda li lejha ħafna xmajjar oħra jwasslu l-ilmijiet tagħhom. Is-sena 2000 għalhekk tistedinna biex niltaqgħu, b'fedeltà mġedda u f'xirka aktar fil-fond, **f'xatt din ix-xmara kbira:** ix-xmara tar-Rivelazzjoni, tal-kristjaneżmu u tal-

Knisja, li tgħaddi mill-istorja tal-ġens kollu tal-bnedmin, hija u titlaq mill-fatt li seħħ f'Nazaret u mbagħad f'Betlehem elfejn sena ilu. Hi tassew "xmara" li "bis-swieqi tagħha", kif jgħid is-Salm, "tferraħ il-belt ta' Alla" (Salm 46/45, 5).

26. Sehem tat-tħejjija għas-sena 2000, għandhom posthom ukoll is-**Snin Imqaddsa** ta' l-aħħar żminijiet ta' dan is-seklu. Għadna niftakru sewwa s-Sena Mqaddsa li l-Papa Pawlu VI nieda fl-1975; fuq l-istess sura mbagħad ġiet iċċelebrata fl-1983 is-**Sena tal-Fidwa.** Forsi nħasset aktar is-Sena Marjana fl-1987/88, sena li kienet mistennija ħafna u għexuha fil-fond il-knejjes lokali, speċjalment is-santwarji marjani tad-dinja kollha. L-Enċiklika *Redemptoris mater,* li ġiet pubblikata f'dak iż-żmien, wriet sewwa x'kien it-tagħlim tal-Konċilju dwar il-presenza ta' Omm Alla fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja: l-Iben ta' Alla elfejn sena ilu sar bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u twieled mill-Verġni Marija, mnissla mingħajr tebgħa ta' dnub. **Is-Sena Marjana kienet qisha tħabbira minn qabel tal-Ġublew** għax fiha hemm ħafna minn dak li jrid jiġi mfisser fis-sħuħija kollha tiegħu fis-sena 2000.

27. Mhux diffiċli tara li s-Sena Marjana ġiet qrib sewwa **l-ġrajjiet tas-sena 1989.** Huma ġrajjiet li ma jistgħux ma jagħġbux għall-kobor tagħhom, u kif żviluppaw hekk malajr. Fis-snin tmenin kien dejjem aktar jikber u jiżdied periklu li ma bħalu, minħabba l-"gwerra bierda"; is-sena 1989 ġabet magħha soluzzjoni paċifika li kważi kellha sura ta' żvilupp "organiku". Fid-dawl ta' dan, kważi mġiegħlin naraw tifsir kollu kemm hu profetiku fl-Enċiklika *Rerum novarum*: dak li l-Papa Ljun XIII kiteb dwar il-komuniżmu, seħħ eżattament f'dawn il-ġrajjiet, kif uriet l-Enċiklika *Centesimus annus* [12]. Fl-aħħar mill-aħħar, wieħed seta' jintebaħ, fin-nisġa ta' dak li seħħ, il-ħidma moħbija tal-Providenza, ħidma bħal dik ta' omm ħerqana: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha?" (Is 49, 15).

Iżda wara l-1989 dehru **perikli ġodda u theddid ġdid.** Fil-pajjiż ta' l-ex-blokk tal-Lvant, wara l-waqgħa tal-komuniżmu, tfaċċa l-periklu kbir tan-nazzjonaliżmi, kif verament juri dak li qed jiġri fil-Balkani u f'territorji fil-qrib. Dan iġiegħel lin-nazzjonijiet ta' l-Ewropa jagħmlu **eżami serju ta' kuxjenza** biex jagħrfu l-ħtijiet u l-iżbalji li seħħu storikament, fil-qasam ta' l-ekonomija u tal-politika, dwar nazzjonijiet li d-drittijiet tagħhom ġew sistematikament imċaħħda mill-imperjaliżmu tas-seklu li għadda u ta' dan ukoll.

28. Illum, wara s-**Sena Marjana**, fid-dawl tagħha, qegħdin ngħixu s-**Sena tal-Familja:** din għandha rabta kbira mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u ma' l-istess ġrajja tal-bniedem. Mela nistgħu nittamaw li s-Sena tal-Familja, li kellha l-bidu tagħha f'Nazaret issir, **bħas-Sena Marjana, pass ieħor 'il quddiem, pass li jfisser ħafna fit-tħejjija għall-Ġublew il-Kbir.**

Għal dan il-għan, ktibt **Ittra lill-Familji** u fiha ridt nagħti l-qofol tat-tagħlim tal-Knisja dwar il-familja biex inwasslu, ħa ngħid hekk, fi ħdan kull dar ta' familja. Fil-Konċilju Vatikan II il-Knisja għarfet li wieħed mid-dmirjiet ewlenin

tagħha hu li turi s-siwi taż-żwieġ u tal-familja[13]. Is-Sena tal-Familja trid li jseħħ tassew it-tagħlim tal-Konċilju f'dan il-qasam. **Jeħtieġ għalhekk li t-tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tgħaddi, f'ċertu sens minn kull dar, minn kull familja.** Mhux forsi mill-familja, dik ta' Nazaret, li l-Iben ta' Alla ried jgħaddi biex jidħol fil-ġrajja tal-bniedem?

# IV

# THEJJIJA AKTAR MILL-QRIB

29. Quddiem dehra hekk wiesgħa ta' ħajja, waħedha toħroġ il-mistoqsija: Jista' wieħed ifassal **programm speċifiku** ta' inizjattivi **għat-tħejjija mill-qrib** tal-Ġublew il-Kbir? Verament, dak li ntqal aktar 'il fuq ġa juri xi elementi ta' programm bħal dan. Meħtieġa konsultazzjoni wiesgħa oħra ħafna biex ikun hemm previżjoni aktar dettaljata ta' inizjattivi għal dan il-għan, **ħalli ma tkunx xi ħaġa artifiċjali u diffiċli għal kull Knisja partikulari**, kull waħda bil-qagħda proprja tagħha differenti minn dik tal-Knejjes l-oħra, imma tkun ta' siwi għal kulħadd. Għax nagħraf sewwa dan, ridt nieħu l-parir tal-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali, u b'mod partikulari, tal-Kardinali. Inrodd ħajr lill-membri meqjuma tal-Kulleġġ Kardinalizju li, mlaqqgħin f'Konċistoru Straordinarju fit-13 u l-14 ta' Ġunju 1994, għamlu għadd kbir ta' suġġerimenti dwar dan u taw ukoll xi orjentamenti ta' siwi mhux żgħir. Inrodd ħajr ukoll lil ħuti fl-Episkopat li, b'ħafna manjieri, ma naqsux li jwassluli s-suġġerimenti tagħhom tassew ta' siwi, u li żammejt quddiemi jiena u nikteb din l-Ittra Appostolika.

30. L-ewwel indikazzjoni li ħarġet minn din il-konsultazzjoni kienet dik dwar **iż-żminijiet ta' tħejjija.** Baqa' biss ftit snin għas-sena 2000 u deher li jaqbel li dan iż-żmien jinqasam f'żewġ partijiet, b'mod li **t-tħejjija vera** titħalla għall-aħħar tliet snin. Deher li żmien itwal jitgħabba żżejjed b'ħafna tagħlim u dan kien iwassal biex tiddgħajjef ħafna l-ħeġġa spiritwali.

Għalhekk deher li jkun jaqbel li nersqu lejn din id-data storika permezz ta' fażi ta' tħejjija dwar materji aktar ġenerali, li jqanqlu s-sentimenti ta' l-Insara, ħalli mbagħad fit-tieni fażi inkunu nistgħu nikkonċentraw fuq tħejjija aktar diretta u immedjata, tħejjija ta' **tliet snin** ta' ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu l-Feddej.

a) **L-ewwel fażi**

31. **L-ewwel fażi** għandha għalhekk karattru ta' **tħejjija għat-tħejjija:** trid isservi biex tqanqal fil-poplu nisrani, l-għarfien tas-siwi u tat-tifsir li l-Ġublew tas-sena 2000 **għandu jkollu fil-ġrajja tal-bniedem.** Għaliex il-Ġublew hu

msieħeb mat-tifkira tat-twelid ta' Kristu, **minnu nnifsu għandu nota kristoloġika.**

Għaliex il-fidi nisranija tixxandar bil-kliem u sagramentalment, jaqbel li, f'din l-okkażjoni importanti wkoll, jingħaqdu flimkien l-istruttura tat-**tifkira** ma' dik taċ-**ċelebrazzjoni,** billi nfakkru din il-ġrajja mhux bit-tagħlim biss imma wkoll billi nagħmluha sseħħ sagramentalment. Dan il-Ġublew irid iwettaq l-insara ta' llum fil-fidi f'Alla li ġie rivelat fi Kristu, iqawwi t-**tama fil-ħajja ta' dejjem li għad** trid tiġi u jħeġġeġ l-imħabba f'impenn ta' **ħidma** għall-qadi ta' l-aħwa.

Tul l-ewwel fażi, mill-1994 sal-1996, is-Santa Sede, ukoll permezz ta' **Kumitat** li se jitwaqqaf, mhux se tonqos li tissuġġerixxi inizjattivi ta' ħsieb u ta' ħidma fuq livell internazzjonali, waqt li bl-istess impenn, issir b'mod aktar partikulari, l-istess ħaġa permezz ta' **Kumitati tal-Knejjes partikulari.** Fi kliem ieħor, b'xi mod, irridu nkomplu dak li ġa sar qabel u tqies bħala tħejjija u fl-istess waqt, issa **nidħlu aktar fil-fond ta' l-aspetti l-aktar karatteristiċi ta' dan il-Ġublew.**

32. Il-Ġublew hu dejjem żmien ta' grazzja partikulari, "jum imbierek mill-Mulej": – kif ġa għidna – għandu karattru ta' ferħ. Il-Ġublew tas-sena 2000 għandu jkun **talba kbira ta' fidi u ta' radd il-ħajr,** l-aktar għad-**don ta' l-Inkarnaz-zjoni ta' l-Iben ta' Alla u tar-Redenzjoni** li kisbilna. Fis-sena tal-Ġublew l-insara, b'fidi ta' l-għaġeb se jidhru quddiem l-imħabba tal-Missier **li ta lil Ibnu** "biex kull minn jemmen fih ma jmutx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 1, 16). B'tisħib mill-qalb, iridu wkoll joffru r-radd ta' ħajr tagħhom għad-**don tal-Knisja,** imwaqqfa minn Ġesù Kristu bħala "sagrament, jiġifieri strument ta' l-għaqda intima ma' Alla u ta' l-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin"[14]. Ir-radd ta' ħajr tagħhom għandu jkun ukoll għal dak **il-frott kollu ta' qdusija,** li laħaq il-kobor sħiħ tiegħu f'tant bnedmin, irġiel u nisa, li f'kull ġenerazzjoni u f'kull żmien ta' l-istorja għarfu jilqgħu bis-sħiħ id-don tal-Fidwa.

Iżda l-ferħ ta' kull Ġudlew hu b'mod partikulari ferħ **għall-maħfra tad-dnubiet, il-ferħ tal-konversjoni.** Jaqbel għalhekk nagħtu importanza u nerġgħu npoġġu quddiemnett dak li kien is-suġġett tas-Sinodu tas-sena 1984, jiġifieri **il-penitenza u rrikonċiljazzjoni.**[15] Dak is-Sinodu kien ġrajja li kellha tifsir li ma bħalu fil-ġrajja tal-Knisja ta' wara l-Konċilju. Ittratta l-kwistjoni, li dejjem hi f'waqtha, tal-konversjoni, tal-metanoia li hi l-kondizzjoni meħtieġa minn qabel ħa sseħħ mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla, ir-rikonċiljazzjoni kemm ta' l-individwi u kemm tal-komunitajiet.

33. Ħaġa sewwa għalhekk li, waqt li t-tieni elf sena tal-kristjaneżmu qed toqrob lejn it-tmiem tagħha, il-Knisja timpenja ruħha li tagħraf aħjar id-dnub ta' wliedha, hija u tiftakar fiċ-ċirkostanzi kollha, li fihom, tul iż-żminijiet, tbegħdu mill-ispirtu ta' Kristu u ta' l-Evanġelju tiegħu, offrew lid-dinja, f'lok xhieda ta' ħajja mnebħa

mill-valuri tal-fidi, dehra ta' suriet ta' ħsieb u ta' għemil li kienu **suriet veri ta' xhieda kuntrarju u ta' skandlu.**

Il-Knisja, għalkemm mqaddsa u magħquda ma' Kristu, ma tieqaf qatt tagħmel penitenza: tagħraf bħala wliedha, quddiem Alla u quddiem id-dinja, l-ulied midinbin tagħha. Dwar dan il-Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* tgħid: "Il-Knisja, li fi ħdanha għandha l-midinbin, hi fl-istess waqt qaddisa iżda dejjem teħtieġ li tissaffa, bla heda tagħmel penitenza u tiġġedded"[16].

Il-Bieb Imqaddes tal-Ġublew tal-2000 simbolikament għandu jkun akbar minn dak tal-Ġublewijiet ta' qabel, għax il-ġens kollu tal-bnedmin, huwa u jasal għal dan il-mument, m'hux se jħalli warajh xi seklu, imma elf sena. Jaqbel li l-Knisja tgħaddi minn dan il-bieb b'fehma ċara ta' dak li minnu għaddiet tul dawn l-għaxar sekli. Ma tistax taqsam l-għatba ta' din l-elf sena ġdida, mingħajr ma ġġiegħel 'l uliedha jissaffew bl-indiema tagħhom mill-iżbalji u l-infedeltajiet, minn nuqqas ta' koerenza, u minn nuqqas ta' għemil f'waqtu. L-għarfien ta' l-iżbalji tal-bieraħ u hu għemil ta' lealtà u ta' kuraġġ li jgħinna nsaħħu l-fidi tagħna u jkun ta' twissija għalina u iħejjina biex nilqgħu u negħelbu t-tiġrib u d-diffikulatjiet ta' llum.

Il-Bieb Imqaddes tal-Ġublew ta' l-2000 simbolikament għandu jkun akbar minn dak tal-Ġublewijiet ta' qabel, għax il-ġens kollu tal-bnedmin, huwa u jasal għal dan il-mument, m'hux se jħalli warajh xi seklu, imma elf sena. Jaqbel li l-Knisja tgħaddi minn dan il-bieb b'fehma ċara ta' dak li minnu għaddiet tul dawn l-għaxar sekli. Ma tistax taqsam l-għatba ta' din l-elf sena ġdida mingħajr ma ġġiegħel 'l uliedha jissaffew bl-indiema tagħhom mill-iżbalji u l-infedeltajiet, minn nuqqas ta' koerenza, u minn nuqqas ta' għemil f'waqtu. L-għarfien ta' l-iżbalji tal-bieraħ hu għemil ta' leatà u ta' kuraġġ li jgħinna nsaħħu l-fidi tagħna u jkun ta' twissija għalina u iħejjina biex nilqgħu u negħelbu t-tiġrib u d-diffikultajiet ta' llum.

34. Fost id-dnubiet li jitolbu mpenn aqwa ta' penitenza u ta' konversjoni żgur għandna ngħoddu dawk id-dnubiet li **għamlu ħsara lill-għaqda li Alla ried fi ħdan il-Poplu tiegħu.** Tul l-elf sena li resqin għat-tmiem tagħhom, ix-xirka tal-Knisja, "mhux mingħajr il-ħtija ta' nies min-naħa u mill-oħra"[17], rat tiċrit ta' niket kbir li jmur għal kollox kontra r-rieda ta' Kristu u huwa ta' skandlu għad-dinja"[18]. Dawn id-dnubiet għadhom sa llum, jaħasra, jġagħluna nħossu l-piż tagħhom u għadhom ukoll tentazzjonijiet dejjem magħna. Irridu npattu għalihom, aħna u nitolbu bil-qawwa kollha l-maħfra ta' Kristu.

F'dawn l-aħħar snin ta' din l-elf sena l-Knisja għandha b'ħerqa akbar titlob lill-Ispirtu s-Santu l-grazzja ta' l-**għaqda ta' l-Insara.** Dan hu problema kruċjali għax-xhieda ta' l-Evanġelju quddiem id-dinja. L-aktar wara l-Konċilju Vatikan II, ħafna kienu l-inizjattivi ekumeniċi li seħħu b'ġenerożità kbira u b'impenn sħiħ: nistgħu ngħidu li l-ħidma kollha tal-Knejjes partikulari u tas-Sede Appostolika ħadu dimensjoni ekumeniku **Il-Kunsill Pontifiċju ħa tiġi 'l quddiem l-għaqda**

**ta' l-insara** sar wieħed miċ-ċentri ewlenin li qed iġibu 'l quddiem il-proċess għall-għaqda sħiħa ta' l-insara kollha.

Iżda aħna lkoll nafu sewwa li meta jintlaħaq dan il-għan, dan ma jkunx biss frott ta' l-isforzi tal-bnedmin, ukoll jekk ma tistax tgħaddi mingħarjhom. **Fl-aħħar mill-aħħar, l-għaqda hi don ta' l-Ispirtu s-Santu.** Minna hu mistenni li dan id-don nġibuh 'il quddiem b'xhieda għall-verità mingħajr ma noqogħdu naħbu xejn mill-veritajiet li nħaddnu u naċċettaw b'nuqqas ta' ħsieb kull ma jista' jingħad mill-oħrajn; irridu bil-qalb kollha nħarsu bil-fatti d-direttivi mogħtija mill-Konċilju u mid-dokumenti tas-Santa Sede li ħarġu wara l-Konċilju, direttivi li ġew apprezzati wkoll minn ħafna nsara li m'humiex f'xirka sħiħa mal-Knisja kattolika.

Dan hu mela wieħed mid-drittijiet ta' l-insara, huma u mexjin lejn is-sena 2000. It-tmiem tat-tieni elf sena, li qed joqrob iħeġġiġna biex nagħmlu **eżami ta' kuxjenza,** biex noħolqu inizjattivi ekumeniċi f'waqthom ħalli l-Ġublew il-Kbir jurina li, jekk mhux għal kollox magħqudin ħaġa waħda bejnietna, **almenu aħna wisq aktar qrib li negħelbu l-firdiet li seħħu tul it-tieni elf sena.** Għal din **il-ħaġa**, kulħadd jifhem li jeħtieġ sforz kbir; jeħtieġ ikompli d-djalogu duttrinali, iżda fuq kollox jeħtieġ li nkunu wisq aktar impenjati fit-**talb ekumeniku.** Dan it-talb żdied sewwa wara l-Konċilju, iżda jrid jiżdied aktar u jimpenja lill-insara kollha dejjem aktar, fi qbil sħiħ mat-talba kbira ta' Kristu qabel il-passjoni tiegħu: "Missier... ħa jkunu ħaġa waħda fina" (Ġw 17, 21).

35. Kapitlu ieħor ta' niket li fih ulied il-Knisja ma jistgħux ma jerġgħux lura lejh b'qalb miftuħa għall-indiema, hu l-fatt li aċċettaw bid-dieher, speċjalment f'xi sekli, **metodi ta' intolleranza u ta' vjolenza, ukoll** fil-qadi tal-verità.

Veru li ġudizzju storiku tajjeb ma jistax ma jqisx b'attenzjoni li ma bħalha il-kondizzjonijiet kulturali tal-mument, li setgħu jinfluwenzaw lil ħafna u jġagħluhom jaħsbu bis-sinċerità kollha li x-xhieda vera għall-verità kienet titlob li jinħonqu l-fehmiet ta' l-oħrajn jew li dawn jiġu mwarrbin għal kollox. Ħafna raġunijiet flimkien wasslu għall-ħolqien ta' nuqqas ta' tolleranza u saħħu ambjent kollu passjonijiet, li minnu setgħu jitbegħdu b'xi mod dawk biss li kellhom spirtu qawwi ta' libertà u kienu mimlijin b'Alla. Iżda, wkoll jekk inqisu dawn iċ-ċirkostanzi li jnaqsu l-kobor tal-ħtija, dan ma għandux iwassalna biex niskużaw lill-Knisja mid-dmir li turi sogħba kbira għan-nuqqasijiet ta' wliedha, li ħassru x-xbieha tagħha u ma ħalluhiex turi għal kollox wiċċ il-Mulej imsallab, l-ogħla xhud ta' mħabba kollha sabar u ta' tjieba umli u mċekkna. Minn dawn il-fatti ta' l-imgħoddi hekk ta' niket toħroġ lezzjoni għall-ġejjieni, li għandha twassal lil kull nisrani ħa jgħożż il-prinċipju tad-deheb imxandar mill-Konċilju: "Il-verità ma timponix ruħha jekk mhux bil-qawwa tagħha stess, tidħol fil-fehma tal-bniedem bil-ħlewwa kollha imma wkoll bil-qawwa kollha" [19].

36. Eżami serju tal-kuxjenza talbuh ħafna kardinali u Isqfijiet, l-aktar **għall-**

**Knisja ta' llum.** Fuq l-għatba tat-tielet elf sena l-Insara għandhom iċeknu ruħhom quddiem il-Mulej u jistaqsu lilhom infushom **x'responsabbiltajiet għandhom huma wkoll tal-ħażen ta' żmienna.** Dan għaliex iż-żmien ta' llum, flimkien ma' ħafna dwal, juri wkol mhux ftit dlamijiet.

Kif ma titkellimx, biex insemmi eżempju, dwar l-**indifferenza reliġjuża** li qed twassal tant nies ta' llum biex jgħixu qisu m'hemmx Alla jew qed jikkuntentaw ruħhom biss b'sentiment xejn ċar ta' reliġjon, mingħajr ħila li jagħrfu l-verità jew id-dmir tal-kuxjenza? Ma' dan irridu nżidu t-telfien tat-tifsir aktar għoli tal-ħajja tal-bniedem u l-konfużjoni li hemm dwar il-qasam ta' l-etika, telfien li jasal ukoll sal-valuri fundamentali tar-rispett għall-ħajja u għall-familja. Ulied il-Knisja jridu jaraw ukoll dan: kemm intlaqtu mill-ambjent tas-sekulariżmu u tar-relattiviżmu morali? X'responsabbiltà għandhom huma wkoll quddiem it-tixrid dejjem jiżdied ta' nuqqas ta' reliġjon, għaliex huma ma wrewx il-wiċċ veru ta' Alla, ħtija "tan-nuqqasijiet tagħhom stess fil-ħajja reliġjuża, morali u soċjali tagħhom?"[20].

Lanqas ma nistgħu niċħdu li l-ħajja spiritwali, f'ħafna nsara, għaddejja minn **mument ta' inċertezza,** li mhux biss iħaddan il-ħajja morali, imma wkoll it-talb u l-istess **sħuħija teologali tal-fidi.** Il-fidi, mġarrba miż-żmien tagħna stess, xi kultant qed tkun imħawda minn fehmiet teoloġiċi żbaljati, li qed jinxterdu wkoll minħabba kriżi ta' diżubbidjenza għall-maġisteru tal-Knisja.

Meta niġu għax-xhieda tal-Knisja fi żmienna, kif ma titnikkitx tara li mhux ftit insara qed jaslu biex ma jagħrfux li r-reġimi totalitarji jiċħdu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem u qed jaslu wkoll biex jaċċettaw dan il-ksur ta' drittijiet? U mmhux ta' min jitniehed fost id-dellijiet taż-żmien ta' llum, jara tant insara **responsabbli huma wkoll ta' tant inġustizzji u ta' emarġinazzjoni u twarrib soċjali?** Ta' min jistaqsi kemm fosthom jafu sewwa u jħarsu bil-fatti d-duttrina soċjali tal-Knisja.

L-eżami tal-kuxjenza irid isir ukoll dwar kif **ġie milqugħ il-Konċilju,** dan id-don kbir li l-Ispirtu ta lill-Knisja fi tmiem it-tieni elf sena. Sa fejn qiegħda l-Kelma ta' Alla taghti dejjem aktar ħajja lit-teoloġija u tnebbaħ il-ħajja nisranija kollha, kif talbet id-*Dei Verbum*? Il-liturġija qed ngħixuha bħala "l-għajn u l-qofol" tal-ħajja kollha tal-Knisja, skond it-tagħlim tas-*Sacrosanctum Concilium*? Qed tissaħħaħ fil-Knisja universali u fil-Knejjes partikolari l-ekklesjoloġija tax-xirka tal-*Lumen gentium,* u fil-Knisja kemm qed jingħata sehem lill-kariżmi, lill-ministeri, lil ħafna suriet tat-tisħib tal-Poplu t'Alla, iżda mingħajr ebda ftuħ lejn xi demokratiċiżmu u xi soċjoloġiżmu li ma jurix ix-xbieha kattolika tal-Knisja u l-ispirtu veru tal-Vatikan II? Mistoqsija oħra trid issir dwar il-mod kif qed iseħħu r-relazzjonijiet bejn il-Knisja u d-dinja. Id-direttivi tal-Konċilju – li jinsabu fil-*Gaudium et spes* u f'dokumenti oħra – għal djalogu miftuħ, kollu rispett u ħbiberija mill-qalb, flimkien ma' attenzjoni bil-għaqal għall-verità u xhieda qalbiena għaliha, għadhom jiswew u jkomplu jitolbu mpenn.

37. Il-Knisja ta' l-ewwel elf sena twieldet mid-demm tal-martri: "Demm il-martri – żerriegħa ta' l-insara" (*Sanguis martyrum – semen christianorum* )[21]. Il-ġrajjiet storiċi marbutin ma' Kostantinu l-Kbir qatt ma setgħu jiżguraw l-iżvilupp tal-Knisja, li seħħ tul l-ewwel elf sena, li ma kinitx **dik iż-żerriegħa tal-martri u dak il-wirt ta' qdusija li kienu l-karatteristiċi ta' l-ewwel ġenerazzjonijiet insara**. Fit-tmiem it-tieni elf sena, **il-Knisja saret mill-ġdid Knisja tal-martri.** Il-persekuzzjonijiet li ġarrbu dawk li jemmnu – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – kienu żerriegħa ta' kotra kbira ta' martri f'ħafna partijiet tad-dinja. Ix-xhieda mogħtija għal Kristu sat-tixrid tad-demm saret il-wirt l-insara kollha kattoliċi, ortodossi, anglikani u protestanti, kif wera Pawlu VI fl-omelija għal kanonizzazzjoni tal-martri ta' l-Uganda[22].

**Hi xhieda li m'għandha tintesa qatt...** Il-Knisja ta' l-ewwel sekli, minkejja l-ħafna diffikultajiet ta' organizzazzjoni, ħadet ħsieb tniżżel fil-martiroloġji x-xhieda tal-martri. Dawn il-martiroloġji ġew regolarment aġġornati tul iż-żminijiet, u fil-lista tal-qaddisin u tal-beati tal-Knisja daħlu mhux biss dawk li xerrdu demmhom għal Kristu, imma wkoll għalliema tal-fidi, missjunarji, konfessuri, isqfijiet, presbiteri, verġni, miżżewġin, romol, ulied.

**Fis-seklu tagħna tfaċċaw il-martri,** spiss mhux magħrufin **qishom xi "suldati mhux magħrufa" tal-għlieda kbira ta' Alla.** Ix-xhieda tagħhom, sa fejn jista' jkun, m'għandhiex tintilef fil-Knisja. Kif ġie suġġerit fil-Konċistoru **jeħtieġ li l-Knejjes lokali jagħmlu minn kollox biex ma tintesiex it-tifkira ta' dawk li sofrew il-martirju** billi jiġbru d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Dan ma jistax ma jkollux qawwa u sura ekumenika.

**L-ekumeniżmu tal-qaddisin u tal-martri** hu forsi dak li l-aktar jikkonvinċi. Ix-**xirka tal-qaddisin** titkellem b'leħen wisq aktar qawwi minn kull għlieda u firda. Il-**martiroloġju** ta' l-ewwel sekli kien il-pedament tal-qaddisin. Il-Knisja hija u tħabbar u tqim il-qdusija ta' uliedha, irġiel u nisa, tagħti l-ogħla ġieħ lil Alla, tqim fil-martri lil Kristu, li kien il-bidu tal-martirju tagħhom u ta' qdusithom.

Imbagħad żviluppat id-drawwa tal-kanonizzazzjoni li għadha teżisti kemm fil-Knisja kattolika u kemm f'dik ortodossa. F'dawn l-aħħar snin tkattru l-kanonizzazzjonijiet u l-beatifikazzjonijiet. Hu xhieda tal-**ħajja tal-Knejjes lokali wisq aktar numerużi llum milli kienu fl-ewwel sekli u fl-ewwel elf sena.** L-aqwa ġieħ li l-Knejjes kollha se jagħtu 'l Kristu fuq l-għatba tat-tielet elf sena, se tkun il-prova li jinsab preżenti fihom bis-setgħa bla qies tiegħu bħala Feddej; din il-preżenza juriha l-frott ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba ta' l-irġiel u n-nisa ta' tant ilsna u tant razez li mxew wara Kristu fis-suriet kollha tal-vokazzjoni nisranija.

Ikun dmir tas-Sede appostolika, hija u tħares lejn it-tielet elf sena, li **taġġorna l-martiroloġji** għall-Knisja universali, billi turi attenzjoni li ma bħalha għall-qdusija ta' dawk kollha li **fis-seklu tagħna wkoll** għexu bil-milja kollha tagħhom il-verità ta' Kristu. B'mod speċjali rridu nħabriku biex nagħrfu l-mod erojku li bih għexu l-virtujiet dawk l-irġiel u dawn in-nisa li għexu l-vokazzjoni nisranija

tagħhom fiż-**Żwieġ:** konvinti kif aħna li fil-ħajja taż-żwieġ ukoll mhux nieqes il-frott tal-qdusija, iħossu l-ħtieġa li jinstabu l-aħjar triqat biex dan jiġi ppruvat u jsir magħruf mill-Knisja kollha biex ikun ta' eżempju għall-miżżewġin insara u jwassalhom biex jgħixu bħalhom.

38. Ħtieġa oħra li tawha importanza kbira l-Kardinali u l-Isqfijiet kienet dik tas-**Sinodi ta' sura kontinentali**, bħal dawk li ġa ġew ċelebrati fl-Ewropa u fl-Afrika. L-aħħar Konferenza Ġenerali ta' l-Isqfijiet ta' l-Amerika latina, bi qbil ma' l-Isqfijiet Nord-Amerikani laqgħet il-proposta għal **Sinodu ta' l-Amerki** dwar il-problemi ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida fiż-żewġ taqsimiet ta' dan il-kontinent, taqsimiet hekk differenti minn xulxin fil-bidu u fil-ġrajja tagħhom, u l-problema dwar il-ġustizzja u r-relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali, waqt li jitqiesu sewwa d-differenzi kbar li hemm bejn it-tramuntana u n-nofsinhar ta' l-Amerika, in-Nord u s-Sud.

Sinodu kontinetali għall-Asja jidher f'waqtu, għax f'dan il-kontinent jidher aktar qawwi l-problema tal-laqgħa tal-kristjaneżmu mal-kulturi ta' ħafna żmien ilu u mir-reliġjonijiet ta' dak il-kontinent. Din hi sfida kbira għall-evanġelizzazzjoni għaliex iż-żewġ sistemi reliġjużi ta' l-Asja, il-buddiżmu u l-induiżmu, iħaddnu karattru ta' salvazzjoni li hu ċar ħafna. Għalhekk jeħtieġ li minnufih, fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir, titfisser fil-fond il-verità dwar Kristu bħala l-medjatur waħdieni bejn Alla u l-bniedem u l-Feddej waħdieni tad-dinja. U li ssir għażla sewwa bejn Kristu u l-fudnaturi tar-reliġjonijiet kbar oħra li wkoll fihom xi elementi tal-verità, u li l-Knisja tħares b'rispett sinċiewr lejhom, għax fihom tara rifless tal-Verità li ddawwal il-bnedmin kollha[23]. Fis-sena 2000 trid tidwi b'qawwa mġedda t-tħabbira: "Araw, tweldilna s-Salvatur tad-dinja" (*Ecce natus est nobis Salvator mundi* ).

Għall-**Oċeanja wkoll jista' jkun ta' siwi Sinodu reġjonali.** F'dan il-kontinent hemm, fost oħrajn popolazzjonijiet aboriġeni li b'mod singulari jfakkruna f'ċerti aspetti tal-ħajja tal-bniedem tal-preistorja. F'dan is-Sinodu għalhekk m'għandhiex ma titqiesx, fost problemi oħra tal-kontinent, il-laqgħa tal-kristjaneżmu ma' dawn is-suriet ta' reliġjożità tal-qedem imbiegħed, li bħala karatteristika, għandhom il-qima ta' Alla wieħed, ta' monoteiżmu.

b) **It-tieni fażi**

39. Imqanqlin sewwa biex inħossu dan kollu li ntqal fl-ewwel fażi, nistgħu ngħaddu għat-tieni fażi, li hi dik ta' **tħejjija vera.** Din il-fażi tiżvolġi ruħha tul tliet snin , mill-1997 sal-1999. L-istruttura ta' din il-fażi, li **bħala ċentru għandha 'l Kristu,** l-Iben ta' Alla li sar bniedem, ma tistax ma tkunx teoloġika, jiġifieri **trinitarja.**

***L-ewwel sena: Ġesù Kristu***

40. L-ewwel sena, l-1997, mela se tkun **riflessjoni fuq Kristu,** il-Verb tal-Missier li sar bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Jeħtieġ naraw b'mod tassew

ċar il-karattru **kollu kemm hu kristoloġiku tal-Ġublew**, li se jiċċelebra l-Inkarnazzjoni u d-dħul fid-dinja ta' l-Iben ta' Alla, misteru ta' salvazzjoni għall-ġens kollu tal-bnedmin. Bħala suġġett ġenrali, għal din is-sena, il-Kardinali u l-Isqfijiet ipproponew: "**Ġesù Kristu, Feddej waħdieni tad-dinja, il-bieraħ, illum u għal dejjem**" (ara Lh13, 8).

Bħala temi kristoloġiċi li ssemmew fil-Konċistoru joħorġu dawn li ġejjin: l-għarfien mill-ġdid ta' Kristu Salvatur u Xandar ta' l-Evanġelju b'riferenza speċjali għall-kap IV ta' l-Evanġelju ta' San Luqa fejn it-tagħlim li Kristu ntbagħat ixandar jintiseġ ma' dak tal-Ġublew; għarfien aktar fil-fond tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u tat-twelid fil-ġuf tal-verġni Marija; il-ħtieġa tal-fidi fi Kristu għas-salvazzjoni.

Biex jingħaraf min hu tassew Kristu jeħtieġ li l-insara kollha, sepċjalment tul din is-sena, **jerġgħu lura b'interess imġedded lejn l-Iskrittura**, "kemm permezz tal-liturġija bl-għana kollu tagħha tal-Kelma ta' Alla, kemm permezz tal-qari tajjeb, kemm permezz ta' inizjattivi oħra adatti għal dan il-għan, u kemm permezz ta' mezzi oħra"[24]. Fil-Kotba mqaddsa hu l-istess Missier tas-sema li jiġi jiltaqa' magħna, kollu mħabba għalina u joqgħod ikellimna u jurina n-natura ta' l-Iben il-waħdieni tiegħu u l-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja[25].

41. L-impenn ħa ngħixu ħajja sagramentali, msemmi aktar 'il fuq, jista' tul din is-sena, iwassalna biex **nagħarfu mill-ġdid il-Magħmudija** bħala l-pedament tal-ħajja nisranija, skond kliem l-Appostlu: "Intom li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu 'l Kristu" (Gal 3,2). **Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika** min-naħa tiegħu, ifakkarna li hi "l-pedament ta' l-għaqda ta' l-insara kollha, bejn dawk ukoll li għad m'humiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika[26]. Proprju mill-aspett ekumeniku din is-sena se tkun sena importanti biex flimkien inħarsu lejn Kristu, is-Sid waħdieni tagħna, bl-impenn li nkunu ħaġa waħda bejnietna fih, skond ma hu talab lill-Missier. Il-fatt li qegħdin nagħtu importanza li ma bħalha bħala ċentru ta' kollox lil Kristu, lill-kelma ta' Alla, lill-fidi, ma jistax ma jqanqalx fl-insara ta' Knejjes u Komunitajiet ekklesjali oħra, interess kbir u kunsens favorevoli.

42. Kollox għandu jwassal għall-għan ewlieni tal-Ġublew: **li titwettaq u tissaħħaħ il-fidi u x-xhieda ta' l-Insara.** Għalhekk jeħtieġ li f'kull nisrani titqajjem ħerqa kbira għall-qdusija, xewqa qawwija ta' konversjoni u ta' tiġdid personali f'ambjent ta' talb dejjem aktar imħeġġeġ u ta' laqgħa ta' solidarjetà mal-proxxmu, speċjalment ma' dawk li huma l-aktar f'xi ħtieġa.

L-ewwel sena għalhekk tkun waqt favorevoli biex il-katekeżi tingħaraf mill-ġdid, fit-tifsir u s-siwi oriġinali tagħha jiġifieri bħala "tagħlim ta' l-Appostli" (Atti 2, 42) dwar il-persuna ta' Kristu u l-misteru tas-salvazzjoni. Għal dan il-għan ikun ta' siwi kbir jekk nistudjaw aktar fil-fond il-**Katekiżmu tal-Knisja Kattolika** li "jiġbor bil-fedeltà kollha u b'mod organiku t-tagħlim ta' l-Iskrittura, tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u tal-maġisteru awtentiku, flimkien mal-wirt spiritwali ta' Missirijiet

il-Knisja u tal-Qaddisin biex jiftiehem aħjar il-misteru tal-Knisja u tissaħħaħ il-fidi tal-Poplu ta' Alla"[27]. Biex inkunu realisti, m'għandniex nonqsu li ndawwlu lill-insara dwar żbalji fuq il-persuna ta' Kristu, billi nuru b'mod ċar liema fehmiet huma kontra Kristu u l-Knisja tiegħu.

43. Il-**Verġni mqaddsa,** li se tkun preżenti b'mod indirett, biex ngħidu hekk, tul din il-fażi kollha ta' tħejjija, f'din l-ewwel sena, għandna nharsu lejha l-aktar fil-misteru tal-Maternità divina tagħha. Hu fil-ġuf tagħha li l-Verb sar bniedem! Meta ngħidu li Kristu hu ċ-ċentru ta' kollox, ma nistgħux ma nagħrfux is-sehem kbir li kellha l-Verġni Marija. Il-kult tagħha, jekk imfisser sewwa, bl-ebda mod ma jista' jkun ta' ħsara "għad-dinjità u s-setgħa ta' Kristu, il-Medajtur waħdieni"[28]. Dan għaliex Marija dejjem turi l-Iben divin tagħha u tidher għal dawk kollha li jemmnu bħala **eżempju ta' fidi** li qiegħda tgħixha bil-fatti. "Il-Knisja, hija u taħseb f'Marija bit-tjieba kollha u tikkontemplaha fid-dawl tal-Verb magħmul bniedem, tidħol bil-qima kollha dejjem aktar fil-fond fil-misteru għoli ta' l-Inkarnazzjoni u dejjem aktar tixbaħ l-Għarus tagħha"[29].

***It-tieni sena: l-Ispirtu s-Santu.***

44. Is-sena 1998, **it-tieni sena** tat-tħejjija se jkun dedikat b'mod partikulari lill-Ispirtu s-Santu u lill-presenza tiegħu fi ħdan il-Komunità tad-dixxikpli ta' Kristu biex iqaddishom. Il-Ġublew il-Kbir, kont ktibt fl-enċiklika *Dominum et vivificantem* – "għandu direttament *sura pnewmatologika*, għaliex il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni seħħ bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu." Seħħ bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu – natura waħda mal-Missier u ma' l-Iben – li fil-misteru għoli ta' Alla wieħed fi Tliet persuni, hu l-Persuna–Mħabba, id-Don mhux maħluq, l-għajn ta' l-għotjiet kollha li jiġu minn Alla fl-ordni tal-ħolqien, il-prinċipju dirett, u b'xi mod, is-suġġett ta' l-għoti tiegħu nnifsu ta' Alla fl-ordni tal-grazzja, **Il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni** hu l-qofol ta' dan l-għoti tiegħu nnifsu ta' Alla"[30].

Il-Knisja ma tistax tħejji ruħha għas-sena 2000, "bl-ebda mod ieħor jekk mhux fl-Ispirtu s-Santu. Dak kollu li fil-'milja taż-żminijiet' seħħ bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja tista' tiftakar fih biss bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu"[31].

Dan għaliex l-Ispirtu s-Santu jagħmel il-Knisja, f'kull żmien u f'kull imkien, ir-Rivelazzjoni waħdanija li Kristu ta lill-bnedmin, u għamilha ħajja u setgħana fir-ruħ ta' kull wieħed: "Id-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom" (Ġw14, 26).

45. Mela se jkun wieħed mill-impenji ewlenin tat-tħejjija għall-Ġublew, **l-għarfien mill-ġdid tal-presenza u tal-ħidma ta' l-Ispirtu,** li jaħdem fil-Knisja kemm sagramentalment, l-aktar permezz tal-**Konfermazzjoni**, u kemm permezz tal-ħafna kariżmi, ħidmiet u ministeri li hu jqassam għall-ġid tagħha: "Wieħed hu l-Ispirtu li jqassam il-ħafna doni tiegħu għall-ġid tal-Knisja, b'id miftuħa, skond il-għana kollha tiegħu, u skond kemm dan il-qadi ikun meħtieġ" (ara I Kor 12, 1-110) "Fost dawn id-doni, l-ewwel tiġi l-grazzja ta' l-Appostli: l-Ispirtu stess irid li l-karismatiċi joqogħdu għall-awtorità tagħhom (ara I Kor 14). U ħuwa

wkoll l-istess Spirtu li bis-setgħa tiegħu u bir-rabta intima li hemm mal-membri bejniethom, joħloq u jħeġġeġ l-imħabba fil-fidili"[32].

L-Ispirtu s-Santu hu għal żmienna wkoll **l-awtur ewlieni ta' l-evanġelizzazzjoni tagħna.** Tkun ħaġa importanti għalhekk li nsiru nafu mill-ġdid li l-Ispirtu s-Santu hu dak li jibni s-Saltna ta' Alla tul iż-żminijiet u jħejji d-dehra sħiħa tagħha fi Kristu huwa u jqanqal lill-bnedmin fil-fond ta' qalbhom biex fil-ħajja tagħhom ta' kuljum tinbet iż-żerriegħa tas-salvazzjoni, li tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fl-aħħar taż-żminijiet.

46. **F'din il-prospettiva eskatoloġika** dawk li jemmnu huma msejħin biex isibu mill-ġdid il-virtù teologali tat-tama", li biha ġa semgħu meta tħabritilhom għall-ewwel darba il-kelma tas-sewwa ta' l-Evanġelju" (Kol 1, 5). Il-qagħda fundamentali tat-tama, min-naħa timbotta n-nisrani biex ma jinsiex l-għan aħħari tiegħu li jagħti tifsir u sens lill-ħajtu kollha, u, min-naħa l-oħra, tagħtih raġunijiet sodi u għolja biex jimpenja ruħu kuljum ħa jbiddel id-dinja u jagħmilha taqbel mal-pjan ta' Alla.

Kif ifakkar San Pawl: "Nafu li l-ħolqien kollu għadu sa issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott ta' l-ispirtu nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ġisimna" (Rum 8, 22-24). L-insara huma msejħin iħejju l-Ġublew il-Kbir tal-bidu tat-tielet elf sena, **bit-tiġdid tat-tama tagħhom fil-miġja darba għal dejjem tas-Saltna ta' Alla,** u jħejjuha jum wara l-ieħor fihom infushom, fil-Komunità nisranija, fl-ambjent soċjali li fih jgħixu u wkoll fl-istess storja tad-dinja.

Jeħtieġ ukoll li jingħarfu **s-sinjali tat-tama li qed jidhru f'dawn l-aħħar snin tas-seklu** u nifhmuhom sewwa minkejja d-dellijiet li spiss jaħbuhomlna; **fil-qasam** tas-soċjetà ċivili; fil-progress fix-xjenza, fit-teknika u fil-mediċina għas-saħħa tal-bniedem; is-sens ta' responsabbiltà dejjem akbar għall-ħarsien ta' l-ambjent; l-isforzi biex ikun hemm paċi u ġustizzja kulfejn ġew fix-xejn; ir-rieda għar-rikonċiljazzjoni u għas-solidarjetà fost il-popli; u b'mod partikulari ir-relazzjonijiet komplessi bejn it-tramuntana u n-nofsinhar tad-dinja... ; **fil-qasam tal-Knisja,** is-smigħ aktar attent għal-leħen ta' l-Ispirtu aħna u nilqgħu l-kariżmi u l-promozzzzjoni tal-lajċi, it-tħabrik ħerqan ħa sseħħ l-għaqda bejn l-insara kollha, id-djalgu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kultura ta' llum...

47. Il-ħsieb ta' l-insara fit-tieni sena ta' tħejjija jrid, b'ħerqa partikulari, jinġabar fuq **is-siwi ta' l-għaqda** fi ħdan il-Knisja: lejn din l-għaqda jmexxu l-ħafna doni u kariżmi li jqajjem l-ispirtu. Biex wieħed jasal għal dan, tajjeb li jinżel fil-fond tat-tagħlim ekklesjoloġiku tal-Konċilju Vatikan II, tagħlim li nsibuh l-aktar fil-Kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium.* Dan id-dokument importanti wera ċar u tond li l-għaqda fil-Ġisem ta' Kristu **hi mibnija fuq il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu,** hi garantita mill-ministeru appostoliku u mwettqa mill-imħabba għal xulxin (ara I Kor 13, 1-8). Din il-katekeżi fil-fond tal-fidi ma tistax ma twassalx lill-membri kollha tal-Poplu ta' Alla għall-għarfien aktar sħiħ

tar-responsabbiltajiet tagħhom, u għal siwi tassew kbir ta' l-ubbidjrnza ekklesjali[33].

48. **Marija**, li nisslet il-Verb magħmul bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u mbagħad, tul ħajjitha kollha, ħalliet l-Ispirtu s-Santu jmexxiha bil-ħidma tiegħu f'ruħha, tul din is-sena rridu nħarsu lejha u nippruvaw nixbħuha l-aktar bħala l-mara dejjem imħejjija biex tisma' leħen l-Ispirtu, mara tas-skiet, mara li tisma', mara ta' tama, li bħal Abraham għarfet tilqa' r-rieda ta' Alla "ittamat meta ma kienx hemm ebda tama" (ara Rum 4, 18). Uriet b'mod mill-aktar għoli l-ħerqa tagħha għall-foqra ta' Jahweh, u dehret tiddi bħala xbieha ta' dawk li b'qalhom kollha jafdaw fil-wegħdiet ta' Alla.

***It-tielet sena: Alla l-Missier***

49. Is-sena 1999, **it-tielet u l-aħħar sena ta' tħejjija,** trid twessa' x-xefaq ta' dawk li jemmnu skond **il-qies ta' Kristu: il-qies tal-Missier li hu fis-smewwiet** (ara Mt 5, 45) li minnu ntbgħat Ġesù u lejh reġa' lura (ara Ġw 16, 28).

"Din hi l-ħajja ta' dejjem: li jagħrfu lilek Alla waħdek veru u lil Ġesù Kristu li int bgħatt" (Ġw 17, 3). Il-ħajja nisranija kollha qisha **pellegrinaġġ lejn id-dar tal-Missier**, li tiegħu kuljum dejjem aktar nagħrfu l-imħabba bla qies għal kull bniedem maħluq, u b'mod partikulari, għall-"iben il-ħali" (ara Lq 15, 11-32). Dan il-mixi jimpenja lill-persuna fil-qofol kollu tagħha u mbagħad iħaddan il-komunità kollha ta' dawk li jemmnu biex jasal ħa jħaddan il-ġens kollu tal-bnedmin.

Il-Ġublew, li bħalha ċentru tiegħu għandu 'l Kristu, isir b'dan il-mod **għemil kbir ta' tifħir lil Alla.**

"Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu,
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali
fis-smewwiet fi Kristu.
Hekk hu għażilna fih
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" (Ef 1, 3-4).

50. F'din it-tielet sena, is-sens tal-"mixi lejn il-Missier" għandu jimbotta lil kulħadd biex, f'għaqda sħiħa ma' Kristu, il-Feddej tal-bniedem, kulħadd jaqbad il-mixja ta' **konversjoni** tassew, li jkollha mhux biss l-aspett "negattiv" tal-ħelsien mid-dnub, imma wkoll l-aspett "posittiv" ta' l-għażla ta' dan li hu tajjeb, imfisser minn dawk il-valuri etiċi li nsibu fil-Liġi naturali u li ġew imwettqa u mfissra fil-fond mill-Evanġelju. Dan huwa l-ambjent adatt biex insibu mill-ġdid u niċċelebraw b'ħeġġa li ma bħalha s-**sagrament tal-Penitenza,** fit-tifsir l-aktar għoli tiegħu. It-tħabbira tal-konversjoni, li bħala ħtieġa bilfors tintalab mill-imħabba nisranija, hi importanti ħafna, speċjalment fis-soċjetà ta' llum, fejn spiss jidher li ntilfu għal kollox l-istess sisien ta' dehra morali tal-ħajja tal-bniedem.

Ikun jaqbel għalhekk, u speċjalment f'din is-sena, li tintwera l-importaza tal-virtù teologali ta' l-imħabba, waqt li niftakru dak li tgħid l-ewwel Ittra ta' San

Ġwann bi ftit kliem imma li jfisser ħafna: "Alla hu mħabba" (I Ġw4, 8-16). L-imħabba, fiż-zewġ suriet tagħha ta' l-imħabba ta' Alla u ta' l-imħabba tal-proxxmu, tiġbor fil-qosor il-ħajja morali kollha ta' min jemmen. Toħroġ mingħand Alla u terġa lura għandu.

51. Fid-dawl ta' dan, waqt li niftakru li Ġesù ġie biex "ixandar il-bxara t-tajba lill-foqra" (Mt 11, 5; Lq 7, 22), kif ma nurux b'aktar qawwa l-importanza ta' **l-għażla preferenzjali tal-Knisja favur il-foqra u l-imwarrbin?** Anzi għandna ngħidu li l-impenn favur il-ġustizzja u l-paċi f'dinja bħal tagħna, fejn jeżisti tant ġlied u fejn jidhru tant differenzi soċjali u ekonomiċi li bl-ebda mod ma tista' taċċetta, hu aspett li għandu juri x'sura għandu jkollhom it-tħejjija u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew. B'dan il-mod, l-insara, fl-ispirtu tal-Ktieb tal-Levitiku, (25, 8-28), għandhom jgħollu leħenhom f'isem il-foqra kollha tad-dinja, u jissuġġerixxu li l-Ġublew ikun il-mument f'waqtu ħalli, fost affarijiet oħra, naħsbu biex jitnaqqas sewwa, jekk ma jistax ikun li jitneħħa għal kollox, id-dejn internazzjonali, li qed jhedded il-ġejjieni ta' tant nazzjonijiet... Il-Ġublew jista' jkun wkoll mument f'waqtu biex naħsbu fuq sfidi oħra ta' dan iż-żmien, bħalma huma d-diffikultajiet li hemm għal djalogu bejn kulturi diversi u l-problemi li hemm dwar ir-rispett li jistħoqq lill-mara u dwar il-promozzjoni tal-familja u taż-Żwieġ.

52. Waqt li niftakru li Kristu "... huwa u juri l-misteru tal-Missier u ta' l-imħabba tiegħu lill-bniedem, juri wkoll lill-bniedem x'inhu kollu kemm hu fih innifsu, u jħabbarlu x'inhi l-vokazzjoni tassew għolja tiegħu"[34], għandna naraw li bl-ebda mod ma nkunu nistgħu neħilsu minn żewġ impenji tassew kbar, tul din it-tielet sena ta' tħejjija: **l-impenn kontra s-sekulariżmu u d-djalogu mar-reliġjonijiet kbar tad-dinja.**

Dwar is-sekulariżmu rridu naraw sewwa x'inhi l-**kriżi kbira taċ-ċiviltà,** kif qed turi ruħha l-aktar fil-Punent, li mar 'il quddiem ħafna fit-teknoloġija, iżda ftaqar sewwa fih innifsu, għax nesa lil Alla jew warrbu fil-ġenb. Irridu nwieġbu għall-**kriżi taċ-ċiviltà** biċ-**ċiviltà ta' l-imħabba,** li tinbena fuq il-valuri universali tal-paċi, tas-solidarjetà, tal-ġustizzja u tal-libertà, li laħqu s-sħuħija kollha tagħhom fi Kristu.

53. Lejlet is-sena 2000 se tkun okkażjoni li ma bħalha għall-qasam tal-kuxjenza reliġjuża, ukoll fid-dawl ta' dak li ġara f'dawn l-aħħar għaxriet ta' snin fid-**djalogu bejn ir-reliġjonijiet**, skond id-direttivi ċari li ngħataw mill-Konċilju Vatikan II fid-Dikjarazzjoni *Nostra aetate*, dwar ir-relazzjonijiet tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux insara.

F'dan id-djalogu għandu jkollhom post quddiem l-Lhud u l-Misilmin. Jalla jiltaqgħu **flimkien** f'xi post importanti ħafna għall-membri ta' dawn ir-reliġjonijiet li jqimu Alla wieħed, biex iseħħu dawn l-intenzjonijiet tajba tagħna. Għal dan il-għan irridu naraw kif jistgħu jitħejjew laqgħat storiċi f'Betlehem, f'Ġerusalemm, fis-Sinaj, postijiet li għandhom valur simboliku kbir ħafna, biex jikber id-djalogu mal-Lhud u mal-Misilmin u kif jistgħu jitħejjew laqgħat fi bliet oħra mar-

rappreżentanti tar-reliġjonijiet kbar tad-dinja. Iżda dejjem irridu noqogħdu attenti li ma noħolqux xi malintiżi perikolużi, u ngħassu sewwa ruħna mill-periklu ta' sinkretiżmu u ta' ireniżmu ħafif u qarrieq.

54. F'dan il-qasam wiesgħa ta' mpenji, **l-Imqaddsa Verġni Marija,** il-bint għażiż tal-Missier, tidher quddiem dawk kollha li jemmnu bħala eżempju perfett ta' mħabba, kemm għal Alla u kemm għall-proxxmu. Kif hi stess tgħid fil-kantiku tagħha, il-*Magnificat,* is-Setgħani għamel magħha ħwejjeġ kbar: qaddis hu l-isem tiegħu (ara Lq 1, 49). Il-Missier għażel lil Marija għal **missjoni waħdanija** fil-ġrajja tas-salvazzjoni, għall-missjoni li tkun Omm il-Feddej mistenni. Il-Verġni Marija wieġbet għas-sejħa ta' Alla billi qalet li kienet lesta għal kollox: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jkun minni skond kelmtek" (Lq 1, 38). Il-maternità tagħha, li kellha l-bidu f'Nazaret, u laħqet il-qofol tagħha f'Ġerusalemm ħdejn is-salib, f'din is-sena trid tinħass bħala stedina ħerqana, kollha mħabba, magħmula lil ulied kollha ta' Alla, biex jerġgħu lura lejn dar il-Missier, huma u jagħtu widen għal dak li tgħidilhom: "Kull ma jgħidilkom Kristu, agħmluh" (ara Ġw 2, 5).

ċ) **Lejn iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew**

55. Kapitlu għalih hi ċ-**ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir**, li se jsir fl-istess waqt fl-Art Imqaddsa, f'Ruma u fil-Knejjes lokali tad-dinja kollha. F'din il-fażi, **il-fażi taċ-ċelebrazzjoni** tal-Ġublew, l-għan ikun il-**glorifikazzjoni tat-Trinità qaddisa**, li minnha kollox ġej, li lejha kollox miexi, fid-dinja u fl-istorja. Lejn dan il-misteru qed iħarsu t-tliet snin tat-tħejjija fil-qrib, minn Kristu u bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, għal għand Missier. F'din is-sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew twettaq u fl-istess waqt tħabbar minn qabel l-għan u t-tmiem tal-ħajja tan-nisrani u tal-Knisja f'Alla wieħed fi Tliet Persuni.

Iżda għax Kristu hu t-triq waħdanija li twassal għand il-Missier biex nuru l-importanza tal-preżenza ħajja tiegħu għas-salvazzjoni tagħna fil-Knisja u fid-dinja, f'Ruma se jiġi ċelebrat, fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir, il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Is-sena 2000 se tkun kollha kemm hi ewkaristika: fis-**sagrament ta' l-Ewkaristija** il-Feddej li sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija elfejn sena ilu, ikompli joffri lilu nnifsu lill-ġens kollu tal-bnedmin bħala għajn ta' ħajja divina.

Id-dimensjoni ekumenika u universali tal-Ġublew tista' turi ruħha f'mument f'waqtu permezz **ta' laqgħa ta' l-insara kollha**, li jkun ikollha tifsir li ma bħalu. Ikun att ta' siwi kbir u għalhekk, biex jiġi evitat kull ekwivoku, irid jiġi suġġerit b'mod korrett u mħejji bil-għaqal kollu, f'qagħda ta' kollaborazzjoni bejn l-aħwa, ma' l-insara kollha tal-Knejjes u tat-tradizzjonijiet insara l-oħra, u bi ftuħ tassew wiesgħa għal dawk ir-reliġjonijiet li jkunu jridu juru l-attenzjoni tagħhom għall-ferħ flimkien tad-dixxipli kollha ta' Kristu.

Ħaġa waħda hi żgura: kulħadd hu mistieden jagħmel dak li jista' biex ma tiġix traskurata l-isfida kbira tas-sena 2000, li magħha hemm żgur marbuta grazzja speċjali tal-Mulej għall-Knisja u għall-ġens kollu tal-bnedmin.

# V

## "ĠESÙ KRISTU HU ... GĦAL DEJJEM"

56. Il-Knisja ilha teżisti 2000 sena. Bħaż-*żerriegħa tal-mustarda* ta' l-Evanġelju kibret u saret siġra kbira li bil-friegħi tagħha tgħatti l-ġens kollu tal-bnedmin (ara Mt 13, 31-32). Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja, huwa u jqis il-problema dwar **liema huma l-membri tal-Knisja u li jagħmlu sehem mill-Poplu ta' Alla**, jgħid: "Il bnedmin kollha huma msejħin għal din l-għaqda kattolika tal-Poplu ta' Alla ... li, b'mod jew ieħor, huma mseħbin jew għandhom relazzjoni magħha, sew jekk insara kattolċi u sew jekk huma nsara oħra li jemmnu fi Kristu, u sew jekk fl-aħħarnett huma il-bnedmin kollha, lkoll msejħin għas-salvazzjoni mill-grajja ta' Alla"[35]. Pawlu VI, min-naħa tiegħu fl-enċiklika **Ecclesiam suam** fisser kif il-bnedmin kollha huma mdaħħlin fil-pjan ta' Alla u tkellem dwar il-**ħafna gradi tad-djalogu għas-salvazzjoni**[36].

Fid-dawl ta' dan il-ħsieb, nistgħu nifhmu aħjar l-parabbola tal-ħmira (ara Mt 13,33). Kristu, bħala ħmira divina, jidħol dejjem aktar fil-fond tal-ħajja tal-ġens kollu tal-bnedmin, kif inhi f'dan il-waqt, u jxerred l-opra tal-fidwa li hu temm fil-Misteru ta' l-Għid. Huwa jħaddan ukoll, bis-setgħa tiegħu ta' salvazzjoni, **l-imgħoddi kollu** tal-ġens tal-bnedmin, ibda mill-ewwel Adam[37]. Tiegħu hu wkoll il-**ġejjieni,** "Ġesù Kristu hu dak li kien, issa, fl-imgħoddi u għal dejjem" (Lh 13,8). Il-Knisja, min-naħa tagħha, tfittex dan biss: tkompli, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu Paraklitu, il-ħidma stess ta' Kristu, li ġie fid-dinja biex jagħti xhieda għall-verità, biex isalva u mhux biex jagħmel ħaqq, biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi"[38].

57. Għalhekk, sa minn żmien l-Appostli, ma tieqaf qatt **il-missjoni tal-Knisja** fi ħdan il-familja kollha tal-bnedmin. L-ewwel evanġelizzazzjoni seħħet l-aktar fl-artijiet tal-Mediterran. Tul l-ewwel elf sena il-missjonijiet, li telqu minn Ruma u minn Kostantinopli, wasslu l-kristjaneżmu **fil-kontinent kollu ta' l-Ewropa.** Fl-istess żmien il-missjonijiet marru lejn il-qalba ta' l-*Asja*, sa l-Indja u ċ-Ċina. Tmiem is-seklu ħmistax, flimkien mas-sejba ta' l-Amerika, ta bidu għall-evanġelizzazzjoni ta' dak il-kontinent kbir, f'nofsinhar u fit-tramuntana. Fl-istess żmien, waqt li l-ixtut 'l isfel mis-Sahara ta' l-Afrika laqgħu d-dawl ta' Kristu, San Franġisk Saverju, patrun tal-missjonijiet, wasal fil-Ġappun. Bejn is-sekli

tmintax u dsatax, lajk, Andrija Kim, wassal il-kristjaneżmu fil-Korea; fl-istess żmien it-tħabbira ta' l-Evanġelju waslet fl-Indoċina u fl-**Awstralja, u fil-gżejjer tal-Paċifiku** ukoll.

Is-seklu dsatax ra ħidma kbir missjunarja **fost il-popli ta' l-Afrika**. Din il-ħidma kollha tat frott li għadna nrawħ illum ukoll. Il-Konċilju Vatikan II jitkellem fid-Digriet **Ad gentes** dwar din il-ħidma missjunarja. Wara l-Konċilju l-ħidma missjunarja ġiet studjata fl-Enċiklika *Redemptoris missio*, li hi dwar il-problemi tal-missjonijiet f'dawn l-aħħar snin tas-seklu tagħna. Il-Knisja fil-ġejjieni wkoll tibqa' Knisja missjunarja, għax il-karattru missjunarju hu parti min-natura stess tal-Knisja. Bil-waqgħa tas-sistemi kbar kuntrarji għall-kristjaneżmu fl-Ewropa, l-ewwel n-nażismu u mbagħad il-komuniżmu, tfaċċa dmir ġdid li jrid isir minnufih, jiġifieri d-dmir li jitwassal mill-ġdid lill-irġiel u li n-nisa ta' l-Ewropa il-messaġġ ħelliesi ta' l-Evanġelju[39]. Barra dan, kif tgħid l-Enċiklika **Redemptoris missio**, qed tiġi mtennija fid-dinja l-qagħda ta' l-arjopagu ta' Ateni, fejn tkellem San Pawl[40]. Illum huma ħafna l-"arjopagi" u huma ta' kull sura: l-oqsma kbar taċ-ċiviltà u tal-kultura, tal-politika u ta' l-ekonomija ta' llum. **Aktar ma l-Punent jinqata' mill-għeruq insara tiegħu, aktar isir art tal-missjoni,** b'ħafna "arjopagi" ta' kull sura.

58. Il-ġejjieni tad-dinja u tal-Knisja hu tal-**ġenerazzjonijiet żgħażagħ** li twieldu f'dan is-seklu, u jaslu għall-kobor sħiħ tagħhom fis-seklu li ġej, l-ewwel tat-tielet elf sena. **Kristu qed jistenna liż-żgħażagħ** kif stenna liż-żagħżugħ li staqsih: "X'għandi nagħmel biex ikolli l-ħajja ta' dejjem?" (Mt 19,16). Semmejt it-tweġiba li Kristu ta lil dan iż-żagħżugħ fl-enċiklika ta' dan l-aħħar *Veritatis splendor*, kif semmejtha wkoll qabel fl-***Ittra* liż-żgħażagħ tad-dinja kollha** fl-1985. Iż-żgħażagħ, f'kull qagħda, kullimkien fid-dinja, ma jieqfu qatt jistaqsu 'l Kristu: **jiltaqgħu miegħu u jfittxuh biex ikomplu jistaqsuh**. Jekk jagħarfu jimxu mit-triq li jurihom, ikollhom il-hena li qed jagħtu sehemhom biex Kristu jkun preżenti fis-seklu li ġej u fis-sekli l-oħra li jiġu wara, sa l-aħħar taż-żminijiet: Ġesù "hu dak li kien, issa u għal dejjem".

59. Fl-aħħarnett jerġa' jkun f'waqtu l-kliem tal-Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et spes*: "Il-Knisja temmen fi Kristu, li miet u rxoxta għal kulħadd, li l-Ispirtu s-Santu, jagħti dawl u qawwa lill-bniedem ħa jkun jista' jwieġeb għall-ogħla vokazzjoni tiegħu: ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih jistgħu jkunu salvi. Temmen ukoll li **ssib fis-Sid u l-Imgħallem tagħha l-muftieħ, il-qofol u l-għan aħħari ta' l-istorja kollha tal-bniedem.** Barra dan il-Knisja tgħid li taħt it-tibdil kollu li qed isir hemm **ħafna affarijiet li ma jinbidlu qatt u li għandhom is-sisien tagħhom fi Kristu,** li hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem. Hekk fid-dawl ta' Kristu, xbieħa ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha, il-Konċilju irid iwassal il-kelma tiegħu lil kulħadd biex jurihom il-misteru tal-bniedem u biex jaħdem magħhom ħalli tinsab soluzzjoni għall-problemi ewlenin ta' żmienna"[41].

Waqt li nistieden lill-insara kollha biex jitolbu lill-Mulej ħa jagħti d-dawl u l-għajnuna meħtieġa fit-tħejjija u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew li issa hu hekk fil-qrib, inħeġġeġ lil ħuti fl-Episkopat, u l-Komunitajiet ekklesjali kollha fdati lilhom, biex jiftħu qalbhom għal dak li jnebbaħ l-Ispirtu. Ma jonqos qatt li jqanqal il-qlub biex iħejju ruħhom għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir b'fidi mġedda u tisħib mill-qalb.

Nafda dan l-impenn tal-Knisja kollha għall-interċessjoni ta' Marija, Omm il-Feddej Hi, Omm l-imħabba sabiħa, tkun għall-insara mexjin lejn il-Ġublew tat-tielet elf sena bħala kewkba li turi t-triq li twassal żgur għal-laqgħa mal-Mulej. Ix-xebba umli ta' Nazaret, li elfejn sena ilu tat lid-dinja l-Verb magħmul bniedem, jalla tmexxi l-ġens kollu tal-bnedmin ta' l-elf sena l-ġdida lejn Dak li hu "id-dawl veru li jdawwal kull bniedem" (Ġw 1,9).

B'dawn il-ħsibijiet nagħti lil kulħadd il-barka tiegħi.

Mill-Vatikan, fl-10 ta' Novembru tas-sena 1994, is-sbatax-il sena tal-pontifikat.

**IOANNES PAULUS PP II.**

NOTI:

1. Ara San Bernard, *In laudibus Virginis Mariae, Homilia IV,* 8.
2. Kost. past. dwar il-Knisja fid-dinja ta' llum *Gaudium et spes,* 22.
3. *Ibid*
4. Ara *Ant. Iud.* 20, 200 u l-pass magħruf u diskuss ħafna ta' 18, 63-64.
5. *Annales,* 15, 44,3.
6. *Vita Claudii,* 25, 4.
7. *Epist,* 10, 96.
8. ara *Dei Verbum,* 15.
9. Enċikl. *Redemptor hominis* (4 ta' Marzu 1979). 1.
10. Ara Enċikl. *Dominum et Vivificantem* (15 ta' Marzu 1986), 49s.
11. Ara Ittra apost. *Euntes in mundum* (12 ta' Jannar 1988).
12. Ara Enċikl. *Centesimus annus* (1 ta' Mejju 1991), 12.
13. Ara Kost. past. *Gaudium et spes,* 47-52.
14. Kost. domm. *Lumen gentium,.* 1
15. Ezort. app. *Reconciliatio et Paenitentia* (2 Diċembru 1984).
16. *Lumen gentium,* 8.
17. Digriet *Unitatis redintegratio,* 3.
18. *Ibid,* 1.
19. Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae,* 1.
20. Kost. past. *Gaudium et spes,* 19.
21. Tertulljan, Apol. 50, 13.
22. Ara AAS 56 (1964), 906.
23. Ara Dikjarazzjoni *Nostra aetate,* 2.
24. Ara *Dei Verbum,* 25.
26. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1271.
27. Ara Kost. apost. *Fidei depositum* (11 ta' Ottubru 1992).

28. Kost. domm. *Lumen gentium,* 62.
29. *Ibid.* 65.
30. Enċikl. *Dominum et vivificantem,* 50.
31. *Ibid.* 51.
32. Kost. domm. *Lumen gentium* 7.
33. Ara Kost. domm. *Lumen gentium,* 37.
34. Kost. past. *Gaudium et spes,* 22.
35. Ara Kost. domm. *Lumen gentium,* 13.
36. Enċikl. *Ecclesiam suam* (16 ta' Awissu 1964).
37. *Ibid.* 2.
38. Kost. past. *Gaudium et spes,* 3.
39. Ara Dikjarazzjoni tas-Sinodu speċjali ta' l-Isqfijiet 3.
40. Ara enċikl. *Redmptoris missio* (17 ta' Diċembru 1990), 37.
41. Ara Kost. past. *Gaudium et spes,* 10.

# Messaġġ tal-Papa għal Jum l-Emigrant 1994

Għeżież ħuti,

## L-emigrazzjoni u l-mara

1. Is-Sena Internazzjonali tal-Mara, imniedha mill-Għaqda tal-Ġnus Magħquda għas-sena 1995 – inizjattiva li magħha l-Knisja taqbel bil-qalb kollha – twassalni biex, bħala suġġett tal-Messaġġ tiegħi għal Jum l-Emigrant li jmiss, nagħżel il-mara u l-post li għandha fl-emigrazzjoni. Is-sehem dejjem akbar li l-mara qed tikseb fid-dinja tax-xogħol, wassal biex din dejjem aktar tintlaqat mill-problemi ta' l-emigrazzjoni. Dan il-fatt ivarja minn pajjiż għall-ieħor, iżda l-għadd dejjem aktar jikber tan-nisa li jemigraw wasal biex ikun daqs dak ta' l-irġiel li jemigraw.

Dan il-fatt iwassal għal riflessjonijiet ta' importanza kbira dwar id-dinja tal-mara. Irridu l-ewwelnett naħsbu fuq il-qsim il-qalb li ma bħalu li jġarrbu dawk in-nisa li jħallu l-familja tagħhom f'pajjiżhom. Spiss dan ikun ġej minn liġijiet li jtawwlu ż-żmien li fih il-familja tista' tingħaqad kollha kemm hi flimkien. Iżda dan jiġri wkoll minħabba liġijiet li jċaħdu l-familja mid-dritt li tingħaqad flimkien.

Wieħed, iva, jasal biex jifhem li ż-żmien li fih il-familja tingħaqad kollha flimkien jitwal xi ftit, biex il-familja kollha aktar tard tkun f'qagħda aħjar; iżda ma jista' jkun qatt li wieħed jaċċetta l-qagħda ta' min jiċħad lill-familja d-dritt li tingħaqad flimkien, bħallikieku dan hu xi ħaġa bla ebda bażi ġuridika. Dwar dan, il-Konċilju Vatikan II hu ċar ħafna fit-tagħlim tiegħu: "Fl-ippjanar ta' l-emigrazzjoni għandu jkun żgurat għal kollox li l-membri kolha tal-familja jgħixu flimkien" (*Apostolicam actuositatem*, n. 11).

Kif jista' wieħed ma jiftakarx li fl-emigrazzjoni il-piż tal-familja spiss jaqa' kollu kemm hu fuq il-mara. Is-soċjetajiet li l-aktar li mxew 'il quddiem fil-progress, u għalhekk l-aktar li jiġbdu lejhom il-folol ta' l-emigranti, ġa qed joħolqu għan-nies ta' pajjiżhom stess ambjent fejn kemm ir-raġel u kemm il-mara miżżewġin, it-tnejn ikollhom joħorġu jaħdmu. Din ix-xorti tmiss ukoll, u wisq aktar, l-emigranti li jkollhom joqogħdu għal ritmu ta' xogħol li jifni l-bniedem, jew bix jipprovdu l-ħobża ta' kuljum għall-familja tagħhom, jew biex jilħqu l-għan li għalih ħallew art tweldihom. Qagħda bħal din tagħfas l-aktar fuq il-mara, li jkollha tagħmel xogħol doppju, xogħol li mbagħad ikun aktar impenjattiv meta għad hemm tfal li trid trabbi.

## It-tfaljiet emigranti

2. Għandu jkun hemm ħerqa pastorali speċjali għan-nisa mhux miżżewġin li jemigraw: dawn huma wisq aktar numerużi min-nisa miżżewġin li jemigraw. Il-qagħda tagħhom titlob lil min hu responsabbli mhux biss juri solidarjetà, mhux

biss jara li jiġu milqugħin kif jixraq, imma wkoll jara li jkunu mħarsa minn kull sura ta' abbuż jew sfruttament.

Il-Knisja tagħraf li kulħadd għandu d-dritt li jħalli pajjiżu, tkun xi tkun ir-raġuni,... biex ifittex qagħdiet aħjar f'xi pajjiż ieħor (*Laborem exercens*, n.23). Iżda l-Knisja waqt li ttenni li n-nazzjonijiet l-aktar għonja huma fid-dmir li jilqgħu, sa fejn jistgħu, l-barrani li qed ifittex sigurtà u l-meħtieġ għall-ħajja ta' kuljum, li ma jistax isib f'pajjiżu (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* n. 2241), ma tiċħadx lill-awtoritajiet tal-pajjiż mid-dritt li jikkontrollaw u jillimitaw l-għadd ta' l-emigranti, minħabba raġunijiet veri u serji tal-ġid komuni, raġunijiet li huma wkoll favur l-interessi ta' l-istess emigranti.

L-awtoritajiet pubbliċi m'għandhom qatt jinsew il-ħafna raġunijiet serji li jġagħlu tant nies iħallu art tweldihom. Ir-raġuni li ħafna jħallu pajjiżhom ma tkunx biss il-ħtieġa ta' opportunitajiet aħjar għall-ħajja; spiss dawn ikunu mġagħlin iħallu pajjiżhom biex jeħilsu minn ġlied kulturali, soċjali u reliġjuż, minn mijiet ta' snin ta' sfruttament tradizjonali, minn liġijiet inġusti u diskriminazzjoni – biex insemmi xi eżempji.

## L-emigrazzjoni illegali u klandestina

3. Hu magħruf sewwa wkoll li, flimkien ma' l-emigrazzjoni regolari, hemm imsieħba, qisha dell tagħha, l-emigrazzjoni irregolari. Din illum qed tiżdied sewwa, u l-aspetti negattivi tagħha jidhru l-aktar fejn tidħol il-mara. Fi ħdan din l-emigrazzjoni spiss jinħbew elementi ta' deġenerazzjoni, bħalma huma l-kummerċ tad-droga u l-prostituzzjoni.

Dwar dan, jeħtieġ li jkun hemm sorveljanza xierqa wkoll fil-pajjiż minn fejn jiġu l-emigranti. Hemm organizzazzjonijiet li mhux ta' min jafdahom, li jipprofittaw mill-fatt li, għal xi raġuni jew oħra, qed jiġu mnaqsa l-permessi għall-emigrazzjoni legali, u iħajru tfajliet iħallu pajjiżhom bil-moħbi, klandestinament, billi jwegħduhom suċċessi kbar barra minn pajjiżhom. Dan jagħmluh mhux qabel ma jkunu ħadulhom kull ma jkunu ġemmgħu b'tant sagrifiċċju. Kulħadd jaf x'inhi x-xorti tal-kotra l-kbira ta' dawn l-imsejknin: malli jaslu fil-fruntiera, jibagħtuhom lura, u dawn imbagħad, mingħajr qatt ma kienu jridu, isibu ruħhom miġbudin lejn id-diżunur tal-prostituzzjoni.

Jeħtieġ ikun hemm ħidma flimkien tal-gvernijiet kollha milqutin minn dan il-fenomenu, biex jinqabdu r-responsabbli ta' dawn l-offiżi kontra d-dinjità tal-bniedem.

## Bdil meħtieġ fil-politika ta' l-emigrazzjoni

4. L-għadd kbir ta' nisa li llum qed jemigraw jitlob li jkun hemm bdil fil-mod kif titħaddem il-politika ta' l-emigrazzjoni, biex in-nisa wkoll, kemm jista' jkun malajr, ikollhom l-istess trattament bħall-irġiel, kemm fil-pagi u kemm fil-kondizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà. B'dan il-mod jitwarrab il-periklu tad-

diskriminazzjoni ma' l-emigranti, diskriminazzjoni li bħala regola ssir l-aktar mal-mara. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm mezzi biex jgħinu u jħaffu l-formazzjoni kulturali u professjonali tal-mara ħalli ssib postha fis-soċjetà, tgawdi mill-benefiċċji ta' l-assitenza soċjali, u hekk ikollha d-dar tagħha, uliedha edukazzjoni xierqa fl-iskejjel u tgawdi minn eżenzjonijiet fiskali xierqa.

## Stedina lill-komunitajiet insara

5. Nagħmel issa appell lill-komunitajiet insara li fosthom qed jaslu l-emigranti, biex jilqgħuhom bil-qalb, bħal aħwa. Meta dan, ikunu qed juru bil-fatti, qabel stess milli bil-kliem, li l-familji ta' l-emigranti, ikunu fejn ikunu, għandhom dejjem pajjiżhom il-Knisja. Dan hu d-dmir porprju tal-Knisja, għax hi sinjal ta' għaqda fost diversitajiet bla għadd (*Familiaris consortio*, n.77).

B'mod speċjali, ix-xewqat tajba tiegħi, kollha mħabba, huma għalikom, intom in-nisa li qed tħabbtu wiċċkom, bil-kuraġġ kollu, mal-qagħda ta' emigranti.

Naħseb fikom, ommijiet għeżież, li kuljum tiltaqgħu ma' tant diffikultajiet, imqawwijin mill-imħabba għall-għeżież tagħkom. Naħseb fikom tfajliet, fil-mixi tagħkom lejn pajjiż ġdid, imxennqin li ttejbu l-qagħda tagħkom u dik tal-familja tagħkom, biex jintrefgħu mill-miżerji tagħhom. Tqawwikom it-tama li tkunu tistgħu tgħixu fejn hemm aktar riżorsi materjali, spiritwali u kulturali, li jgħinukom tħaddmu l-għażliet tagħom tal-ħajja, b'mod aktar ħieles u responsabbli.

L-awgurju tiegħi u t-talb tiegħu hu li, intom u taqdu d-dmir iebes u delikat tagħkom, tilħqu l-għaniet li għandkom quddiemkom. Il-Knisja hi maġenbkom biex tieħu ħsiebkom u tgħinkom fil-ħtiġijiet kollha tagħkom.

Naħseb fikom, nisa nsara, li fl-emigrazzjoni tistgħu taqdu sewwa l-kawża ta' l-evanġelizzazzjoni. B'kuraġġ u fiduċja għamlu kull ma jissuġġerulkom l-imħabba u r-responsabbiltà biex tagħrfu dejjem aktar x'inhi l-vokazzjoni tagħkom ta' miżżewġin u ommijiet.

Meta jiġi fdat lilkom id-dmir li tieħdu ħsieb it-tfal tal-familji li qed taqdu, bla ma tisfurzaw lil ħadd u bi qbil sħiħ mal-ġenituri, titilfux l-okkażjoni kbira li qed ikollkom biex tagħtu formazzjoni reliġjuża lil dawn it-tfal. Is-saċerdozju komuni tal-fidili, li għandu l-għerq tiegħu fil-Magħmudija, jidher fikom permezz tal-kwalitajiet speċjali taghkom bħala nisa, kwalitajiet bħalma hi l-ħila li taqdu l-ħajja b'impenn mill-aqwa, bla ebda kondizzjoni, u fuq kollox, bl-imħabba.

## Il-Kelma ta' l-Iskrittura

6. Il-ġrajja tas-salvazzjoni turina kif il-Providenza ta' Alla dejjem ħadmet fi hdan relazzjonijiet misterjużi bejn popli, reliġjonijiet, kulturi u razez diversi, relazzjonijiet dejjem sejrin u li ħadd qatt ma jasal biex jaħseb sa fejn se jaslu. Fost il-ħafna eżempji ta' dawn ir-relazzjonijiet li nsibu fl-Iskrittura, nixtieq insemmi wieħed b'mod partikulari, dak li f'nofsu hemm figura ta' mara: hi l-istorja ta' Rut, il-Mogħabija, mart Lhudi emigrat fl-art ta' Mogħab minħabba l-

ġuħ li kien jaħkem fl-art ta' Israel. Meta Rut romlot iddeċidiet li tmur tgħammar f'Betlehem, il-belt li minnha kien ġie żewġha. Lill-omm żewġha, li ħeġġitha tibqa' ma' ommha fl-art ta' Mogħab wieġbet:

"Iġġagħlnix nitilqek u nerġa' lura minnek; fejn toqgħod int, noqgħod jien; niesek, niesi, Alla tiegħek, Alla tiegħi; fejn tmut int, immut jien u hemm nindifen" (Rut 1, 16-17).

U hekk Rut tmur Betlehem ma' Nogħemi, u hemm issib lil Bogħoż u ssir martu, u minn nisel tagħhom twieled David, imbagħad Ġesù.

Fid-dawl ta' dan, jikseb tifsir jgħodd ħafna għaż-żmien ta' llum kliem il-Mulej b'fomm Ġeremija lill-poplu tiegħu eżiljat f'Babel: "Ibnu djar u għammru fihom; ħawwlu ġonna u ieklu frotthom; iżżewġu nisa u nisslu subien u bniet; agħżlu nisa għal uliedkom, irġiel għal bniet tagħkom, biex jildu subien u bniet. Oktru u tonqsux fil-għadd. Fittxu l-ġid tal-pajjiż fejn itturufnajtkom fih u itolbu l-Mulej għalih għax il-ġid tiegħu jkun il-ġid tagħkom" (Ġer 29, 5-7). Din hi stedina għal dawk kollha li huma mxennqin għall-art twelidhom, li magħha torbothom it-tifkira ta' nies u ġrajjiet familjari.

## Taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija

Marija, għax kienet temmen li se jseħħu l-wegħdiet kollha ta' Alla, għexet ħsiebha dejjem biex tara kif kienet qed isseħħ il-Kelma ta' Alla fil-ġrajjiet li kienu jsiru madwarha: ħa tissieħeb magħkom u ddawlilkom il-mixi tagħkom bħala nisa, ommijiet u miżżewġin emigranti.

Hi, li fil-mixja tagħha tal-fidi, ġarrbet ukoll l-eżilju, issaħħaħ fikom ix-xewqa għal kull ma hu tajjeb, twettaq fikom it-tama u tqawwi l-imħabba tagħkom. Waqt li nafda f'idejn l-Omm ta' Alla, il-Madonna tat-Triq, l-impenji u t-tamiet kollha tagħkom, imberikkom minn qalbi u mbierek il-familji tagħkom u lil dawk kollha li qed jaħdmu biex tiġu milqugħin bir-rispett kollu bħala aħwa.

Mill-Vatikan, illum 10 ta' Awissu 1994, fis-sittax-il sena tal-Pontifikat.

**IOANNES PAULUS PP. II**

# Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Paċi 1995

## IN-NISA GĦALLIEMA TAL-PAĊI

1. Fil-bidu tas-sena 1995 ħarsti tmur lejn il-bidu ta' elf sena ġdida li ma ddumx ma tkun magħna, u mill-ġdid nagħmel appell ħerqan għall-paċi fid-dinja lilkom l-irġiel u nisa ta' rieda tajba.

Ma jistax ikun li nkomplu naċċettaw il-vjolenza li tant individwi u popli qed ikomplu jġarrbu, il-gwerer li għadhom sa llum iġibu tant tixrid ta' demm f'ħafna partijiet tad-dinja u l-inġustizzji li qed itaqqlu l-ħajja f'tant kontinenti.

Wasal iż-żmien li ngħaddu mill-kliem għall-fatti: jalla l-individwi u l-familji, il-Knejjes u n-nies li jemmnu, l-Istati u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali jintebħu li huma lkoll imsejħin biex iġeddu l-impenn tagħhom ħa jaħdmu għall-paċi.

Kulħadd jaf kemm din hi ħaġa iebsa. Il-ħidma għall-paċi biex tilħaq l-għan tagħha u biex dan jibqa' jseħħ għal żmien twil, ma tistax biss tkun il-ksib ta' kundizzjonijiet esterni biex in-nies jgħixu flimkien fis-sliem: din il-ħidma trid tasal biex tqanqal qlub il-bnedmin u ssejħilhom biex jagħrfu mill-ġdid x'inhi d-dinjità tal-bniedem. Irid jiġi mtenni bil-qawwa kollha li jkun hemm vera paċi biss jekk id-dinjità tal-persuna umana tiġi 'l quddiem f'kull qasam u livell tas-soċjetà, u kull individwu u kull bniedem ikun jista' jgħix skond id-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu. Kull soċjetà tal-bnedmin jekk trid tkun immexxija tajjeb u tagħti frott irid ikollha bħala pedament tagħha dan il-prinċipju jiġifieri **kull bniedem huwa persuna**, u dan ifisser li l-bniedem min-natura tiegħu stess hu mżejjen b'intelliġenza u hu ħieles. U proprju għax hu persuna l-bniedem għandu drittijiet u dmirijiet li ħerġin direttament u immedjatament mill-istess natura tiegħu. Dawn id-drittijiet huma universali, ma jistgħux jiġu minsusa minn ħadd, u ħadd ma jista' jiġi mċaħħad minnhom![1]

Il-verità dwar il-bniedem hi l-mezz biex jinħallu l-problemi kollha li hemm ħalli l-paċi tiġi 'l quddiem. It-tagħlim ta' din il-verità huwa l-aqwa mezz, u mezz li l-aktar jagħti frott li jibqa' għax-xandir tal-valur u tas-siwi tal-paċi.

### In-nisa u t-tagħlim tal-paċi

2. Tgħallem it-triqat tal-paċi jfisser tiftaħ il-fehmiet u l-qlub tan-nies biex iħaddnu dawk il-valuri li l-Papa Ġwanni XXIII semma' fl-Enċiklika *Pacem in Terris,* bħala valuri essenzjali għal soċjetà fis-sliem: verità, ġustizzja, imħabba u libertà.[2]

Dan hu programm edukattiv li jħaddan l-aspetti kollha tal-ħajja u jdum kemm iddum il-ħajja. Tħarreġ lill-individwi biex ikunu responsabbli tagħhom infushom u ta' l-oħrajn, tagħmilhom kapaċi jġibu 'l quddiem, bil-kuraġġ u l-għerf kollu, il-ġid tal-persuna kollha kemm hi u tal-popli kollha, kif qal bil-qawwa kollha l-Papa Pawlu VI fl-Enċiklika *Populorum progressio.*[3] Din l-edukazzjoni għall-paċi

tirnexxi daqskemm timpenja l-kooperazzjoni ta' dawk li, b'mod jew ieħor, huma responsabbli ta' l-edukazzjoni u tal-ħajja tas-soċjetà. Iż-żmien mogħti għall-edukazzjoni hu żmien użat tajjeb ħafna, għaliex ifassal il-ġejjieni tal-persuna u għalhekk il-ġejjieni wkoll tal-familja u tas-soċjetà kollha kemm hi.

Fid-dawl ta' dan, irrid nindirizza dan il-messaġġ tiegħi għal Jum il-Paċi ta' din is-sena, b'mod speċjali lin-nisa, u nistedinhom biex ikunu **għalliema tal-paċi bil-personalità kollha tagħhom u bil-ħidma kollha tagħhom.** Jalla jkunu xhieda, ħabbara u għalliema tal-paċi fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u bejn ġenerazzjoni u oħra, fil-familja, fil-ħajja kulturali, soċjali u politika tan-nazzjonijiet u, b'mod partikulari, f'qagħdiet ta' ġlied u gwerer. Jalla jkomplu mexjin mit-triq li twassal għall-paċi, triq li minnha mxew qabilhom ħafna nisa qalbiena li kienu jħarsu 'l bogħod.

**F'xirka ta' mħabba**

3. L-istedina, magħmulha b'mod partikulari lin-nisa, hi mibnija fuq il-fatt li Alla lilhom jafdalhom il-bniedem b'mod speċjali[4]. Dan m'għandniex nifhmuh b'mod esklussiv, iżda għandna nifhmuh skond il-loġika tal-komplementarjetà li tinsab fis-sejħa li għandu kulħadd għall-imħabba, sejħa li tistieden lill-irġiel u lin-nisa kollha, ħa jiksbu l-paċi flimkien u jaħdmu flimkien ħa jibnuha. Dan għax fl-ewwel paġni tal-Bibbja nsibu mfisser b'mod tassew ta' l-għaġeb il-pjan ta' Alla, li ried li jkun hemm xirka mill-aqwa u mill-aktar għolja bejn ir-raġel u l-mara, b'għarfien sħiħ ta' xulxin u bl-għoti sħiħ ta' xulxin lil xulxin[5]. Fil-mara, ir-raġel isib sieħba li magħha jista' jżomm djalogu, f'qagħda ta' egwaljanza sħiħa bejniethom. Din ix-xewqa għad-djalogu, li ma kinitx tista' sseħħ ma' ebda kreatura oħra ħajja, tagħti tifsir sħiħ lill-għajta kollha għaġeb li ħarġet minn fomm ir-raġel meta l-mara, skond is-simboliżmu tal-Bibbja, inħolqot minn waħda mill-kustilji tiegħu:: "Din hi għadma minn għadmi, laħam minn laħmi" (Ġen 2, 25). Din kienet l-ewwel għajta ta' mħabba li dwiet mad-dinja kollha!

Għalkemm ir-raġel u l-mara huma maħluqin għal xulxin, dan ma jfissirx li Alla ma ħalaqhomx sħaħ fihom infushom. Alla ħalaqhom "biex ikunu xirka ta' persuni li fiha waħda tkun ta' għajnuna għall-oħra, għax huma fl-istess ħin indaqs bħala persuni ("għadma minn għadmi...") u komplementarji ta' xulxin bħala raġel u mara[6]. Iż-żewġ karatteristiċi tal-koppja, tar-raġel u l-mara, huma li jingħataw lil xulxin u jkunu komplimentarji għal xulxin.

4. Jaħasra, il-ġrajja twila tad-dnub ħarbtet, u għadha tħarbat, il-pjan oriġinali ta' Alla għall-koppja, għar-raġel u l-mara, u hekk tfixkel is-sħuħija kollha tal-pjan.

Irridu nergħu lura lejn dan il-pjan u nxandruh bil-qawwa kollha biex in-nisa, b'mod partikulari – huma li batew l-aktar għax il-pjan ta' Alla ma seħħx fis-sħuħija kollha tiegħu –, ikunu jistgħu fl-aħħar juru, fil-milja kollha tagħha, il-femminilità tagħhom u d-dinjità tagħhom.

Fi żminijietna, in-nisa mxew ħafna 'l quddiem f'din it-triq u kisbu grad ta' l-għaġeb fil-wiri tagħhom infushom fil-ħajja kulturali, soċjali, ekonomika u politika, u wkoll, u din hi ħaġa ċara, fil-ħajja tal-familja. It-triq kienet iebsa u komplikata ħafna u, xi drabi, mhux nieqsa minn żbalji. Iżda sostanzjalment kienet mixja pożittiva wkoll jekk għad ma waslitx għat-tmiem tagħha, minħabba l-ħafna

tfixkil li, f'ħafna pajjiżi tad-dinja, ma jħallux li lin-nisa tiġilhom magħrufa d-dinjità speċjali tagħhom, ikunu rispettati u apprezzati. Il-ħidma għall-bini tal-paċi ma tistax ma tqisx il-ħtieġa ta' l-għarfien u tal-promozzjoni tad-dinjità tal-mara, bħala persuna msejħa biex taqdi dmir uniku fl-edukazzjoni għall-paċi. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jaħseb ftit fuq l-importanza kbira tal-ħidma tal-mara fil-familja u fis-soċjetà, u jagħtu każ tal-ħerqa għall-paċi li n-nisa juru bil-kliem u bl-għemil u, fi żminijiet ta' traġedji kbar, bis-skiet, li jfisser ħafna, tan-niket tagħhom.

**Nisa tal-paċi**

5. Il-mara biex tkun għalliema tal-paċi trid l-ewwel iġġib il-paċi fiha nfisha. Il-paċi tar-ruħ tiġi mill-għarfien li Alla jħobbna u mix-xewqa li twieġeb għal din l-imħabba. L-istorja mimlija b'eżempji tassew sbieħ ta' nisa li, imwettqin minn dan l-għarfien, irnexxielhom jirbħu qagħdiet iebsin ta' strumentalizzazzjoni, diskriminazzjoni, vjolenza u gwerer.

Iżda ħafna nisa, speċjalment għaliex kundizzjonati soċjalment u kulturalment, ma jagħrfux għal kollox id-dinjità tagħhom. Oħrajn huma vittmi ta' fehmiet materjalistiċi u edonistiċi, fehmiet li jqisu l-mara bħala biss oġġett ta' pjaċir, u ma jaħsbuhiex darbtejn biex jużaw in-nisa, ukoll bniet żgħar, f'negozju li jistħoqqlu kull stmerrija. Għandu jkun hemm tħassib sewwa għal dawn in-nisa u, b'mod partikulari, minn nisa oħra li, minħabba l-edukazzjoni u s-sensittività tagħhom, jistgħu jgħinhom jagħarfu x'jiswew fihom infushom u x'riżorsi għandhom. Jeħtieġ li n-nisa jgħinu lin-nisa, u jfittxu l-għajnuna tal-kontribut effettiv u ta' siwi li ħafna assoċjazzjonijiet, movimenti u gruppi, ħafna minnhom ta' karattru reliġjuż, irnexxilhom jagħtu f'din il-ħaġa.

6. L-ommijiet fit-trobbija tat-tfal għandhom ħidma tassew importanti. Minħabba r-relazzjoni speċjali li hemm bejn l-omm u t-tarbija tagħha, speċjalment fl-ewwel snin tal-ħajja; hi tagħti lit-tarbija tagħha dak is-sens ta' ħarsien u ta' fiduċja li mingħajru t-tarbija ssibha bi tqila biex tiżviluppa l-identità personali tagħha u biex, aktar 'il quddiem, ikollha relazzjonijiet tajba ma' l-oħrajn, relazzjonijiet li jkunu ta' siwi għaliha. Din ir-relazzjoni tal-bidu bejn l-omm u t-tarbija tagħha għandha tifsir edukattiv fil-qasam reliġjuż, tifsir li jfisser ħafna, għaliex din ir-relazzjoni tista' ddawwar il-fehma u l-qalb tat-tarbija lejn Alla ferm qabel ma tibda edukazzjoni reliġjuża formali.

F'din il-ħidma hekk sensittiva u deċisiva, ebda omm ma tista' titħalla waħedha. L-ulied **jeħtieġu l-preżenza u l-kura taż-żewġ ġenituri tagħhom**, li jridu jaqdu dmirhom ta' edukaturi, l-aktar, bil-mod kif jgħixu ħajjithom. Il-kwalità tar-relazzjoni bejn il-missier u l-omm għandha effetti psikoloġiċi mill-aqwa fuq l-ulied u tikkondizzjona ħafna r-relazzjonijiet tagħhom ma' l-ambjent fejn jgħixu u r-relazzjonijiet l-oħra li jiżviluppaw 'il quddiem tul ħajjithom kollha.

L-edukazzjoni li tingħata fil-bidu hi importanti ħafna. Jekk ir-relazzjonijiet mal-ġenituri, mal-membri l-oħra tal-familja, huma influwenzati mill-imħabba b'mod pożittiv, l-ulied jaslu biex jitgħallmu mill-istess esperjenzi tagħhom il-valuri li jġibu 'l quddiem il-paċi: l-imħabba għall-verità u għall-ġustizzja, sens ta' libertà responsabbli, stima u rispett għall-oħrajn. Fl-istess waqt l-ulied, huma u jikbru f'ambjent ta' mħabba li jilqagħhom, jaslu biex jintebħu bl-imħabba ta' Alla riflessa fir-relazzjonijiet li jkun hemm fl-istess familja tagħhom; b'hekk ikunu jistgħu jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom f'atmosfera spiritwali li tista' twassalhom

biex ikunu miftuħin lejn l-oħrajn u biex ikunu lesti jagħtu lilhom infushom lil għajrhom. L-edukazzjoni fit-triq tas-sliem u l-paċi naturalment għandha tkompli tul kull żmien ta' l-iżvilupp tagħhom iżda, b'mod partikulari, trid tiġi 'l quddiem tul iż-żmien iebes ta' l-adoloxxenza, meta ż-żmien li fih wieħed minn tifel isir raġel jew tifla ssir mara, m'huwiex mingħajr xi periklu għaż-żgħażagħ, li f'dan iż-żmien ikunu msejħin jagħmlu għażliet li jkunu deċisivi għal ħajjithom kollha.

7. Quddiem l-isfida ta' l-edukazzjoni, il-familja trid issir "l-ewwel skola u skola fondamentali ta' ħajja soċjali" (Ġwann Pawlu II Eżort, app. *Familiaris consortio* (22 Novembru 1981): 37: AAS 74 – 1987) l-ewwel skola u skola fondamentali **ta' paċi u sliem**. Għalhekk m'hijiex xi ħaġa iebsa timmaġina xi traġedji jistgħu jseħħu meta l-familja tgħaddi minn xi kriżijiet kbar li jheddu u jeqirdu l-istabbilità tagħha. Spiss f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-mara tibqa' waħedha. Iżda hu proprju f'dan il-waqt li n-nisa jkunu jeħtieġu għajnuna, mhux biss billi jkollhom is-solidarjetà ta' familji oħra, ta' komunitajiet reliġjużi u ta' gruppi ta' volontarji, imma li jkollhom ukoll is-solidarjetà ta' l-Istat u ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali, permezz ta' strutturi adatti ta' għajnuna umana, soċjali u ekonomika, ħalli jkunu jistgħu jaħsbu għall-ħtiġijiet ta' wliedhom, mingħajr ma jkunu mġegħlin iċaħħduhom bla bżonn mill-preżenza tagħhom li mingħajra uliedhom ma jistgħux jgħaddu.

8. Problema serja oħra niltaqgħu magħha f'dawk il-postijiet fejn għad hemm id-drawwa kiefra tad-diskriminazzjoni bejn subjien u bniet sa minn ċkunithom. Jekk sa miċ-ċokon il-bniet huma mistmerra u meqjusin bħala inferjuri, is-sens tad-dinjità jitħassar serjament u l-iżvilupp xieraq tagħhom bilfors jiġi mfixkel sewwa. Id-diskriminazzjoni fit-tfulija tħalli effetti tul il-ħajja kollha u twassal biex ma tħallix lin-nisa jkollhom sehem sħiħ fil-ħajja tas-soċjetà.

F'din il-ħaġa, kif ma nistgħux ma nagħrfux u ma nħeġġux l-isforzi ta' tant nisa, u ta' tant kongregazzjonijiet ta' reliġjużi nisa wkoll, li, fil-kontinenti kollha u f'kull qasam tal-kultura, għażlu l-edukazzjoni tal-bniet u tan-nisa bħala l-għan ewlieni tal-ħidma tagħhom? U hekk ukoll, kif ma nagħrfux b'radd il-ħajr il-ħidma ta' tant nisa li taw u qed jagħtu sehemhom biex jipprovdu servizzi sanitarji, spiss f'ċirkostanzi ta' nuqqasijiet kbar, u kemm-il darba jkunu huma biss responsabbli li jibqgħu ħajjin numri kbar ta' trabi u tfal bniet?

## In-nisa għalliema tal-paċi fis-soċjetà

9. Meta n-nisa jkunu jistgħu jaqsmu d-doni tagħhom mal-komunità kollha, l-istess mod kif is-soċjetà tifhem u torganizza ruħha jitjieb, u jasal biex juri aħjar li l-familja umana hi sostanzjalment waħda. Hawn tinsab il-kondizzjoni l-aktar importanti ħa sseħħ il-paċi vera. Aktar ma n-nisa jkunu preżenti fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali, aktar ikun hemm żvilupp pożittiv. In-nisa għandhom kull dritt li jkunu mpenjati attivament fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika u dan id-dritt irid jiġi mwettaq u garantit ukoll, fejn jeħtieġ, permezz ta' liġijiet adatti.

Dan l-għarfien tal-ħidma pubblika tan-nisa m'għandux inaqqas il-ħidma unika tagħhom fi ħdan il-familja. Hawn, fi ħdan il-familja, il-kontribut tagħhom għall-

ġid u l-progress tas-soċjetà qatt ma jitqies sewwa u biżżejjed, ukoll jekk l-importanza ta' dan il-kontribut mhux apprezzat biżżejjed.

F'din il-ħaġa jien inkompli nitlob li jittieħdu passi asktar deċiżivi biex tingħaraf u tiġi 'l quddiem din ir-realtà tant importanti.

10. B'għaġeb kbir u bi tħassib qed naraw tiżdied kull jum b'mod tassew tal-biża' kull xorta ta' vjolenza. Mhux biss individwi, imma gruppi sħaħ, milli jidher, tilfu kull sens ta' rispett għall-ħajja tal-bniedem. In-nisa u t-tfal, huma l-aqwa vittmi ta' din il-vjolenza għamja. Qed nitkellem dwar imġiba kiefra ta' slavaġ li tant hi mistkerrha mill-kuxjenza tal-bniedem.

Ilkoll imsejħin biex nagħmlu li nistgħu ħa nbiegħdu mis-soċjetà, mhux biss it-traġedja tal-gwerra, imma wkoll kull tkasbir tad-drittijiet tal-bniedem, ibda mid-dritt għall-ħajja li kull persuna għandha tgawdi sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, dritt li ħadd qatt ma jista' jiċħdu. Il-ksur tad-dritt tal-ħajja li għandu kull bniedem fih iż-żerriegħa tal-vjolenza kiefra tal-gwerra. Għalhekk nagħmel appell lin-nisa kollha biex posthom ikun dejjem favur il-ħajja. Fl-istess waqt inħeġġeġ lil kulħadd biex jgħin lin-nisa li qed ibatu u, b'mod partikulari, lit-tfal, b'mod speċjali dawk li ġarrbu t-tbatija trawmatika li għexu waqt il-gwerra. Tħassib kollha mħabba u ħniena jista' biss iwassalhom biex mill-ġdid iħarsu lejn il-ġejjieni tagħhom b'fiduċja u tama.

11. Meta l-maħbub Papa Ġwanni XXIII wera li s-sehem tal-mara fil-ħajja pubblika hu wieħed mis-sinjali ta' żminijietna, qal ukoll li n-nisa, huma u jintebħu x'inhi d-dinjità tagħhom, mhux se joqogħdu aktar għal min jisfruttahom (Ara Ġwanni XXIII, Enċiklika *Pacem in twerris* (11 ta' April 1963), 1: AAS 55 (1963):, 267-268.

In-nisa għandhom kull dritt li jinsistu li tiġi rispettata d-dinjità tagħhom. Fl-istess waqt huma fid-dmir li jaħdmu ħa tiġi 'l quddiem id-dinjità ta' kull persuna, kemm tar-raġel u kemm tal-mara.

Fid-dawl ta' dan, nittama li l-ħafna inizjattivi internazzjonali, maħsuba għall-1995 – xi wħud minnhom favur in-nisa b'mod speċifiku, bħalma hi l-Konferenza sponsorjata min-Nazzjonijiet Uniti f'Beijing dwar ħidma għall-ugwaljanza, żvilupp u paċi – joħolqu opportunitajiet mill-aħjar, ħalli r-relazzjonijiet bejn persuni u fis-soċjetà ikunu dejjem aktar jixirqu lill-bniedem taħt is-sinjal tal-paċi.

## Marija eżempju tal-paċi

12. Marija, Sultana tal-Paċi, hi qrib in-nisa ta' llum għax hi omm, għax tagħtina eżempju ta' ftuħ għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn, għax tagħti xhieda ta' tbatija u niket. Marija għexet b'sens kbir ta' responsabbiltà l-pjan li Alla ried li jseħħ fiha għas-salvazzjoni tal-ġens kollu tal-bnedmin. Meta għarfet il-miraklu li Alla għamel fiha, meta għamilha Omm Ibnu magħmul bniedem, l-ewwel ħsieb tagħha kien li tmur iżżur lill-qariba tagħha Elizabetta, biex tgħinha. Din iż-żjara kienet okkażjoni għal Marija biex bil-kantiku meraviljuż tal-*Magnificat* (Lq 1, 46-55), turi l-ħajr tagħha lil Alla li magħha u biha ta bidu għall-ħolqien ġdid, storja ġdida.

Jien nitlob lill-Verġni Marija biex tieqaf ma' dawk l-irġiel u n-nisa kollha li, biex jaqdu l-ħajja, impenjaw ruħhom fil-bini tal-paċi. Bl-għajnuna tagħha jalla

jagħtu xhieda quddiem il-popli kollha, speċjalment quddiem dawk li qed jgħixu fid-dlamijiet u t-tbatija u għandhom ġuħ u għatx għall-ġustizzja, tal-preżenza kollha mħabba ta' Alla tas-sliem u l-paċi.

Mill-Vatikan, 8 ta' Diċembru 1994

**IOANNES PAULUS PP II**

NOTI:

1. Ġwanni XXIII Enċiklika *Pacem in Terris* (11 ta' April 1963). 1: AAS 55 (1953), 259.
2. Ara *ibid* 259-264.
3. Ara Pawlu VI, Enċiklika *Populorum progressio* (26 ta' Marzu 1967) 14; AAS 91967), 284.
4. Ġwann Pawlu II, Ittra app. *Mulieris dignitatem* (15 ta' Awissu 1988), 30; AAS 80 (1988), 17.
5. Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n. 371.
6. *Ibid* p. 372.
7. Ara Ġwann Pawlu II, Ittra app. *Mulieris dignitatem* (15 ta' Awissu 1988); 29; AAS 80 (1988).
8. Ġwann Pawlu II Eżort. app. *Familiaris consortio* (22 November 1981): 37: AAD 74 (1987, 1.
9. Ara Ġwanni XXIII, Enċiklika *Pacem in Terris* (11 ta' April 1963), 1: AAS 55 (1963), 267-268.

# Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II Għal Jum il-Morda

**11 ta' Frar, 1995**

1. Il-ħidma ta' salvazzjoni ta' Ġesù ma' dawk kollha "li huma mjassra mid-deni" dejjem tkompliet, b'mod li jfisser ħafna, mill-Knisja fil-ħerqa tagħha għall-morda. Lil dawk li qegħdin ibatu l-Knisja turi din il-ħerqa tagħha b'ħafna manjieri, u fosthom għandha importanza kbira, fiż-zmien ta' llum, l-istituzzjoni tal-**Jum Dinji tal-Morda.** Din l-inizjattiva, li ntlaqgħet sewwa minn dawk kollha li għandhom għal qalhom il-qagħda ta' min qed ibati, trid tagħti ħerqa ġdida lill-ħidma pastorali u karitattiva tal-komunità nisranija biex tkun żgura li jkollha presenza aktar qawwija u aktar importanti fis-soċjetà.

Din hi ħtieġa li qed tinħass ħafna fi żmienna, meta popolazzjonijiet sħaħ huma mġarrbin minn nuqqasijiet kbar minħabba ġlied kiefer, li għalih spiss iħallas min hu l-aktar dgħajjef. Min ma jammettix li ċ-ċiviltà tagħna "għal ħafna raġunijiet hi ċiviltà marida li qed toħloq tibdiliet kbar fil-bniedem?" (Ittra lill-familji, n. 20).

Hi **marida** minħabba l-egoiżmu li hu mxerred ma' kullimkien, minħabba l-utilitariżmu individwalistku li spiss qed jiġi preżentat bħala mudell ta' ħajja, minħabba ċ-ċaħda u l-indifferenza li spiss qed tidher dwar id-destin traxxendentali tal-bniedem, minħabba l-kriżi tal-valuri spiritwali u morali, li tant qed tħasseb il-familja kollha tal-bnedmin. Il-"patoloġija" ta' l-ispirtu m'hijiex inqas perikoluża mill-"patoloġija" tal-ġisem, u t-tnejn jinfluwenzaw lil xulxin.

2. Fil-messaġġ ta' Jum il-Morda ta' Frar li għadda ridt infakkar l-għaxar anniversarju tal-publikazzjoni ta' l-Ittra Appostolika *Salvifici doloris,* li kienet dwar it-tifsir nisrani tat-tbatija tal-bniedem. Fil-messaġġ ta' din is-sena rrid niġbed l-attenzjoni għall-ġrajja oħra fil-ħajja tal-Knisja, li dalwaqt tagħlaq għaxar snin. Bil-moturporju *Dolentium hominum* tal-11 ta' Frar 1985 waqqaft il-Kummissjoni Pontifiċja, li aktar tard saret il-Kunsill Pontifiċju għall-Pastorali fost dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, li, permezz ta' għadd mhux żgħir ta' inizjattivi, "turi l-ħerqa tal-Knisja għall-morda hija u tgħin lil dawk li qed jaqdu l-morda u lil dawk li qed ibatu, biex l-appostolat tal-ħniena li huma jagħmlu jwieġeb dejjem aktar u aħjar għal dak li titlob id-dinja llum" (Kost. app. *Pastir bonus,* n. 105).

Il-laqgħa l-aktar importanti tal-Jum Dinji tal-Morda ta' din is-sena se ssir fis-Santwarju ta' Marija Reġina ta' Yamoussoukro, fil-Côte d'Ivoire, li qed tfakkar il-mitt sena tal-wasla ta' l-ewwel missjunarji.

Issib ruħek għal din l-okkażjoni hekk importanti fil-kontinent ta' l-Afrika u, b'mod partikulari, fis-Santwarju Marjan ta' Yamoussoukro, jistidnek taħseb fuq

**ir-relazzjoni bejn it-tbatija u l-paċi.** Hi relazzjoni għolja ħafna: jekk m'hemmx paċi, it-tbatija tinxtered u l-mewt tkabbar is-setgħa tagħha fuq il-bnedmin. Kemm fil-komunità soċjali u kemm f'dik tal-familja, meta jonqos il-ftehim fis-sliem, jiżdied it-theddid għall-ħajja, waqt li l-qadi tal-ħajja, il-promozzjoni u l-ħarsien tagħha, ukoll b'sagrifiċċju personali, huma l-kondizzjonijiet meħtieġa, tant li mingħarjhom ma tistax tinbena paċi vera, individwali u soċjali.

3. Fuq l-għatba tat-tielet elf sena l-paċi għadha, jaħasra, 'l bogħod ħafna, u m'humiex ftit is-sinjali li juru li tista' titbiegħed aktar ukoll. Spiss qed jidher diffiċli ħafna tagħraf x'inhuma r-raġunijiet ta' din il-qagħda u x'rimedji tista' tuża. Qed jiġri wkoll xi kultant li fost l-insara stess qed iseħħ ġlied bit-tixrid tad-demm bejn l-aħwa. Iżda dawk li b'qalb kbira joqogħdu jisimgħu l-Evanġelju ma għandhomx jgħejjew ifakkru lilhom infushom u lill-oħrajn l-impenn għall-maħfra u r-rikonċiljazzjoni. Fuq l-artal tat-talb ħerqan tagħhom ta' kuljum, huma mistednin, flimkien mal-morda kollha tad-dinja, biex joffru lil Alla t-tbatijiet li Kristu aċċetta bħala mezz għall-fidwa u għas-salvazzjoni tal-ġens kollu tal-bnedmin. Għajn ta' paċi u sliem hu s-Salib ta' Kristu li bih aħna lkoll ġejna salvati. Imsejjaħ biex jingħaqad ma' Kristu (ara Kol 1, 24) u biex ibati bħalu (ara Lq 9, 23; 21, 12-19; Ġw 15, 18-21) in-nisrani, huwa u jaċċetta t-tbatija u joffriha, ikun iħabbar il-qawwa kostituttiva tas-Salib. Dan għaliex jekk il-gwerer u l-firdiet huma l-frott tal-vjolenza u tad-dnub, il-paċi hi frott tal-ġustizzja u ta' l-imħabba, li għandhom il-quċċata tagħhom fl-offerta mill-qalb tat-tbatijiet, offerta li – jekk ikun meħtieġ – tasal għad-don ta' l-istess ħajja f'għaqda ma' Kristu. "Aktar ma' l-bniedem hu mhedded mid-dnub, aktar ma huma tqal l-istrutturi tad-dnub li għandha fiha d-dinja ta' llum, aktar hi kbira l-qawwa għat-tbatija li l-bniedem għandu fih innifsu. U għalhekk il-Knisja wisq aktar tħoss il-ħtieġa li tirrikorri għas-siwi tat-tbatija tal-bniedem għas-salvazzjoni tad-dinja" (Enċikl. *Salvifici doloris,* n. 27).

4. Is-siwi tat-tbatija u l-offerta tagħha għas-salvazzjoni tad-dinja huma ġa fihom infushom ħidma u missjoni għall-paċi, għax ix-xhieda qalbiena ta' min hu dgħajjef, marid u jbati tita' tagħti kontribut mill-aqwa għall-paċi. It-tbatija toħloq xirka spiritwali aktar fil-fond u min-naħa tgħin biex tinstab mill-ġdid kwalità aħjar ta' ħajja u min-naħa l-oħra ġġib 'il quddiem l-impenn konvint għall-paċi bejn il-bnedmin.

Min jemmen jaf li meta jissieħeb ma' Kristu fit-tbatijiet tiegħu jsir veru ħaddiem għall-paċi. Dan hu misteru għoli ħafna iżda l-frott tiegħu jidher ċar ħafna fl-istorja tal-Knisja u b'mod partikulari, fil-ħajja tal-Qaddisin. Jekk hemm tbatija li twassal għall-mewt, hemm ukoll, skond il-pjan ta' Alla, tbatija li twassal għall-konversjoni u għall-bidla fil-qalb tal-bniedem (ara I Kor 7, 10); hi t-tbatija, għax biha ntemmu f'ġisimna dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu fil-passjoni tiegħu (ara Kol 1, 24), li ssir raġuni u għajn ta' ferħ, għax tnissel ħajja u sliem.

5. Għeżież ħuti li qed tbatu fil-ġisem u fl-ispirtu, nixtiqilkom ilkoll li tagħarfu tilqgħu **s-sejħa ta' Alla ħa taħdmu għall-paċi permezz ta' l-offerta tat-tbatija**

**tagħkom.** M'hijiex ħaġa ħafifa twieġeb għal sejħa li titlob dan kollu. Ħarsu dejjem b'fiduċja lejn Ġesù, "il-Qaddej li jbati" u itolbu l-qawwa biex tbiddlu f'don il-prova li qed iġġarrabkom. Isimgħu bil-fidi l-kelma tiegħu li qed tgħid lil kull wieħed minnkom: "Ejjew għandi intom ilkoll li intom mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom" (Mt 11, 28).

Il-Verġni Marija, Omm tad-duluri u Sultana tal-paċi, j'alla tikseb għal kull minn jemmen id-don ta' fidi sħiħa, li tant hi meħtieġa mid-dinja. B'din il-fidi il-qawwiet tal-ħażen, tal-mibegħda u tal-ġlied jiġu żarmati mis-sagrifiċċju tad-dgħajfin u tal-morda magħqudin mal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu l-Feddej.

6. Inkellem lilkom tobba, infermieri, membri ta' l-assoċjazzjonijiet u gruppi tal-volontarjat li qed taqdu lill-morda. Il-ħidma tagħkom tkun xhieda vera u ħidma bil-fatti għall-paċi jekk tkunu dejjem lesti turu mħabba vera lil dawk li magħhom tiltaqgħu u jekk, bħala nies li temmnu, tagħarfu fihom tagħtu ġieħ lill-presenza ta' Kristu stess. Din l-istedina qed issir b'mod tassew speċjali lis-saċerdoti u lir-reliġjużi irġiel u nisa li permezz tal-kariżma ta' l-Istitut tagħhom jew permezz tas-sura partikulari ta' l-appostolat tagħhom huma direttament impenjati fil-pastorali tal-morda.

Waqt li nuri l-apprezzament kbir tiegħi għal dak li qed tagħmlu b'sagrifiċċju u bil-qalb, nawgura li dawk kollha li jidħlu għall-professjoni medika u parademika jagħmluha b'entusjażmu u jkunu dejjem disposti minn qalbhom; nitlob lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema qaddisa ħa jaħdmu fil-qasam kbir tas-saħħa li hu tant importanti għat-tħabbira u x-xhieda ta' l-Evanġelju.

Marija, omm dawk kollha li qed ibatu, żgur tkun qrib dawk li għaddejjin mill-prova tat-tbatija u twettaq l-isforzi ta' dawk kollha li qed jiddedikaw ħajjithom għall-qadi tal-morda.

B'dawn is-sentimenti nagħti l-barka appostolika tiegħi lilkom, għeżież morda, u lil dawk kollha li b'xi mod huma qrib tagħkom fil-ħafna ħtiġijiet spiritwali u materjali li għandkom.

Mill-Vatikan, 21 ta' Novembru 1994, is-sbatax-il sena tal-Pontifikat

**IOANNES PAULUS PP. II**

# Messaġġ tal-Papa għar-Randan 1995

*L-Ispirtu tal-Mulej fuqi... hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni nħabbar... id-dawl mill-ġdid lill-għomja..." (Lq 4, 18)*

Għeżiż ħuti fi Kristu,

1. Tul iż-żmien kollu tar-Randan nixtieq nirrifletti magħkom ilkoll fuq id-deni moħbi li qed iċaħħad għadd kbir fuq il-kbir ta' nies minn kull possibiltà ta' progress. Iċaħħadhom ukoll minn rebħa fuq l-emarġinazzjoni u ma jħallihomx jiksbu ħelsien sħiħ. Dan id-deni moħbi hu n-nuqqas ta' edukazzjoni u ta' tagħlim. Il-Papa Pawlu VI fakkarna li "n-nuqqas ta' edukazzjoni hi ħaġa serja daqs kemm hu serju n-nuqqas ta' l-ikel: bniedem bla skola hu spirtu mġewwah" (*Populorum progressio*, 35).

Dan id-deni hekk tal-biża' qed jgħin biex kotra kbira fuq li kbira ta' nies jibqgħu f'qagħda ta' nuqqas ta' żvilupp, flimkien mal-miżerja tassew skandaluża li din il-qagħda ġġib magħha. Il-fehma tiegħi li fejn hemm nuqqas ta' edukazzjoni u ta' tagħlim hemm aktar ġuħ, mard, imwiet ta' trabi, flimkien ma' umiljazzjonijiet, sfruttamenti u kull xorta ta' tbatija, milli hemm f'kull imkien ieħor, hi mwettqa b'għadd kbir ta' xhieda mill-kontinenti kollha u minn dak li jien stess rajt u smajt fil-vjaġġi appostoliċi tiegħi.

Bniedem li ma jafx jikteb u jaqra jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar meta jiġi biex juża metodi moderni ta' ħidma; hu qisu kkundannat li ma jkunx jaf x'inhuma d-drittijiet u d-dmirjiet tiegħu; hu tassew fqir. Għandna nirrealizzaw li mijiet ta' miljuni ta' adulti huma bla skola, li għaxriet ta' miljuni ta' tfal ma jistgħux imorru skola jew għax ma hemmx skola fil-qrib jew għax minħabba l-faqar tagħhom ma jistgħux imorru skola. L-iżvilupp ta' ħajjithom hu mfixkel u ma jistgħux jagħmlu użu mid-drittijet fundamentali tagħhom. Hi folla bla qies ta' nies li qed jerfgħu idejhom lejna, jitolbuna sinjal ta' fraternità.

2. Nafu li meta individwi, familji u komunitajiet jkollhom aċċess għat-tagħlim, għall-edukazzjoni u għal-livelli kollha tal-formazzjoni, ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem aħjar f'kull qasam. L-iskola tgħin lill-bniedem jiżviluppa l-personalità tiegħu skond kemm jista', tgħinu jiżviluppa t-talenti li jkollu u jistagħna bir-relazzjonijiet tiegħu. Dwar dan il-Konċilju Vatikan II jgħid: "Il-bniedem min-natura tiegħu ma jistax jilħaq livell ta' ħajja li tkun tassew tixraqlu, jekk mhux permezz tal-kultura" (*Gaudium et spes*, 53, 1). Il-formazzjoni intellettwali hi element deċisiv għall-iżvilupp ta' din il-kultura, li tgħin biex wieħed ikun aktar b'rajh f'idejh u ħieles. Tgħin ukoll biex wieħed jifforma aħjar il-kuxjenza tiegħu u jagħraf sewwa x'inhuma r-responsabbiltajiet

tiegħu fil-qasam morali u spirtwali. L-edukazzjoni vera hi fl-istess waqt edukazzjoni spiritwali, intellettwali u morali.

Fost il-kwistjonijiet li qed joħolqu tħassib fi żmienna hemm il-problema tat-tkattir tal-popolazzjoni tad-dinja. F'dan il-qasam, jaqbel li l-istess familji jitgħabew b'din ir-responsabbiltà. Fil-Konċistoru ta' Ġunju 1994, il-Kardinali ddikjaraw unanimament li "l-edukazzjoni u l-iżvilupp huma tweġiba aħjar għall-problema tat-tkattir tal-popolazzjoni tad-dinja, milli huma kull sura ta' impożizzjoni bilfors u s-suriet artifiċjali kollha għall-kontroll tal-popolazzjoni" (**Dikjarazzjoni tal-Kardinali favur il-ħarsien tal-familja,** 14-6-1994). L-istess istituzzjoni tal-familja tissaħħaħ aktar meta l-membri tagħha jistgħu jikkomunikaw bil-kitba; ma jkunux jistgħu joqogħdu aktar passivi quddiem programmi li jiġu mposti fuqhom bi ħsara għal-libertà tagħhom u għall-kontroll responsabbli tal-fekondità tagħhom; huma soġġetti attivi ta' l-iżvilupp proprju tagħhom.

3. Quddiem din il-qagħda tassew serja ta' ħajja li qed iżżomm tant ħutna 'l bogħod mill-kultura ta' żmienna hu dmir tagħna li nuruhom is-solidarjetà tagħna. Kull inizjattiva biex wieħed jitgħallem jaqra u jikteb, hi l-ewwel kondizzjoni meħtieġa biex min hu fqir jilħaq il-kobor sħiħ fl-intelliġenza tiegħu u jgħix aħjar b'rajh f'idejh. Tkun taf taqra u tikteb u tmur l-iskola huma dmir u investiment essenzjali għall-ġejjieni ta' l-umanità, "għall-iżvilupp sħiħ tal-bniedem kollu kemm hu u ta' kull bniedem" kif qal sewwa l-Papa Pawlu II fil-*Popuorum progressio,* n. 41.

F'kull poplu aktar ma hu kbir l-għadd ta' nies li jkollhom edukazzjoni biżżejjed, aktar tkun tista' l-komunità kollha tieħu f'idejha d-destin tagħha. F'din l-edukazzjoni u f'dan it-tagħlim jgħinu ħafna l-kollaborazzjoni bejn in-nazzjonijiet u l-paċi fid-dinja. Id-dinjità li għandhom indaqs il-persuni u l-popli tiltob li l-komunità internazzjonali tħabrek sewwa biex jintrebħu d-differenzi kbar li hemm bejn persuni u popli u li huma ta' ħsara li ma bħalha, differenzi li qed iżommu fl-injoranza miljuni u miljuni ta' bnedmin.

4. Dwar dan, ir-radd il-ħajr tiegħi nurih lil dawk il-persuni u lil dawk l-organizzazzjonijiet li huma mpenjati f'din il-ħidma ta' solidarjetà: l-edukazzjoni ta' dawk bla skola. Nistieden lill-organizzazzjonijiet soċjali u reliġjużi, lill-għalliema, lit-tfal ta' l-iskola u lill-istudenti, u wkoll il-bnedmin kollha ta' rieda tajba biex dejjem aktar jaqsmu ma' l-oħrajn il-ġid materjali u kulturali tagħhom: jalla jagħmlu dan fil-postijiet fejn jinsabu u jgħinu l-ħidma ta' dawk l-organizzazzjonijiet li huma mpenjati speċifikament biex iġibu 'l quddiem l-edukazzjoni u t-tagħlim f'partijiet oħra tad-dinja.

5. IL-progress fl-edukazzjoni u t-tagħlim ta' min hu bla skola jista' jkun ta' għajnuna biex l-evanġelizzazzjoni tmur aktar fil-fond, u dan daqskemm jgħin lil kull wieħed jew waħda minn ħutna jilqgħu b'mod aktar personali l-messaġġ nisrani u permezz tal-qari jtawlu ż-żmien tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla. L-isforzi li jsiru biex l-Iskrittura Mqaddsa tkun tista' tiġi f'idejn l-għadd kbir kemm jista'

jkun ta' bnedmin, u dan fl-ilsna tagħhom stess, ma jagħmlux ħlief ikattru l-ġid tar-riflessjoni u tal-meditazzjoni ta' dawk li qed ifittxu tifsir u direzzjoni għal ħajjithom.

Bil-qawwa kollha nħeġġeġ lir-ragħajja tal-Knisja biex ikolhom għal qalbhom u jġibu 'l quddiem dan il-qadi kbir lill-ġens kollha tal-bnedmin. Għax dan mhux ħlief id-dmir li tgħaqqad it-tħabbira ta' l-Evanġelju ma' dak it-tagħlim li jwassal lil dawn ħutna jagħmlu tagħhom, personalment, l-importanza ta' din it-tħabbira, jippruvaw l-għana tagħha, u jagħmluha parti integranti tal-kultura tagħhom. Għaliex m'għandniex ngħidu llum li l-ħidma favur l-edukazzjoni lil min hu bla skola m'hijiex ħlief sehem mogħti għall-bini ta' xirka ta' mħabba vera u ħajja bejn l-aħwa?

6. Nitlob 'l Alla, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, Omm Ġesù u Ommna, biex jisma' t-talba tagħna u jqanqal qlubna ħalli r-Randan tas-sena 1995 ikun pass ieħor 'il quddiem lejn il-konversjoni imxandra minn Ġesù Sidna fil-bidu tal-ministeru messjaniku tiegħu, b'ħarstu lejn in-nazzjonijiet kollha ta' l-art (ara Mt 4, 12-17).

B'din it-tama f'qalbi nagħti lilkom ilkoll il-barka appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, fis-7 ta' Settembru, 1994.

**IOANNES PAULUS PP II**

# Messaġġ tal-Papa għat-32 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet

**7 ta' Mejju 1995**

Ħuti meqjuma fl-Episkopat,
Ħuti kollha fid-dinja,

"Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (Mt 9, 38). B'dan l-istess kliem tal-Mulej inkellem il-Knisja kollha li, fis-7 ta' Mejju, ir-raba Ħadd ta' l-Għid, se tiċċelebra l-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet li din is-sena bħala tema għandu: "Il-kura pastorali taż-żgħażagħ u l-kura pastorali tal-vokazzjonijiet huma marbutin ma' xulxin."

1. Għaddew għaxar snin minn meta l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda fl-1985 ħabbret is-"Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ". F'dik l-okkażżjoni kont ktibt ittra liż-żgħażagħ kollha, ġuvintur u xebbiet, biex nibda niltaqa' magħhom kull sena fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ.

Għeluq dawn l-għaxar snin irrid inrodd ħajr lill-Mulej għat-tama li din l-inizjattiva żergħet u kabbret fi qlub iż-żgħażagħ, u fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet li ġej, **nistieden lil kulħadd biex jaħseb sewwa fuq ir-rabta kbira li hemm bejn il-kura pastorali taż-żgħażagħ u l-kura pastorali tal-vokazzjonijiet.**

Kemm-il darba stedint liż-żgħażagħ tad-dinja biex jimmeditaw fuq il-laqgħa ta' Kristu ma' żagħżugħ (ara Mk 10, 1 17-22; Mt 19, 16-22; Lq 18, 18-23) u għalhekk kelli l-okkażjoni li ngħid kemm tikseb l-għana kollu tagħha ż-żogħżija meta titqies qabel kollox bħala l-mument li fih wieħed jaħseb x'se tkun is-sejħa tiegħu fid-dinja. Il-mistoqsija taż-żagħżugħ: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" turi x'inhu dak li jagħmel iż-żogħżija dak li hi. Bil-mistoqsija tiegħu ż-żagħżugħ ried ifisser dan: "X'għandi nagħmel biex ħajti tkun tfisser xi ħaġa? X'inhu l-pjan ta' Alla għalija? X'irid minni?"

Id-djalogu li seħħ wara l-mistoqsija taż-żagħżugħ, kien okkażjoni għal Ġesù biex juri b'liema qawwa ta' mħabba Alla jħobb lil dawk li għandhom il-ħila jistaqsu lilhom infushom x'inhi l-vokazzjoni tagħhom fil-ġejjieni. "Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba". Min jgħix b'dan il-ħsieb tal-vokazzjoni tiegħu bis-serjetà kollha, isib fil-Qalb ta' Ġesù mħabba kollha tjieba u ħlewwa. Ftit wara Ġesù qal ukoll xi jwieġeb Alla lil kull min jgħix żogħżitu bħala l-mument adatt biex jagħraf liema triq irid jaqbad fil-ħajja spiritwali tiegħu. It-tweġiba hi: "Ejja u imxi warajja".

**Fil-mixi wara Ġesù** ż-żagħżugħ jiri l-għana kollu tal-personalità tiegħu u jasal biex jagħraf it-tifsir sħiħ tagħha.

**Fil-mixi wara Kristu** ż-żagħżugħ jara xi tfisser il-ħajja meta wieħed jgħixha bħala don tiegħu nnifsu u jġarrab il-ġmiel u l-verità tal-kobor fl-imħabba. Huma u jimxu wara Kristu ż-żgħażagħ iħossu li huma msejħin ħa jkunu f'xirka miegħu bħala membri ħajja ta' ġisem wieħed, li hu l-Knisja. Fil-mixi wara Kristu ż-żgħażagħ jistgħu jifhmu s-sejħa personali tagħhom għall-imħabba: fiż-żwieġ, fil-ħajja konsagrata, fil-ministeru saċerdotali, u fil-ministeru "*ad gentes*" fil-missjonijiet.

2. Iżda d-djalogu maż-żagħżugħ ta' l-Evanġelju juri li t-tjieba kollha ħlewwa ta' Ġesù tista' tibqa' bla tweġiba. Dak li jnikket hu dak il-wirt ta' ħajja li jbegħdna minnu.

Kemm raġunijiet, illum ukoll, iżommu tant adoloxxenti u tant żgħażagħ milli jgħixu għomorhom f'rabta mill-qalb ma' Kristu. Kemm għad hemm ma jafux lil min għandhom jagħmlu l-mistoqsija li "ż-żagħżugħ għani" għamel lil Ġesù! Kemm żogħżija ta' nies tinsab fil-periklu li titlef il-kobor sħiħ u veru tagħha. U madankollu kemm tamiet hemm! Ix-xewqa li jingħata tifsir lill-ħajja għadha qawwija ħafna fil-qlub tal-ġenerazzjonijiet ġodda. Iż-żgħażagħ tul il-mixi ta' ħajjithom ifittxu lil min ikun jaf jitkellem magħhom dwar il-problemi li jinkwetawhom u jurihom soluzzjonjiet, valuri u ideali hekk ta' siwi li wieħed jissogra l-ġejjieni tiegħu għalihom.

Dak li hu meħtieġ illum hi **Knisja li taf twieġeb għat-tamiet taż-żgħażagħ.** Ġesù jrid jitkellem magħhom u, permezz tal-ġisem tiegħu, li hu l-Knsija, jurihom li jista' jkollhom għażla quddiemhom li titlob minnhom l-impenn ta' ħajjithom kollha. Kif Ġesù ssieħeb mad-dixxipli ta' Għemmaws, hekk illum il-Knisja trid tissieħeb maż-żgħażagħ fil-mixi tagħhom, maż-żgħażagħ li spiss huma mimlijin b'taħwid, reżistenza u kontradizzjonijiet, biex tħabbrilhom "il-bxara t-tajba" ta' għaġeb li ma bħalu ta' Kristu rxoxt.

Dan li hu meħtieġ: Knisja għaż-żgħażagħ li tkun taf tkellem lil qalbhom u tkebbisha, tfarragħha u tħeġġiġħa bil-ferħ ta' l-Evanġelju u bil-qawwa ta' l-Ewkaristija, Knisja li tkun taf kif tistieden u tilqa' persuna li qed tfittex għan li għalih lesta timpenja ħajjitha kollha;

Knisja li ma tibżax titlob ħafna, wara li tat ħafna, Knisja li ma tibżax titlob miż-żgħażagħ sforz ħa jidħlu għal dik l-avventura għolja u vera, li hi dik tal-mixi wara Kristu.

3. L-impenn tal-Knisja għaż-żgħażagħ, b'attenzjoni xierqa għall-elementi tal-pedagoġija u tal-metodoloġija, ma tistax ma tonqosx li tammetti li l-kura pastorali ta' kull vokazzjoni hu dmir ewlieni. U lanqas qatt tista' tonqos li ma jkollhiex attenzjoni speċifika għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju ministerjali u għall-ħajja ta' konsagrazzjoni speċjali, żewġ vokazzjonijiet li minnhom infushom jitolbu kura speċjali. Pjan ta' kura pastorali għaż-żgħażagħ ma jistax ma jkollux bħala għan aħħari tiegħu djalogu fil-fond, deċisiv u personali mal-Mulej, taż-żagħżugħ jew taż-żagħżugħa. Il-problema tal-vokazzjoni hu parti integrali mill-

pjan pastorali taż-żgħażagħ tant li wieħed jista' jgħid bi ftit kliem: **il-kura psatorali speċifika tal-vokazzjonijiet issib il-post vitali tagħha fil-kura pastorali taż-żgħażagħ, u din il-kura pastorali taż-żgħażagħ tkun sħiħ u tilħaq l-għan tagħha meta tkun miftuħa għall-problema tal-vokazzjonijiet.**

Dispożizzjoni naturali minn qabel għal dak li hu ġdid, li hu veru, sabiħ u tajjeb, turi ruħha fl-adoloxxenti ma' l-ewwel esperjenzi tal-mixi lejn il-kobor sħiħ tagħhom fl-għarfien tal-fidi fihom infushom. Il-**komunità nisranija** għandha ħafna x'tgħid u x'tagħti liż-żgħażagħ li qed jgħixu dawn l-esperjenzi ġodda għax il-bxara t-tajba tal-vokazzjoni tista' tagħti tweġiba għall-mistoqsijiet, għat-tamiet u għall-inkwiet ta' l-adoloxxenti u ż-żagħżugħ. **Il-komunità nisranija** hi l-għassiesa u l-ħabbara ta' din it-tweġiba, għax mibgħuta mill-Mulej biex turi t-tifsir għoli tal-ħajja lill-adoloxxenti u liż-żagħżugħ, u hekk tmexxih ħa jsib il-vokazzjoni tiegħu, fl-ambjent tal-ħajja tiegħu ta' kuljum. Dan għaliex kull ħajja tidher bħala vokazzjoni li wieħed irid jagħraf u jwieġeb għaliha, għax ħajja bla vokazzjoni qatt ma hi vera.

**Il-komunità nisranija** hi msejħa biex tara li ż-żagħżugħ ikun jista' jiltaqa' ma' Ġesù, billi tkun il-mezz li bih sseħħ din il-vokazzjoni u tgħallmu t-tweġiba li Ġesù jkun jistenna. Il-missjoni tal-komunità nisranija hi dik li twassal liż-żgħażagħ biex isibu x'inhi s-sejħa personali tagħhom fil-Knisja. Il-komunità nisranija hi għalhekk l-ambjent naturali fejn iż-żgħażagħ jistgħu jtemmu l-mixja edukattiva tagħhom, huma u jagħrfu l-għana bla qies ta' żogħżithom u jwieġbu għal dik il-vokazzjoni li Alla l-ħaj, sa mill-ħolqien tad-dinja, ħejja għal kull wieħed.

4. It-triqat tal-kura pastorali taż-żgħażagħ, maħsubin u mwettqin fil-Knejjes partikulari, fil-komunitajiet parrokkjali, fl-organizzazzjonijiet ekklesjastiċi u fl-Istituti ta' ħajja konsagrata ma jistgħux ma jqisux dan il-għan u dawn il-fehmiet.

Hu dmir l-edukaturi, huma u jaqdu d-dmir proprju tagħhom, iwasslu għall-kobor sħiħ tagħha kull vokazzjoni, waqt li jkollhom attenzjoni speċjali għall-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja konsagrata. Ukoll jekk din il-ħidma ma jkollhiex tweġiba diretta, tista' tkun ta' għajnuna u xi kultant twassalha li tista' sseħħ. Il-frott ikun dejjem xi ħaġa ġdida, oriġinali, u fondamentalment mogħti b'xejn: huwa u jsir, dan il-frott ikun dejjem fil-periklu li mhux żgur li jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu. F'din il-ħaġa wieħed irid iwarrab it-tentazzjoni li jgħaġġel iżżejjed u jitħasseb iżżejjed dwar jekk iż-żerriegħa tinbitx jew għax iż-żerriegħa qed tinbet bil-mod wisq.

Minn żmien għall-ieħor l-edukatur hu msejjaħ biex bil-għaqal kollu jxerred iż-żerriegħa bil-kotra u sewwa, imbagħad ikompli jaqdi dmiru mingħajr ma jisforza l-kobor tagħha. L-ogħla aspirazzjoni tiegħu trid tkun dik li joħloq mixjiet edukattivi li jistgħu jwasslu liż-żagħżugħ biex jagħraf il-qalb ta' Alla, biex huwa u jagħmel ir-rieda ta' Alla, jirnexxilu jagħraf il-ferħ bla qies ta' dak id-don li hi l-ħajja u ta' dik il-ħajja li tagħmel lilha nfisha don.

Żguri li l-Missier tas-sema se jkompli jsejjaħ ħafna żgħażagħ biex jimxu aktar fil-qrib wara Kristu Ibnu fil-Ministeru Mqaddes, fil-professjoni tal-Kunsilli evanġeliċi, u fil-ħajja missjunarja, inħalli f'idejn l-awtoritajiet responsabbli u f'idejn dawk impenjati fil-kura pastorali taż-żgħażagħ u tal-vokazzjonijiet, id-dmir, sabiħ fuq li sabiħ iżda wkoll impenjattiv ħafna, li jqanqlu l-vokazzjonijiet. Dan irid isir b'mod li "tinxtered u tagħmel l-għeruq il-konvinżjoni li l-membri kollha tal-Knisja; bla ebda eċċezzjoni, għandhom il-grazzja u r-responsabbiltà tal-kura tal-vokazzjonijiet." (*Pastores dabo vobis,* 4).

5. Jiena żgur li l-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet ikun l-ewwelnett jum ta' talb. Jalla l-Knisja kollha titlob b'tama kollha fiduċja, hija u tagħraf li l-vokazzjonijiet huma don li rridu nitolbuh bit-talb u nimmeritawh bil-qdusija ta' ħajjitna.

Lill-Verġni Marija, li f'żogħżitha għexet il-vokazzjoni straordinarja li tkun kollox għal Alla u għall-bniedem fil-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla, nafda ż-żgħażagħ kollha tad-dinja u lil dawk kollha, li mseħbin magħhom fil-mixi tagħhom, qed juruhom it-triq li twassal għall-perfezzjoni.

Jalla "Omm il-Feddej" tinterċedi biex fil-Knisja l-ħajja tnissel ħajja ġdida u l-membri kollha tal-ġisem ta' Kristu jagħrfu juru lid-dinja li l-bnedmin ma jkunux tassew bnedmin jekk ma jimpenjawx ruħhom ħa jgħixu kif Alla jridhom.

Nitolbu.

**O Verġni ta' Nazareth, l-"iva" li għidt f'żogħżitek immarkat ħajtek u kibret kif kibret ħajtek. O Omm Ġesù, bl-"iva" tiegħek ħieles u ferrieħi u fil-fidi ħajja tiegħek ħafna ġenerazzjonijiet u ħafna edukaturi sabu ispirazzjoni u qawwa biex jilqgħu l-Kelma ta' Alla u jagħmlu r-rieda tiegħu. O Għalliema tal-ħajja, għallem liż-żgħażagħ jgħidu dak l-"iva" li tagħti tifsir lil ħajjithom u twassalhom ħa jsibu l-"isem" moħbi ta' Alla fil-qalb ta' kull persuna. O Sultana ta' l-Appostli agħtina edukaturi għorrief li jkunu jafu kif iħobbu ż-żgħażagħ u jgħinuhom jikbru, huma u jmexxuhom biex jiltaqgħu mal-verità li teħlisna u tferraħna. Amen.**

B'dawn ix-xewqat, minn qalbi nagħti l-barka appostolika tiegħi lilkom ħuti meqjuma fl-episkopat, lis-saċerdoti, lid-djakni, lir-reliġjużi rġiel u nisa, u lill-insara kollha, u speċjalment liż-żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet, li b'qalb kollha tjieba qed jagħtu widen għall-Kelma ta' Alla u lesti jilqgħuha bil-qalb u jħaddnuha bil-fedeltà kollha.

Mill-Vatikan, 18 ta' Ottubru, 1994, is-sbatax-il sena tal-Pontifikat.

**IOANNES PAULUS PP II**

# Common Christological Declaration between the Catholic Church and the Assyrian Church of the East

His Holiness John Paul II, Bishop of Rome and Pope of the Catholic Church, and His Holiness Mar Dinkha IV, Catholicos-Patriarch of the Assyrian Church of the East, give thanks to God who has prompted them to this new brotherly meeting.

Both of them consider this meeting as a basic step on the way towards the full communion to be restored between their Churches. They can indeed, from now on, proclaim together before the world their common faith in the mystery of the Incarnation.

* * *

As heirs and guardians of the faith received from the Apostles as formulated by our common Fathers in the Nicene Creed, we confess one Lord Jesus Christ, the only Son of God, begotten of the Father from all eternity who, in the fullness of time, came down from heaven and became man for our salvation. The Word of God, second Person of the Holy Trinity, became incarnate by the power of the Holy Spirit in assuming from the holy Virgin Mary a body animated by a rational soul, with which he was indissolubly united from the moment of his conception.

Therefore our Lord Jesus Christ is true God and true man, perfect in his divinity and perfect in his humanity, consubstantial with the Father and consubstantial with us in all things but sin. His divinity and his humanity are united in one person, without confusion or change, without division or separation. In him has been preserved the difference of the natures of divinity and humanity, with all their properties, faculties and operations. But far from constituting "one and another", the divinity and humanity are united in the person of the same and unique Son of God and Lord Jesus Christ, who is the object of a single adoration.

Christ therefore is not an "ordinary man" whom God adopted in order to reside in him and inspire him, as in the righteous ones and the prophets. But the same God the Word, begotten of his Father before all worlds without beginning according to his divinity, was born of a mother without a father in the last times according to his humanity. The humanity to which the Blessed Virgin Mary gave birth always was that of the Son of God himself. That is the reason why the Assyrian Church of the East is praying the Virgin Mary as "the Mother of Christ our God and Saviour". In the light of this same faith the Catholic tradition addresses the Virgin Mary as "the Mother of God" and also as "the Mother of Christ". We both recognize the legitimacy and rightness of these expressions of the same faith and we both respect the preference of each Church in her liturgical life and piety.

This is the unique faith that we profess in the mystery of Christ. The controversies of the past led to anathemas, bearing on persons and on formulas. The Lord's Spirit permits us to understand better today that the divisions brought about in this way were due in large part to misunderstandings.

Whatever our christological divergences have been, we experience ourselves united today in the confession of the same faith in the Son of God who became man so that we might become children of God by his grace. We wish from now on to witness together to this faith in the One

who is the Way, the Truth and the Life, proclaiming it in appropriate ways to our contemporaries, so that the world may believe in the Gospel of salvation.

* * *

The mystery of the Incarnation which we profess in common is not an abstract and isolated truth. It refers to the Son of God sent to save us. The economy of salvation, which has its origin in the mystery of communion of the Holy Trinity — Father, Son and Holy Spirit —, is brought to its fulfilment through the sharing in this communion, by grace, within the one, holy, catholic and apostolic Church, which is the People of God, the Body of Christ and the Temple of the Spirit.

Believers become members of this Body through the sacrament of Baptism, through which, by water and the working of the Holy Spirit, they are born again as new creatures. They are confirmed by the seal of the Holy Spirit who bestows the sacrament of Anointing. Their communion with God and among themselves is brought to full realization by the celebration of the unique offering of Christ in the sacrament of the Eucharist. This communion is restored for the sinful members of the Church when they are reconciled with God and with one another through the sacrament of Forgiveness. The sacrament of Ordination to the ministerial priesthood in the apostolic succession assures the authenticity of the faith, the sacraments and the communion in each local Church.

Living by this faith and these sacraments, it follows as a consequence that the particular Catholic churches and the particular Assyrian churches can recognize each other as sister Churches. To be full and entire, communion presupposes the unanimity concerning the content of the faith, the sacraments and the constitution of the Church. Since this unanimity for which we aim has not yet been attained, we cannot unfortunately celebrate together the Eucharist which is the sign of the ecclesial communion already fully restored.

Nevertheless, the deep spiritual communion in the faith and the mutual trust already existing between our Churches entitle us from now on to consider witnessing together to the Gospel message and co-operating in particular pastoral situations, including especially the areas of catechesis and the formation of future priests.

In thanking God for having made us rediscover what already unites us in the faith and the sacraments, we pledge ourselves to do everything possible to dispel the obstacles of the past which still prevent the attainment of full communion between our Churches, so that we can better respond to the Lord's call for the unity of his own, a unity which has of course to be expressed visibly. To overcome these obstacles, we now establish a Mixed Committee for theological dialogue between the Catholic Church and the Assyrian Church of the East.

Given at Saint Peter's, on 11 November 1994

+ K. Mardinkha

Joannes Paulus PP. II

# Ittra tal-Papa

## Għeluq l-400 sena mill-mewt ta' San Filippu Neri lil Fr. Michael Napier, Delegat tas-Santa Sede għall-Konfederazzjoni ta' l-Oratorju ta' San Filippu Neri

Għażiż,

Għeluq l-erba' mitt sena mit-twelid għas-sema ta' San Filippu Neri, li mwieled Firenze imma għażel li jgħix għomru kollu Ruma, għandi pjaċir nikteb lilek u lill-membri kollha tal-Konfederazzjoni ta' l-Oratorju biex nfakkar l-eżempju ta' qdusija li ta l-Fundatur tagħkom u biex inwettaq f'kull wieħed minnkom l-impenn fil-fidi, il-ħidma fl-imħabba u s-sħuħija fit-tama (ara I Tes. 1, 3).

1. Il-figura tiġbed l-imħabba tal-"Qaddis tal-ferħ" għadha sa llum issaħħar fuq li ssaħħar bħalma kienet issaħħar lil dawk kollha li kienu jersqu lejh biex jitgħallmu u jaraw x'inhuma l-għejun veri tal-ferħ nisrani.

Aħna u naqraw il-ħajja ta' San Filippu, nibqgħu mistagħġbin u msaħħrin mill-mod ferrieħi u hieni tat-tagħlim tiegħu huwa u jersaq qrib kull wieħed u kulħadd bi spirtu ta' l-aħwa u bis-sabar kollu. Nafu li San Filippu kien jiġbor it-tagħlim tiegħu f'għadd ta' prinċipji qsar u jogħġbu: "Kunu tfal tajba, jekk jista' jkun", "Skrupli u dwejjaq 'il bogħod minn dari", "Kunu umli, ibqgħu lura", "Bniedem ma jitlobx hu bhima bla kliem"; u huwa u jressaq idu ma' moħħu, "Il-qdusija tinsab fl-ispazju ta' tlett iswaba". Moħbi f'dan l-ispirtu pront ta' dawn il-qwiel nistgħu naraw dak l-għarfien eżatt u veru li San Filippu kien qiegħed jikseb dwar in-natura tal-bniedem u l-qawwa tal-grazzja. F'dan it-tagħlim tiegħu qasir u xott kien juri l-esperjenza tal-ħajja twila tiegħu; l-għerf ta' qalb li fiha kien jgħammar l-Ispirtu s-Santu. Dawn il-qwiel tiegħu saru llum sura ta' wirt ta' għerf għall-ispiritwalità nisranija.

2. San Filippu, fi żmien ir-Rinaxximent f'Ruma, deher bħala "profeta tal-ferħ", li għaraf jimxi wara Kristu u bil-ħidma tiegħu jidħol fiċ-ċiviltà ta' żmienu, li għal ħafna raġunijiet tixbah iċ-ċiviltà u l-kultura ta' żmienna.

L-Umaneżmu, mehdi kollu kemm hu bil-bniedem u bil-ħila singulari tiegħu għall-ħsieb u għall-għemil, kien qed jipproponi, kontra dak li kienu jgħidu li kien il-ħsieb magħluq taż-żminijiet tan-nofs, li terġa' tinkiseb dik il-ħajja naturalistika ferrieħa u friska bla ebda xkiel u bla ebda kontrol tal-paganeżmu. Il-bniedem, li beda jitqies bħallikieku kien xi alla pagan, tqiegħed f'pożizzjoni li jkun jista' jagħmel dak li jrid bla xkiel ta' xejn. Dehret ukoll sura ta' tiġdid tal-Liġi morali b'mod li wieħed ikun jista' dejjem ifittex l-hena u jiżgura ruħu minnu.

San Filippu kien miftuħ għal dawn ix-xewqat tas-soċjetà ta' żmienu, ma ċaħadx għal din ix-xewqa għall-ferħ, iżda impenja ruħu li juri lis-soċjetà ta' żmienu l-

għajn vera ta' dan il-ferħ, il-messaġġ ta' l-Evanġelju. Hi l-kelma ta' Kristu li turina x-xbieha tal-bniedem, għax turina dak li lill-bniedem għamlu l-iben maħbub tal-Missier, milqugħ mill-Verb magħmul bniedem bħala ħuh, u mqaddes mill-Ispirtu s-Santu. Huma l-liġijiet ta' l-Evanġelju u l-kmandamenti ta' Kritu li jwasslu għall-hena u l-ferħ: din hi l-verità li San Filippu Neri ħabbar liż-żgħażagħ li magħhom kien jiltaqa' fil-ħidma appostolika tiegħu ta' kull jum. Kliemu ma kienx ħlief tħabbira ħierġa mill-esperjenza intima tiegħu ta' Alla, miksuba l-aktar permezz tat-talb. It-talb tiegħu matul il-lejl fil-Katakombi ta' San Sebastjan fejn spiss kien imur, ma kienx biss xewqa ħerqana għas-solitudni, imma kien ukoll xewqa kbira li joqgħod jitħaddet ma' dawk li kienu taw xhieda tal-fidi tagħhom, u joqgħod jistaqsihom – l-istess kif l-għorrief tar-Rinaxximent kienu jfittxu li joqogħdu jitkellmu mal-Kittieba l-kbar tal-qedem, biex ikunu jafuhom u hekk jimitawhom u jippruvaw ikunu kbar bħalhom.

F'San Filippu, li tul is-saħra tiegħu nhar il-Vġili ta' Għid il-Ħamsin fl-1544, irċieva mill-Ispirtu s-Santu "qalb kollha nirien", nistgħu naraw allegorija ta' dawk il-bidliet kbar li permezz ta' Alla jseħħu bit-talb. San Filippu jgħallimna li programm żgur u fejjiedi ta' formazzjoni għall-ferħ jieħu l-ħajja u jimbena b'għadd ta' għażliet tajba li jkunu jaqblu bejniethom: talb dejjem sejjer, it-tqarbin ta' spiss, l-għarfien mill-ġdid tas-siwi tas-sagrament tar-rikonċiljazzjni, kuntatt familjari kull jum mal-Kelma ta' Alla, għemil ta' mħabba għall-aħwa u qadi li jagħti kotra ta' frott, u fl-aħħarnett id-devozzjoni lejn il-Madonna, eżempju u veru bidu tal-ferħ tagħna. Kif nistgħu ninsew it-twissija qawwija tiegħu, mimlija għerf: "Uliedi, kunu devoti ta' Marija: naf x'qed ngħid! Kunu devoti ta' Marija!".

3. Magħruf qabel kollox bħala verament "il-qaddis tal-ferħ", lil San Filippu għandna nagħarfuh ukoll bħala l-appostlu ta' Ruma, anzi bħala r-riformatur tal-Belt Eterna. Sar dan b'mod l-aktar naturali huwa u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu fl-għażliet li kien jagħmel, imdawwal mill-grazzja. Kien tassew id-dawl u l-melħ ta' Ruma skond kliem l-Evanġelju (ara Mt. 5, 13-16). Għaraf ikun "dawl" għal dik iċ-ċiviltà, sabiħa iva u tiddi iżda spiss bi dwal ġejjin mill-paganeżmu. F'qagħda soċjali bħal din, San Filippu baqa' dejjem jirrispetta l-Awtorità, u kellu devozzjoni kbira lejn il-Verità u bla biża' ta' xejn dejjem ħabbar il-messaġġ ta' l-Evanġelju. U għalhekk kien għajn ta' dawl għal kulħadd.

Ma għażilx li jgħix ħajja waħdu maqtugħ mid-dinja, iżda qeda l-ministeru tiegħu fost il-poplu, ried ikun "melħ" għal dawk kollha li kienu jiltaqgħu miegħu. Bħal Ġesù għaraf jitbaxxa sal-miżerji tal-bniedem, moħbija kemm fil-palazzi tan-nobbli u kemm fis-sqaqijiet ta' Ruma ta' dak iż-żmien. Kien minn mument għall-ieħor ċirinew u kuxjenza kritika, kunsillier imdawwal u mgħallem ferrieħi. Għalhekk mhux hu kien li għażel lil Ruma bħala beltu, imma aktar kienet Ruma li għażlet lilu bħala ċittadin tagħha! Għal sittin sena għex f'Ruma, li kienet qed timtela' bil-qaddisin. U jekk kull darba li kien jiltaqa' fit-triqat ta' Ruma ma' nies mifnijin minn tbatijiethom, kien ikollu għalihom kliem ta' faraġ u jwettqilhom

qalbhom b'xi kelma mimlija għerf u mħabba għall-bniedem, kien jippreferixxi jilqa' ż-żgħażagħ fl-Oratorju, l-invenzjoni vera tiegħu. L-Oratorju għamlu post ta' laqgħat ferrieħa, skola ta' formazzjoni, ċentru għat-tixrid ta' l-arti.

Hu fl-Oratorju li San Filippu, huwa u jġib 'il quddiem l-ispirtu reliġjuż fl-espressjonijiet tiegħu tas-soltu u ġodda wkoll, impenja ruħu biex iġedded l-arti u jerfagħha billi jreġġagħha lura għall-qadi ta' Alla u tal-Knisja. Hu kien żgur li dak li hu sabiħ iwassal għal dak li hu tajjeb, u għalhekk daħħal fil-programm edukattiv tiegħu kulma kellu xi drhra ta' arti. U sar hu nnifsu promotur ta' għadd ta' espressjonijiet artistiċi diversi, billi ġieb 'il quddiem inizjattivi li setgħu jwasslu għal dak li hu tajjeb u veru.

San Filippu ta kontribut qawwi u eżemplari għall-mużika sagra, u għaraf jgħolliha b'mod li ma tkunx aktar divertiment fieragħ, imma ħidma ta' tiġdid għall-ispirtu. Kien hu li mbotta artisti u mużiċisti biex jagħtu bidu għal riforma fil-mużika sagra, riforma li laħqet il-qofol tagħha fi Pier Luigi da Palestrina.

4. San Filippu kien bniedem ta' min iħobbu, bniedem ta' qalb kbira, qaddis safi u umli, appostlu ħabrieki u kontemplattiv; għandu jkun dejjem mudell għall-membri kolha tal-Kongregazzjoni ta' l-Oratortju. Lill-Oratorjani kollha hu ħalla programm u stil ta' ħajja li għadhom jiswew ħafna għal-lum ukoll b'mod singulari; l-erba' kolonni – umiltà, imħabba, talb u ferħ – huma dejjem il-pedament sod fuq li sod li fuqu wieħed jista' jibni l-ħajja spiritwali tiegħu.

L-Oratorjani, jekk jagħrfu jimxu fuq l-eżempju tal-Fundatur tagħhom, għandhom ħidma x'jagħmlu fil-Knisja, ħidma li tfisser ħafna. Inħeġġeġ għalhekk lil ulied kollha ta' San Filippu, reliġjużi rġiel u nisa, li jibqgħu dejjem fidili għall-vokazzjoni oratorjana tagħhom, billi jfittxu 'l Kristu, jintrabtu miegħu b'perseveranza li ma bħalha, u jsiru ħaddiema qalbiena li jiżirgħu ż–żerriegħa tal-ferħ fost iż-żgħażagħ spiss imġarrbin minn ħafna qtigħ il-qalb u minn ħafna nuqqas ta' fiduċja.

B'dawn ix-xewqat għandi pjaċir nitlob il-ħarsien mis-sema ta' San Filippu Neri fuq il-komunità oratorjana kollha, bix-xewqa li ċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru biex ifakkru l-erba' mitt sena ta' twelid ta' San Filippu għas-sema, ikunu okkażjoni biex tingħaraf mill-ġdid il-figura u l-opra ta' dan ix-xhud singulari ta' Kristu, li għadu jista' jgħallem ħafna, fl-aħħar snin ta' dan is-seklu, lill-insara li huma impenjati fl-evanġelizzazzjoni ġdida.

Ma' dawn ix-xewqat tiegħi, ngħaqqad barka appostolika speċjali għalik, għall-membri kollha tal-Konfederazzjoni ta' l-Oratorju, u għal dawk kollha li jfittxu l-ispiritwalità tagħhom fil-"Qaddis tal-ferħ".

Mill-Vatikan, 7 ta' Ottubru, 1994

**IOANNES PAULUS PP II**

# Il-ħidma ta' l-anzjani fil-Knisja, ħidma ta' siwi kbir

*(Diskors tal-Papa fl-Udjenza Ġenerali tas-7 ta' Settembru 1994, fi Pjazza San Pietru)*

1. F'soċjetà bħal tagħna li tqim fuq li tqim il-produttività, l-anzjani jistgħu jsibu ruħhom f'qagħda li jitqiesu ma jiswew għal xejn, iżda huma ta' piż għall-oħrajn. Il-ħajja li qed titwal tkabbar il-problema ta' l-assistenza ta' l-għadd dejjem jiżdied ta' anzjani li jeħtieġu xi kura u, forsi wisq iżjed, jeħtieġu preżenza ħerqana kollha mħabba li timla l-vojt ta' ħajjithom. Il-Knisja taf b'dan il-problema u tfittex li ssolvih, ukoll b'ħidma ta' assistenza lill-anzjani, minkejja li din il-ħidma qed toħloq ħafna tħassib lill-Knisja minħabba nuqqas ta' nies u ta' mezzi. Il-Knisja ma tiqafx li ġġib 'il quddiem il-ħidma ta' l-istituti reliġjużi u tal-lajċi volontarji biex twieġeb għall-ħtieġa ta' l-assistenza ta' l-anzjani, u tfakkar lil kulħadd – żgħażagħ u kbar – id-dmir li għandu kulħadd li jaħseb fl-għeżież tiegħu li tant għamlu għalih.

2. B'ferħ liema bħalu, il-Knisja ttenni u terġa' ttenni li l-anzjani wkoll, għandhom posthom fil-komunità nisranija u huma ta' siwi għaliha. Jibqgħu dejjem membri sħaħ tal-komunità u huma msejħin jagħtu sehemhom għall-kobor tagħha bix-xhieda li jagħtu, bit-talb u bil-ħidmiet ukoll li jagħmlu, skond ma jistgħu.

Il-Knisja taf li m'humiex ftit dawk li jersqu lejn Alla fi xjuħithom, u huwa proprju f'dan iż-żmien li jistgħu jsibu għajnuna ħa jġeddu ż-żogħżija ta' l-ispirtu permezz ta' riflessjoni u permezz ta' ħajja sagramentali. L-esperjenza li jkunu kisbu tul is-snin tgħin lill-anzjani jifhmu safejn jista' jasal kulma hu tad-dinja u jħossu dejjem aktar fil-fond il-preżenza ta' Alla fil-ħajja tad-dinja. Id-dispjaċiri u t-tamiet qarrieqa li ġarrbu xi drabi tul ħajjithom għallmuhom jafdaw f'Alla biss; L-għerf li kisbu jista' jkun ta' vantaġġ kbir mhux biss għal qrabathom imma wkoll għall-komunità nisranija kollha kemm hi.

3. Min-naħa l-oħra l-Knisja tfakkarna li fl-Iskrittura Mqaddsa l-anzjan hu bniedem għaref, bil-għaqal, bniedem ta' dehen li jaf jagħti pariri tajba (ara Sir 25, 4-6). Għalhekk il-kittieba tal-Kotba Mqaddsa jħeġġuna biex nagħmluha ma' l-anzjani, kif naqraw fil-Ktieb ta' Bin Sirak (6, 34): "Oqgħod fejn jiltaqgħu x-xjuħ u fejn hemm xi għaref oqgħod ħdejh". Il-Knisja wkoll ittenni ż-żewġ twissijiet: "Iżżeblahx bniedem fi xjuħitu għax ħafna minna għad jixjieħu" (Sir 8, 6). "Tonqosx li tagħti każ ta' kliem ix-xjuħ għax huma wkoll tgħallmu mingħand missirijiethom" (Sir 8, 9). Il-Knisja wkoll tammira t-tradizzjoni ta' Israel li tobbliga żgħażagħ jagħtu widen għall-anzjani: "Qaluhulna missirijietna

dak li int għamilt fi żmienhom (Salm 44/43, 2). L-Evanġelju wkoll ixandar il-kmandament antik tal-Liġi: "Weġġagħ lil missierek u 'l ommok" (ara Eż. 201, 2; Dewt 5, 16) u Ġesù jiġbed l-attenzjoni tagħna għal dan il-kmandament bil-protesta tiegħu għall-mod kif il-kittieba kienu jeħilsu mill-ħarsien ta' dan il-kmandament (ara Mk 7, 9-11). Il-Knisja, fit-tradizzjoni tagħha ta' maġisteru u ta' ministeru appostoliku, dejjem għallmet u talbet rispett u mħabba għall-ġenituri u riedet li tingħatalhom għajnuna materjali fi ħtiġijiethom. Din ir-rakkomandazzjoni ta' rispett u għajnuna, materjali wkoll, lill-ġenituri anzjani għad għandha s-siwi kollu tagħha fi żmienna. Illum, aktar minn qabel, l-ispirtu ta' solidarjetà komunitarja, li għandu jkun hemm fil-Knisja, għandu jwassal għall-għemil, f'suriet qodma u f'suriet ġodda, ta' mħabba ta' l-ulied, għemil li bil-fatti jkun qed juri l-ħarsien ta' dan id-dmir.

4. Fi ħdan il-komunità nisranija, il-Knisja tweġġagħ lill-anzjani u tagħraf il-kapaċitajiet u l-kwalitajiet kollha tagħhom hija u tistedinhom jaqdu l-missjoni tagħhom, li m'hijiex biss marbuta ma' ċertu żmien u qagħda tal-ħajja, imma tista' turi ruħha f'ħafna suriet skond ma jkun jista' jagħmel kull wieħed. Iżda jridu jirbħu t-tentazzjoni li joqogħdu jixxennqu għall-imgħoddi li qatt ma jista' jiġilhom lura jew inkella li ma jimpenjawx ruħhom f'xi ħaġa ta' issa minħabba xi diffikultajiet li magħhom jiltaqgħu fid-dinja ta' llum, li bla heda qed toħloq ħwejjeġ ġodda.

L-anzjani, ukoll meta jsibuha bi tqila biex jifhmu t-tibdil li qed iseħħ fis-soċjetà li fiha qed jgħixu, m'għandhomx jingħalqu fihom infushom u minn rajhom iqisu ruħhom li ma għandhom x'jaqsmu xejn mad-dinja madwarhom, jaraw kollox ikrah u bla ebda ħajra li jippruvaw "jaqraw u jaraw" dak li qed iseħħ madwarhom. Hu importanti ħafna li l-anzjani jagħmlu sforz kbir u jħarsu lejn il-ġejjieni b'fiduċja, imwettqin bit-tama nisranija u mill-fidi fil-progress tal-grazzja ta' Kristu li qed tinxtered fid-dinja.

5. Fid-dawl ta' din il-fidi u bil-qawwa ta' din it-tama l-anzjani jagħrfu aħjar li huma msejħin biex bil-kwalitajiet u l-għana spiritwali tagħhom tistagħna l-Knisja. Huma jistgħu jagħtu xhieda ta' fidi li stagħniet b'esperjenza twila ta' ħajja, ġudizzju kollu għerf dwar kull ħaġa u kull qagħda fid-dinja, dehra ċara ta' dak li titlob l-imħabba għal xulxin tal-bnedmin, konvinzjoni hienja li hi l-imħabba ta' Alla li tmexxi kull ħajja u l-ġrajja kollha tad-dinja. Dan kien iwiegħed is-salm (92/91) lil-"ġusti" ta' Israel: "Sa fi xjuħithom il-frott jagħmlu, kollhom ħajja u ħdura biex ixandru li ġust hu l-Mulej" (v. 15-16).

6. Fl-aħħar mill-aħħar, jekk inqsiu sewwa s-soċjetà ta' llum nistgħu naraw li tista' tkun ta' għajnuna għal żvilupp ġdid tal-missjoni ta' l-anzjani fil-Knisja. Illum m'humiex ftit l-anzjani li saħħithom għadha tajba, jew jistgħu jiksbuha aktar malajr milli fl-imgħoddi. Għalhekk jistgħu jagħtu xi servizz fil-ħidma tal-parroċċi jew f'xi ħidmiet oħra.

Fil-fatt hemm ħafna anzjani li qed ikunu ta' siwi kbir fejn jistgħu jeżerċitaw

il-ħila tagħhom u l-kapaċitajiet tagħhom f'dak kollu li jistgħu jagħmlu fil-fatt. L-età ma tfixkilhomx meta jiddedidikaw ruħhom għall-ħtiġijiet tal-komunità bħalma huma l-kult, iż-żjajjar lill-morda, l-għajnuna lill-foqra. Meta l-età tagħhom twassalhom biex inaqqsu jew jieqfu minn dawn il-ħidmiet, jibqagħlhom dejjem l-impenn li jagħtu lill-Knisja t-talb tagħhom u t-tbatijiet li jista' jkollhom u li jaċċettaw għall-imħabba tal-Mulej.

Fl-aħħarnett irridu nfakkru, bħala anzjani, li, bid-diffikultajiet li taqlagħlna saħħitna u bid-dgħufija tal-forzi fiżiċi tagħna, aħna mseħbin b'mod partikulari ma' Kristu fil-Passjoni u s-Salib tiegħu. Inkunu għalhekk nistgħu nidħlu dejjem aktar fil-fond tal-misteru ta' dan is-sagrifiċċju tal-fidwa u nagħtu xhieda tal-fidi tagħna f'dan il-misteru, u tal-kuraġġ u tat-tama li jiġuna minn fost id-diffikultajiet u t-tiġrib kollu tax-xjuħija. Kollox fil-ħajja ta' l-anzjani jista' jservi biex tkun sħiħa l-missjoni tagħhom fid-dinja. Ma hemm xejn li ma jiswiex fil-ħajja ta' l-anzjani, anzi sehemhom, għax moħbi, hu aktar għażiż għall-Knisja.

7. Irrid inżid ukoll li x-xjuħija hija wkoll don ta' Alla li għalih irridu nroddu ħajr: don lill-anzjan innifsu, don lis-soċjetà u don lill-Knisja. Il-ħajja hi dejjem don kbir. Anzi, għall-fidili mexjin wara Kristu, nistgħu nitkellmu dwar kariżma speċjali mogħti lill-anzjani biex jużawh skond it-talenti li jkollhom u skond ma jkunu jifilħu, għall-hena tagħhom u għall-ġid ta' l-oħrajn.

Jalla l-Mulej jagħti lil ħutna kollha anzjani d-don ta' l-Ispirtu, imħabbar u mitlub mis-Salmista, meta lissen: "Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek; huma jmexxuni, iwassluni sa l-għolja mqaddsa tiegħek, sa l-għerejjex tiegħek. U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla, ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi... Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija? Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru, hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!" (Salm 43/42, 3-5). Kif nistgħu ma niftakrux ir-raba' vers ta' dan is-Salm li fil-verżjoni Griega magħrufa bħala dik tas-Sebgħin u li fuqha mxiet il-Vulgata Latina ġie mfisser *Deus laetificat iuventutem meam* (Alla hu l-hena ta' żogħżiti)?Aħna s-saċerdoti anzjani tennejnih kemm-il darba għal tant snin, fil-bidu tal-Quddiesa. Xejn ma għandu jżommna li fit-talb tagħna u fit-tamiet personali tagħna, inkomplu bħala anzjani nitolbu u nfaħħru lil Alla li jhenni lil żogħżitna. Sewwa jgħidu li x-xjuħija hi t-tieni żogħżija.

Il-Mulej iberikkom ilkoll.

# Ittra tal-Papa għall-150 sena ta' l-appostolat tat-talb

*Lill-P. Peter Hans Kolvenbach*
*Prepostu Ġenerali*
*tal-Kumpaniji ta' Ġesù*

1. Għeluq il-150 sena tal-fundazzjoni ta' l-Appostolat tat-Talb nixtieq nuri lilek, bħala Direttur Ġenerali, u permezz tiegħek, lil dawk kollha li huma msieħbin f'dan l-appostolat, il-ħajr kollu tiegħi għall-ġid kbir li dan l-appostolat għamel u qed jagħmel fil-Knisja.

Dan l-anniversarju jġegħlni wkoll inħeġġeġ bil-qawwa kollha biex dan l-impenn tant għażiż għall-ħajja spiritwali ta' l-insara u tal-komunitajiet jibqa' dejjem iseħħ.

2. Kif inhu magħruf, dan l-appostolat beda fit-3 ta' Diċembru 1844, festi ta' San Franġisk Saverju, meta fi studentat tal-ġiżwiti f'Vals fi Franza, il-P. Franġisk Saverju Gautrelet ikkonvinċa lill-istudenti biex jimpenjaw ruħhom hu jgħinu spiritwalment lil ħuthom li kienu qed jaħdmu fl-oqsma kollha ta' l-appostolat, billi joffru għalikom it-talb, is-sagrifiċċji u l-ħidmiet tagħhom. B'dan il-mod, bl-approvazzjoni ta' l-isqof ta' Le Puy, beda l-Appostolat tat-Talb. L-assoċjazzjoni xterdet hekk malajr li sa tmiem is-seklu kienet tgħodd 13-il miljun ta' msieħbin irġiel u nisa.

3. L-Appostolat tat-Talb dejjem kien għażiż għall-Papiet. Piju IX ipprova l-ewwel statuti, u ħeġġeġ lill-membri biex joffru kull jum it-talb u t-tbatijiet tagħhom għall-Knisja u għall-Papa. Wara, Papiet oħra wrew atttenzjoni speċjali għal dan l-appostolat u taw importanza kbira għall-kontribut kbir li jagħti lill-attivitajiet kollha ta' l-appostolat.

Fis-27 ta' Marzu 1968, il-Papa Pawlu VI approva l-adattament ta' l-istituti għat-tagħlim u l-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II u jien stess fid-diskors tiegħi tat-13 ta' April 1985 lis-Segretarji Nazzjonali ta' l-Apppostolat tat-Talb, li kienu miġburin f'kungress, fakkarthom fil-verità hekk ta' faraġ ta' l-insara li kuljum joffru ħajjithom u ħidmiethom lill-Qalb ta' Kristu u hekk jissieħbu attivament fil-misteru tal-Fidwa. Kull sena mbagħad nieħu pjaċir ngħaddi lilek personalment, bħala Direttur Ġenerali ta' l-Appostolat tat-Talb, l-intenzjonijiet ta' kull xahar li nkun għażilt għas-sena ta' wara.

4. Issa li qegħdin qrib l-għatba tat-tielet elf sena wara Kristu, f'dinja li f'ħafna oqsma tagħha saret prattikament pagana, jidher li hi ħaġa tassew urġenti li dawk miktubin fl-Appostolat tat-Talb iħossu ruħhom impenjati, b'mod tassew partikulari, ħa jgħinu l-evanġelizzazzjoni ġdida.

Kristu ġie biex iħabbar il-Bxara t-tajba lill-foqra. L-Appostolat tat-Talb dejjem tqies sura ta' pietà popolari għall-ġnus kollha, hu f'dan is-sens, tul dawn il-150 sena, kien ta' servizz tassew importanti għax qanqal fl-insara l-għarfien tas-siwi ta' ħajjithom għall-bini tas-Saltna ta' Alla. F'dinja bħal ta' llum, li ma għadhiex nisranija għax tilfet dan il-karattru tagħha, x'kontribut aqwa jista' jagħti l-Appostolat tat-Talb iktar minn dedikazzjoni sħiħa u kollha ħeġġa għall-evanġelizzazzjoni ġdida? Jeħtieġ niftħu għajnejn iċ-ċkejknin għall-messaġġ ta' ħelsien li ġabet ir-Rivelazzjoni.

5. B'mod partikulari l-membri ta' l-Appostolat tat-Talb għandhom iħossu ruħhom impenjati li jgħallmu, l-aktar lil dawk li tilfu d-drawwa, jitolbu bl-għajnuna tal-Kelma ta' Alla. Kristu hu l-Kelma ħajja li personalment iwassal il-verità u l-ħajja fil-fehmiet u l-qlub. Bil-meditazzjoni ta' l-Iskrittura, in-nisrani jasal biex jilqa' bil-ferħ ir-rieda ta' Alla u, bl-għajnuna tal-grazzja li toħroġ mill-Ewkaristija, jagħmilha fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Aktar ma wieħed jitgħallem jispira t-talb proprja tiegħu bil-kelma ta' Alla, aktar ikun intimament mimli bis-sentimenti tal-Qalb ta' Kristu. Is-sehem fil-ħajja liturġika, f'dan is-sens, jidher ta' qawwa li ma bħalha. Hu dmir l-Appostolat tat-Talb iġib dan 'il quddiem għax jagħraf li dan għandu importanza kbira għas-suċċess ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida.

U wkoll, l-evanġelizzazzjoni ġdida tirnexxi daqskemm tgħin biex tissaħħaħ il-komunità ekklesjali fil-grazzja li toħroġ mill-Qalb ta' Kristu. L-Appostolat tat-Talb, tul 150 sena, ħoloq xirka kbira ta' talb fost mijiet ta' miljuni ta' nies li jemmnu. Ma tistax tittama inqas minn hekk għall-ġejjieni. L-Appostolat tat-Talb irid ikompli jimbotta l-ikbar għadd ta' nies li jista' jkun hemm, biex jitolbu flimkien lill-Missier f'isem l-Iben u bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu skond il-fehmiet tal-Knisja.

Din ix-xirka kbira ta' talb tgħin sewwa għall-bini kemm tal-Knisja Universali u kemm tal-Knisja lokali. Għalhekk waqt li nħeġġeġ biex ikompli jsir talb għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-Knisja kollha, nixtieq nistieden l-insara biex flimkien mar-ragħajja tagħhom jitolbu wkoll għall-fehmiet tal-Knejjes lokali u ta' kull komunità.

6. Jiena u nrodd ħajr għalhekk lil dawk kollha li qed iħabirku biex iżommu ħajja l-ispiritwalità ta' l-Appostolat tat-Talb, ibda minnek, għażiż Patri, irrid niftakar ukoll fis-segretarji nazzjonali u d-diretturi djoċesani, il-kappillani u l-kollaboraturi tagħhom, l-għalliema u l-katekisti: lilkom nagħti l-Barka tiegħi kollha mħabba b'rahan tal-grazzji li jfawwru mill-Qalb ta' Kristu, mimlija mħabba u ħniena.

Mill-Vatikan 3 ta' Diċembru, 1994

**IOANNES PAULUS PP. II.**

# Ittra tal-Papa lit-tfal fis-Sena tal-Familja

Għeżież tfal,

Ftit ġranet oħra u jasal il-Milied, il-jum qaddis hekk mimli tifsir għat-tfal kollha f'kull familja. Hu dan hu wisq aktar hekk din is-sena għaliex hija s-**Sena tal-Familja.** Qabel ma tintemm is-Sena tal-Familja rrid nikteb lilkom, intom it-tfal tad-dinja kollha, biex naqsam magħkom il-ferħ ta' dan iż-żmien tas-sena.

**Il-Milied hu l-festa ta' Bambin**, Bambin għadu jitwieled. Mela hi wkoll il-festa tagħkom! Intom m'għandkomx sabar tistennewha u titħejjew għaliha bil-ferħ, intom u tgħoddu l-ġranet u s-sigħat ukoll, li għad fadal għal-Lejl Qaddis ta' Betlehem.

Kważi kważi qed narakom tħejju l-Presepju fid-dar, fil-parroċċa, f'kull rokna tad-dinja, biex toħolqu mill-ġdid l-ambjent u ċ-ċirkostanzi tat-twelid tas-Salvatur. Iva, dan kollu veru! Fi żmien il-Milied il-grotta u l-maxtura għandhom posthom f'nofs il-Knisja. U kulħadd iħaffef lejhom f'mixja spiritwali, bħal dik tar-ragħajja fil-lejl li fih twieled Ġesù.Aktar tard kienu l-Maġi li ġew mill-bogħod, mil-Lvant u mxew wara kewkba safejn kien jinstab il-Feddej tad-dinja.

Intom ukoll fil-ġranet tal-Milied tmorru taraw il-Presepji u tieqfu tħarsu lejn il-Bambin qiegħed fuq it-tiben. Tħarsu lejn Ommu, tħarsu lejn San Ġużepp, dak li kellu jħares lill-Feddej. Intom u tħarsu lejn il-**Familja Mqaddsa**, intom tiftakru fil-familja tagħkom, il-familja li fi ħdanha ġejtu fid-dinja. Tiftakru f'ommkom li wellditkom, u tiftakru f'missierkom. It-tnejn jaħsbu għall-familja u għat-trobbija tagħkom. Għaliex hu dmir il-ġenituri, mhux biss li jkollhom it-tfal, imma wkoll li jrabbuhom sa mit-twelid tagħhom. Għeżież tfal, jien u niktbilkom, niftakar li ħafna snin ilu kont tifel bħalkom. Jien ukoll kont inħoss l-hena tal-Milied, u meta kienet tibda tiddi l-kewkba ta' Betlehem, kont inħaffef mat-tfal l-oħra, bniet u subjien, biex ngħix mill-ġdid dak li ġara elfejn sena ilu fil-Palestina. Aħna t-tfal konna nuru l-ferħ tagħna l-aktar bil-kant. Kemm hu sabiħ, kemm iqanqlek l-għana tal-Milied li, fid-drawwiet ta' kull poplu, jitkanta ħdejn il-Presepju! Xi ħsibijiet għoljin fih dan l-għana u, fuq kollox, x'ferħ u ħlewwa juri għall-Bambin li ġie fid-dinja f'dak il-Lejl Qaddis!

Il-ġranet li jiġu wara t-twelid ta' Ġesù huma wkoll ġranet ta' festa: għalhekk **tmint ijiem wara**, skond id-drawwa tat-Testment il-Qadim, il-Bambin ingħata isem: semmewh Ġesù. **Wara erbgħin jum** aħna nfakkru l-preżentazzjoni tiegħu fit-Tempju, bħal kull l-ewwel imwieled ta' Iżrael. Dakinhar seħħet laqgħa tassew ta' l-għaġeb. Marija malli waslet fit-Tempju bil-Bambin, laqagħha x-xwejjaħ Xmun li ħa f'idejh il-Bambin Ġesù u qal dan il-kliem profetiku: "Issa, O Sid,

tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek, li int ħejjejt għall-popli kollha: dawl biex idawwal il-ġnus u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael" (Lq 2, 29-32). Imbagħad kellem lil Ommu Marija u żied jgħid: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael u jkun sinjal li jmeruh – u inti wkoll sejf jinfidlek ruħek – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna" (Lq 2, 34-35). Hekk, sa mill-ewwel ġranet tal-ħajja ta' Ġesù, instemgħet it-tħabbira tal-Passjoni tiegħu, li kellha wkoll tħaddan lil Ommu Maija: nhar il-Ġimgħa l-Kbira kellha tieqaf siekta ħdejn is-salib ta' Binha. U ma kellux ukoll jgħaddi żmien wisq mit-twelid tiegħu, li l-Bambin Ġesù kellu jsib ruħu quddiem periklu kbir. Is-sultan kattiv Erodi kien se jagħti ordni li jinqatlu t-tfal kollha minn sentejn 'l isfel u, minħabba f'hekk, Ġesù kellu jaħrab flimkien mal-ġenituri tiegħu lejn l-Eġittu.

Intom żgur tafuhom dawn il-ġrajjiet marbutin mat-twelid ta' Ġesù. Jgħiduhomlkom il-ġenituri tagħkom, is-saċerdoti, l-għalliema u l-katekisti, u kull sena intom tgħixuhom spiritwalment, fi żmien il-Milied, flimkien mal-Knisja kollha. Għalhekk tafuhom sewwa dawn l-aspetti drammatiċi tat-tfulija ta' Ġesù.

Għeżież ħbieb! F'dak li ġara lill-Bambin ta' Betlehem **tistgħu taraw x'qed jiġri lil ħafna tfal fid-dinja kollha.** Hu veru li tarbija tfisser ferħ, mhux biss għall-ġenituri tagħha, imma wkoll għall-Knisja, u fis-soċjetà kollha; iżda hu veru wkoll li fi żminijietna, jaħasra, ħafna tfal, f'ħafna postijiet tad-dinja, qed ibatu u hemm theddida fuqhom: qed ibatu l-ġuħ u huma fqar, qed imutu minħabba l-mard u n-nuqqas ta' ikel, huma vittmi tal-gwerer, huma abbandunati mill-ġenituri tagħhom u kkundannati biex jibqgħu mingħajr dar fejn joqogħdu, mingħajr il-kenn tal-familja tagħhom, u qed isofru kull sura ta' vjolenza u arroganza mill-kbar. Kif ma nitħassbux naraw il-moħqrija ta' tant tfal speċjalment meta din il-moħqrija ġejja mill-kbar?

## Ġesù jħabbar il-Verità

Il-Bambin, li naraw fil-maxtura fil-Milied, kiber u meta kellu tnax-il sena, kif tafu, mar għall-ewwel darba ma' Marija u Ġużeppi minn Nazaret għal Ġerusalemm, għall-festa ta' l-Għid. Hemm, fil-folla tan-nies, il-ġenituri tiegħu tilfuh u hu, ma' tfal oħra ta' mparu bniet u subjien, waqaf jisma' l-għalliema fit-Tempju, f'sura ta' "lezzjoni tad-duttrina". Il-vaganzi kienu okkażjonijiet tajba biex iwasslu l-fidi lit-tfal ta' mpar Ġesù. Iżda dakinhar ġara li dak it-tifel straordinarju, li kien ġie minn Nazaret, mhux biss għamel mistoqsijiet intelliġenti, imma beda wkoll jagħti tweġibiet għoljin lil dawk li kienu jgħallmuh. Il-mistoqsijiet, u wisq aktar it-tweġibiet, għaġbu lill-għalliema tat-Tempju. Kien l-istess stagħġib li aktar tard kellu jġib ix-xandir ta' Ġesù. L-episodju tat-Tempju ta' Ġerusalemm kien biss il-bidu, u sura ta' tħabbira minn qabel ta' dak li kellu jiġri snin wara.

Għeżież tfal, subjien u bniet, intom għandkom xi tnax-il sena bħalma kellu Ġesù: ma tistgħux mela ma tiftakrux **fil-lezzjonijiet tal-katekiżmu fil-parroċċa u fl-iskola,** lezzjonijiet li ġejtu mistednin għalihom? Għalhekk irrid nagħmlilkom xi mistoqsijiet. X'jidhrilkom mil-lezzjonijiet tar-reliġjon? Timpenjaw ruħkom fihom bħal Ġesù ta' tnax-il sena fit-Tempju? Tmorru regolarment għal dawn il-lezzjonijiet fl-iskola u fil-parroċċa? F'dan jgħinukom il-ġenituri tagħkom?

Ġesù ta' tnax-il sena tant interessa ruħu fil-lezzjoni tar-reliġjon fit-Tempju ta' Ġerusalemm li, b'xi mod, nesa l-ġenituri tiegħu. Marija u Ġużeppi, li kienu ġa bdew il-mixja lura lejn Nazaret, ma' pellegrini oħra; ma damux ma ntebħu li Ġesù ma kienx magħhom. Fittxewh ħafna. Reġgħu lura u biss wara tlitt ijiem sabuh f'Ġerusalemm fit-Tempju! "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jien konna nfittxuk, b'qalbna maqsuma" (Lq 2, 48). Kemm kienet stramba t-tweġiba ta' Ġesù u kemm iġġagħlna nieqfu u naħsbu: "U għaliex kontu tfittxuni? Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (Lq , 49). Kienet tweġiba diffiċli taċċettaha. L-evanġelista San Luqa jżid biss li Marija "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq 2, 51). Fil-fatt kienet tweġiba li wieħed fehemha aktar tard, meta Ġesù kiber u beda jippriedka u jgħid li, għal Missieru tas-sema, kien lest iġarrab kull tbatija u l-mewt fuq is-salib ukoll.

Minn Ġerusalemm Ġesù reġa' lura Nazaret, ma' Marija u Ġużeppi, u kien jobdihom. (ara Lq 2, 51). Dwar dan iż-żmien, qabel Ġesù beda jippriedka fil-pubbliku, l-Evanġelju jgħid biss li "baqa' jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (Lq 2, 52).

Għeżiez tfal, fil-Bambin li taraw fil-maxtura għandkom tippruvaw taraw ukoll it-tifel ta' tnax-il sena fit-Tempju ta' Ġerusalemm, jitkellem mad-dutturi. Huwa wkoll dak ir-raġel ta' tletin sena li jibda jxandar il-Kelma ta' Alla, li jagħżel it-tnax-il Appostlu, li jmorru warajh folol kbar ta' nies għatxana għall-verità. F'kull pass li jagħmel iwettaq it-tagħlim ta' l-għaġeb tiegħu, b'sinjal tas-setgħa divina tiegħu: jagħti d-dawl lill-għomja, ifejjaq il-morda u jqajjem ukoll il-mejtin. U fost il-mejtin li jsejjaħ lura għall-ħajja hemm it-tifla ta' Ġajru ta' tnax-il sena, u hemm l-iben ta' l-armla ta' Najn, li Ġesù jagħti lura lil ommu mbikkija.

Dan kollu veru: dan il-Bambin li għadu kemm twieled, meta jikber, bħala Mgħallem tal-Verità ta' Alla, **juri mħabba ta' l-għaġeb għat-tfal.** Jgħid lill-Appostli: "Ħallu t-tfal jiġu għandi, iżżommuhomx"; u jżid jgħid "għax ta' min hu bħalhom hi s-Saltna tas-smewwiet" (Mk 10, 14). Darb'oħra l-Appostli kienu jiddiskutu bejniethom min kien l-akbar wieħed fosthom, u Ġesù qiegħed tifel quddiemhom u qal: "Jekk intom ma terġgħux issiru bħal-tfal iż–żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-smewwiet" (Mt 18, 3). Dik id-darba qal ukoll kliem iebes ta' twissija: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin, ikun

aħjar għalih li jdendlulu mą' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawwru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ il-baħar" (Mt 18, 6).

**Kemm huma importanti t-tfal għal Ġesù!** Nistgħu ngħidu wkoll li **l-Evanġelju kollu mimli bil-verità dwar it-tfal.** L-Evanġelju kollu nistgħu naqrawh bħala "l-Evanġelju tat-tfal". X'jista' jfisser "Jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet"? **Ġesù b'hekk m'hux qed juri t-tfal bħala eżempju** wkoll għall-kbar? Fit-tfal hemm xi ħaġa li qatt ma għandha tkun nieqsa f'dawk li jridu jidħlu fis-Saltna tas-smewwiet. Dawk li huma msejħin għas-sema huma bla għelt, bħat-tfal, kollhom fiduċja, u b'għana ta' tjieba, u safja. Biss nies għal dawn isibu f'Alla Missier u, permezz ta' Ġesù, isiru huma wkoll ulied Alla.

M'huwiex dan il-messaġġ ewlieni ta-Milied? Naqraw f'San Ġwann: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1, 14), u wkoll: "Lil dawk li laqgħuh, tahom is-setgħa **li jsiru wlied Alla,** dawk li jemmnu f'ismu" (Ġw 1, 12). Ulied Alla! Intom għeżież tfal, intom ulied il-ġenituri tagħkom. Alla jrid li aħna lkoll insiru wlied adottivi tiegħu, permezz tal-grazzja. Hawn għandna r-raġuni vera tal-ferħ tal-Milied, dak il-ferħ li dwaru qed niktbilkom fi tmiem is-Sena tal-Familja. Kunu ferħanin f'dan **"l-Evanġelju ta' wlied Alla".** F'dan il-ferħ, nittama li l-vaganzi tal-Milied ta' din is-sena jkollhom kotra ta' frott f'din is-Sena tal-Familja.

## Ġesù joffri lilu nnifsu

Għeżież ħbieb, żgur li hi laqgħa li ma tintesa qatt il-laqgħa ma' Ġesù fl-Ewwel Tqarbina, jum li wieħed jibqa' jiftakru bħala wieħed mill-isbaħ ta' ħajtu. L-Ewkaristija li Ġesù waqqaf fl-Aħħar Ikla, lejlet il-Passjoni tiegħu, hu Sagrament tal-Patt il-Ġdid, anzi l-aqwa fost is-Sagramenti. F'dan is-Sagrament, il-Mulej isir ikel għar-ruħ taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid. It-tfal jirċievu dan is-Sagrament għall-ewwel darba b'mod solenni – fl-Ewwel Tqarbina – u huma mħeġġin ikomplu jirċevuh, kemm jista' jkun ta' spiss, biex jibqgħu ħbieb fil-qrib ma' Ġesù.

Biex wieħed ikun jista' jitqarben, kif tafu, irid ikun irċieva **l-Magħmudija,** li hi l-ewwel Sagrament, u s-Sagrament l-aktar meħtieġ għas-salvazzjoni. Il-Magħmudija hi avveniment kbir! Fl-ewwel mijiet ta' snin tal-Knisja, meta l-Magħmudija kienet tingħata l-aktar lill kbar, iċ-ċerimonja kienet tingħalaq bit-tqarbin, u kienet ċelebrazzjoni solenni, kif hi ċelebrazzjoni solenni l-Ewwel Tqarbina llum. Aktar tard meta l-Magħmudija bdiet tingħata lit-trabi għadhom jitwieldu – u dan ġara għall-kotra l-kbira tagħkom, għeżiez tfal, u għalhekk ma tiftakrux jum il-Magħmudija tagħkom, iċ-ċelebrazzjoni l-aktar solenni bdiet issir għall-Ewwel Tqarbina. Kull tifel u tifla ta' familja Kattolika jafha sewwa din id-drawwa: l-Ewwel Tqarbina hi **ċelebrazzjoni kbira fi ħdan il-familja.** Dakinhar flimkien ma' dak jew dik li għamel jew għamlet l-Ewwel Tqarbina, il-ġenituri, l-aħwa, il-qraba, il-parrinijiet u xi kultant ukoll l-għalliema ġeneralment jitqarbnu huma wkoll.

Jum l-Ewwel Tqarbina hi wkoll **jum ta' ċelebrazzjoni kbira fil-parroċċa.** Jien niftakarha qisha l-bieraħ, meta ma' tfal oħra, bniet u subjien, ta' mpari, tqarbint għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali tal-belt tiegħi. Din il-ġrajja hi ġeneralment imfakkra b'ritratt tal-familja kollha, sabiex ma tintesa qatt. Ritratti bħal dawn ġeneralment jibqgħu ma' dak li jkun, tul ħajtu kollha. Huwa u għaddej iż-żmien, dawn ir-ritratti jinħarġu u mill-ġdid tinħass l-hena ta' dawk il-mumenti, nerġgħu lura għas-safa u l-ferħ li ġarrabna fil-laqgħa ma' Ġesù. Dak li għall-imħabba tagħna sar il-Feddej tal-bniedem.

Għalkemm tfal, fil-ġrajja kollha tal-Knisja, l-Ewkaristija kienet għalihom għajn ta' qawwa spiritwali u, xi kultant ukoll, ta' qawwa erojka! Kif ma **nif-takarx**, biex insemmi eżempju, **fis-subjien u l-bniet qaddisa** li għexu fl-ewwel żminijiet, u għadhom magħrufin u meqjuma fil-Knisja kullimkien? Sant'Anjeże li għexet f'Ruma; Sant'Agata li sofriet il-martirju fi Sqallija; San Tarċisju, dak it-tifel li bir-raġun kollu hu magħruf bħala "l-martri ta' l-Ewkaristija", għax għażel li jmut milli jagħti f'idejn l-għedewwa, lil Ġesù li kien qed iġorr taħt ix-xbiha tal-ħobż.

U hekk tul iż-żminijiet sa llum **hemm ħafna subjien u bniet fost dawk li l-Knisja ddikjarat li huma beati u qaddisin.** Kif Ġesù fl-Evanġelju juri fiduċja speċjali fit-tfal, hekk Ommu Marija tul iż–żminijiet, qatt ma naqset li turi **l-imħabba tagħha ta' omm għaċ-ċkejknin.** Ftakru f'Santa Bernardetta ta' Lourdes, fit-tfal ta' La Salette u fi żmienna, f'Luċija, Franġisku u Jacinta ta' Fatima.

Ftit qabel kellimtkom dwar "l-Evanġelju tat-tfal": dan l-Evanġelju ma sabx fi żmienna espressjoni partikulari fl-ispiritwalità ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù? Hu kollu kemm hu veru li Ġesù u Ommu spiss jagħżlu tfal u jafdawlhom ħidmiet importanti fil-ħajja tal-Knisja u tal-ġens kollu tal-bnedmin. Semmejt biss ftit li huma magħrufin kullimkien, imma kemm aktar hemm li m'humiex hekk magħrufin ma' kullimkien! Il-Feddej tal-bniedem jidher li **qed jaqsam magħhom it-tħassib għall-oħrajn:** għall-ġenituri, għal subjien u bniet oħra. Bil-ħeġġa kollha jistenna t-talb tagħhom: **X'qawwa kbira għandu t-talb tat-tfal! Isir ta' eżempju għall-kbar ukoll.** Titlob bla għelt u bil-fiduċja kollha tkun titlob kif jitolbu t-tfal.

U hawn niġi għall-ħsieb importanti ħafna fi tmiem din is-Sena tal-Familja, għeżież ħbieb żgħar tiegħi; għat-talb tagħkom irrid nafda l-problemi tal-familji tagħkom u tal-familji kollha tad-dinja. U mhux dan biss: għandi intenzjonijiet oħra li għalihom irridkom titolbu. **Il-Papa jafda ħafna fuq it-talb tagħkom.** Irridu nitolbu flimkien u nitolbu ħafna biex il-bnedmin kollha, li jgħoddu miljuni ta' miljuni, isiru dejjem aktar il-familja ta' Alla u jkunu jistgħu jgħixu fis-sliem. Fil-bidu ta' din l-ittra semmejt it-tbatijiet, li ma jistgħux jitfissru bil-kliem, li tant tfal ġarrbu f'dawn l-aħħar mitt sena, u li ħafna minnhom għadhom iġarrbu sa dan il-mument stess. Kemm minnhom, f'dawn il-ġranet ukoll, qed ikunu vittmi tal-

mibegħda li hi mkebbsa f'ħafna postijiet tad-dinja? Fil-Balkani, biex insemmi eżempju, f'xi pajjiżi ta' l-Afrika. Jiena u naħseb fuq dawn il-fatti li jweġġgħulna qalbna, li ddeċidejt li nitlobkom, għeżież subjien u bniet, li tidħlu intom għad-dmir **li titolbu għall-paċi**. Intom tafu sewwa li **l-imħabba u l-armonija jibnu l-paċi, il-mibegħda u l-vjolenza jeqirduha.** Istintivament intom taħarbu l-mibegħda u tinġibdu mill-imħabba għalhekk il-Papa hu żgur li ma tirrifjutawx it-talba tiegħu, imma tingħaqdu miegħu fit-talb għall-paċi fid-dinja bl-istess ħeġġa li biha titolbu għall-paċi u l-armonija fi ħdan il-familja tagħkom.

## Paċi f'isem il-Mulej

Fi tmiem din l-Ittra, għeżież subien u bniet, irrid niftakar fi kliem dak is-Salm li dejjem qanqalni: *Laudate pueri Dominum:* "Faħħru, tfal, il-Mulej, faħħru isem il-Mulej minn issa u għal dejjem. Minn issa u għal dejjem ikun imfaħħar isem il-Mulej. Min tlugħ ix-xemx sa nżulha jkun imfaħħar isem il-Mulej" (ara Salm 112/113, 1-3). Jiena u nimmedita kliem dan is-Salm, uċuh it-tal kollha tad-dinja jgħaddu minn quddiemi, mil-Lvant sal-Punent, mit-Tramuntana sa Nofsinhar. Lilkom, ħbieb żgħar tiegħi, mingħajr distinzjoni ta' lsien, razzza jew nazzjon, ngħidilkom: **Faħħru isem il-Mulej**!

U għaliex in-nies iridu jfaħħru 'l Alla qabel xejn fl-istess ħajja tagħhom, tinsewx dak li Ġesù ta' tnax-il sena qal lil Ommu u lil San Ġużepp fit-Tempju ta' Ġerusalemm: "Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (Lq 2, 49). Il-bnedmin ifaħħru 'l Alla, **huma u jwieġbu għal-leħen is-sejħa tagħhom**. Alla jsejjaħ lil kull persuna u leħnu jinstema' wkoll fi qlub it-tfal: isejjaħ għall-ħajja fiż-żwieġ jew għas-saċerdozju, isejjaħ għall-ħajja konsagrata jew forsi għall-ħidma fil-missjonijiet. Min jaf? Itolbu, subjien u bniet, biex tkunu tafu x'inhi s-sejħa tagħkom u li twieġbu għaliha bil-ġenerożità kollha tagħkom.

**Faħħru isem il-Mulej**. It-tfal ta' kull kontinent, fil-lejl ta' Betlehem, iħarsu b'ħarsa ta' fidi lejn il-Bambin għadu jitwieled u jġarrbu l-ferħ tal-Milied. Ikantaw b'kelmet ommhom, huma u jfaħħru isem il-Mulej. Il-kant li jqanqlek tal-Milied, hu mxerred mad-dinja kollha. Huwa kliem ta' tjieba, kliem li jqanqal, li jinstema' fl-ilsna kollha tal-bnedmin, bħal għanja ta' festa tiela' mill-art kollha, ħalli tintiseġ ma' l-għana ta' l-Anġli, il-messaġġiera tal-glorja ta' Alla fuq il-grotta ta' Betlehem: "Glorja 'l Alla fl-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba" (Lq 2, 14): L-Iben ta' Alla jiġi fostna bħala Bambin għadu jitwieled: madwaru t-tfal ta' kull nazzjon ta' l-art iħossu għajnejh fuqhom, għajnejn mimlijin bl-imħabba tal-Missier tas-sema, u jifirħu għax Alla jħobbhom. Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba. Huma msejħin biex iħobbu 'l Alla u lil għajrhom, iżda biex iħobbu kif imiss iridu jkunu żguri li Alla jħobbhom. **Alla jħobbkom, għeżież tfal!** Dan hu li rrid ngħidilkom fi tmiem is-Sena tal-

Familja u f'din l-okkażjoni tal-festi tal-Milied, li b'mod speċjali huma l-festi tagħkom. Nittama li jkunu għalikom festi ta' ferħ u ta' sliem. Nittama li matulhom tħossu b'qawwa akbar l-imħabba tal-ġenituri tagħkom. ta' ħutkom bniet u subjien, tal-qraba kollha tal-familji tagħkom. Din l-imħabba mbagħad trid tinxtered fil-komunità kollha tagħkom, fid-dinja kollha wkoll, u preċiżament permezz tagħkom, tfal għeżież. L-imħabba mbagħad tkun tista' tilħaq lil dawk li l-aktar jeħtiġuha, speċjalment lil dawk li qed ibatu u huma waħidhom. Hemm ferħ akbar minn dak li ġġib l-imħabba? Hemm ferħ akbar minn dak li int, Ġesù, iġġib fil-Milied fi qlub il-bnedmin, speċjalment fi qlub it-tfal?

Erfa' idek, Ġesù Bambin, u bierek dawn il-ħbieb żgħar tiegħek; bierek it-tfal kollha tad-dinja.

Mill-Vatikan 13 ta' Diċembru 1994.

**IOANNES PAULUS PP II**

# Il-ħajja konsagrata u l-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja

## MESSAĠĠ TAS-SINODU TA' L-ISQFIJIET 1994

### I.
### Innu ta' ferħ u ta' radd il-ħajr

F'għeluq is-Sinodu, aħna l-isqfijiet tas-Sinodu, flimkien mar-rappreżentanti tal-ħajja konsagrata, f'għaqda sħiħa mas-suċċessur ta' San Pietru, bil-ferħ kollu ta' qalbna nwasslu l-messaġġ tagħna lill-poplu kollu ta' Alla u lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba biex nagħtu xhieda ta' dik il-bxara t-tajba li hi l-ħajja konsagrata għall-professjoni tal-Kunsilli evanġeliċi. Imlietna bil-ferħ il-presenza fis-Sinodu tar-rappreżentanti tal-ħajja konsagrata tal-Knejjes Insara mħux kattoliċi. B'mod speċjali rridu nwasslu l-messaġġ tagħna lil dak il-miljun u aktar ta' rġiel u nisa li flimkien jiffurmaw il-familja kbira tal-konsagrati u tal-membri tas-soċjetajiet ta' ħajja appostolika.

Għaddejna xahar sħiħ nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jdawwalna bid-dija tiegħu, aħna u nitolbu, naħsbu u niddiskutu dwar il-Pjan ta' Alla għall-Ħajja Konsagrata u fil-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja ta' llum. Nagħmlu tagħna l-ferħ u t-tamiet, il-ħerqa u t-tħassib ta' din il-ħajja, u fl-istess ħin naraw x'għajnuna nistgħu nagħtu f'waqtha – dwar dan għamilna xi suġġerimenti lill-Papa.

Qabel xejn irridu nroddu ħajr lil Alla għad-don kbir tal-Ħajja Konsagrata fil-Knisja. U rridu nuru l-ħajr tagħna lill-membri kollha tal-ħajja konsagrata għax-xhieda ta' ħajjithom skond il-Kunsilli evanġeliċi. Tislima speċjali għandna għalikom li mexjin wara l-Mulej f'ħajja kontemplattiva li aħna nistmaw ħafna. It-tislima tagħna hija wkoll għalikom li għażiltu timxu wara l-Mulej fil-ħafna suriet tal-ħajja attiva.

B'mod speċjali rridu nroddu ħajr lin-nisa konsagrati. L-għoti sħiħ tagħhom lil Kristu, il-ħajja tagħhom ta' adorazzjoni u ta' talb għad-dinja, huma xhieda tal-qdusija tal-Knisja. Il-qadi tagħhom lill-poplu ta' Alla u lis-soċjetà fl-oqsma kollha ta' l-evanġelizzazzjoni, bħalma huma l-ħidma pastorali, l-edukazzjoni, il-kura tal-morda, tal-foqra u ta' l-imwarrbin, juri l-wiċċ tal-Knisja Omm.

In-nisa konsagrati għandu jkolhom sehem aqwa f'dawk il-qagħdiet li jistennew minnhom il-pariri tagħhom u sehem fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Bis-sehem attiv tagħhom fis-Sinodu stagħniet l-aktar ir-riflessjoni dwar il-Ħajja Konsagrata u dwar id-dinjità tal-mara konsagrata u tas-sehem tagħha fil-missjoni tal-Knisja.

Kelma speċjali ta' mħabba għandna għall-membri anzjani u morda ta' l-Istituti ta' ħajja konsagrata. Intom issagrifikajtu saħħitkom għall-għaxriet ta' snin, u issa

li qegħdin iġġarbu t-toqol ta' l-għomor u tat-tbatija, qegħdin taqdu sura ta' appostolat ta' siwi kbir.

Inroddu ħajr lill-ikkonsagrati mgħobbijin bit-toqol tax-xogħol tagħhom, meta huma fl-aħjar ta' saħħithom. Ħafna minkom illum qegħdin jagħmlu din il-ħidma f'qagħda fejn xejn ma hu żgur u b'għajnuniet wisq inqas mill-imgħoddi. Tħallux ix-xogħol tagħkom jirkibkom, tinsewx li l-ħidma tal-bniedem għandha l-għejun tagħha fit-talb u f'għaqda sħiħa mal-Mulej.

Għandna wkoll kelma ta' radd il-ħajr liż-żgħażagħ li sabu 'l Kristu u, fil-qagħda ta' llum fejn xejn ma hu żgur, kellkom il-kuraġġ li tilqgħu l-istedina li taqbdu t-triq tal-Kunsilli evanġeliċi. Nawgurawlhom ħeġġa u perseveranza fil-mumenti wkoll ta' nuqqas ta' fiduċja u ta' dubbji.

Kelma speċjali ta' radd il-ħajr ħierġa mill-qalb lill-membri kollha ta' ħajja konsagrata, irġiel u nisa, li fis-snin tal-persekuzzjonijiet kontra l-fidi, il-bieraħ u llum, baqgħu fidili għas-sejħa tagħhom. Niftakru b'ammirazjzoni sħiħa, lil dawk ħutna, irġiel u nisa, li xerrdu demmhom għas-Saltna ta' Alla.

## II
## Ħafna suriet ta' ħajja koknsagrata

Waqt il-laqgħat tas-Sinodu stajna nqisu l-Ħajja Konsagrata bħala sinjal tassew għażiż tal-ħajja spiritwali tal-Knisja, ħajja ta' varjetà tassew ta' l-għaġeb u li tiġbdek, ħajja kollha kemm hi miftuħa għal eluf ta' ħidmiet ta' ġid, ħajja ta' ġmiel soprannaturali għax dejjem tistagħna bid-doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Permezz tal-Ħajja Konsagrata l-Knisja tidher bħala Għarusa mżejna għall-Għarus tagħha, u permezz tagħha jidher l-għerf ta' Alla ta' kull xorta.

Fid-diskussjonijiet tas-Sinodu ħarġet distinzjoni importanti ħafna, dik bejn "il-Ħajja Konsagrata" fiha nfisha fid-dimensjoni teoloġika tagħha, u bejn "is-suriet istituzzjonali" li kisbet tul iż-żminijit. Il-Ħajja Konsagrata fiha nfisha tibqa' dejjem għax qatt ma tista' tiġi nieqsa mill-Knisja, iżda s-suriet istituzzjonali tagħha huma dejjem għal xi żmien u ma għandhomx xi garanzija li jibqgħu għal dejjem.

Kien hemm, tul żminijiet, u għad hemm, għadd kbir ta' Ordnijiet, Kongregazzjonjiet, Istituzzjonijiet u Gruppi, u wkoll suriet ġodda ta' Ħajja Konsagrata, kollha b'suriet differenti. Dawn is-suriet kemm ta' l-irġiel u kemm tan-nisa jekk ngħodduhom naraw li huma eluf.

Kull sura għandha l-istil tal-ħajja proprja tagħha, xi ħidma pekuljari tagħha, li jmorru mid-deżert għall-ibliet, mill-irtir għal-klawsura, mill-kontemplazzjoni għall-appostolat attiv, mill-ħarba mid-dinja għall-ħmira fil-kulturi tad-dinja, mill-iskiet biex tisma' għall-kreattività fil-komunikazzjonijiet soċjali, mill-istabbilità f'monasteru għaċ-ċaqliq minn post għall-ieħor fil-missjoni.

Jekk il-Knisja hi "sagrament ta' salvazzjoni, dan ifisser li s-suriet kollha ta'

Ħajja Konsagrata juru bil-fatti u b'mod li jidher l-għana bla qies tas-sagramentalità tagħha, għax b'dan il-mod turi lill-insara u lid-dinja kemm hi qrib il-ħtiġijiet tal-bniedem il-Qalb ta' Ġesù. Kull sura ta' Ħajja Konsagrata hi "sinjal li jidher li jwassal lin-nies il-misteru tas-salvazzjoni."

Nitgħallmu nħarsu lejn is-suriet kollha tal-Ħajja Konsagrata biex naraw f'kull waħda s-sagramentalità tal-Knisja: dan għax kull sura tfisser b'mod speċifiku aktar mill-oħrajn l-aspett pekuljari ta' l-imħabba li ssalva.

## III
## Il-Knisja ma tistax tgħaddi mingħar il-Ħajja Konsagrata

F'din id-dinja l-Knisja hi sinjal ta' tama u ta' xirka teologali bejn il-membri kollha tagħha. Kull min hu mgħammed hu msejjaħ biex jimxi wara Kristu mejjet u rxoxt u jsawwar bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu l-familja ta' wlied Alla li hi l-Knisja. F'din il-Knisja – Xirka d-doni u l-kariżmi ta' l-Ispirtu s-Santu jagħtu frott għal kulħadd.

Biex il-Knisja tkun sinjal jitkellem tal-grazzja rebbieħa, Ġesù jsejjaħ lil xi wħud biex jimxu warajh aktar mill-qrib. Dawn jixtiequ jħossu aktar fil-fond il-misteri tal-Feddej u jkunu jixbħu dejjem aktar lill-Imgħallem. Isiru għalhekk għal ħuthom niġġieża u għajnuna biex jimxu wara Kristu msallab.

Dawk li jħaddnu l-Ħajja Konsagrata jfittxu li jwieġbu għal sejħa speċjali tal-Missier etern. Miġbudin minn Ġesù jridu jgħixu marbutin bil-voti u b'rabtiet oħra mqaddsa magħqudin aktar bis-sħiħ miegħu. Bil-verġinità u ċ-ċelibat, li jgħixuhom b'imħabba mill-aktar ħielsa, juru li Kristu, maħbub aktar minn kull ħaġa' oħra, hu l-Għarus ta' dejjem tal-Knisja u, għalhekk, l-għan u tifsir ta' kull affett u mħabba veri. Bil-faqar magħżul b'mod ħieles, mhux biss jagħtu xhieda tas-solidarjetà kollha mħabba tagħhom għall-foqra u għall-imwarrbin, imma fuq kollox iħabbru li Alla hu kollox, l-ogħla għana tagħhom. Bl-ubbidjenza tagħhom juru li huma kollhom kemm huma ta' Ġesù Kristu u li l-eżistenza tagħhom hi kollha kemm hi għall-bini tas-Saltna ta' Alla, u mbuttata kollha kemm hi lejn ħuthom, biex jieħdu sehem, permezz tal-qadi u l-imħabba, f'dak il-ħelsien li hu frott ta' Kristu rxoxt.

Hekk ikunu jħabbru, l-ewwel lil ħuthom fil-fidi u mbagħad ukoll lid-dinja, li bis-salib u l-qawmien mill-imwiet ta' Kristu, ġa twaqqaf ordni ġdid tal-grazzja. Bil-ħajja tagħhom ta' għoti sħiħ lil Alla u, permezz ta' Alla, lill-ħlejjaq kollha, jagħtu tifsir aqwa fil-Knisja ta' kemm hi żgura l-hena li għad trid tiġi. Fl-istess waqt huma għad-dinja, imxekkla minn tant wegħdiet u sliem, maħfra u ferħ. Il-mixi lejn din il-ħajja ta' hena fil-beatitudni u ta' ċertezza fil-qawmiet mill-imwiet hu s-salib ta' Kristu.

Sinjal ta' l-imħabba għolja u universali li l-konsagrati għandu jkollhom għall-Knisja għandu jkun għarfien veru u bil-fatti tas-*sentire cum Ecclesia* (iħossu

bħalma tħoss l-Knisja), f'rabta sħiħa mal-Vigarju ta' Kristu u mas-suċċessuri tal-Kulleġġ ta' l-Appostli, li jaħkmu fuq l-imħabba f'kull Knisja partikulari, magħqudin mal-Papa.

## IV
## Konsagrazzjoni u missjoni

Ġesù hu l-ewwel wieħed li ġie konsagrat u mibgħut. Kull nisrani hu kkonsagrat minn Alla fil-Magħmudija u fil-Konfermazzjoni u magħmul tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Bil-professjoni tal-Kunsilli evanġeliċi, din il-konsagrazzjoni, li għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija u l-Konfermazjzoni, tissaħħaħ b'sura pekuljari. Hi tisħib aktar fil-fond fil-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, fil-passjoni u l-mewt u l-qawmien tiegħu, li bihom salvana.

Il-konsagrat jirċievi dik il-grazzja ta' għaqda li biha l-konsgrazzjoni u l-missjoni m'humiex żewġ mumenti ta' ħajja wieħed ħdejn l-ieħor b'ebda relazzjoni bejniethom, iżda żewġ mumenti li jridu lil xulxin u dan tassew fil-fond. Min jagħżel li jgħix Ħajja Konsagrata, jirċievi konsagrazzjoni għall-missjoni tal-Knisja skond il-kariżma speċifiku ta' kull istitut.

Is-sintesi vitali bejn Konsagrazzjoni u Misjoni titmantna u tiġi mħarsa bis-smigħ attent tal-Kelma ta' Alla: minn ħajja sagramentali kollha ħeġġa; bis-sehem regolari u ta' spiss fis-Sagrament tar-Riċkonċiljazzjoni li sseħħ il-laqgħa ma' Alla għani fil-ħniena, fil-Knisja, u tilħaq il-qofol tal-Liturġija tagħha fl-Ewkaristija; b'ċelebrazzjoni xierqa tal-Liturġija tas-Sigħat; fit-talb personali; fid-devozzjoni lejn il-Madonna; u fil-ħafna suriet tal-pietà popolari.

Din ix-xhieda tal-Ħajja Konsagrata hi l-ewwel u l-aqwa appostolat li għalih huma msejħin ħutna kollha rġiel u nisa konsagrati.

## V
## Kariżma u dħul fil-Knisja partikulari

Il-kariżma biex jitwaqqaf Istitut ta' Ħajja konsagrata hu grazzja mogħtija minn Alla lill-fundaturi u l-fundatriċi ħa tikber il-qdusija tal-Knisja, ħa tagħmilha aktar kapaċi għall-missjoni tagħha li twieġeb għall-isfidi taż-żminijiet. F'kull Istitut isir jidher il-mixi wara Kristu b'ġenerożità l-aktar kbira. Id-diversità tal-kariżmi bejn il-persuni u l-gruppi konsagrati fil-Knisja hu għalhekk sinjal ta' l-imħabba bla qies ta' Alla u kawża ta' ferħ għall-Knisja.

It-tiġdid ta' l-Istituti jibda mill-Grazzja ta' Alla u b'reviżjoni ta' ħajjithom u tal-ħidma li qed jagħmlu issa u tad-dawl tal-kariżma proprju li ma għandux ikun għajn ta' tensjoni bejn il-ġerarkija u l-persuni konsagrati.

Fost id-diffikultajiet li ltqajna magħhom, bi spirtu ta' fraternità, fost oħrajn hemm il-ħtieġa ta' l-integrazzjoni tal-komunità u tal-persuni ta' Ħajja Konsagrata fi ħdan il-Knejjes partikulari.

L-Ekklesjoloġija tal-Konċilju Vatikan II wriet l-importanza tal-Knejjes partikulari li fihom tidher u sseħħ il-Knisja universali. Il-konsagrati kollha jgħixu f'xi Knisja partikulari.

L-isqfijiet tal-Konċilju raw b'mod l-aktar ċar il-ħtieġa li jsir sforz biex il-membri kollha tal-Knisja partikulari jagħrfu u japprezzaw it-tifsir tal-presenza tal-Ħajja Konsagrata fi ħdanha madwar l-Isqof.

## VI
## Id-dimensjoni profetika tal-konsagrati

Fil-kultura ta' llum, flimkien mal-progress ta' l-għaġeb li seħħ fix-xjenza, fit-teknika, u mar-rebħiet tassew nobbli favur id-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem, tat-tħaddim tal-libertà, ta' l-ugwaljanza u ta' awtonomija xierqa, insibu esaġerazzjonijiet tal-biża'.

Li qishom juru li sejrin lura għaż-żmien tal-barbari. In-nisa u l-irġiel li għażlu li jimxu aktar mill-qrib wara Kristu fqir, safi u ubbidjenti, huma, fil-Knisja u mal-Knisja, it-tweġiba profetika li turi quddiem il-bnedmin l-oħra ħuthom ix-xhieda tal-valuri evanġeliċi li d-dinja ma tafx bihom jew tiċħadhom.

Il-profezija, nkarnata fl-eżistenzi tagħkom, ħutna għeżież, tagħmel il-konsagrazzjoni tagħkom l-aħjar triq għall-inkulturazzjoni ta' l-Evanġelju, għaliex mhux biss turi l-kredibbiltà tal-messaġġ evanġeliku mwettaq minn ħajjitkom, imma wkoll prova tal-qawwa li għandu li jiġbed u jkollu post privileġġjat u fil-qofol ta' l-eżistenza tagħkom.

L-eżempju tagħkom jiżgura aktar lin-nies ta' llum dwar is-siwi għaż-żmien ta' llum tal-valuri mħabbrin minn Kristu u mdaħħlin fil-ħajja ta' kull jum minnkom l-ikkonsagrati.

L-għana u d-diversità tal-kulturi li intom li ġġibu fil-Ħajja Konsagrata jagħtukom ħila akbar ħa tħabbru l-Evanġelju lil dawk li ma jafux bih. Hekk twasslu lill-aħwa biex isibu ż-żerriegħa tal-Verb fil-kulturi tagħhom, u timlew il-vojt tal-valuri nsara mhux magħrufa u mhux imdaħħlin fihom, tikkoreġu u tipperfezzjonaw is-suriet komuni tal-ħsieb u ta' l-imġiba li ma jaqblux mal-fidi rivelata; tagħnu d-djalotu u l-għarfien tal-messaġġ b'sinjali u kliem li jifhmuhom in-nies ta' llum, ukoll jekk ifissru l-isfidi li r-Rivelazzjoni tagħmel lir-raġuni tal-bniedem u l-ħajja individwali u kollettiva tal-bnedmin.

Il-qawwa tal-Kunsilli evanġeliċi hi sejħa għall-kultura ta' llum fi kriżi, u toffri lill-irġiel u n-nisa ta' llum, vittmi ta' xewqat qarrieqa, eżempju kapaċi ibiddlulhom ħajjithom.

Din ix-xhieda twassal lill-bnedmin isibu mill-ġdid fihom infushom ix-xbieha ta' Alla mdallma mid-dnub. Fl-Assemblea tas-Sinodu kien hemm tħassib serju dwar il-faqar u ġiet imġedda x-xewqa evanġelika ta' l-għażla preferenzjali favur il-foqra.

Il-Ħajja Konsagrata hi fiha nfisha għażla radikali għal Kristu fqir. Min hu konsagrat isir ħaġa waħda fi Kristu bl-imħabba, u wkoll ma' dawk kolha li tilfu ġidhom, ma' dawk kollha li qegħdin ibatu. Il-profezija tal-faqar ma tispiċċax bil-kundanna tal-ħtiġijiet u ta' l-inġustizzji. Il-faqar ta' min hu konsagrat iħabbar l-għana bla qies ta' Kristu.

Iċ-ċaħda tal-ġid tad-dinja, tas-setgħa u tar-rabtiet tad-demm, tistieden lil min hu konsagrat, mill-fond stess ta' l-eżistenza tiegħu, għall-missjoni li jsaħħaħ is-Saltna u jkabbarha.

Għal min hu konsagrat tkun missjunarja m'hux xi għażla. Hu ordni li joħroġ mix-xebħ tiegħu ma' Kristu. L-ubbidejnza lill-Missier twassal lil min hu konsagrat biex jingħaqad ma' Kristu mibgħut għas-salvazzjoni tad-dinja. Min hu konsagrat fil-Knisja jingħaqad magħha biex quddiem kulħadd jagħti xhieda ta' mħabba. Xi kull tant il-kariżma proprju ta' l-Istituti twassal lil min hu konsagrat il-barra minn pajjiżhom u l-bogħod mir-rabtiet tad-demm, iżda l-esseri tal-konsagrat innifsu tqanqal l-ispirtu tiegħu biex issieħeb mal-ħidma appostolika ta' ħutu t-talb u s-sagrifiċċji tiegħu.

## VII
## Appell lir-reliġjużi rġiel u nisa tal-Knejjes tal-lvant

Għalikom reliġjużi rġiel u nisa tal-Knejjes tal-Lvant hu wkoll il-ħsieb tagħna: intom tirrappreżentaw għalina l-ħajja reliġjuża li tibqa' dejjem sejra; it-tradizzjonijiet monastiċi tagħkom għandhom valur ta' siwi kbir għall-Knisja ta' Kristu. Dan il-wirt komuni ta' ħajja reliġjuża li għadu sa llum miżmum b'għożża mill-Knejjes tal-Lvant għandu fih ix-xhieda ta' għaqda li ġa nkisbet. Il-missirijiet tad-deżert u l-irħieb tal-Lvant fissru "l-ispiritwalità monastika li mbagħad xterdet fil-punent." Titmantna mil-*lectio divina,* mil-liturġija, mit-talb dejjem sejjer, u jgħixuha bl-imħabba bejn l-aħwa fil-ħajja flimkien, fil-konversjoni tal-qalb, fiċ-ċaħda ta' kull ma hu fieragħ fid-dinja, fis-skiet, fis-sawmu fis-saħriet fit-tul. Il-ħajja ta' l-eremiti għadha sa llum tagħti l-frott tagħha qrib il-monasteri. Dan il-wirt spiritwali sawwar il-kulturi tal-popli tagħhom u fl-istess ħin ġie ispirat minnhom.

Lir-reliġjużi rġiel u nisa tal-Knejjes Kattoliċi tal-Lvant irridu nuru l-ħajr tagħna għall-ġrajja tax-xhieda tagħkom spiss mogħtija b'mod eroiku, fi ħdan il-Knisja Kattolika u nitolbu li jissaħħu l-għeruq monastiċi tagħkom, intom u tixorbu mill-għejun ta' l-Evanġelju u tat-tradizzjoni. Nixtiequ li l-Knejjes Kattoliċi tal-Lvant jerġgħu jibdew jgħixu l-esperjenza monastika billi jilqgħu u jaraw is-siwi taċ-ċaqliq li qed iseħħ fi ħdanhom dwar din il-ħaġa.

Intom u tqisu l-ħtiġijiet tal-popli tagħkom, intom tajtu xhieda ta' l-imħabba tal-Knisja b'ħafna suriet fi żminijiet diffiċli ta' konflitti lil dawk kollha li resqu lejkom. Dan is-servizz għandu jkompli u jimbena dejjem fuq dik

il-ħaġa waħda li hi biss meħtieġa, u hi r-raġuni għax teżisti l-ħajja monastika.

Agħtu bidu għal djalogu sinċier bħal aħwa ma' l-irħieb irġiel u nisa tal-Knejjes ortodossi u saħħuh, għax intom magħqudin sewwa magħhom fil-mixi wara Kristu.

## VIII
## Ħeġġa speċjali fl-evanġelizzazzjoni l-ġdida

Fuq l-għatba tas-sena 2000 il-Knisja kollha hi msejħa għall-evanġelizzazzjoni ġdida. L-irġiel u n-nisa ta' llum, speċjalment iż-żgħażagħ, għandhom bżonn ikunu jafu il-bxara t-tajba tas-salvazzjoni li hu Ġesù Kristu. L-isqfijiet u dawk kollha li ħadu sehem fis-Sinodu raw b'mod l-aktar ċar li l-Ħajja Konsagrata kapaċi jkollha post importanti ħafna f'din il-ħidma providenzjali u hekk f'waqtha ta' l-Evanġelizzazjzoni ġdida.

L-interess għad-djalogu ekumeniku u għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet hu wieħed mix-xewqat l-aktar imħeġġa li s-Sinodu jrid mill-ikkonsagrati fil-pajjiżi kollha tagħhom.

Bis-sura ta' ħajja tagħkom turu kemm Alla hu qrib tagħna, turu t-tjieba tiegħu, il-verità tat-tama fil-ħajja li għad trid tiġi, il-qawwa u l-effikaċja ta' l-imħabba li Alla jsawwab fi qlubna biex nirbħu s-setgħa tal-ħażen u tat-tbatija li jifnu tant ħutna.

Mingħajr il-ħajja tagħkom ta' kontemplativi, mingħajr il-faqar u l-verġinità tagħkom, mingħajr ix-xhieda ta' l-ubbidjenza ferrieħa u ħelliesa tagħkom, mingħajr id-dija ta' l-imħabba diżinteressata u effikaċi tagħkom għal kull min hu f'xi ħtieġa, il-Knisja titlef parti kbira mis-setgħa tagħha li tħabbar l-Evanġelju, mill-ħila tagħha li turi l-ġid tas-salvazzjoni u tgħin lill-bnedmin jilqgħu f'qalbhom lil dak Alla ta' din it-tama.

## IX
## Fit-tama

Aħna u nħarsu lejn it-tielet elf sena wara Kristu rridu nwasslu l-kelma tagħna kollha mħabba liż-żgħażagħ, bit-tama li huma jingħaqdu b'konvinzjoni sħiħa u mħeġġa ma' Ġesù Kristu, speċjalment f'Ħajja Konsagrata. Bil-kuraġġ kollu jistgħu jwasslu lis-soċjetà tal-ġejjieni t-teżor ta' l-Evanġelju. Lilkom, għeżież żgħażagħ, li tħobbu toħolmu, inwassalkom din it-tama tagħna bħala l-aħjar fost il-ħolma tagħkom.

L-Ispirtu s-Santu ma jieqaf qatt imexxi l-Knisja lejn suriet ġodda u qodma ta' qdusija li ma tintemm qatt. Il-Ħajja Konsagrata, tul il-ġrajja kollha tal-Knisja, dejjem kienet presenza ħajja ta' din il-ħidda ta' l-Ispirtu s-Santu, bħala qasam

privileġġjat ta' l-imħabba bla qies għal Alla u għall-proxxmu, xhud tal-pjan ta' Alla li għamel mill-bnedmin kollha, fi ħdan iċ-ċiviltà ta' l-imħabba, il-familja kbira ta' wlied Alla. F'din is-sena internazzjonali tal-familja, inqegħdu t-tama tagħna fil-Verġni Marija, l-ewwel dixxiplu tal-Mulej, u Omm id-dixxipli kollha, mudell ta' qawwa u ta' perseveranza fil-mixi wara Kristu sas-salib. Il-Verġni Marija hi x-xbieha ewlenija tal-Ħajja Konsagrata għax hi l-Omm li tilqa', tisma', titlob u tikkontempla lil Sidna bit-tifħir ta' qalbha. Nitlobuha għall-membri kollha tal-Ħajja Konsagrata biex hi, bħala Ommna, tħares, tħeġġeġ u ġġedded il-familja kollha ta' Ħajja Konsagrata fil-Knisja.

# Letter to the Bishops concerning the Reception of Holy Communion by divorced and remarried persons

Your Excellency

1. The International Year of the Family is a particularly important occasion to discover anew the many signs of the Church's love and concern for the family [1] and, at the same time, to present once more the priceless riches of Christian marriage which is the basis of the family.

2. In this context the difficulties and sufferings of those faithful in irregular marriage situations merit special attention.[2] Pastors are called to help them experience the charity of Christ and the maternal closeness of the Church, receiving them with love, exhorting them to trust in God's mercy and suggesting, with prudence and respect, concrete ways of conversion and participation in the life of the community of the Church.[3]

3. Aware however that authentic understanding and genuine mercy are never separated from the truth,[4] pastors have the duty to remind these faithful of the Church's doctrine concerning the celebration of the sacraments, in particular, the reception of the Holy Eucharist. In recent years, in various regions, different pastoral solutions in this area have been suggested according to which, to be sure, a general admission of the divorced and remarried to Eucharistic communion would not be possible, but divorced and remarried members of the faithful could approach Holy Communion in specific cases when they consider themselves authorised according to a judgment of conscience to do so. This would be the case, for example, when they had been abandoned completely unjustly, although they sincerely tried to save the previous marriage, or when they are con-

[1] Cf. JOHN PAUL II, *Letter to Families* (2 February 1994), n. 3.

[2] Cf. JOHN PAUL II, Apost. Exhortation *Familiaris Consortio* (22 November 1981), nn. 79-84: *AAS* 74 (1982) 180-186.

[3] Cf. *ibid.*, n. 84: *AAS* 74 (1982) 185; *Letter to Families*, n. 5; *Catechism of the Catholic Church*, n. 1651.

[4] Cf. PAUL VI, Encyclical Letter *Humanae Vitae*, n. 29: *AAS* 60 (1968) 501; JOHN PAUL II, Apost. Exhortation *Reconciliatio et Paenitentia*, n. 34: *AAS* 77 (1985) 272; Encyclical Letter *Veritatis Splendor*, n. 95: *AAS* 85 (1993) 1208.

vinced of the nullity of their previous marriage, although unable to demonstrate it in the external forum or when they have gone through a long period of reflexion and penance, or also when for morally valid reasons they cannot satisfy the obligation to separate.

In some places, it has also been proposed that in order objectively to examine their actual situation, the divorced and remarried would have to consult a prudent and expert priest. This priest, however, would have to respect their eventual decision in conscience to approach Holy Communion, without this implying an official authorisation.

In these and similar cases it would be a matter of a tolerant and benevolent pastoral solution in order to do justice to the different situations of the divorced and remarried.

4. Even if analogous pastoral solutions have been proposed by a few Fathers of the Church and in some measure were practiced, nevertheless these never attained the consensus of the Fathers and in no way came to constitute the common doctrine of the Church nor to determine her discipline. It falls to the universal Magisterium, in fidelity to Sacred Scripture and Tradition, to teach and to interpret authentically the *depositum fidei.*

With respect to the aforementioned new pastoral proposals, this Congregation deems itself obliged therefore to recall the doctrine and discipline of the Church in this matter. In fidelity to the words of Jesus Christ,[5] the Church affirms that a new union cannot be recognised as valid if the preceding marriage was valid. If the divorced are remarried civilly, they find themselves in a situation that objectively contravenes God's law. Consequently, they cannot receive Holy Communion as long as this situation persists.[6]

This norm is not at all a punishment or a discrimination against the divorced and remarried, but rather expresses an objective situation that of itself renders impossible the reception of Holy Communion: "They are

[5] *Mk* 10:11-12: "Whoever divorces his wife and marries another, commits adultery against her; and if she divorces her husband and marries another, she commits adultery".

[6] Cf. *Catechism of the Catholic Church,* n. 1650; cf. also n. 1640 and the COUNCIL OF TRENT, sess. XXIV: DS 1797-1812.

unable to be admitted thereto from the fact that their state and condition of life objectively contradict that union of love between Christ and his Church which is signified and effected by the Eucharist. Besides this, there is another special pastoral reason: if these people were admitted to the Eucharist, the faithful would be led into error and confusion regarding the Church's teaching about the indissolubility of marriage".[7]

The faithful who persist in such a situation may receive Holy Communion only after obtaining sacramental absolution, which may be given only "to those who, repenting of having broken the sign of the Covenant and of fidelity to Christ, are sincerely ready to undertake a way of life that is no longer in contradiction to the indissolubility of marriage. This means, in practice, that when for serious reasons, for example, for the children's upbringing, a man and a woman cannot satisfy the obligation to separate, they 'take on themselves the duty to live in complete continence, that is, by abstinence from the acts proper to married couples' ".[8] In such a case they may receive Holy Communion as long as they respect the obligation to avoid giving scandal.

5. The doctrine and discipline of the Church in this matter, are amply presented in the post-conciliar period in the Apostolic Exhortation *Familiaris Consortio*. The Exhortation, among other things, reminds pastors that out of love for the truth they are obliged to discern carefully the different situations and exhorts them to encourage the participation of the divorced and remarried in the various events in the life of the Church. At the same time it confirms and indicates the reasons for the constant and universal practice, "founded on Sacred Scripture, of not admitting the divorced and remarried to Holy Communion".[9] The structure of the Exhortation and the tenor of its words give clearly to understand that this practice, which is presented as binding, cannot be modified because of different situations.

[7] Apostolic Exhortation *Familiaris Consortio*, n. 84: *AAS* 74 (1982) 185-186.

[8] *Ibid.*, n. 84: *AAS* 74 (1982) 186; cf. JOHN PAUL II, *Homily on the Occasion of the Closure of the Sixth Synod of Bishops*, n. 7: *AAS* 72 (1980) 1082.

[9] Apostolic Exhortation *Familiaris Consortio*, n. 84: *AAS* 74 (1982) 185.

6. Members of the faithful who live together as husband and wife with persons other than their legitimate spouses may not receive Holy Communion. Should they judge it possible to do so, pastors and confessors, given the gravity of the matter and the spiritual good of these persons,[10] as well as the common good of the Church, have the serious duty to admonish them that such a judgment of conscience openly contradicts the Church's teaching.[11] Pastors in their teaching must also remind the faithful entrusted to their care of this doctrine.

This does not mean that the Church does not take to heart the situation of these faithful, who moreover are not excluded from ecclesial communion. She is concerned to accompany them pastorally and invite them to share in the life of the Church in the measure that is compatible with the dispositions of divine law, from which the Church has no power to dispense.[12] On the other hand, it is necessary to instruct these faithful so that they do not think their participation in the life of the Church is reduced exclusively to the question of the reception of the Eucharist. The faithful are to be helped to deepen their understanding of the value of sharing in the sacrifice of Christ in the Mass, of spiritual communion,[13] of prayer, of meditation on the Word of God, and of works of charity and justice.[14]

7. The mistaken conviction of a divorced and remarried person that he may receive Holy Communion normally presupposes that personal conscience is considered in the final analysis to be able, on the basis of one's own convictions,[15] to come to a decision about the existence or absence of a previous marriage and the value of the new union. However, such a posi-

[10] Cf. *1 Cor* 11:27-29.

[11] Cf. *Code of Canon Law,* 978 § 2.

[12] Cf. *Catechism of the Catholic Church,* n. 1640.

[13] Cf. CONGREGATION FOR THE DOCTRINE OF THE FAITH, *Letter to the Bishops of the Catholic Church on Certain Questions concerning the Minister of the Eucharist,* III/4, *AAS* 75 (1983) 1007; ST TERESA OF AVILA, *The Way of Perfection,* 35, 1; ST ALPHONSUS M. DE' LIGUORI, *Visite al SS. Sacramento e a Maria Santissima.*

[14] Cf. Apostolic Exhortation *Familiaris Consortio,* n. 84: *AAS* 74 (1982) 185.

[15] Cf. Encyclical Letter *Veritatis Splendor,* n. 55: *AAS* 85 (1993) 1178.

tion is inadmissable.[16] Marriage, in fact, both because it is the image of the spousal relationship between Christ and his Church as well as the fundamental core and an important factor in the life of civil society, is essentially a public reality.

8. It is certainly true that a judgment about one's own dispositions for the reception of Holy Communion must be made by a properly formed moral conscience. But it is equally true that the consent that is the foundation of marriage is not simply a private decision since it creates a specifically ecclesial and social situation for the spouses, both individually and as a couple. Thus the judgment of conscience of one's own marital situation does not regard only the immediate relationship between man and God, as if one could prescind from the Church's mediation that also includes canonical laws binding in conscience. Not to recognise this essential aspect would mean in fact to deny that marriage is a reality of the Church, that is to say, a sacrament.

9. In inviting pastors to distinguish carefully the various situations of the divorced and remarried, the Exhortation *Familiaris Consortio* recalls the case of those who are subjectively certain in conscience that their previous marriage, irreparably broken, had never been valid.[17] It must be discerned with certainty by means of the external forum established by the Church whether there is objectively such a nullity of marriage. The discipline of the Church, while it confirms the exclusive competence of ecclesiastical tribunals with respect to the examination of the validity of the marriage of Catholics, also offers new ways to demonstrate the nullity of a previous marriage, in order to exclude as far as possible every divergence between the truth verifiable in the judicial process and the objective truth known by a correct conscience.[18]

Adherence to the Church's judgment and observance of the existing discipline concerning the obligation of canonical form necessary

[16] Cf. *Code of Canon Law,* 1085 § 2.

[17] Cf. Apostolic Exhortation *Familiaris Consortio,* n. 84: *AAS* 74 (1982) 185.

[18] Cf. *Code of Canon Law,* 1536 § 2 and 1679 and *Code of the Canons of the Eastern Churches,* 1217 § 2 and 1365 concerning the probative force of the depositions of the parties in such processes.

for the validity of the marriage of Catholics are what truly contribute to the spiritual welfare of the faithful concerned. The Church is in fact the Body of Christ and to live in ecclesial communion is to live in the Body of Christ and to nourish oneself with the Body of Christ. With the reception of the sacrament of the Eucharist, communion with Christ the Head can never be separated from communion with his members, that is, with his Church. For this reason, the sacrament of our union with Christ is also the sacrament of the unity of the Church. Receiving Eucharistic Communion contrary to the norms of ecclesial communion is therefore in itself a contradiction. Sacramental communion with Christ includes and presupposes the observance, even if at times difficult, of the order of ecclesial communion, and it cannot be right and fruitful if a member of the faithful, wishing to approach Christ directly, does not respect this order.

10. In keeping with what has been said above, the desire expressed by the Synod of Bishops, adopted by the Holy Father John Paul II as his own and put into practice with dedication and with praiseworthy initiatives by bishops, priests, religious and lay faithful is yet to be fully realized, namely, with solicitous charity to do everything that can be done to strengthen in the love of Christ and the Church those faithful in irregular marriage situations. Only thus will it be possible for them fully to receive the message of Christian marriage and endure in faith the distress of their situation. In pastoral action one must do everything possible to ensure that this is understood not to be a matter of discrimination but only of absolute fidelity to the will of Christ who has restored and entrusted to us anew the indissolubility of marriage as a gift of the Creator. It will be necessary for pastors and the community of the faithful to suffer and to love in solidarity with the persons concerned so that they may recognise in their burden the sweet yoke and the light burden of Jesus.[19] Their burden is not sweet and light in the sense of being small or insignificant, but becomes light because the Lord—and with him the whole Church—

[19] Cf. *Matt* 11:30.

shares it. It is the task of pastoral action, which has to be carried out with total dedication, to offer this help, founded in truth and in love together.

United with you in dedication to the collegial task of making the truth of Jesus Christ shine in the life and activity of the Church, I remain

Yours devotedly in the Lord

✠ JOSEPH Card. RATZINGER
*Prefect*

✠ ALBERTO BOVONE
Titular Archbishop of Caesarea in Numidia
*Secretary*

*During an audience granted to the Cardinal Prefect, the Supreme Pontiff John Paul II gave his approval to this letter, drawn up in the ordinary session of this Congregation, and ordered its publication.*

Given at Rome, from the offices of the Congregation for the Doctrine of the Faith, 14 September 1994, Feast of the Exaltation of the Holy Cross.

# It-Tletin Anniversarju ta' l-Indipendenza

## Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Din is-sena qed infakkru t-Tletin Anniversarju ta' l-Indipendenza ta' pajjiżna, jiġifieri t-30 sena minn meta pajjiżna kiseb id-dritt li jiddeċiedi għalih innifsu.

Din is-sena hija wkoll sena dedikata lill-familja.

Din hija koinċidenza sabiħa li, filwaqt li tħeġġiġna nroddu ħajr 'l Alla għall-għajnuna li tana fl-imgħoddi u nitolbuh ikompli jgħinna fil-ġejjieni, tfakkarna fl-importanza soċjali li għandha l-familja fil-pajjiż, fl-Istat.

### Kontribut pożittiv

F'din l-okkażjoni, nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għall-kontribut tassew pożittiv u kostruttiv li r-rappreżentanti ta' Malta taw favur il-ħajja u l-familja, kir iridha Alla, kemm fi New York waqt it-tħejjijiet għall-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, kif ukoll fil-Kajr, waqt il-Konferenza nnifisha.

Il-familja, mibnija fuq ir-rabta dejjiema taż-żwieġ bejn raġel u mara, għall-aħjar ġid tagħhom kif ukoll għat-nissil u t-trobbija ta' l-ulied, hi ta' importanza soċjali kbira għall-pajjiż, għall-Istat.

Hemm rabta kbira, ħajja u organika bejn l-Istat u l-familja. Huma jiddependu minn xulxin u ma jistgħux jgħaddu mingħajr xulxin.

Fi ftit kliem, nistgħu ngħidu li l-pajjiż ikun b'saħħtu daqskemm tkun b'saħħitha l-familja.

### L-importanza soċjali tal-familja

L-Istat ikun qed jagħraf l-importanza soċjali li għandha l-familja fi ħdanu meta jiggarantixxi liż-żwieġ u lill-familja l-identità proprja tagħhom.

Kif turi l-esperjenza mad-dinja kollha, l-Istat li jonqos li jagħmel dan jispiċċa biex ikollu jġorr il-piż tal-konsegwenzi. Huwa fatt magħruf li aktar ma jikber l-għadd tal-familji mkissrin, aktar l-Istat jitgħabba bil-piż ta' iżjed u iżjed għajnuniet biex ikun jista' jlaħħaq ma' aktar u aktar ħtiġijiet soċjali.

Min-naħa l-oħra, fejn il-pajjiż jadotta *policies* ta' għajnuna u protezzjoni għaż-żwieġ u għall-familja, il-medda ta' l-għajnuna li l-Istat ikun irid jipprovdi għal-ħtiġiet soċjali fil-pajjiż ma tibqax tinfirex.

Stat li jagħraf u japprezza l-importanza soċjali tal-familja jkun ukoll jibni u jsaħħaħ fi ħdanu demokrazija tassew awtentika, għaliex kif insibu fl-Enċiklika

*Centesimus Annus* b'hekk ikun qed jirrispetta d-differenza reali li hemm bejn l-Istat u dawk ir-realtajiet kollha li jifformaw is-soċjetà, fosthom il-familja.

## L-awtonomija tas-soċjetà

Dan ifisser li l-Istat jiggarantixxi l-awtonomija tas-soċjetà u ma jeħux fuq spallejh dak li s-soċjetà tista' twettaq b'ħilitha. F'każi bħal dawn l-Istat jintervjeni meta u fejn is-soċjetà ma tkunx tista' tassal waħedha.

Hemm oqsma, bħalma huma dawk ta' l-edukazzjoni u l-għajnuna lill-anzjani, fejn l-Istat jiżbalja jekk ma jagħrafx ir-rwol soċjali tal-familja u jipprova jipprovdi waħdu, burokratikament, l-għajnuna lil min jeħtieġha.

L-istat m'għandu qatt ifitttex li jieħu f'idejh ir-rwol bażiku li għandha l-familja f'oqsma bħal dawn. Li għandu jagħmel l-Istat hu li l-ħidma tal-familja jinkuraġġiha, iħabrek biex tissaħħaħ u fejn ikun bżonn, jikkumplimentaha bil-mezzi tiegħu.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li f'ċerti każi, bħalma hi l-għajnuna lill-anzjani, iktar ma dak li jagħti l-għajnuna jkun qrib ta' min ikun jeħtieġha, iktar l-għajnuna tkun ta' siwi u ta' ġid.

Li wieħed iħabrek biex il-bniedem jiġi provdut b'dak kollu li jkun jeħtieġ materjalment, hija ħaġa tajba. Madankollu, il-verità dwar il-bniedem turi li kull min ikun jeħtieġ l-għajnuna, ikollu bżonn fuq kollox tal-kuntatti personali, l-għożża u l-imħabba, li ma jingħatawx u ma jiġux sodisfatti permezz ta' l-għajnuniet materjali waħedhom.

Il-bniedem huwa persuna u jrid jiġi trattat bħala persuna. Il-ħtiġiet li jkollu l-bniedem huma dejjem ħtiġiet partikolari, fejn il-mod kif jiġu sodisfatti jkun importanti daqs l-ammont li jkun meħtieġ.

## Formazzjoni morali soda

Il-familja għandha sehem soċjali kbir x'tagħti lill-Istat meta hija tħejji persuni li huma mogħnija b'intelliġenza u libertà, kapaċi li jieħdu inizjattivi u jaħdmu b'mod li jaqbel mad-dinjità tal-bniedem.

Dawn huma nies li, fit-tħabrik tagħhom għall-ġid tal-pajjiż, ma jerġgħux lura quddiem is-sagrifiċċji u t-tbatija, imma jkomplu jwettqu l-impenn soċjali tagħhom b'fedeltà.

Ċittadini bħal dawn ikunu ġew imrobbija, imrawma u mkabbra fi skola ta' formazzjoni morali soda li tasal biex tiggwida l-istinti umani fi spirtu ta' libertà u responabbiltà lejn il-verità sħiħa dwar il-bniedem.

Din il-formazzjoni prezzjuża għall-individwu u għall-istess pajjiż, insibuha fl-ewel skola li għandu fi ħdanu l-Istat.

Din l-ewwel skola hija l-familja b'saħħitha, fejn ir-relazzjonijiet bejn il-

membri tagħha jsawru ambjent li fih iż-żgħar u ż-żgħażagħ jitħarrġu għal ideali kbar u sbieħ.

Formazzjoni bħal din, li diffiċli ħafna li sseħħ jekk il-familja tkun imħarbta u mkissra, titlob li l-Istat jagħraf u japprezza verament ir-rwol soċjali tal-familja u jħabrek biex is-sħuħija taż-żwieġ u tal-familja jiggarantiha b'liġijiet adatti.

Il-familji b'saħħithom huma r-rikkezzi fundamentali tal-pajjiż.

KonKattidral ta' San Ġwann

21 ta' Settembru 1994

# Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-okkażjoni ta' l-30 sena anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu

Illum, bil-grazzja ta' Alla, qed infakkru l-20 sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tiegħi.

Din hija okkażjoni sabiħa li tolqot lilna lkoll, għaliex l-ordni ta' l-episkopat ġie mwaqqaf minn Ġesù nnifsu bħala servizz, qadi, għall-komunità kollha.

Jixraq, għalhekk, li flimkien inroddu ħajr 'l Alla għall-għajnuna kollha li tana matul iż-żmien.

Alla hu l-għajn ta' kull ma aħna u ta' kull ma għandna.

Quddiem Alla kulħadd hu midjun. Quddiem Alla aħna lkoll midinbin.

Madankollu, Alla ma jikser qatt il-patt tal-fedeltà tiegħu lejna u jibqa' miexi magħna tul ħajjitna kollha.

Alla ma jehda qatt idawwalna bil-verità, iħeġġiġna għas-sewwa u jfarraġna fid-dgħufija tagħna. Kull darba li naqgħu, il-Mulej jerġa' jqajjimna permezz tal-grazzja tiegħu, biex inkunu nistgħu nibdew mill-ġdid u nkomplu ngħixu – **quddiemu u quddiem ħutna – ħajja tajba.**

## Ħajr għall-familji tajbin

Fiċ-ċelebrazzjoni ta' llum, f'sena li hija dedikata lill-familja, irrid ningħaqad f'radd ta' ħajr 'l Alla mal-ħafna u ħafna familji tagħna, inklużi ġodda, li qed jgħixu s-Sagrament taż-Żwieġ kif irid Alla.

Dawn il-familji jnisslu fija, bħala Ragħaj tad-Djoċesi, ferħ spiritwali kbir.

Fihom nara wkoll inkuraġġiment għall-ħidma, favur iż-żwieġ Kattoliku u l-familja, li qed issir f'pajjiżna minn tant saċerdoti, reliġjużi u operaturi pastorali lajċi, li jimxu id f'id ma' l-Isqof.

Din l-għaqda ma' l-Isqof hija importanti ħafna. Hija għaqda meħtieġa u indispensabbli.

Kif itenni l-Papa Ġwanni Pawlu II fil-*Familiaris Consortio*, l-Isqof huwa l-ewwel wieħed li hu responsabbli għall-ħidma pastorali tal-familja fid-djoċesi.

Bħala Missier u Ragħaj, l-Isqof irid juri ħerqa speċjali f'din il-ħidma pastorali.

Madankollu, l-Isqof ma jistax jagħmel kollox waħdu fit-twettiq ta' din il-missjoni. Huwa jrid min jgħinu.

## Il-koperazzjoni tas-saċerdoti

Quddiemnett, l-Isqof irid ikollu l-koperazzjoni tas-saċerdoti, li għandhom id-dmir li jħarsu lejn l-għożża taż-żwieġ u l-familja bħala parti essenzjali mill-ministeru tagħhom.

Għaldaqstant, f'din l-okkażjoni, nixtieq niffoka l-qofol tal-messaġġ tiegħi fuq dan is-sehem fundamentali tas-saċerdoti.

Is-saċerdoti jridu jiftakru li r-responsabbiltà tagħhom mhix biss dwar oqsma morali u liturġiċi, imma hi wkoll dwar problemi ta' natura personali u soċjali.

Dawk is-saċerdoti li, fil-qadi ta' din ir-responsabbiltà, iħabriku biex iqawwu qalb il-familji f'diffikultajiet u jgħinuhom jgħixu ħajjithom fid-dawl tal-Vanġelu, ikunu qed iwettqu ħidma pastorali siewja ħafna.

Iktar ma s-saċerdot ifittex lill-familja f'diffikultajiet u jimxi magħha ta' ragħaj u għalliem, iktar ikun qed jaqdi l-missjoni tiegħu tajjeb.

Il-bżonn li s-saċerdot ikun mal-familja qatt ma kien kbir daqs illum, meta l-familja, anki dik Maltija, hi milquta minn tant problemi li, ħafna drabi, huma kaġunati minn mard soċjali – bħalma huma, fost oħrajn, il-permessività, il-laxkezza u l-infedeltà.

Kristu jitlob minna li nkunu lkoll ta' għajnuna u ta' faraġ għall-familji li jkunu mtaqqlin mill-għejja u t-tiġrib tal-ħajja.

## Servizz b'fedeltà lejn il-verità

Aħna għandna nimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù, li wriena kif nistgħu nuru fedeltà u mħabba lejn il-bniedem mingħajr ma nikkompromettu l-verità u l-perfezzjoni morali.

Din ir-rabta ta' l-imħabba għall-bniedem u l-fedeltà lejn il-verità, hija rabta indispensabbli li ma tistax tinħall.

Is-saċerdot li jrid ikun verament ir-ragħaj u l-għalliem tal-familji, jaf li huwa jrid iħabrek biex lill-familji jkellimhom fuq il-ħtieġa u s-saħħa tal-grazzja, kif ukoll idawwalhom b'dak it-tagħlim u dawk il-pariri li dejjem ikunu jaqblu mal-Maġisteru awtentiku tal-Knisja.

Dan jgħodd, forsi b'mod iżjed partikolari, għal dawk is-saċerdoti li lill-familji qed jilħquhom mhux l-iżjed permezz tal-kuntatti personali, iżda permezz tal-*Mass Media.*

Is-saċerdoti jafu li biex ma jinħolqux kriżijiet ta' kuxjenza għall-insara, huma jridu jfittxu li jaqdu dmirhom b'fedeltà lejn il-Maġisteru. Din il-fedeltà tgħin lis-saċerdoti biex bil-qawwa kollha jfittxu li jkun hemm qbil sħiħ bejniethom fi-ġudizzji li jagħmlu.

Dan hu indispensabbli, għaliex mingħajr is-sehem leali u ta' fedeltà tas-saċerdoti, l-Isqof ma jkunx jista' jwettaq konkretament il-missjoni pastorali tiegħu mal-familji.

## It-triq għall-Knisja

L-attenzjoni li l-Isqof u s-saċerdoti jridu jagħtu lill-familji trid tkun sħiħa, għaliex kif qal il-Papa fl-Ittra lill-Familji, il-familja hi l-ewwel u l-iktar triq importanti għall-Knisja.

Il-bniedem jitwieled u jikber fil-familja. Kull ma jkollu l-bniedem jiksbu mill-familja u permezz tagħha.

Alla ried li Ibnu stess jidħol fl-istorja tal-bniedem permezz tal-familja. Nistgħu ngħidu li l-misteru divin ta' l-Inkarnazzjoni tal-Kelma ta' Alla għandu rabta intima mal-familja.

Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li l-Iben ta' Alla, permezz ta' l-Inkarnazzjoni, f'ċertu sens ingħaqad ma' kull bniedem.

Fuq il-passi ta' Kristu, li ġie fid-dinja biex jaqdi, hekk ukoll il-Knisja tħoss li wieħed mid-dmirijiet essenzjali tagħha hu li tkun ta' servizz, ta' qadi, għall-familja.

KonKattidral ta' San Ġwann
29 ta' Settembru 1994

# Ċelebrazzjoni fl-Isptar Ċentrali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Luqa

**Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġ. Mercieca**

Illum, bħalissa, aħna lkoll, morda u membri ta' l-istaff ta' dan l-isptar, qegħdin ngħixu mumenti sbieħ. Ninsabu miġburin flimkien f'din il-kappella, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Luqa, Protettur ta' dan l-Isptar, biex nistqarru u nxandru l-kobor ta' Alla u l-imħabba u l-ħniena kbira tiegħu lejna l-bnedmin.

Aħna għandna għax inroddu ħajr 'l Alla ta' din l-Ewkaristija li qegħdin niċċelebraw. Dawn huma mumenti sbieħ u kbar. Alla qed jagħtina l-grazzja li ningħaqdu, permezz tat-Tqarbin Imqaddes, ma' l-istess Ġisem u Demm tal-Mulej. Din hija l-ħaġa l-aktar qaddisa, kbira u tranxendenti li l-bniedem jista' qatt iwettaq fuq din l-art.

## Bniedem ġdid

F'ċertu sens, aħna bħal ninħallu mill-irbit ta' l-ispazju u ż-żmien, u nsibu ruħna diġà, minn issa, ma' Alla fis-sema' – post fejn il-Mulej Ġesù jixxotta kull demgħa minn għajnejna, għaliex il-bniedem il-qadim isir bniedem ġdid u jgħix f'għaqda sħiħa ma' Alla.

L-Ewkaristija tixhed din il-verità, din il-laqgħa u għaqda ta' Alla mal-bniedem. Din hija verità li timliena b'ferħ li d-dinja ma tistax tagħtiha.

Min-naħa l-oħra, biex dan il-ferħ ma jkunx fieragħ, din il-verità, din l-għaqda ta' Alla mal-bniedem, titlob li l-bniedem jiltaqa' ma ħuh, ma' ħutu l-oħrajn kolha, u jsiru għaqda waħda bejniethom.

Illum, bħalissa, aħna lkoll li ninsabu miġburin f'din il-kappella, qed ngħixu mumenti sbieħ. Iżda l-Mulej qed jgħidilna li dawn il-mumenti sbieħ ta' laqgħa u għaqda miegħu, mhumiex mumenti riservati għal ġewwa l-kappella, il-knisja u t-tempji l-oħrajn.

Il-post fejn Alla jiltaqa' mal-bniedem u jistiednu jingħaqad miegħu huwa fil-ħajja ordinarja li ngħixu kuljum – fil-każ tagħkom f'dan l-isptar.

Alla jistenna li nilqgħu l-istedina tiegħu li niltaqgħu u ningħaqdu miegħu f'kull ċirkustanza u sitwazzjoni l-aktar komuni ta' ħajjitna.

Alla, li ħadd ma rah bl-għajnejn tal-ġisem, irid li nsibuh, niltaqgħu u ningħaqdu miegħu anki f'dan il-post, f'kull wieħed u waħda minna, sew jekk naħdmu hawnhekk, sew jekk morda.

Din il-laqgħa, din l-għaqda mal-Mulej permezz ta' l-Ewkaristija, hija ħajja spiritwali li trid tinħass u tidher minn barra, fir-relazzjonijiet ta' bejnietna lkoll.

Alla jrid ukoll li mal-morda aħna jkollna attenzjoni, servizz u mħabba hekk ġeneruża li f'dawk kollha li jagħtuhom servizz, l-istess morda jaraw il-kobor, l-imħabba u l-ħniena ta' Alla.

Din il-ħajja hija ħajja spiritwali u awtentika daqskemm hija ħajja ta' esperjenza konkreta.

Biex dawk li jagħtu servizz lill-morda jkunu jistgħu jwettqu dan tassew, huma jridu jixhdu spirtu ta' qadi, ta' servizz u verità, mal-morda kollha.

## Sens ta' dedikazzjoni, għożża u mħabba

In-nisrani jrid ifassal ħajtu fuq il-mudell ta' Ġesù.

Fil-każ ta' dawk kollha li jagħtu servizz, b'mod jew ieħor, f'dan l-isptar, kif ukoll kull fejn hemm il-morda, dan ifisser li huma jridu jħarsu lejn il-marid u jġibu ruħhom miegħu b'sens kbir ta' dedikazzjoni, għożża u mħabba.

L-awtoritajiet ċivili għandhom ir-responsabbiltà li għall-kura tal-morda jipprovdu l-aħjar faċilitajiet u servizzi possibbli. Dan hu ta' importanza fundamentali u għalhekk għandu jingħata prijorità sħiħa – inkluż f'dak li hu taħriġ ta' dawk kollha li jersqu biex jaqdu lill-morda.

Iżda l-faċilitajiet u s-servizzi waħidhom ma jkunu jfissru xejn jekk min iħaddimhom, huwa u jikkura u jaqdi lill-morda, ma jagħtix dak kollu li jista' b'sens ħaj ta' ġenerożità.

Fejn jonqos is-sens ta' ġenerożità jinbtu riskji serji ta' nuqqasijiet jew abbużi, fosthom li mal-marid wieħed jibda jimxi skond min ikun u kemm il-marid jew il-familjari tiegħu jkunu f'kundizzjoni li juruh xi forma ta' gratitudni.

Huwa s-sens ta' professjonalità u ta' fedeltà lejn il-ġurament tal-professjoni li jgħinna nagħtu attenzjoni personali lil kull marid.

Huwa s-sens ta' ġenerożità nisranija li jgħinna biex f'kull wieħed u waħda mill-morda naraw lil Kristu nnifsu.

Din il-ġenerożità nisranija tgħin ħafna biex min jaħdem mal-morda jifhem li jrid jinteressa ruħu fihom, wieħed wieħed. Il-marid huwa persuna u d-dinjità tiegħu titlob li min jaħdem mal-morda ma jħarisx lejhom bħala massa, iżda jrid iħabrek biex jagħtihom attenzjoni wieħed wieħed – l-istess bħalma l-missier jieħu ħsieb ta' kull wieħed u waħda minn uliedu skond il-ħtiġiet proprji tagħhom.

## Ġisem u ruħ

Kull Kattoliku li jaħdem mal-morda jrid ifassal ħajtu fuq il-mudell ta' Ġesù.

It-tabib Kattoliku, per eżempju, waqt li jimpenja ruħu għall-fejqan tal-ġisem, irid jiftakar li hu ma jistax u m'għandux iwarrab fil-ġenb il-qasam spiritwali.

It-tabib Kattoliku jaf li l-persuna, li hu jkun qed jaqdi, hija bniedem fis-sħuħija tiegħu, jiġifieri bniedem b'ġisem u ruħ.

Il-ħidma tat-tabib Kattoliku mal-morda hija missjoni u "ministeru". Dan jidher b'mod ċar ħafna kull meta t-tabib jiltaqa' ma' każi fejn barra li jħaddem il-

kapaċità xjentifika u professjonali tiegħu, huwa jkun irid ukoll jinteressa ruħu personalment fiċ-ċirkustanzi konkreti tal-bniedem li hu jkun jikkura jew li jitlob is-servizz tiegħu.

It-tabib Kattoliku jiltaqa' wkoll ma' każi fejn jagħraf li huwa jkun qed jagħti servizz tajjeb lill-pazjent, anki meta jkollu jgħid le għal xi talbiet li jistgħu jsirulu u li jkunu jmorru kontra r-rieda ta' Alla.

Tabib Kattoliku, per eżempju, ma jistax jissuġġerixxi, jagħmel jew jgħin lil xi persuna biex tagħmel interventi li permezz tagħhom teqred, timblokka jew tfixkel ir-rigal tal-ħajja.

## Iċ-ċiviltà tal-ħajja

It-tabib Kattoliku, li hu fid-dmir li jissaħħaħ dejjem iżjed fil-formazzjoni nisranija tiegħu, jaf li hu jrid ikun, f'kull żmien u ċirkustanza, difensur awtentiku u qalbieni tal-ħajja umana.

Kull ħidma favur il-ħajja u d-difiża tagħha tgħin biex tinbena u tissaħħaħ iċ-ċiviltà tal-ħajja.

Il-Knisja Kattolika tapprezzaha ħafna l-ħidma ta' dawk li jaħdmu b'dan l-ispirtu.

Il-Knisja, f'isem il-morda kollha, ma tehda qatt trodd ħajr u tagħmel kuraġġ lil dawk kollha li, fil-qadi tal-marid, iqegħdu fil-ġenb l-interessi personali tagħhom u lill-marid jagħtuh l-attenzjoni u l-kura li jkun jeħtieġ, b'sens ta' għożża u mħabba denji tal-mudell li ħallielna Gesù.

Kif inhu magħruf, ix-xogħol mal-marid minnu nnifsu spiss ifisser ħidma fit-tul u taħt pressjoni. Huwa xogħol li ħafna drabi jitlob sagrifiċċji kemm minn dawk li jkunu qed iwettquh, kif ukoll mill-familja kollha tagħhom. Tant li mhux dejjem ikun faċli li dak li jkun jgħix kif imiss il-bilanċ meħtieġ bejn ix-xogħol u l-missjoni tiegħu fil-familja, li m'għandha qatt tiġi traskurata.

Dan is-sens ta' impenn u sagrifiċċju jistħoqqlu r-rikonoxximent ħaj ta' kulħadd, quddiemnett tal-morda nfushom u tal-familjari tagħhom.

Ma' dawk li jieħdu ħsieb il-morda tagħna għandna nimxu dejjem b'sens kbir ta' rispett, dinjità u stima.

# Ċelebrazzjoni tas-16-il Anniversarju tal-Papa

## Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Illum qegħdin infakkru s-16-il anniversarju tal-Pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

F'okkażjoni bħal din, probabbilment tiġi dritt quddiem għajnejna x-xbieha tal-Papa kif rajnieh meta kellna l-grazzja taż-żjara pastorali tiegħu f'pajjiżna.

Il-jiem li l-Papa kien fostna kienu għalina lkoll okkażjoni biex nissaħħu u nikbru fl-imħabba tagħna lejh u fl-għaqda tagħna miegħu.

Il-miġja tal-Papa f'pajjiżna serviet ukoll biex aħna nifhmu dejjem iżjed il-bżonn li nitqawwew fil-fidi, ħalli fil-persuna tal-Papa nagħrfu verament il-Vigarju ta' Kristu fuq din l-art.

### Ir-Ragħaj it-Tajjeb

Il-Papa, li fis-Sena tal-Familja qed jispikka bħala difensur qalbieni u distint ta' din iċ-ċellula fundamentali tas-soċjetà, hu mogħni bl-awtorità ta' Kristu li jxandar il-fidi, li trid tiġi mħaddna u li trid tidher fl-imġiba ta' dawk li jilqgħuha.

Għaldaqstant, hu xieraq li f'din it-tifkira aħna ningħaqdu fit-talb tagħna biex Alla jqawwina fil-fidi u jgħinna nfittxu u nuru l-għaqda tagħna mal-Papa billi nagħrfu u nemmnu li bħala Kattoliċi rridu naċċettaw u nwettqu t-tagħlim li jwasslilna l-Papa, ukoll bil-Maġisteru Ordinarju tiegħu.

Aħna nemmnu li bħala Vigarju ta' Kristu fuq l-art, il-Papa huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li għandu wkoll il-missjoni li jħabbar, jgħallem u jwassal lill-Knisja kollha u lil kull min għandu rieda tajba, il-Kelma ta' Alla, il-verità tas-salvazzjoni.

Il-Konċilju Vatikan II jurina u jgħallimna kif Alla, matul iż-żminijiet, dejjem ħares il-fidi u l-għaqda tal-Knisja permezz tas-suċċessuri ta' Pietru, u kif il-Knisja dejjem għarfet li l-Papa, bħala s-suċċessur ta' Pietru, għandu l-awtorità suprema li jgħallem.

Il-Konċilju tenna li meta, bħala l-ogħla ragħaj u għalliem tal-fidili kollha, li għandu jwettaq lil ħutu fil-fidi, il-Papa jipproklama b'att definittiv xi tagħlim li jħares il-fidi u l-morali li jrid jiġi mħares mill-Knisja kollha, huwa jkollu dik l-infallibiltà li biha Kristu ried jagħni lill-Knisja tiegħu fejn jidħol tagħlim ta' fidi u morali.

### Awtorità li ġejja minn Kristu

Dawn id-definizzjonijiet "ex-cathedra" tal-Papa minnhom infushom ma jinħtieġu ebda approvazzjoni ta' ħaddieħor, lanqas il-kunsens tal-Knisja. Dan

għaliex il-Papa jkun qed jgħallem bl-awtorità li ġejja minn Kristu nnifsu u għalhekk id-definizzjonijiet tiegħu jkunu magħmula bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, imwiegħda lill-Papa fil-persuna ta' Pietru.

Aħna nkunu nissaħħu u nikbru fl-imħabba tagħna lejn il-Papa u fl-għaqda tagħna miegħu meta nilqgħu u nħaddnu dan it-tagħlim li l-Knisja twasslilna bl-awtorità infallibbli tagħha, kif ukoll it-tagħlim l-ieħor li jwasslulna l-Isqfijiet f'għaqda mal-Papa.

Il-Konċilju jgħid li meta l-Isqfijiet jgħallmu f'għaqda ma' l-Isqof ta' Ruma, huma għandhom ikunu mismugħa minn kulħadd b'venerazzjoni, bħala xhieda tal-verità divina u Kattolika.

Il-Konċilju jgħallem ukoll li l-fidili għandhom jaċċettaw il-ġudizzju ta' l-Isqof tagħhom, mogħti f'isem Kristu, fi ħwejjeġ ta' fidi u morali u joqogħdu għal dan il-ġudizzju b'qima reliġjuża. *(Lumen Gentium,* 25).

Din il-qima reliġjuża, jgħallem il-Konċilju, għandha tingħata b'mod partikolari lill-Maġisteru Ordinarju awtentiku ta' l-Isqof ta' Ruma, ukoll meta ma jkunx qed jitkellem "ex-cathedra". L-Enċikliki, ħafna drabi, huma eżempju ċar ta' dan it-tagħlim.

Il-Papa jippronunzja ruħu fl-Enċikliki minħabba raġunijiet validi. Ħafna drabi, bħala r-Ragħaj it-Tajjeb, il-Papa jagħmel użu mill-Enċiklići biex iħares il-fidi u l-ġid tal-Knisja.

F'dawn l-Enċikliki, il-Papa jkellem lill-Knisja f'isem Kristu. Għalhekk, il-Kattoliku jrid jilqa' t-tagħlim tal-Papa mwassal permezz ta' l-Enċikliki, u jrid jimxi fuqhom anki meta dawn ma jkunux jipproklamaw xi definizzjoni solenni tal-fidi.

Il-Maġisteru Ordinarju tal-Papa ma nistgħux ma nilqgħuhx u nħabirku biex ngħixuh. Għal dan it-tagħlim tal-Papa, jgħodd ħafna l-kliem ta' Kristu: "Min jisma' lilkom, jisma' lili."

## Is-sejħa tat-teoloġi u l-istudjużi

Huwa magħruf ukoll, kif itenni l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, li l-Knisja, fil-ħidma tagħha ta' tagħlim u ta' ħarsien tal-morali nisranija tinħtieġ, fost ħwejjeġ oħrajn, l-għerf tat-teoloġi.

It-teoloġi u l-istudjuzi huma meħtieġa ħafna u huma ta' għajnuna kbira għall-Maġisteru Uffiċjali tal-Knisja. Bl-istudju u r-riflessjoni, huma jikkontribwixxu u jgħinu ħafna biex il-Knisja tkun tista' tasal għal ġudizzji maturi.

It-teoloġi u l-istudjużi huma ta' għajnuna kbira wkoll għall-Isqfijiet, li għandhom id-dmir li jfittxu kull għajnuna xierqa biex jifhmu dejjem aktar il-Kelma ta' Alla u r-Rivelazzjoni Divina.

Madankollu, it-teoloġi u l-istudjużi mhumiex għalliema uffiċjali tal-Knisja. L-opinjonijiet tat-teoloġi la huma r-regola u lanqas il-liġi tal-Maġisteru tal-Knisja.

Huma l-Papa u l-Isqfijiet, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, l-għalliema awtentiċi tal-Kelma tal-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej hija mwassla lilna permezz ta' Pietru u l-Appostli, u ta' dawk li huma s-suċċessuri tagħhom. Jinħtieġ li nemmnu u nistqarru fil-beraħ li kif Kristu ta l-missjoni tax-xandir tal-Vanġelu ma' kullimkien, l-ewwel lil Pietru u wkoll lill-Appostli l-oħrajn, hekk ukoll il-Papa u l-Isqfijiet, bħala s-suċċessuri ta' l-Appostli, huma l-għalliema u x-xhieda awtentiċi tal-fidi.

Għaldaqstant, kif itenni l-Papa Ġwanni Pawlu II, dan jitlob mit-teoloġi u l-istudjużi d-dmir li jagħtu eżempju ta' rispett sinċier għat-tagħlim tal-Maġisteru, kemm fid-dommatika u kemm fil-morali *(Veritatis Splendor,* 110). Dan jitlob mit-teoloġi u mill-istudjużi li huma jaċċertaw bil-qima x-xiehda u t-tagħlim li l-Isqfijiet jgħallmu f'għaqda mal-Papa.

F'dan il-kuntest, inħoss dispjaċir kbir meta nara – diżgrazzjatament anki fostna – li t-tagħlim tal-Papa ġieli ma jingħatax il-qima reliġjuża li jistħoqqlu u ma jiġix aċċettat. Jiddispjaċini wkoll meta nara lil min jipprova jpinġi lill-Knisja bħala antikwata u maqtugħa mill-ħajja.

Dan ir-rifjut spiss isir b'mod fin billi t-tagħlim tal-Papa, minflok jiġi preżentat bħala tagħlim li kull Kattoliku jrid jemmen u jħaddan, jitqiegħed fl-istess keffa ta' opinjonijiet li jwasslu teoloġi jew studjużi oħrajn.

Dan hu ħażin. Min jagħmel ħwejjeġ bħal dawn ikun qed jiżra' l-konfużjoni fl-imħuħ, bir-riskju ta' ħafna ħsara.

## Il-bażi tat-tagħlim morali

Jekk id-differenzi fl-opinjonijiet fil-ħajja pubblika huma s-sinjal normali ta' demokrazija rappreżentattiva, it-tagħlim morali bl-ebda mod ma jista' jiddependi mir-regoli "proċedurali" ta' demokrazija rappreżentattiva. It-tagħlim morali ma jistax jiġi deċiż skond il-proċeduri u r-regoli ta' l-ordni demokratiku.

Kif jisħaq il-Papa preżenti, in-nuqqas ta' qbil mat-tagħlim tal-Maġisteru permezz ta' protesti mħejjijin b'attenzjoni u ta' argumenti kuntrarji fuq il-Mass Media, imur kontra x-xirka tal-Knisja u kontra l-fehma vera tal-kostituzzjoni ġerarkika tal-Poplu ta' Alla *(Veritatis Splendor,* 113).

Huwa minnu li xi nsara qed jittraskuraw it-tagħlim tal-Maġisteru jew iqisu moralment tajba mġiba li r-Ragħajja tal-Knisja jgħallmu li hi kontra l-Liġi ta' Alla. Madankollu, dan m'għandux jintqies bħala argument validu biex wieħed jiċħad il-verità tan-normi morali mgħallmin mill-Knisja.

Inkunu tassew inħobbu lill-Papa meta naċċettaw u nimxu fuq it-tagħlim tiegħu.

## Il-qofol tal-messaġġ

Il-qofol tal-messaġġ li nixtieq inwassal f'din l-okkażjoni ta' llum hu wieħed ta' inkuraġġiment lil kull min qed iħabrek biex dan it-tagħlim ikunu jafu u jqiegħdu fil-prattika.

Lil dawk li forsi ma japprezzawx biżżejjed ir-rikkezza u l-importanza tat-tagħlim tal-Maġisteru, irrid inwasslilhom messaġġ ta' tama.

Id-duttrina morali nisranija, fid-diskussjonijiet komplessi u diffiċli ħafna dwar il-moralità, tidher fiha nfisha xi drabi diffiċli ħafna u kważi impossibbli li tkun imħarsa. Dan mhux minnu għaliex id-duttrina nisranija fis-sempliċità evanġelika tagħha mhijiex ħlief li ningħaqdu ma' Ġesù Kristu, nagħtu lilna nfusna kollha kemm aħna lilu, u nħallu l-grazzja tiegħu tbiddilna u l-ħniena tiegħu ġġeddidna: dan kollu jingħatalna fil-ħajja tagħna ta' xirka fil-Knisja *(Veritatis Splendor,* 119).

# Festa ta' Kristu Re

## Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca

Il-Knisja ta' kull sena, tistedinna niċċelebraw il-Festa ta' Kristu Re u aħna, min-naħa tagħna – kif jixhdu ċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali li jsiru f'din l-okkażjoni – nilqgħu dinl-istedina mil-qalb.

Huwa sewwa li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikomplu jsiru kull sena u li fihom isir it-tiġdid li tkun tissuġġerixxi l-esperjenza, bil-ħsieb li l-iskop tagħhom jintlaħaq dejjem aħjar. Iżda l-Knisja, ta' kull sena wkoll, iżżid tfakkarna li hija titlob minna ferm aktar minn ċelebrazzjonijiet.

Il-Knisja, kif itenni l-Katekiżmu l-ġdid, tħeġġiġna nemmnu tassew li Ġesù Kristu hu l-Mulej, li wara li temm il-missjoni tiegħu fuq l-art, tela' s-sema, 'il fuq minn kull saltna u setgħa u minn kull qawwa u ħakma, għax il-Missier qiegħed kollox taħt riġlejh.

Kristu hu sid il-ħolqien kollu u l-istorja kollha.

Il-Knisja tħeġġiġna nemmnu tabilħaqq li din is-Saltna ta' Kristu diġà tinsab b'mod misterjuż fil-Knisja li huwa waqqaf. Din is-Saltna għad ma tinsabx b'qawwa u glorja kbira. Dan iseħħ meta Ġesù jerġa' jiġi fid-dinja. F'dan iż–żmien, is-Saltna ta' Kristu għadha mhedda mis-setgħat tal-ħażen, iżda dawn diġà ntrebħu, fl-għeruq tagħhom, bl-Għid ta' Kristu.

### Ġesù huwa magħna u fostna

Illum, il-Festa ta' Kristu Re, aħna qed inwieġbu għas-sejħa tal-Knisja u qed nistqarru fil-beraħ li aħna nemmnu li Ġesù l-Mulej, għad li tela' s-sema gglorifikat, baqa' fid-dinja fil-Knisja tiegħu. Huwa magħna u fostna.

Illum qed nistqarru pubblikament li aħna nemmnu li, għad li l-ġlieda kontra s-setgħat tad-dlamijiet hija ġlieda kiefra u tibqa' sejra sa l-aħħar jum ta' 'ħajjitna, Ġesù tana l-kelma tiegħu li ma jitlaqniex waħedna f'din it-taqbida. Huwa jibqa' magħna sa l-aħħar. Jibqa' jgħinna nqawwu l-impenn tagħna f'din it-taqbida, biex nagħżlu u nintrabtu ma' dak li hu tajjeb u nwarrbu l-ħażin.

Aktar minn hekk, Kristu Sultan qed jistedinna biex bih u miegħu nibnu flimkien ħajja tassew nisranija.

### L-attakk fuq il-familja

Dan l-appell ta' Kristu Sultan huwa għal kulħadd, għalina wkoll. L-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom il-familja, inkluża dik Maltija, huma eżempju wieħed fit-taqbida iebsa u fina li pajjiżna wkoll għandu mas-setgħat tad-dlamijiet.

Dan juri l-urġenza kbira li nilqgħu l-appell ta' Kristu Sultan biex bih u miegħu nibnu flimkien familja msejsa fuq id-dawl, il-verità tiegħu.

L-esperjenza li għaddejna minna din is-sena, li flimkien mal-bqija tal-popli aħna ddedikajniha lill-familja, kompliet turina li din l-istituzzjoni tinsab taħt attakk qawwi u kontinwu.

F'pajjiżna wkoll, hawn uħud li bil-mod kif jitkellmu jew jiktbu jidhru li għandhom interess li jattakkaw il-mudell tal-familja Maltija billi jwarrbu u jneħħu minnha d-dimensjoni spiritwali.

Dan jidher biċ-ċar mill-istess kliem li ġieli jintuża dwar iż-żwieġ u l-familja. Spiss naraw li filwaqt li l-kliem li wieħed juża biex jirreferi għall-għaqda taż-żwieġ u tal-familja hu spiss l-istess kliem li tuża l-Knisja, dan il-kliem qed jingħata tifsira differenti u li taqtgħu mis-sinjifikat proprju tiegħu.

Fostna, ilha li daħlet kultura li tmeri, jew li ma tifhimx, is-sinjifikat spiritwali ta' kliem bħal "vokazzjoni" u "patt" meta dan il-kliem jintuża fil-kontest taż-żwieġ u l-familja.

Minħabba din il-kultura, li kulma jmur qed tinfirex, dan il-kliem qed jiġi żvujtat mill-qawwa spiritwali tiegħu, bil-konsegwenza li hemm min qed iqis is-sejħa taż–żwieġ u l-għaqda dejjiema tiegħu bħala ħaġa negattiva, antikwata u ma tgħoddx għall-ħajja ta' llum

L-istil ta' ħajja li qed jipproponulna l-ħbieb ta' din il-kultura, iridna ninqatgħu kompletament mill-mudell taż-żwieġ u tal-familja li għandu l-konferma ta' l-esperjenza ta' ħafna snin, u nibdlu kollox – għaliex illum din hi l-moda fil-pajjiżi hekk imsejħa "moderni"!

Għall-promoturi ta' din il-kultura permissiva u materjalista, il-qofol tal-ħajja ta' żmienna hu t-tibdil. Għalihom xejn mhu hemm jew isir għal dejjem – lanqas il-mudell taż-żwieġ u tal-familja kif iridhom Alla.

Il-proposta li qed issir dwar iż-żwieġ u l-familja hija li dawn huma sħubija għal xi żmien u patt li jista' jinħall, mhux sejħa minn Alla u patt li ma jinħallx, mibni fuq il-verità ta' Kristu.

## Kultura falza u ta' ħsara

Min irid, verament, jingħaqad ma' Kristu u l-Knisja tiegħu, fil-bini flimkien tal-familja jagħraf li kultura bħal din hi kultura falza, ma taħdimx u tirvina l-familja u lis-soċjetà.

Hija kultura li tippriedka l-iżvilupp, mentri fil-verità hija tfaqqar il-ġejjieni li, f'kull kultura soda, hu mibni fuq familja stabbli.

Tħares minn fejn tħares lejha, kif turina l-esperjenza, l-instabbilità fiż-żwieġ tfisser ħajja ta' diżastri għall-familja u għas-soċjetà.

Il-familja li mhix stabbli, hu iktar diffiċli għaliha li trawwem fl-ulied il-karattru sod li jkunu jinħtieġu biex meta jikbru ma jibżgħux jidħlu għall-impenn u r-responsabbiltà tal-ħajja miżżewġa, jekk din tkun is-sejħa tagħhom.

Il-karattru ta' wlied bħal dawn hu iktar f'riskju li jxaqleb lejn karattru instabbli – proprju għaliex huma jkunu ġejjin u jkunu frott ta' familja instabbli, li għalihom il-Knisja tħoss ħafna u tixtieq tkunilhom ta' l-aħjar għajnuna possibbli.

Il-ħsara ta' l-instabbiltà hi l-oppost ta' dak li joffri, irawwem u jiggarantixxi l-mudell tradizzjonali tal-familja, li minnu nnifsu jfisser stabbiltà għall-familja u għas-soċjetà.

## Il-valur ta' kultura morali

Kristu u l-Knisja tiegħu llum qed jistednuna biex bl-għajnuna tal-Mulej nagħrfu nibnu flimkien sisien insara għall-familji tagħna.

Biex dan ikun jista' jseħħ, fost ħwejjeġ oħra, jinħtieġ li nħaddnu u nxerrdu l-Kelma ta' Alla biex hekk niskopru mill-ġdid il-valur ta' kultura morali u etika.

Hija biss din il-kultura, mibnija fuq il-verità li rrivelalna Kristu dwar iż-zwieġ u l-familja, li tista' tiggarantilna familji li jkunu xhieda ta' ħajja tassew nisranija.

Il-missjoni li Alla fada f'idejn il-familja hija missjoni nobbli. Alla jrid li l-familja tkun stabbli. Huwa jrid ukoll li l-familja, minnha nfisha, tkun espressjoni ta' mħabba, ta' tama u ta' qawwa, biex ma tibżax timxi 'l quddiem fl-għaqda u s-sħuħija dejjiema tagħha.

Fil-pjan divin ta' Alla, iż-żwieġ irid ikun il-pedament u l-garanzija tal-familja, filwaqt li l-familja tkun il-pedament u l-garanzija tas-soċjetà.

Dan hu li jħoll u jorbot, mhux ir-rieda li wieħed jissodisfa dejjem u f'kollox lilu nnifsu. Il-qofol lanqas mhu l-istil ta' l-amministrazzjoni, it-teknoloġija u l-interessi ekonomiċi komuni, għad li dawn għandhom ukoll it-tajjeb tagħhom.

Huwa fi ħdan l-intimità tal-komunjoni personali tal-familja li wieħed jitgħallem l-ewwel il-virtujiet bażiċi bħalma huma l-qima reliġjuża, il-lealtà, l-onestà, is-sens ta' ġenerożità u s-solidarjetà mal-proxxmu.

Soċjetà sana li tapprezza verament ir-rikkezza ta' dawn il-valuri u l-virtujiet, tħabrek biex lill-ulied trabbihom u tkabbarhom f'ambjent li jibnihom f'ċittadini responsabbli u moralment maturi.

Huwa għal dawn ir-raġunijiet kollha li l-Knisja tiddefendi b'tant qawwa ż-żwieġ u l-familja.

Hemm bżonn li lkoll kemm aħna nilqgħu l-appell ta' Kristu Sultan, biex f'pajjiżna ma jiġi qatt iż-żmien – kif insibu fit-Tieni Ittra ta' San Pawl lil Timotju – meta l-familji tagħna jkunu xebgħu mit-tagħlim it-tajjeb.

Pajjiżna għandna ħafna x'jitlef jekk il-familji tagħna jibdew iħarsu lejn it-tagħlim it-tajjeb bħala ħaġa qadima u jkunu jridu xi ħaġa aktar ġdida li togħġobhom aktar, li tkun aktar iddoqq għal widnejhom u li tkun taqbel mal-ħajja żbaljata tagħhom.

Pajjiżna għandu ħafna x'jitlef jekk il-familji tagħna jmorru wara dawk li jgħallmuhom dak li jogħġobhom, imma mhux it-tagħlim ta' Kristu.

## Ma' Kristu nibnu flimkien

Fid-dinja li qed ngħixu fiha lejlet it-Tielet Elf Sena, it-triq tal-familja nisanija spiss qed tiġi murija bħala iebsa u tqila.

Madankollu, l-esperjenza sabiħa tal-ħafna familji li qed jistinkaw, ukoll fi żmienna, biex jgħixu bis-sħiħ skond il-verità ta' Kristu, għandha tqawwilna qalbna.

Kif qalilna l-Papa fl-Ittra Appostolika li għadu kemm ħareġ dwar "Il-Miġja tat-Tielet Millenju", il-konvinzjoni tagħna dwar il-frott kotran tal-qdusija fil-ħajja miżżewġa, għandha timbuttana biex insibu l-aħjar mod kif dan il-frott nagħrfuh, nifhmuh, nilqgħuh u nipproponuh lil kulħadd bħala mudell u inkuraġġiment għall-koppji Nsara.

Jekk inħabirku bla heda, b'ħeġġa spiritwali sħiħa, biex nikbru dejjem iżjed fir-rabta tagħna ma' Kristu, naslu żgur.

Ma' Kristu nibnu flimkien.

# Il-75 Anniversarju tal-Malta Union of Teachers

Iferraħni l-fatt li fl-okkażjoni tal-75 Anniversarju tal-Malta Union of Teachers, ħassejtu li huwa tajjeb u xieraq li tinġabru għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, b'radd il-ħajr 'l Alla għall-għajnuna kollha tiegħu u biex titolbuh ikompli jgħinkom għall-ġejjieni.

Nirringrazzjakom li għoġobkom tistednuni biex ningħaqad magħkom f'dan ir-radd il-ħajr u biex naqsam magħkom ftit ħsibijiet.

## Esperjenza twila

Ħamsa u sebgħin sena huwa żmien twil fil-ħajja ta' unjon. Tul dawn is-snin kollha, bħalma jiġri dejjem fil-ħajja, il-Malta Union of Teachers għaddiet minn taħlita ta' esperjenzi ta' ferħ u ta' sodisfazzjon, kif ukoll esperjenzi ta' prova.

L-esperjenzi jistgħu jkunu għal kulħadd teżor prezzjuż. Huma jagħtuna l-opportunità li nitgħallmu, li nagħrfu aktar lilna nfusna u li nipproġettaw għal ġejjieni aħjar.

Jiena konvint li kull waħda mill-esperjenzi li kellha l-MUT għenu biex hija u l-membri tagħha jifhmu u jagħtu dejjem iżjed u aħjar il-kontribut li kull unjon hi msejħa biex tagħti għall-ħsrsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tagħha, li jgħinuhom jgħixu ħajja li tixraq lid-dinjità tal-bniedem. Dan kollu jikkontribwixxi għal-bini u l-ħarsien tal-ġid komuni, li jgħin l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem.

## Id-dover lejn is-soċjetà

Kif nafu lkoll, il-Knisja tgħallem li l-ewwel ħidma ta' l-unjons hija d-difiża ta' l-interessi tal-ħaddiema fl-oqsma kollha fejn hemm fin-nofs id-drittijiet u d-dinjità tagħhom bħala bnedmin.

Fl-istess ħin, il-Knisja ma tieqafx hawn fit-tagħlim soċjali tagħha dwar il-funzjoni u s-sejħa ta' l-unjons tal-ħaddiema.

Il-Knisja żżid tgħallem, fost ħwejjeġ oħrajn, dwar il-bżonn li l-unjons iħabirku biex huma u jistinkaw ħalli jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tagħhom, ma jehdew qatt iħeġġu lill-istess membri biex jikbru dejjem iżjed fis-sens ta' dover tagħhom lejn is-soċjetà.

F'dan il-kontest, wieħed ma jistax ma japprezzax u ma jinkuraġġix kull tħabrik li jsir għat-tħejjija spiritwali u professjonali dejjem iżjed soda ta' l-għalliema. Lanqas ma jista' jonqos milli jappoġġja l-għajnuna li tingħata lill-għalliema biex fil-qadi tal-missjoni tagħhom jagħrfu jagħtu xiehda ħajja tal-ħerqa tagħhom li jkunu qaddejja tal-komunità kollha.

## Servizz ta' appostolat awtentiku

Wieħed jinnota b'sodisfazzjon li l-fundaturi tal-Malta Union of Teachers fehmu, sa mill-bidu, li t-triq ta' din l-għaqda ma kellhiex tibda u tispiċċa fit-tħabrik għal kundizzjonijet ta' xogħol aħjar għall-għalliema.

Il-fundaturi tal-MUT, fit-tqegħid tas-sisien ta' l-unjon ta' l-għalliema, niżlu fil-fond ferm iżjed minn hekk.

Huma għarfu dejjem illi s-servizz li jagħtu l-għalliema fl-iskejjel huwa appostolat awtentiku li jaqbel u huwa siewi u meħtieġ ħafna fi żmienna. Għarfu wkoll li dan huwa servizz li jrid jingħata lis-soċjetà, tant li l-funzjoni ta' l-iskola fis-soċjetà ħadd u xejn ma jista' jeħdilha postha u jagħmilha hu.

Kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, l-għalliema huma strument prezzjuż biex filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-fakultajiet intellettwali u l-kapaċità ta' ġudizzju, jgħinu ħafna biex fiż-żgħar u ż-żgħażagħ iġibu 'l quddiem is-sens tal-valuri.

## Id-dmir ta' l-edukazzjoni

Huwa veru li l-familja hija l-ewwel skola tal-virtujiet u l-valuri soċjali li tinħtieġ is-soċjetà. Huwa veru wkoll li l-ġenituri huma l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom. Fil-fatt, mhux għalkemm timla l-vojt li jinbet meta dan il-kontribut ikun dgħajjef jew nieqes. Madankollu, id-dmir ta' l-edukazzjoni jinħtieġ l-għajnuna tas-soċjetà u fl-ewwel post jiġu l-għalliema.

Għalhekk l-għalliema għandhom sejħa importanti u sabiħa li jgħinu lill-ġenituri fil-qadi ta' dmirijiethom, b'mod speċjali lil dawk il-ġenituri li għal raġuni jew oħra ma jkunux f'qagħda li dmirhom jaqduh tajjeb.

Minn dan kollu joħroġ li l-għalliem m'għandux biss id-dmir li jgħaddi lil ħaddieħor tagħrif u istruzzjoni, imma huwa fuq kollox edukatur li jgħin biex jiġu formati persuni umani skond il-viżjoni nisranija tal-persuna kif twassalha l-Knisja.

Mingħajr dan il-formazzjoni umana, ma nistgħux nidħlu verament għal ħidmiet edukattivi. Biex l-għalliema jkunu tassew edukaturi jinħtieġ li huma juru wkoll, bl-istil tal-ħajja tagħhom, li huwa possibbli li ngħixu tabilħaqq il-ħajja nisranija.

## L-edukazzjoni tal-poplu

Il-fundaturi ta' l-MUT ħadu ħsieb ukoll li jimpenjaw irwieħhom biex itejbu kemm jistgħu t-taħriġ ta' l-għalliema, ħalli b'hekk ikun jista' jogħla l-livell tat-tagħlim u wkoll il-livell ta' l-edukazzjoni tal-poplu tagħna.

L-istess motto li l-fundaturi ta' l-MUT għażlu għal din l-għaqda ta' l-għalliema, jirrifletti l-konvinzjoni tagħhom li t-triq lejn is-suċċess uman hu t-tagħlim.

Barra minn hekk, fost l-ewwel proposti tagħhom huma nkludew suġġeriment biex fl-Università ta' Malta jkun hemm Kattedra tal-Pedagoġija.

Dan kollu juri li ma kienx kumbinazzjoni li l-għalliema kienu fost l-ewwel nies li ntbagħtu jistudjaw u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom anki barra minn Malta.

Is-sens ta' direzzjoni li segwew il-fundaturi ta' l-MUT u s-suċċessuri tagħhom f'dan il-qasam, ċertament kien kontribut pożittiv importanti ħafna biex f'pajjiżna jitjieb u jissaħħaħ il-livell ta' l-edukazzjoni taċ-ċittadini tagħna. Ta' dan aħna lkoll rikonoxxenti.

## Ir-rikkezza tar-riżorsi umani

Ir-riżoluzzjoni li, fl-okkażjoni ta' llum, nixtieq nipproponi lill-MUT, lill-għalliema kollha u lil kulħadd, hija li ma nehdew qatt inħabirku biex immexxu 'l quddiem dan l-apprezzament ta' l-importanza ta' l-edukazzjoni.

L-aqwa rikkezzi li għandu u li jista' jkollu l-pajjiż huma r-riżorsi umani, aktar milli r-riżorsi materjali. Għaldaqstant, imqanqlin mill-ispirtu ta' servizz, m'għandna nehdew qatt fl-impenn tagħna li nħabirku, f'kull sens, għall-iżvilupp tal-bniedem sħiħ.

## Il-mudell ta' l-Għalliem il-Kbir

Il-mudell li għandu jiggwidana f'din il-ħidma tagħna għandu jkun il-mudell ta' Ġesù, l-Għalliem il-Kbir.

Ġesù, li ġie fid-dinja biex jaqdi, bena l-missjoni tiegħu fuq din l-art fuq it-tagħlim. Ried li juri lill-bniedem it-triq li jrid isegwi biex ikun jista' jilħaq, dejjem aktar u f'kollox, il-milja tan-natura tiegħu ta' bniedem maħluq xbiha ta' Alla.

Is-sejħa ta' l-għalliem nisrani hija essenzjalment sejħa biex jimxi fuq l-ispirtu ta' Ġesù bħala qaddej u għalliem.

Nistieden lil kulħadd, għalhekk, biex inroddu ħajr 'l Alla għat-tajjeb kollu li sar mill-Malta Union of Teachers f'dawn il-75 sena tal-ħidma tagħha u nitolbuh ikompli jieqaf magħha u ma' l-għalliema kollha tagħna.

It-talb tagħna huwa biex il-Mulej jgħinna nwettqu dejjem dak li hemm bżonn biex il-ħidma ta' l-MUT, kif ukoll ta' kull unjon oħra tal-ħaddiema f'pajjiżna, tkun mibnija, imdawla u mmexxija, f'kull ċirkustanza u ma' kulħadd, bl-istess spirtu li bih Ġesù offra lilu nnifsu f'sagrifiċċju lil Alla Missieru biex jikseb għall-bnedmin kollha l-veru ħelsien u ġid sħiħ tagħhom.

---

# Messaġġ ta' Mons. Arċisqof lill-"Malta Union of Teachers" fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif tagħha

Nixtieq nissieħeb magħkom intom u tfakkru l-75 sena mit-twaqqif tal-"Malta Union of Teachers".

Jien naf tajjeb kemm tħabirku biex ittejbu dejjem aktar il-ħidma tagħkom ħa tagħtu edukazzjoni xierqa lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna u biex tkunu dejjem aktar imħejjija ħalli l-hidma tagħkom mat-tfal u ż-żgħażagħ tagħti frott kotran.

Jiena konvint li f'kull ma tagħmlu intom dejjem imqanqlin minn spirtu nisrani

u tqisu l-ħidma tagħkom bħala missjoni mill-aktar nobbli, missjoni li għandha tkun xbieha ta' l-istess missjoni ta' Kristu l-Mulej. Hu ġie fid-dinja biex jgħallimna t-triq tal-ħajja, ġie biex ikun il-qaddej ta' kulħadd, u intom ġejtu msejħin biex turu lit-tfal u liż-żgħażagħ tagħna t-triq li minnha jridu jgħaddu biex għada pitgħada jkunu ċittadini onesti ta' din l-art li tatna isimha u biex ikunu wkoll ċittadini tas-sema pajjiżna. Jiena żgur li dan qed tagħmluh bi spirtu ta' qadi, ta' servizz, mhux biss lit-tfal u ż-żgħażagħ fdati lilkom, mhux biss lill-familji tagħkom li qed tgħinuhom jaqdu d-dmir ewlieni tagħhom ta' edukaturi ta' wliedhom, imma wkoll bi spirtu ta' qadi lil pajjiżna u lill-Knisja li hi f'Malta u f'Għawdex.

Il-Mulej ibierek din il-ħidma fejjieda tagħkom u b'rahan ta' dan minn qalbi nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

**† Ġużeppi Mercieca,**
**Arċisqof ta' Malta**

# Messaġġ ta' l-Arċisqof liċ-Ċirkolu "Gioventù Cattolica" f'għeluq il-75 sena tiegħu

Il-messaġġ tiegħi għall-75 sena taċ-Ċirkolu "Gioventù Cattolica" hu stedina lill-membri kollha biex iroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li sar tul dan iż-żmien, mhux biss mat-tfal u ż-żgħażagħ tal-Belt, imma wkoll ma' pajjiżna kollu, għax nistgħu ngħidu li l-inizjattiva li titwaqqaf l-Azzjoni Kattolika f'pajjiżna ħarġet minn dan iċ-Ċirkolu: kien il-president taċ-ċirkolu, Dun Nerik Dandria, li aktar tard sar monsinjur, li b'mandat ta' l-Arċisqof Mons. Dom Mawru Caruana, stieden lill-għaqdiet taż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien, biex jiffurmaw Federazzjoni ta' l-Għaqdiet Kattoliċi, u hekk ingħata bidu għall-Azzjoni Kattolika f'pajjiżna.

Nistgħu ngħidu li ċ-Ċirkolu "Gioventù Cattolica" kellu influwenza kbira fuq il-ħajja soċjali u reliġjuża ta' pajjiżna, għax ħafna minn dawk li ħadu l-formazzjoni tagħhom fiċ-ċirkolu, tul ħajjithom kollha taw xhieda ta' ħajja verament nisranija. Nixtieq insemmi xi wħud minnhom: Dun Salv Laspina, li aktar tard sar monsinjur, li kien għal bosta snin assistent ekklesjastiku taċ-ċirkolu u ddedika ruħu għall-problema tal-films u waqqaf is-Sezzjoni Films ta' l-Istitut Kattoliku; Dr. Herbert Ganado, li daħal fil-politika bi spirtu kattoliku, kien għal ħafna snin editur ta' LEĦEN IS-SEWWA, u ħalla tifkira tal-ħidma kollha tiegħu fil-volumi ta' **Rajt Malta Tinbidel**; is-Sur Mikiel Caruana, editur hu wkoll ta' LEĦEN IS-SEWWA u president ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika: ta ħajja ġdida wara l-ħerbiet tal-gwerra; Dun Salv Bartoli Galea, aktar tard monsinjur, li sa minn meta kien għadu żagħżugħ kien jikteb f'LEĦEN IS-SEWWA u jiffirma SABAGA, sar editur tal-ġurnal u baqa' jmexxih sa ma miet; Dun Mikiel Azzopardi, li hu wkoll aktar tard sar monsinjur, li kien Assistent Ekklesjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika, u ddedika ħajtu għall-ħandikappati u waqqaf id-Dar tal-Provvidenza fis-Siġġiewi u kien iqisha opra ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija. U nieqaf hawn, għax iż-żmien ma jippermettilix aktar.

Il-ħidma taċ-Ċirkolu "Gioventù Cattolica" għadha sejra sa llum u kull jum fiċ-ċirkolu t-tfal u ż-żgħażagħ tal-Belt qed isibu dik il-formazzjoni li jeħtieġu għall-ħajja tagħhom fid-dinja. L-għajnuna tal-Mulej qatt ma naqset twettaq il-ħidma ta' dawk responsabbli taċ-ċirkolu. Jien nagħti l-barka pastorali tiegħi fuq din il-ħidma b'rahan ta' għajnuna mis-sema, biex il-ħidma li bdiet 75 sena ilu, tkompli sejra u tissaħħaħ dejjem aktar għall-glorja ta' Alla u għall-ġid ta' pajjiżna.

**† Ġużeppi Mercieca,**
**Arċisqof ta' Malta**

# Messaġġ tal-Milied ta' l-Arċisqof lill-Missjunarji Maltin

Għeżież, wasal Milied ieħor. Bħas-soltu, nieħu din l-okkażjoni biex ma' l-awguri tiegħi nwassal messaġġ qasir lilkom saċerdoti, reliġjużi u lajċi Maltin li qegħdin taħdmu għall-Knisja bogħod mix-xtut tagħna. Nassigurakom li intom ilkoll fit-talb tiegħi. Jiena nżomm ruħi aġġornat kemm nista' dwar il-qagħda u l-missjoni tagħkom.

Din is-sena, irrid insemmi b'mod partikulari:

– Il-Patrijiet Agostinjani li qegħdin jaħdmu fl-Alġerija u li minkejja l-inkwiet serju li qam fil-pajjiż għażlu li jibqgħu ma' l-insara tal-post. Dan hu turija ta' mħabba u kuraġġ. Prosit tassew.

– Is-saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li qegħdin jaħdmu fost l-emigranti tagħna. Ma nistax ma nitlobx il-barka tal-Mulej Alla fuq il-ħidmiet tagħhom meta nisma' kemm familji Maltin qegħdin jiġu nfluwenzati mill-ambjent tal-post u jiġġarrfu, huma u wliedhom.

– Is-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li qegħdin jaħdmu b'tant dedizzjoni f'ambjenti ta' faqar u mard, bħal fil-Pakistan, Perù, Bolivja, Brażil, Afrika, Indja u Lvant Nofsani.

– Is-saċerdoti u s-sorijiet li qegħdin jaħdmu fl-Artijiet Imqaddsa.

Nitlob, imbagħad, u nistedinkom tingħaqdu miegħi fit-talb għall-missjunarji mejtin. Din is-sena, ħallewna s-saċerdoti Dun Karm Degiorgio (Awstralja), Patri Hugh Attard O.F.M. (Londra) u Patri Girgor Grima O. Carm., li miet il-Bolivja.

Innutajt li s-saċerdoti Maltin fl-Amerika Latina applikaw biex jiksbu ċ-ċittadinanza tal-post bla ma jitilfu dik Maltija (ċittadinanza doppja) biex ikunu jistgħu jibqgħu jaħdmu fil-post b'aktar libertà.

Niġu issa għal Malta. Din is-sena l-Knisja f'Malta wieġbet għall-istedina tal-Ġnus Magħquda u kkonċentrat l-attenzjoni kollha tagħha fuq il-familja. Aħna nemmnu li Malta hi dik li hi għaliex il-familji tagħna sa llum huma dak li huma. Dan hu frott tar-reliġjożità li wiritna b'tant għaqal minn missirijietna.

Artna għaddejja minn proċess ta' bidla. It-talba tagħna hi li l-poplu tagħna jiftaħ għajnejh u joqgħod attent li ma jinbelgħax minn dak li jista' jkisser l-għaqda tal-familja.

Waħda mill-preokkupazzjonijiet tagħna huma ż-żwiġijiet ta' konvenjenza u ż-żwiġijiet ta' tfajliet Maltin ma' barranin li ma jassigurawx edukazzjoni Nisranija lil uliedhom Maltin. Dawn huma firxa għal bidla radikali fil-kultura tagħna.

Qiegħed insemmi dan, lilkom, li għandkom esperjenza tal-ħajja ta' barra minn Malta, għaliex naf li tifhmuni u tapprezzaw kemm għandna għaliex nibżgħu li nitilfu dan il-patrimonju. Din hi ħidma iebsa għaliex barra li titlob insistenza min-naħa tagħna, titlob ukoll korrispondenza minn min għandu bżonn jagħti widen għall-kelma tagħna.

Insellmilkom mill-ġdid u nawgura lilkom, lill-għeżież tagħkom u lill-kollaboraturi tagħkom Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija barka tal-Mulej.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof għall-Milied 1994

## Il-Ħbiberija ta' Alla mal-bniedem

Għeżiż ħuti Maltin u Għawdxin

Fi żmien il-Milied għandna d-drawwa sabiħa li nixtiequ lil xulxin il-ferħ u l-hena.

Dawn ix-xewqat tagħna ħafna drabi aħna nuruhom billi nagħtu r-rigali lil xulxin. Nuruhom ukoll billi nkunu dejjem iżjed ġenerużi ma' dawk li l-iżjed jeħtieġu l-imħabba tal-proxxmu.

Din l-imġiba sabiħa, li tant hija magħġuna mal-karattru tal-poplu tagħna, qed ngħadduha wkoll, kif għandu jkun, lil uliedna.

Drawwiet bħal dawn huma ta' min jgħożżhom u jinkuraġġihom. Fl-istess ħin, madankollu, hu xieraq li wieħed jistaqsi:

Il-Milied, dan hu kollox?

Il-Milied jiġi biss biex f'dan iż-żmien naħsbu fl-oħrajn ftit aktar mis-soltu u nieqfu hemm?

Il-Miled għandu jkun biss okkażjoni li fiha jiena nsib is-sodisfazzjon billi ngħin u nferraħ lil ħaddieħor?

Il-Milied jgħidilna xi ħaġa oħra flimkien ma' dan?

X'inhu l-Milied għalija?

### Il-ħbiberija li joffrilna Alla

Il-Milied irid li filwaqt li nferrħu lil ħaddieħor, dan ikun frott il-ferħ li jkun hemm diġà f'qalbna.

Dan il-ferħ jikkonsisti filli jiena naċċetta u ngħix l-aħbar sabiħa li Alla, permezz ta' Ibnu magħmul bniedem bħalna, resaq lejja u qed joffrili l-ħbiberija tiegħu – jien min jien.

Alla joffri lill-bniedem il-ħbiberija tiegħu mingħajr ma jħares lejn kemm il-bniedem hu tajjeb jew inqas tajjeb.

Alla ma jiħux interess biss f'dawk li huma tajbin u onesti. Il-Vanġelu jurina eżattament il-maqlub ta' dan. Alla jinterssa ruħu l-iżjed mill-bniedem li jkun l-iktar 'il bogħod; mill-bniedem li jħossu waħdu, abbandunat, minsi, mitluf, sfiduċjat, bla xaqq dawl f'ħajtu, imfarrak.

Il-Milied jagħti l-ferħ u l-hena tiegħu lil kull wieħed u waħda minna, għaliex l-offerta li Alla qed jagħmlilna għal ħbiberija miegħu ssib għeruqha fl-inizjattiva tal-Mulej stess u mhux għax ħdimna aħna għaliha.

Huwa Alla, minn jeddu, li ried jersaq lejna u joffrilna l-ħbiberija tiegħu.

Alla ma jkejjilx il-merti tagħna fl-għoti ta' din il-ħbiberija. Għall-kuntrarju , aktar ma nħossuna mbegħdin minnu, aktar Alla jiġri warajna u joffrilna mħabbtu.

Daqstant hi kbira l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, speċjalment il-bniedem imġarrab jew emarġinat.

Il-Mulej, permezz tal-Milied, qed jgħidilna li dak li hu jrid minna huwa biss li naċċettaw il-ħbiberija li qed joffrilna.

Dan hu l-qofol tal-Milied: li aħna min aħna nħossu fina u ngħixu l-ħbiberija ma' Alla.

Jiddependi minn kull wieħed u waħda minna jekk illum ikunx tassew Milied għalina jew le.

Il-Milied ngħixuh tassew jekk nifthu qalbna għall-ħbiberija ta' Alla u nħallu l-imħabba ta' Ġesù taħdem fina.

Dan hu l-Milied li Alla jistenna li aħna niċċelebraw u ngħixu. Dan hu l-Milied li jiena nixtieq naawgura lil kulħadd.

## Il-ħbiberija bejnietna

Min jilqa' l-Milied b'dan il-mod, ikun qed jinvesti f'ferħ dejjiemi għalih nnifsu u għall-oħrajn, għaliex il-ħbiberija ma' Alla tgħinna naħdmu biex ikollna u nkabbru wkoll l-għaqda u l-ħbiberija ta' bejnietna kif iridhom Alla.

Aħna naċċettaw u ngħixu dan l-ispirtu awtentiku tal-Milied daqskemm naħdmu biex fostna jsaltnu l-imħabba u l-ġustizzja nisranija.

Min jaċċeta din l-istedina tal-Milied jimpenja ruħu li jaħdem bla heda biex jgħin lill-proxxmu mġarrab jew emarġinat jikseb ġustizzja, iqum mill-qagħda iebsa tiegħu, u jkollu garanzija li jkun jista' jgħix id-dinjità tiegħu ta' bniedem hu wkoll.

Il-ferħ tal-Milied li qed joffrilna Alla jitlob minna l-kuraġġ u l-onestà li nitolbu maħfra 'l Alla u lil xulxin.

Ħadd mhu mingħajr ħtija.

Il-ħniena, il-maħfra u l-imħabba ta' Alla jimlew qalb il-bniedem li jilqa' l-istedina tal-ħbiberija tiegħu, b'ferħ kbir.

Dan il-ferħ uniku ksibnieh permezz ta' l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù, li ġie fid-dinja biex jifdina u jsalvana.

Dan hu l-akbar rigal li Alla ta lill-bniedem.

Fl-istorja tal-bniedem, m'hemmx ġrajja aqwa u ikbar minn din. M'hemmx rigal li jferraħ lill-bniedem iktar minn dan.

Hu proprju dan ir-rigal, il-ħbiberija ma' Alla msieħba mal-ħbiberija bejnietna, li jien nixtieq nara f'qalb kull wieħed u waħda minna.

It-tifkira tat-twelid ta' l-Iben il-Waħdieni ta' Alla bħala bniedem għandha tkun għalina okkażjoni biex niġġeddu fil-ħbiberija tagħna ma' Alla u bejnietna.

L-awgurju tiegħi huwa li l-hena veru u qaddis tal-Milied jimla qalb kull wieħed u waħda minna u jżommna fl-imaħabba ta' Alla u ta' xulxin is-sena kollha.

Dan nixtiequ b'mod speċjali:

Lit-tfal iż–zgħar, li tant għandhom bżonn l-għożża, l-imħabba u l-kenn tagħna lkoll;

Liż-żgħażagħ, li tant għandhom bżonn min jifhimhom u jagħmlilhom kuraġġ minħabba l-individwaliżmu u l-materjaliżmu ta' żmienna.

Lill-morda u l-anzjani fl-isptarijiet u fid-djar, kif ukoll lill-persuni b'diżabiltà;

Lill-aħwa fil-ħabs li jeħtieġu għajnuna biex jinqatgħu mill-imgħoddi u jerġgħu lura bħala bnedmin ġodda fi ħdan il-familji tagħhom fis-soċjetà;

Lill-familji kollha tagħna, li huma u mexjin 'il quddiem fl-għajxien tal-valuri nsara, iridu jitqabdu kontra l-permissività u ambjent dejjem iżjed laxk;

Lil ħuta emigrati u qrabathom, kif ukoll lir-refuġjati li jinsabu fostna 'il bogħod minn art twelidhom u mill-familji għeżież tagħhom;

Lil kull min hu mġarrab jew imwarrab, biex permezz tal-Milied jikseb il-faraġ, is-solidarjetà, il-kenn u l-imħabba li jixraqlu u jeħtieġ.

Għeżież ħuti, Maltin u Għawdxin, inħeġġiġkom ilkoll biex infittxu li nimxu dejjem skond ir-rieda tal-Mulej Alla, biex b'hekk ikollna dejjem l-hena veru li Ġesù kisbilna bil-miġja tiegħu fostna.

Inħeġġiġkom ukoll biex, bl-interċessjoni ta' Marija, Omm Alla u Ommna, nitolbu l-għajnuna ta' Ġesù ħalli kull fejn hemm l-inkwiet bejn il-bnedmin u nies li qed ibatu, iseħħ is-sliem qaddis tiegħu.

Il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd

**† Ġużeppi Mercieca,**
**Arċisqof ta' Malta**

# Messaġġ ta' l-Arċisqof fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju tal-Fondazzjoni tal-Għaqda "Voluntiera Lajċi Missjunarji" 20.2.95

L-20 ta' Frar ta' din is-sena jaħbat l-10 Anniversarju tal-Fondazzjoni tal-Għaqda Maltija Volontarji Lajċi Missjunarji, ffurmata taħt l-awspiċi tal-Uffiċju Missjunarju ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċi ta' Propagande Fide fl-1985.

Din l-Għaqda ġiet iffurmata bil-barka tiegħi bl-ghanijiet speċifiċi kif mistqarra fl-Istatut tagħha, "li tkun ta' għajnuna u preparazzjoni spiritwali u teknika għal dawk il-lajċi li jħossuhom msejħa biex "jikkooperaw fix-xogħol tat-tixrid tal-Vanġelu tal-Knisja u jieħdu sehem bħala siehda fl-istess ħin bħala strumenti ħajjin fil-missjoni tagħha ta' Salvazzjoni ("Ad Gentes, n.41")

Għall-grazzja t'Alla f'dawn l-aħħar għaxar snin tmienja u tletin lajċi, rġiel u nisa, singoli u miżżewġa, wettqu servizz volontarju missjunarju għal sena jew aktar f'ħidma ta' fejda kbira fost il-fqar. Niżżiħajr lil Alla għal dawn il-ħafna qlub ġenerużi Maltin għal din il-ħidma fejjieda u ta' tixrid tal-Vanġelu.

Niżżiħajr l-Alla għall-ġid fejjiedi u spiritwali li ħareġ minn din l-Għaqda. Nitlob l-Alla li jkompli jxerred il-barka Tiegħu fuq din l-Għaqda u l-membri tagħha u li jkompli jibgħat aktar qlub ġenerużi minn fost il-Maltin għal din il-ħidma fid-dinja.

31.12.94

**† Ġużeppi Mercieca,**
**Arċisqof ta' Malta**

# Il-Pastorali tal-Familja

Is-sena li għaddiet, is-Sena tal-Familja, kellna għal darb'oħra numru sabiħ ta' koppji li ngħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ.

Din hija ħaġa sabiħa u ta' ferħ. Hija grazzja li dwarha, lil Alla għandna ħafna għax nirringrazzjawh. Nitolbuh ukoll ikompli jieqaf ma' dawn il-miżżewġin ġodda u l-miżżewġin l-oħrajn kollha, bil-qawwa ta' l-imħabba tiegħu.

## Mixja ġdida

F'moħħ l-għarajjes, kif ukoll il-ġenituri, il-qraba u l-ħbieb tagħhom, il-jum taż-żwieġ huwa l-mument li fih jiġbor kollox. Huwa l-mument li fih il-koppja twettaq dak li tkun ilha tixtieq u trid. Huwa l-mument li fih kulħadd iħoss li l-għarajjes ikunu waslu fid-destinazzjoni tagħhom. Hu għalhekk li l-jum tat-tieġ, kif inhu xieraq, huwa dejjem jum ta' ferħ u festa.

Fil-verità, pero', kemm fil-pjan ta' Alla kif ukoll kif tgħallimna l-esperjenza, dakinhar li jingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ, quddiem l-għarajjes tinfetaħ triq ġdida.

Din hija t-triq tat-twettiq, pass wara l-ieħor, tad-dmirijiet u tal-valuri tal-ħajja miżżewġa. Din hija t-triq li fiha l-miżżewġin irridu jikbru fis-sejħa u l-missjoni speċifika tagħhom u hekk, jum wara l-ieħor, jgħixu ħajja dejjem iżjed qaddisa u mħeġġa. Din hija t-triq li tgħin biex il-miżżewġin ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut ħaj u responsabbli tagħhom fil-Knisja u fis-soċjetà.

Din l-enfasi hija meħtieġa u importanti, għaliex iż-żwieġ ma jinteressax biss lill-individwi fil-ħajja privata tagħhom, iżda jinteressa wkoll lill-komunità nisranija u lis-soċjetà ċivili.

Dan inixxi mill-fatt li l-familja hija istituzzjoni naturali, kif ukoll wirt għażiż u qaddis ta' l-umanità, li ħadd u xejn ma jista' jieħu post il-valur tiegħu.

## Sehem il-komunità nisranija

Biex il-koppja miżżewġa tkun tista' tikber u timmatura fil-valuri umani u fil-ħajja spiritwali, għandha bżonn l-għajnuna mhux biss tal-qraba imma wkoll tal-komunità nisranija kollha kemm hi.

Il-komunità nisranija trid tagħti din l-għajnuna lill-miżżewġin bl-imħabba u bl-għaqal, minsuġin ma' ħerqa pastorali biex il-koppja tkun tista' ssib ukoll postha, flimkien mal-familji l-oħra, fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà.

Il-bżonn u l-importanza ta' din il-ħerqa pastorali, inkluż f'pajjiżna, qatt ma kienu kbar daqskemm huma llum.

Fost ir-raġunijiet għal dan hemm il-fatt li ż-żwieġ u l-familja jinsabu taħt l-attakk ta' propoganda organizzata u sistematika li twassal biex thedded, tferi u

teqred il-ħajja tal-familja u l-għaqda naturali u sopranaturali tagħha, billi ġġib fix-xejn il-valuri morali li fuqhom iż-żwieġ u l-familja jridu jinbnew u jikbru.

Dan l-attakk fuq iż-żwieġ u l-familja qed ikun iżjed qarrieqi u iktar gravi għaliex kultant isir ukoll minn persuni li jippużaw ta' difensuri qalbiena tal-libertà u drittijiet oħrajn tal-bniedem.

## Il-familja u x-xogħol

Hemm ukoll il-fatt li fil-ħeġġa tagħhom biex jgħixu l-mudell nisrani taż-żwieġ, il-koppji llum iridu jħabbtu wiċċhom ma' ħafna sfidi.

Fost dawn l-isfidi hemm dik tal-bilanċ li jrid jinstab bejn il-ħajja tal-familja u dik ta' xogħol.

Kif turi l-esperjenza f'pajjiżi oħrajn u kif qed naraw ukoll f'pajjiżna, meta jkun hemm żbilanċ bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol, hija l-familja li tbati l-aktar.

Biex dan ma jiġrix, bi ħsara għas-sħuħija tal-familja u t-trobbija tajba ta' l-ulied, il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol iridu jkunu f'armonija.

It-triq tal-ħajja miżżewġa, mas-sabiħ għandha wkoll l-iebes tagħha. Madankollu, il-miżżewġin il-ġodda m'għandhomx jaqtgħu qalbhom. Huma għandhom isibu l-kuraġġ u l-qawwa tagħhom fl-eżempju tal-ħafna familji li qed iħabirku, b'impenn sħiħ, biex it-triq taż-żwieġ jimxuha kif irid Alla.

Ħarsa madwarna turina malajr li huma ħafna l-koppji li minkejja d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom qed jgħixu l-ħajja miżżewġa tagħhom fi spirtu ta' mħabba, impenn u għotja personali.

Il-Knisja u s-soċjetà dawn il-koppji għandhom bżonnhom ħafna. Huma l-ħmira meħtieġa biex il-familji tagħna jibqgħu tassew dak li huma: familji nsara.

## Il-Pastorali tal-Familja

Fil-ħsieb nisrani l-familja tfisser għaqda sħiħa tal-miżżewġin bejniethom u ma' l-ulied, f'ambjent ta' mħabba vera, rispett u responsabbiltà.

Dan, speċjalment quddiem l-isfidi li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom il-miżżewġin ta' llum, jitlob li l-għarajjes ikollhom tħejjija dejjem iżjed soda għaż-żwieġ.

Għaldaqstant, il-Knisja f'Malta, ħerqana kif inhi biex tgħin dejjem aktar u aħjar lill-koppji jitħejjew tajjeb għaż-żwieġ, qed tniedi proġett pastorali ġdid f'dan il-qasam – proġett li jgħin ukoll lill-għarajjes jifhmu l-bżonn li l-formazzjoni nisranija tagħhom bħala koppja jkompluha wkoll fiż-żwieġ.

Dan il-proġett hu frott l-esperjenza kbira u mifruxa miksuba matul snin twal, quddiemnett permezz tas-servizz twil u fejjiedi tal-Moviment ta' Kana flimkien ma' l-inizjattivi tal-Kummissjonijiet Parrokkjali tal-Familja, immexxijin mill-Kappillani.

Huwa wkoll proġett li fit-tħejjija u t-tfassil tiegħu ħadmu id f'id, f'kollaborazzjoni

sħiħa, is-Segreterija Pastorali ta' l-Arċidjoċesi, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, il-Kulleġġ tal-Kappillani u l-Moviment ta' Kana.

Is-sisien ta' dan il-proġett jirriflettu l-għarfien dejjem aħjar tal-fatt li t-tħejjija għaż-żwieġ ma tistax tkun limitata għal ftit żmien qasir qabel il-jum taż-żwieġ, imma trid issir f'rabta sħiħa mal-pastorali taż-żgħażagħ u tal-vokazzjonijiet. Dan ifisser li t-tħejjija għaż-żwieġ trid tkun parti essenzjali u integrali minn mixja li tgħin liż-żgħażagħ jaslu għal għażliet, inizjattivi u stil ta' għajxien li jaqblu mal-ħajja nisranija.

## Tama ta' frott kotran

Għandi fiduċja qawwija li, jekk kulħadd jagħti s-sehem xieraq tiegħu, dan il-proġett pastorali, li tħejja mill-Knisja Maltija fis-sena tal-Familja, iħalli frott kotran.

F'din il-fiduċja nħossni nkuraġġut mill-fatt li minkejja l-isfidi kbar li għandhom quddiemhom il-miżżewġin, nafu li essenzjalment, is-sisien tal-familja għadhom sħaħ, sodi u b'saħħithom. Barra minn hekk, in-numru ta' dawk li qed jidħlu, b'sens qawwi ta' ġenerożità u mpenn, għal ħidma pastorali favur il-familja, kull ma jmur qed jikber.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex inżommu dejjem quddiem għajnejna li l-familja tirnexxi daqskemm tagħraf iżżomm sħiħa fil-fidi, fit-tama u fl-imħabba.

† ĠUZEPPI MERCIECA
Arċisqof ta' Malta

11 ta' Jannar 1995.

NOTI:
— Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħejja dan il-Messaġġ għall-okkażjoni tal-laqgħa tiegħu mal-miżżewġin il-ġodda, tas-sena 1994, nhar is-Sibt 14 ta' Jannar, 1995, fil-Konkattidral ta' San Ġwann, fis-6.30 p.m.
— Il-Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof qed jintbagħat lill-Kappillani biex jinqara fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 14 u 15 ta' Jannar, 1995.

Ċirkolari Nùmru 309

# Il-Jum Dinji tat-Turiżmu

L-Arċidjoċesi ta' Malta, nhar il-Ħadd, 25 ta' Settembru, 1994, se tiċċelebra l-Jum Dinji tat-Turiżmu.

Din is-sena, it-tema li ntagħżlet għal dan il-Jum hija: "Kwalità ta' persuni, kwalità ta' turiżmu".

L-istedina tal-Knisja hija biex is-servizzi li jingħataw fil-qasam turitsiku jkunu jgħinu lil min jagħtihom u lil min jirċevihom jikber u jissaħħaħ fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn. B'dan il-mod, ikompli jikber l-ispirtu ta' aħwa bejn il-bnedmin u bejn il-popli.

Il-Kappillani, ir-Retturi tal-Knejjes u s-Superjuri Reliġjużi huma mistednin jgħinu lill-membri tal-Knisja jidħlu fl-ispirtu ta' dan il-jum billi josservaw l-iskema ta' l-omelija li tħejjiet għall-okkażjoni.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 14 ta' Settembru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

---

Ċikolari Numru 309A

B'riferenza għaċ-Ċirkolari numru 309 ta' l-14 ta' Settembru 1994 dwar il-Jum Dinji tat-Turiżmu, nixtieq ngħarraf li, peress li fl-istess jum tal-Ħadd, 25 ta' Settembru, fl-Arċidjoċesi tagħna se jinżamm ukoll Jum it-Tagħlim Nisrani, titħalla fid-diskrezzjoni tal-Kappillani u ċ-ċelebranti tal-Quddies li jsegwu l-iskema ta' l-omelija mħejjija għal dan il-Jum mis-Segretarjat għat-Tħabbir tal-Kelma u l-Katekeżi, skond it-tip ta' assemblea liturġika li tieħu sehem f'kull quddiesa.

Maħruga mill-Kuraja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 17 ta' Settembru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Ċirkolari Numru 310

# Anniversarju ta' l-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Arċisqof

Nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru, niċċelebraw l-għoxrin sena minn meta Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca ġie ordnat Isqof.

Bħala sinjal ta' turija ta' mħabba, rispett u għaqda ma' Monsinjur Arċisqof f'dan l-anniversarju, dakinhar, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi għandha tiġi ċelebrata Quddiesa waħda ta' l-Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Arċisqof. Barra minn hekk, fil-Quddies l-ieħor kollu tad-29 ta' Settembru tiżdied invokazzjoni għall-Arċisqof fit-Talba tal-Fidili (kollox kif jinsab fl-Ordni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għal dan il-jum, iżda b'Qari wieħed biss).

Monsinjur Arċisqof se jiċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta, fl-istess jum tad-29 ta' Settembru fis-6.00p.m. Is-saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, li ma jkollhomx impenji pastorali oħra, huma mistiedna biex jikkonċelebraw ma' Monsinjur Arċisqof. Ir-Reliġjużi l-oħra u l-lajċi, b'mod speċjali l-membri ta' l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi, huma wkoll mistiedna biex jieħdu sehem f'din il-Quddiesa biex magħqudin qalb waħda nroddu ħajr lil Alla, nitolbu għall-bżonnijiet ta' l-Arċisqof tagħna, u nfissrulu r-rabta tagħna miegħu bħala ulied spiritwali tiegħu.

Jixraq ukoll li fl-istess jum, kull membru tal-Knisja f'Malta joffri talb u sagrifiċċju biex Alla jagħni lil Monsinjur Arċisqof b'kull barka u bil-ferħ tiegħu.

# Rużarju fix-xahar ta' Ottubru

Dalwaqt jibda x-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju

F'din is-Sena Internazzjonali tal-Familja tkun ħaġa tassew sabiħa li, speċjalment dawk li ma jgħidux ir-Rużarju f'xi knisja mal-komunità nisranija, matul Ottubru jagħmlu ħilithom kollha biex jirreċitaw din it-talba kemm jista' jkun mal-membri l-oħra tal-familja tagħhom.

Ikun tajjeb ukoll li fir-reċita tar-Rużarju matul dan ix-xahar indaħħlu wkoll l-intenzjoni li l-Madonna taqlagħlna l-grazzja li tinżamm u tikber l-għaqda fil-familji Maltin kollha.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 19 ta' Settembru 1994.

Monsinjur Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Ċirkolari Numru 311

# Talb għax-xita

Peress li qed jinħass in-nuqqas ta' xita, u sakemm dan jibqa' jinħass, fil-Quddies kollu fit-Talba tal-Fidili għandha tiżdied l-invokazzjoni għax-xita (Talbiet tal-Fidili, Vol. I, p. 253).

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 4 ta' Ottubru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

---

Cirkolari Numru 312

# Anniversarju tal-Papa

Nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubru, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II jagħlaq sittax-il sena minn mindu beda uffiċjalment il-ministeru tiegħu bħala Suċċessur ta' San Pietru, Isqof ta' Ruma u Ragħaj tal-Knisja Universali.

Din is-sena kellna diversi okkażjonijiet li fihom ħassejna li għandna nitolbu aktar mis-soltu għall-Papa. Dawn kienu l-aktar fiċ-ċirkostanzi tat-tbatija fiżika u morali tiegħu, li hu joffri lil Alla għall-ġid tal-Knisja u tal-bnedmin kollha, speċjalment tal-familja. Ammirajnih u tlabna għalih ukoll fil-ħidma tiegħu biex jiddefendi l-verità, kif ukoll il-ħajja u d-dinjità tal-bniedem, u l-paċi bejn il-ġnus.

Biex inkomplu nfissru l-għaqda tagħna ta' mħabba u ubbidjenza leali lejn il-Papa, dakinhar tat-22 ta' Ottubru għandna nżidu fit-talb tagħna lil Alla biex ibierek lill-Qdusija Tiegħu u jagħtih is-saħħa fiżika u kull għajnuna li jeħtieġ biex ikompli imexxina fit-triq tal-Vanġelu u tas-sewwa.

Minbarra dan it-talb privat, Monsinjur Arċisqof:

1) Irid li waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika li ssir fil-knejjes nhar il-Ħamis, 20 tax-xahar, isir talb speċajli għall-bżonnijiet tal-Papa u skond l-intenzjonijiet tiegħu.

2) Jirrakkomanda ħafna li nhar it-22 tax-xahar, tiġi ċelebrata l-Quddiesa ta' l-Anniversarju tal-Papa (ara Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa dakinhar); u li r-Rużarju jingħad skond l-istess fehma.

3) Jordna li fl-istess jum jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes u, fejn hu possibbli, tittella' l-bandiera tal-Papa.

Nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubru, fil-5.30p.m. l-Eċċellenzi Tagħhom l-Arċisqof Monsinjur Pier Luiġi Celata, Nunzju Apostoliku f'Malta, u Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca se jmexxu Quddiesa konċelebrata fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta.

Is-saċerdoti djoċesani u reliġjużi kollha, li dak il-ħin ma jkunux impenjati f'ħidmiet pastorali oħra, huma mistiedna jikkonċelebraw f'din il-Quddiesa ma' l-Eċċellenzi Tagħhom u mal-Kapitlu tal-Kattidral. Il-membri kollha tal-Knisja, speċjalment ir-Reliġjużi l-oħra u l-membri ta' Istituti Sekolari, Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi huma mitluba biex jieħdu sehem numerużi f'din il-Quddiesa.

## Ġurnata Missjunarja 1994

Il-Ġurnata Missjunarja din is-sena se tinżamm nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru.

Fil-Ġurnata Missjunarja nkattru t-talb u s-sagrifiċċji tagħna li noffru biex il-Mulej jgħin il-Missjonijiet u l-missjunarji biex il-ħidma missjunarja tħalli frott spiritwali u soċjali kotran fost il-ġnus li qegħdin jiġu evanġelizzati.

Huwa dmir tagħna wkoll li ngħinu ġenerożament, skond il-possibilitajiet tagħna, lill-missjonijiet tad-dinja kollha permezz ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji.

Għal dan il-għan, bħas-soltu se jitqassmu fi djarna envelopes biex nagħtu l-offerta ġeneruża tagħna. Barra minn hekk, il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 22 u 23 ta' Ottubru, jingħata lill-Opri Missjunarji Pontifiċji, biex jiġu megħjuna l-missjonijiet kollha, speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn. Biex dan il-ġbir ma jiġix imfixkel, infakkar li matul ix-xahar ta' Ottubru m'għandux isir ġbir għal missjonijiet jew missjunarji partikolari.

Huwa rakkomandat ħafna li nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 22 u 23 ta' Ottubru, tiġi ċelebrata l-Quddiesa, għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, minbarra l-każ ta' Quddies għal xi okkażjoni speċjali.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 11 ta' Ottubru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kancillier*

Ċirkolari Numru 313

# Festa ta' Kristu Re

Din is-sena l-Festa ta' Kristu Re se tkun ċelebrata nhar il-Ħadd, 20 ta' Novembru.

Il-Kumitat Organizzattiv tal-FORUM ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi tal-Lajċi hejja programm u qiegħed jistedinna biex din is-sena nirriflettu u nitolbu ħalli MA' KRISTU NIBNU FLIMKIEN.

Dan il-motto jgħinna nintebħu li għalxejn nitħabtu u nirsistu u norganizzaw jekk inħallu lil Kristu fil-ġenb; u mhux possibbli nibnu ma' Kristu jekk ma nkunux ilkoll flimkien.

Il-Kumitat hejja dan il-programm:

1. Il-Ħamis, 17 ta' Novembru, fil-knejjes kollha ssir adorazzjoni bi tħejjija għal din il-Festa.
2. Il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, fl-4.30p.m. fil-knisja ta' San Publju, Floriana, siegħa ta' talb mill-Kleru, Reliġjużi u Membri ta' Istituti Sekulari.
3. Is-Sibt, 19 ta' Novembru, 1994, laqgħa għat-Tfal kollha fi Vjal 21 ta' Settembru, Mosta (ħdejn it-telgħa tan-Naxxar, ma' ġenb il-Kalkara tal-Ġir). Il-laqgħa tibda fit-3.30p.m. u tispiċċa fil-5.00p.m.
4. Il-Ħadd, 20 ta' Novembru 1994, laqgħa għal kulħadd.
   Il-korteo jibda minn Vjal l-Indipendenza (ħdejn il-Monument tal-Qalbenin Mostin) fit-3.30p.m. lejn il-Pjazza tal-Knisja, fejn ikun hemm ċelebrazzjoni qasira u diskors ta' Monsinjur Arċisqof. Il-funzjoni tispiċċa bil-Barka Sagramentali fis-6.00p.m.
   Immedjatament wara l-funzjoni ikun hemm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.

---

# Ġabra għall-Iskejjel tal-Knisja

Kull sena, il-Knisja tagħmlilna appell biex ilkoll kemm aħna nagħtu s-sehem tagħna għall-ħidma tagħha edukattiva u pastorali li tagħmel permezz ta' l-iskejjel tagħha.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 19 u 20 ta' Novembru, jingħata għall-Fond ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

Dan il-ġbir jiżdied mal-kontribut li d-Djoċesi u l-komunitajiet Reliġjużi qed jagħtu lill-istess Fond, ma' l-għajnuna finanzjarja li tingħata mill-Istat, u ma' l-għotjiet volontarji tal-ġenituri tat-tfal li jattendu dawn l-iskejjel.

Bil-kontribut ġeneruż tagħna f'din il-ġabra, inkunu qed napprezzaw u ngħinu l-ħidma tal-Knisja fl-iskejjel tagħha, is-servizzi ġeneruż ta' ħafna reliġjużi u saċerdoti f'dan il-qasam, u d-dedikazzjoni ta' ħafna għalliema lajċi.

Maħruga mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 8 ta' Novembru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

---

Cirkulari Numru 314

# Jum ir-Repubblika 1994

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru se jfakkar Jum ir-Repubblika.

Monsinjur Arċisqof jordna li dakinhar:

1. Fit-Talba tal-Fidili fil-Quddies tingħad din l-invokazzjoni:

"Agħti, Mulej, lil Art tweldina bis-sliem, u lill-Maltin u l-Għawdxin kollha bil-barka tiegħek, li hi rahan ta' ġid spiritwali u materjali".

2. Wara kull Quddiesa jitkanta l-Innu Malti.
3. jinxtegħlu l-faċċati tal-knejjes kollha minn inżul ix-xemx sal-11.00p.m.
4. Fil-knejjes li għandhom arblu, fl-istess jum tittajjar il-bandiera Maltija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Diċembru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

Dun Alfred Muscat
Kanċillier

---

Ċirkulari Numru 315

# Direttiva għal tħejjija aħjar taż-żwieġ

Biex l-għarajjes ikunu jistgħu jiġu akkumpanjati tajjeb matul iż-żmien li jwassal għaż-żwieġ tagħhom, il-Kulleġġ tal-Kappillani, flimkien mal-Kummissjoni Djoċesana Familja u l-Moviment ta' Kana fassal prgramm ta' ħidmiet li jibdew isiru minn meta n-namrati jibdew joħorġu b'mod "steady" sal-mument taż-żwieġ.

Il-kappillani jistgħu jkunu jafu b'faċilità min huma dawk li waslu għaż-żwieġ mill-"booking" li l-għarajjes ikunu għamlu fil-Knejjes u Kappelli.

Għalhekk bħala Rettur ta' knisja li fiha jista' jiġi ċelebrat iż-żwieġ, inti mitlub tibgħat, qabel l-aħħar ta' din is-sena, lill-kappillani rispettivi ta' l-għarajjes li bbukkjaw iż-żwieġ tagħhom fil-Knisja/Kappella tiegħek kopji tal-formola annessa ma' din iċ-Ċirkolari.

Nirringrazzjak ħafna ta' l-attenzjoni tiegħek u tal-kooperazzjoni għall-ġid ta' l-istess għarajjes.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 12 ta' Diċembru 1994.

Mons. Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

Dun Alfred Muscat
Kanċillier

## Avviż dwar 'Booking' ta' Żwieġ

Knisja/Kappella ..............................................................................................

Parroċċa ...........................................................................................................

Tel. No. ..................................

Isem u Kunjom l-għarus .................................................................................

Indirizz .............................................................................................................

...........................................................................................................................

...........................................................................................................................

Tel. No. ........................................

mill-parroċċa ta' ............................................................................................

ibbukkja biex jiżżewweġ ma'

Isem u Kunjom l-għarusa ...............................................................................

Indirizz .............................................................................................................

Tel. No. .............................................................................................................

mill-parroċċa ta' ............................................................................................

nhar il- ......................... (Jum tal-ġimgħa) data ............199

Ċirkolar Numru 316

# Ġabra għall-Karità 1995

Fil-Quddies ta' nhar is-Sibt, 21 u l-Ħadd, 22 ta' Jannar 1995, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi, se tinżamm il-ġabra tradizzjonali għall-Istituti u ħidmiet oħra ta' Karità li l-Knisja għandha f'Malta.

L-għotjiet tagħna, mogħtija bil-ġenerosità li titnissel mill-imħabba nisranija lejn dawk li jinħtieġu l-għajnuna tagħna, jintlaqgħu f'isem Kristu stess li qalilna li jqis bħala magħmul lilu dak li nagħmlu għall-aħwa. Dak li jinġabar huwa parti mis-sehem li aħna, bħala Knisja, nagħtu biex l-Istituti tat-Tfal, id-Djar taż-Żgħażagħ xebbiet u ġuvintur bla dar, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika, id-Dar tal-providenza u ċ-ċentri tar-riabilitazzjoni mmexija mill-CARITAS għal dawk li għaddejjin minn programm biex jeħilsu mid-droga, ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni ta' fejda tagħhom għal dawn ħutna.

Fl-istess jiem tal-21 u 22 ta' Jannar, fil-knejjes kollha għandhom jitqegħdu kaxxi fejn min ikun jixtieq ikun jista' jqiegħed ikel jew oġġetti oħra utli biex jitqassmu fost id-Djar tal-Knisja għat-Tfal, għaż-Żgħażagħ, u għal Persuni bi bżonnijiet speċjali. Dawn l-oġġetti jitqassmu lil dawk id-Djar li jkunu ndikati lil kull Parroċċa.

Parti simbolika minnhom, flimkien mal-flus tal-ġabra, se jingħataw mill-Kappillani u rappreżentanti ta' kull parroċċa lil Monsinjur Arċisqof, li jilqagħhom f'isem Kristu u ħutna fil-bżonn, waqt il-Quddiesa li se jiċċelebra fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar 1995, fis-6.30 p.m.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 11 ta' Jannar 1995.

Mons. Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

Dun Alfred Muscat
Kanċillier

# Ittra tal-Vigarju lill-Kappillan

11 ta' Novembru 1994

Għażiż Rev. Arċipriet/Kappillan,

Kif taf, il-prattika preżenti ta' reġistrazzjonijiet ta' Magħmudija u ta' Konfermazzjoni li jiġu, minħabba l-ħtieġa, ċelebrati fl-Isptar San Luqa, qegħdin isiru fil-Parroċċa ta' l-Imsida.

Qed jinħass li din il-prattika qed toħloq inkonvenjenzi għal min ikun irid jiġbor ċertifikati taċ-ċelebrazzjoni ta' dawn is-Sagramenti.

Inħasset għalhekk il-ħtieġa li dawn ir-reġistrazzjonijiet jibdew isiru fil-Parroċċa tad-domiċilju tal-persuni li jiġu mgħammda jew kresimati.

Bi ftehim mar-Rev.di Patrijiet Kappillani fl-Isptar San Luqa, li se jibqgħu jżommu nota tal-Magħmudijiet u Konfermi, mill-1 ta' Jannar 1995 se jibdew ġentilment jgħaddu l-informazzjoni relattiva għal dawk iċ-ċelebrazzjonijiet lir-Reverendi Arċiprieti/Kappillani tal-Parroċċi ta' domiċilju, bid-dettalji meħtieġa biex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni opportuna fir-Reġistri Parrokkjali mill-aktar fis.

B'radd ta' ħajr għall-kooperazzjoni tiegħek.

Ħuk fi Kristu,

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

---

# Nomini mill-Kurja

Dun Pawl Vella ċerimonier djoċesan nominat delegat għal-Liturġija

Il-Kan. onor. Dun Victor Cilia, nominat Delegat għal-Lajċi

Dun Victor Scicluna nominat kappillan tal-Gżira

Dun Frans Abdilla nominat arċipriet ta' San Ġorġ Ħal Qormi

Dun Alex Bezzina nominat kappillan tal-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes Paola

Dun Anton Cassar nominat kapppillan Wied il-Għajn

Dun Vinċenz Fenech nominat kappillan l-Imġarr

Dun Nikol Pace nominat kappillan Ħal-Safi

Dun Joe Mifsud, nominat arċipriet Bormla

Dun Joe Camilleri, Direttur ta' l-Istitut Kattoliku

Dun Martin Cardona, Headmaster tas-Seminarju taż-Żgħar

# Ħutna fi Kristu li l-Mulej sieħeb fil-Liturġija tas-sema fl-1994

## Mons. Ġużeppi Schembri

Mons. Ġużeppi Schembri twieled il-Birgu fil-25 ta' Diċembru 1931, studja fis-Seminarju u ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Awissu 1955. Għamel ħamsa u għoxrin sena kappillan Ħal Għargħur, u wara mar kappillan il-Mellieħa; ġie nominat Monsinjur Onorarju tal-Kattidral u ntbagħat kappillan fil-Manikata għal xi xhur. Wara mar joqgħod San Ġwann u kien iqaddes l-ewwel f'Casa Leone XIII, id-dar ta' l-Anzjani f'Tas-Sliema, u mbagħad fil-kappella ta' Stella Maris College fil-Gżira. Il-Mulej sejjħu għandu ħin bla waqt fl-24 ta' Marzu 1994.

## Dun Frans Bianco

Dun Frans Bianco twieled Wied il-Għajn fit-13 ta' Ottubru 1954; studja fis-Seminarju u ħa il-*Mastership* fit-Teoloġija mill-Fakultà tat-Teoloġija; fl-1981 fl-istess sena li fiha ordna saċerdot fil-11 ta' Lulju 1981. Kien assistent direttur spiritwali fis-Seminarju taż-Żgħar. Dan l-aħħar għamel il-kors għall-*Postgraduate Diploma in Enviromental Management* u stieden lil sħabu tal-kors, għall-ikla flimkien nhar il-Kunċizzjoni, l-ewwel ta' Diċembru lejlet il-jum li fih il-Mulej sejjaħlu matul il-lejl mis-Seminarju biex isieħbu fil-Liturġija tas-sema.

## Kan. Mons. Paolo Borg

Il-Kan. Mons. Paolo Borg twieled fl-Isla nhar il-31 ta' Mejju 1910. Għamel l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Malta mnejn kiseb l-edukazzjoni skolastika u l-formazzjoni spiritwali sa l-għatba tas-saċerdozju. Kien ordnat saċerdot fl-età ta' 24 sena fid-29 ta' Lulju 1934, wara li kien diġà ngħażel bħala Kanonku fil-Bażilika ta' l-Isla. Wara l-gwerra Mons. Arċisqof Gonzi afdalu f'idejh ir-reviżjoni tal-kontijiet fl-Uffiċċju tal-Kurja Djoċesana u aktar tard ħatru bħala direttur ta' l-Istitut ta' Cini. Mexxa l-uffiċċju fil-Kurja u l-Istitut ta' l-iltiema b'dedikazzjoni kbira għal bosta snin. Ftit snin qabel ma miet kien maħtur kappillan tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur. Għadda l-aħħar xhur ta' ħajtu fid-Dar tal-Kleru fejn miet fit-30 ta' April 1994, ftit ġimgħat biss qabel is-sittin anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali. R.I.P.

## Mons. Prep. Ignazju Sciberras Psaila

Iben Carmelo u Carmela Psaila, Ignazju twieled Birkirkara fil-5 ta' Awissu 1915. Studja fl-iskola statali ta' Ħal-Lija, f'St. Mary School Valletta u fil-Kulleġġ S. Alwiġi bejn 1925-34. Minn hawn għadda għas-Seminarju Veskovili ta' Għawdex fejn ħejja ruħu għas-saċerdozju.

Ġie ordnat presbiteru f'Malta fil-21 ta' Settembru 1944. Ġie maħtur Direttur tax-xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla u ntefa għall-ħidma pastorali. Ġie magħżul Kanonku effettiv tal-kolleġġjata Elenjana. Fl-1947 Dun Naz ħabrek biex imur Ruma ħalli jissokta l-istudji ġirurdiċi tiegħu fil-Pontifiġa Università tal-Lateran minn fejn kiseb il-lawrja J.U.D. bl-unuri. Dun Naz irriżenja minn Kanonku biex ikompli l-ħidma tiegħu fid-Djoċesi ta' Ruma. Bħala kappillan ta' tlett sptarijiet ġie mżejjen bl-unur ta' kappillan konventwali ad honorem u l-Kard. F. Tedeschini ħatru membru tal-Bażilka Vatikana. Minħabba d-diploma fil-Bibliotekomija nħatar Bibliolikarju tal-Lateran.

Wara d-dimissjoni ta' Mons Emanuel Vella Prepostu-Arċipriet ta' Birkirkara għal 25 sena, fl-1 ta' April 1962 Dun Naz sar is-suċċessur tiegħu u l-pussess ġie mogħti mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal P. Palazzini, dak inhar Monsinjur. Dam jokkupa din il-kariga sakemm irriżenja min arċipriet f'Awissu 1981 wara li laħaq Prelat u Protonotarju appostoliku iżda beda jżomm id-dinjità ta' Prespostu sa jum mewtu fid-Dar tal-Kleru fit-2 ta' Awissu 1994, ftit qabel ma seta jiċċelebra l-ġublew tad-deheb ta' l-ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

## Kan Dekan Carmelo Pirotta. D.D.

Dun Karm twieled Birkirkara nhar it-3 ta' Mejju 1922. Hu kien tifel uniku ta' Ġużeppi u Helena Borg li mietet meta hu kellu biss 3 snin. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola l-Qadima tal-Gvern minn fejn għadd għall-Kulleġġ San Alwiġi immexxi mill-Ġiżwiti. Mill-Università ta' Malta kiseb il-Baċċellerat ta' l-Arti u l-Liċenzjat fit-Teoloġija.

Laħaq Saċerdot fil-11 ta' Awissu 1956 u ġie mlaħħaq Prefett fis-Seminarju Maġġuri u għalliem fl-Edukazzjoni Reliġjuża fil-Minuri. Aktar tard daħal il-Kulleġġ S. Alwiġi fejn dam jgħallem 39 sena. Is-suġġett li għallem lil bosta studenti, illum hafna minnhom professuri huma Latin, Malti, Taljan u Edukazzjoni Reliġjuża. Fl-1949 ġie maħtura Kanonku tal-Kolleġġjata Elenjana u kien assidwu fl-obbligi kollha ta' kanonku u bħala qassis kien iqaddes f'orarju fiss u direttur spiritwali tal-Legion of Mary.

Għal diversi snin kien kanonku ġubilat għax offra 40 sena sħaħ u kontinwi bħala kanonku. Il-mard għakksu ħafna, dam seba' snin ma joħroġx mid-dar; wara li miet id-Dekan Dun Vinc. Saliba, kien imiss lilu li jilħaq id-Dekan tal-Kolleġġjata għalkemm ma kellux ix-xorti li jieħu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi,

xorta waħda baqa' jinteressa ruħu f'dak li qed jiġri fil-Parroċċa u l-Kolleġġjata. Dun Karm hu l-benefattur ta' bosta opri fil-Bażilika Elenjana, fis-Santwarju tal-Ħerba u fil-Knisja filjali ta' S. Antnin fejn għamel bosta snin iqaddes kmieni għall-ħaddiema. Dun Karm miet fl-Isptar San Luqa nhar il-13 ta' Awissu 1994.

## Dun Ġużepp Zammit

Dun Ġużepp Zammit twieled l-Isla nhar it-13 ta' Settembru 1923, minn Salvatore u Ester nèe Camilleri. Flimkien mal-familja tiegħu telaq mill-Isla minħabba l-gwerra fl-1941 u ġew Ħal Balzan. Ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' April, 1949 minn Mons. Mikiel Gonzi.

Ftit wara l-ordinazzjoni ġie maħtur Ass. Ekk. taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika. Huwa kien jgħallem fis-Seminarju. Jekk niġu biex inħarsu lejn il-ħajja saċerdotali ta' Dun Ġużepp, min jafu mill-qrib, jaf tajjeb li kien tassew "Homo Dei" bniedem ta' Alla. Għaliex verament għex kontinwament fil-preżenza ta' Alla. Kien bniedem ta' talb.

Kien jagħmel il-Via Sagra kuljum. Ir-Rużarju kien jgħidu kollu, li parti minnu kien jgħidu flimkien mal-fidili fil-knisja. L-uffiċċju divin kien jgħidu fiċ-Ċirkolu u d-dar, fejn ma kienx jiġi mfixkel minn ħadd. Kulħadd jaf kemm Dun Ġużepp kien jipprepara sewwa l-omeliji tiegħu. Kien jagħti Kors dwar l-Iskrittura Mqaddsa lill-għadd ta' nies mill-Parroċċa.

Bla dubju ta' xejn Dun Ġużepp dejjem ta s-sehem tiegħu fil-ħajja pastorali tal-Parroċċa. Dejjem ikkoopera fit-twettiq ministerjali u pastorali tal-Kappillani li mexxew fi żmienu din il-parroċċa. Jieħu sehem fil-funzjonijiet kollha. "Kif tgħix, tmut, hekk nistgħu ngħidu bla tlaqliq għal Dun Ġużepp Zammit. Għex maqgħud ma' Alla fit-talb u nistgħu ngħidu miet jaqdi lil Alla fil-ministeru saċerdotali tiegħu. Dun Ġużepp ħassu ħażin fil-Knisja Parrokkjali u ftit sigħat wara miet fl-Isptar San Luqa nhar il-Ħamis, 25 ta' Awissu, 1994. Agħtih, O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

## Kan. Dun Vinċenz Azzopardi

Il-Kan. Dun Vinċenz Azzopardi twieled il-Belt fit-3 ta' Ġunju 1910. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1934 f'Ruma. Għal xi żmien huwa ħadem fil-parroċċa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun iżda wara eżerċita l-ministeru tiegħu fil-Knisja parrokkjali u kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu u kien Kanonku Teżorier. Huwa kien jgħallem ir-Reliġjon fil-Liceo u kien predikatur imfittex ħafna f'dawn il-gżejjer.

Huwa ħadem fl-Azzjoni Kattolika u fil-Leġjun ta' Marija. Kien ukoll Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali "La Vallette" u kien benefattur kbir mhux biss tal-Knisja ta' San Pawl iżda wkoll ta' bosta opri u istituzzjonijiet tal-Knisja. Il-Mulej sejjaħlu għandu biex jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem fis-16 ta' Novembru 1994.

## Mons. Ġerardu Frendo

Mons. Ġerardu Frendo twieled Ħal-Qormi fit-18 ta' Jannar 1916 u ordna saċerdot fl-20 ta' Settembru 1941. Wara li qaddes għamel żmien amministratur fl-uffiċċju ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji sakemm ġie nominat kappillan fil-Gudja, u minn hemm ġie trasferit għall-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, bħala arċipriet. F'Ġunju tas-sena 1979 ġie nominat kanonku kugitur ta' Mons. Carmelo Farrugia, u meta dan sejjaħlu l-Mulej, Mons. Frendo sar kanoniku effettiv tal-Kattidral.

Bħala monsinjur barra li kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-Kattidral ta' l-Imdina, baqa' jqaddes u jqarar fil-parroċċa ta' San Ġorġ Ħal-Qormi sa lejlet il-jum li fih, fl-24 ta' Diċembru, il-Mulej sejjaħlu biex jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem.

## Samwel Powell, O.F.M. Cap.

Nhar il-15 ta' Novembru 1994, oħtna l-mewt reġgħet żaret lill-Provinċja tagħna billi għal darb'oħra ħadet ħesrem lil Ħuna Samwel Powell, Kapuċċin, fl-għomor ta' 76 sena. Xahar ilu, flimkien ma' erba' Kapuċċini sħabu, iċċelebra l-50 sena minn mindu saru saċerdoti.

Patri Samwel kien impenjat ħafna fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) tul il-ħidma tiegħu bħala saċerdot u ħafna huma dawk li kienu jfittxuh, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Għal bosta snin hu kien ukoll jagħti servizz reliġjuż lill-Ħaddiema tad-Ditta *Farsons* fejn ħafna kienu jsibu l-faraġ tar-ruħ u kien jaħdem ukoll bnadi oħra. Il-funeral tiegħu li sarlu *praesente cadavere*, l-għada wara nofsinhar fil-Knisja Parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, li kienet maħnuqa bin-nies, kif ukoll l-għadd ta' konċelebranti li ħadu sehem, jixhdu kemm kien maħbub u magħruf minn kulħadd. Il-Quddiesa konċelebrata ġie immexxija mill-Vigarju Provinċjali, P. Anton Mompalao li għamel ukoll l-omelija, u li fiha ħadu sehem iżjed minn 60 aħwa Kappuċċini u saċerdoti oħra. Il-Provinċjal, P. Philip Cutajar, kien imsiefer u għalhekk wera s-sogħba tiegħu permezz tat-telefon. Waqt li nagħtu l-għomor lil ħutu u l-bqija tal-familja tiegħu, nitolbu għalih. R.I.P.

# P. Alfons Sammut O.F.M. Cap.

Patri Alfons kien ilu żmien bil-ħsieb li xi darba jmur jara lil qrabatu fl-Awstralja. Dan l-aħħar qatagħha li jmur: kienet l-ewwel u l-aħħar żjara li qatt għamel f'dak il-Kontinent imbiegħed. Kienet żjara li ntemmet ħesrem. P. Alfons wasal l-Awstralja fil-21 ta' Lulju u fit-28 ta' l-istess xahar, il-Mulej sejjaħlu u għaddih mill-ħajja taż-żmien għal dik li ma tintemm qatt!

P. Alfred Farrugia, li flimkien ma' P. Klawdju Borg, it-tnejn tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, għamillu l-Griżma tal-morda, jikteb minn Sydney: "Kelli x-xorti nkellmu darbtejn, l-aħħar kien l-Erbgħa filgħodu, 27 ta' Lulju 1994, meta ġie jqaddes u ħa kikkra kafè magħna f'La Vallette Centre, Blacktown." Dakinhar stess, P. Alfons qal lil P. Alfred: "Ġejt biex inqaddes, għax niddejjaq jekk ma nagħmilx il-quddiesa." "Għalija" jtemm P. Alfred, "Kien l-aqwa rigal li seta' jħalli P. Alfons bħala Reliġjuż-Saċerdot."

Bl-għajnuna u bl-interessi ta' P. Charles Bugelli, fl-1 ta' Awissu 1994 sarlu funeral xieraq fil-Parroċċa dedikata lit-Twelid tal-Madonna (Il-Vitorja) f'Horsley Park, N.S.W. Il-katavru ta' P. Alfons wasal Malta nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awissu 1994, u l-għada s-Sibt, sarlu t-tieni funeral fil-Knisja tal-Kapuċċini dedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, fuq l-għolja tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar.

Kienet ħaġa xierqa li l-aħħar laqgħa ta' P. Alfons mal-Komunità Nisranija f'Malta għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, issir fix-Xemxija, fejn kien twieled, u tgħammed fid-9 t'Awissu 1933, lejlet il-festa ta' San Lawrenz, minn Karmenu Sammut u Alessandra neè Cauchi. Fil-magħmudija semmewh Lorenzo.

Meta fl-1939 miet missieru, Wenzu kien għadu tfajjel ta' 6 snin. Hu kien l-ewwel fost it-tliet ħutu Salvu, Vitorja u Ġużeppi. Ommhom Xandra, malajr meddet għonqha fix-xogħol tar-raba biex tara 'l uliedha jikbru b'saħħithom u li jkollhom l-aħjar tagħlim li setgħet tagħtihom.

Billi fuq l-għolja tax-Xemxija, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mid-dar tal-familja Sammut, il-Kapuċċini kellhom Kappella b'Kunvent żgħir ma' ġenbha, Wenzu kien sar midħla tagħhom, l-aktar fix-xhur tas-Sajf, meta kien jinżel jgħum fil-Bajja tal-Fekruna ma' l-Istudenti Kapuċċini. B'hekk tħajjar jidħol magħhom.

Wara li temm l-iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar (1939-45), Wenzu beda jieħu t-tagħlim Sekondarju fil-Kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana (1945-49), fejn kien ukoll jgħix matul il-ġimgħa biex ma joqgħodx ġej u sejjer ix-Xemxija ta' kuljum. Il-Patrijiet malajr intebħu li Wenzu kien kapaċi u ried jistudja tassew.

Fit-18 t'Ottubru 1949, hu beda n-Novizzjat fil-Kunvent tal-Kapuċċini, Għawdex, fejn tawh l-isem ta' Alfons.

Minn Ottubru 1951 sa Lulju 1959, Alfons studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ "San Lorenzo da Brindisi" li dik il-ħabta kien fil-Kunvent tal-Kalkara u tal-Furjana.

Waqt dan l-istudju, hu għamel il-Professjoni Perpetwa fil-15 ta' Awissu 1954 u kiseb ukoll Ċertifikat ta' Oxford fil-Lingwa u l-Letteratura Ingliża, fil-Malti u fil-Latin (O Level), u fil-Latin, Taljan u Storja Antika (A. level).

L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, ordnah Presbiteru fl-14 ta' Marzu 1959 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Imħeġġeġ biex ikompli jistudja, speċjalment minn P. Krispin Galea u minn P. Lawrenz Ceci, it-tnejn Kapuċċini, f'Settembru 1959 intbagħat Ruma għal sena fl-Università tal-Lateran mnejn kiseb Diploma fit-Teoloġija Pastorali bir-riżultat "Magna cum laude". Bejn l-1960 u l-1964 insibuh f'Milan, student fl-Università Cattolica Sacro Cuore. Mistoqsi dwar dan l-istudju, P Alfons wieġeb hekk: "Minn Ruma tlajt Milan fejn bdejt kors twil fil-Letteratura. Biex nagħmel it-teżi tiegħi 'La Fortuna dell'Ariosto nell'Ingilterra Elisabettiana,' kelli bilfors nitla' l-Ingilterra u għamilt research fil-Bodleian Library ta' Oxford u fil-British Museum Library."

B'din it-teżi, P. Alfons ġie mogħti d-Dottorat fil-Letteratura Moderna fis-6 ta' Lulju 1964, bl-ogħla marki u b'tifħir (110/110 e Lode), liema teżi ġiet ippubblikata f'Milan fl-1971. Lura f'Malta, is-Superjuri b'ittra tat-13 ta' Settembru 1964 ħatruh "Lecturer" biex jgħallem it-Taljan u l-Latin lill-Istudenti Kapuċċini fil-Kunvent tal-Kalkara. L-għan aħħari ta' P. Alfons kien, li jħejji l-Istudenti għall-istudji għolja fil-Letteratura Taljana, filwaqt li hu nnifsu jkompli jistudja l-influwenza tal-Letteratura Taljana fuq dik Ingliża fi żmien ir-Rinaxximent.

Fis-sena 1968, hu beda l-karriera tiegħu fl-Università ta' Malta bħala *Part-time Lecturer* tal-Lingwa u l-Letteratura Taljana u temmha bil-ħatra tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Lingwi Romanzi fl-1988 u Professur *full-time* fl-1991, b'effett mill-1 ta' Ottubru 1989.

Għalkemm dis-sena P. Alfons kien wasal biex jirtira, hu aċċetta li jibqa' jgħallem fl-istess Dipartiment b'rakkomandazzjoni tal-Prof. Daniel Massa, Dekan tal-Fakultà ta' l-Arti.

Barra t-tagħlim, P. Alfons wettaq bla waqfien xogħol ta' riċerka fuq is-suġġett tiegħu. Frott ta' riċerka fuq dokumenti inediti kien l-istudju dwar "Unfredo, Duca di Gloucester e gli umanisti italiani," li ġie ppubblikat f'Padova fl-1980. B'dan ix-xogħol, P. Alfons wera l-ħila tiegħu fil-qasam Letterarju-Umanistiku fl-Ingilterra tas-Seklu XV; xogħol li ġie mfaħħar minn bosta studjużi u kritiċi barranin u Maltin.

Wara kors *post-graduate* fl-Università Cattolica Sacro Cuore, Milan, fit-13 ta' Novembru 1974 kiseb Diploma tal-Filoloġija Moderna, mill-ġdid bl-ogħla marki u tifħir (70/70 e lode).

Ma' dawn il-kotba, P. Alfons għandu bosta artikli oħra dwar ir-relazzjonijiet u influssi letterarji bejn l-Italja u l-Ingilterra mis-Seklu XV sas-Seklu XX. Hu kien sikwit jieħu sehem f'Kungressi Internazzjonali fuq l-istess suġġett u ġie li ntbagħat biex jirrappreżenta lil Malta f'Kumitati u Studji Letterarji barranin.

P. Alfons issokta jwessa' l-esperjenza tiegħu fit-tagħlim meta għamel sentejn Visiting Professor fl-Università Sacro Cuore fl-1982 u 1983, u fl-Università ta' Viterbo fl-1986. F'Malta wkoll ħabrek bis-sehem tiegħu fiċ-Circolo Dante Alighieri. Fil-fatt P. Alfons kien Viċi-President taċ-Circolo.

P. Alfons ħalla ħafna tifkirieti sbieħ. Hu kien studjuż serju ta' livell għoli, ta' karattru sod imma ferrieħi, kultant nebbiexi wkoll! Kien jaf iżomm relazzjonijiet b'saħħithom mal-kollegi tiegħu fl-Università, ma' l-istudenti u l-bqija. It-tbissima tiegħu ma' kulħadd kienet tirrifletti l-qalb sensibbli li kellu – kien iħoss ħafna għal ħaddieħor. Hu baqa' sa l-aħħar iħobb il-ħajja sempliċi, dik rustika, il-bogħod mill-ibliet, imma fil-ftuħ tar-raba. Minn hawn joħroġ l-interess tiegħu fl-Ekoloġija u fil-ħarsien ta' l-ambjent. Ftit snin ilu, bit-tħabrik tiegħu u l-għajnuna tal-Ministeru tal-Biedja u Sajd, grupp ta' żgħażagħ mix-Xemxija, ħawlu aktar minn 100 siġra fil-Mistra u fil-Bajja tal-Fekruna. P. Alfons dak inhar tkellem dwar il-ġmiel tas-siġar u berikom qabel ma tħawlu.

Fuq kollox, P. Alfons Sammut ma kien imkabbar xejn bih innifsu, tant li f'għajnejh xi wħud ma kienx jidher dak li fil-fatt kien. Hu kien jaf jagħmel kuraġġ lill-istudenti u japprezza l-ħidma ta' dawk bieżla u ħabrieka biex jiksbu t-tagħlim b'mod xjentifiku u akkademiku.

P. Alfons qatt ma aċċetta onorifiċenza b'għarfien tax-xogħol tiegħu b'risq il-Letteratura Taljana, l-anqas ma ried imur jgħallem bħala Professur tat-Taljan fi *La Trobe University*, Melbourne, u fi *Trinity University*, Dublin, fuq talbiet li sarulu.

Matul il-ħajja akkademika tiegħu, P. Alfons qatt ma nesa li hu kien Reliġjuż Franġiskan. Il-Professur G. Billanovich li kien il-moderatur tat-teżi tiegħu f'Milan, kiteb hekk: "Father Alphonse was a splendid figure of a Franciscan Friar. We shall remember him forever with gratitude and admiration;" and Dr. J.R. Woodhouse, Professur tat-Taljan fl-Università ta' Oxford, li kien Malta proprju fix-Xemxija ġimgħa qabel il-vjaġġ ta' P. Alfons lejn l-Awstralja, jgħid: "I feel such tremendous sadness at the loss and such sympathy for any whose life Alphonse touched with his gentle soul". Huwa tassew minnu li mal-qsim tal-ħajja fil-fraternità Kapuċċina, hu kien iwettaq ukoll ħidma pastorali fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u bit-Tqarbin lill-morda fi djarhom, kemm fis-snin li għadda fil-Kunventi tal-Kalkara u ta' Għajn Dwieli (1963-1971), u kemm mill-Kunvent tax-Xemxija fost dawk li joqogħdu il-Manikata u l-Mellieħa (1971-1994).

Bħala tifkira dejjiema ta' P. Alfons Sammut, jixraq li jiġu ppubblikati t-tliet kotba li kien qed iħejji, speċjalment l-ewwel tnejn li fuqhom ilu jaħdem sa minn meta spiċċa l-istudji tiegħu f'Milan.

L-ewwel wieħed: *"Bibliography of Anglo-Italian comparative literary criticism 1800-1989"* imħabbar f'Journal of Anglo-Italian Studies vol. 1, (1991) 160.

It-Tieni: *"Bibliografia dei rapporti Letterari Anglo-Italiani (1400-1985)."* Dan l-istudju ta' P. Alfons, il-Prof. Peter Vassallo jsejjaħlu "Magnun Opus".

It-Tielet: *"Petrarca in Ingilterra".*

Min kien tassew P. Alfons u x'kienet il-ħila akkademika tiegħu, il-Prof. P. Vassallo ifissirhom hekk:

"Fr. Alphonse was a scholar of considerable erudition but it was his manner to hide his light under a bushel. This may explain why some of his colleagues and friends tended to overlook his academic achievement. A dedicated scholar, he was considered by his peers to be an authority on the influence of Italian Humanism on the English cultural scene. The publication of his unfinished moumental work by the Institute of Anglo-Italian Studies would, I believe, be a fitting tribute to a fine scholar and wonderfoul person."

## P. Bonaventura Aquilina O.P.

P. Bonaventura (Francis) Aquilina twieled il-Ħamrun fit-22 ta' Frar 1909. Ta' 17-il sena ħa l-libsa dumnikana u għamel il-professjoni fl-20 ta' Novembru 1927. Studja fil-Kulleġġ San Tumas ta' Akwino, ir-Rabat, u ġie ordnat presbiteru fil-15 ta' Awissu 1933.

L-ewwel ħidma tiegħu barra r-Rabat kienet fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu. Ħa sehem attiv fis-servizzi ta' dik il-knisja kemm sagramentali u devozzjonali, kif ukoll f'ċelebrazzjonijiet marbutin ma' l-istess knisja.

P.Bonaventura kien wieħed mill-grupp ta' dumnikani Maltin li, għal xi żmien qabel il-gwerra, wettqu ħidma missjunarja fl-Indja. Meta ġie lura mill-Indja, Malta kienet għaddejja miil-qilla tal-gwerra. F'din il-qagħda mwiergħa, huwa ta s-sehem tiegħu fil-ħtiġijiet pastorali tal-fidili kemm Maltin kif ukoll barranin, u b'mod speċjali fis-servizz tiegħu ta' kappillan mal-forzi navali.

Wara li ntemmet il-gwerra, P. Bonaventura baqa' jgħin lin-nies tas-servizzi militari u ssieħeb ma' P. Wistin Born, li kien kappillan tal-militari Maltin (R.M.A). Huwa mar ukoll mas-suldati Maltin ġewwa l-Libja u għal xi żmien kien magħhom fid-deżert.

Huwa kien ukoll għal xi snin l-Awstralja f'kunvent tad-dumnikani, u meta ġie lura Malta baqa' fil-kunvent tal-Belt, fejn għal ħafna snin qeda l-uffiċċju ta' sagristan maġġur. Kien ukoll għal xi żmien wieħed miċ-ċensuri tax-xandir.

Matul ħajtu P. Bonaventura kellu jgħaddi mit-tbatijiet tal-mard u għadda minn diversi operazzjonijiet kirurġiċi. F'Diċembru 1989 ġie milqut minn karozza u kiser ġembejh. Minn dak iż-żmien huwa baqa' fid-Dar tal-Kleru "Christus Sacerdos". Huwa miet wara agunija twila fis-17 ta' Jannar 1994. Il-funeral tiegħu sar l-għada, fil-Knisja tal-Portu Salvu, tal-Belt.

# Fra Gulielm Camilleri O.P.

Lil-Fra Gulielm Camilleri Alla laqgħu fi ħdanu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awissu li għadda. Twieled in-Naxxar fl-14 ta' Diċembru 1908. Imwieled Carmelo Camilleri, kien is-seba' fost id-disat itfal ta' Joseph u Carmela mwielda Vella. Mingħand il-ġenituri tiegħu żgur li ħa trobbija tajba, għax minn dil-familja erbat aħwa saru reliġjużi, tlieta minnhom sorijiet.

Iż-żagħżugħ Carmelo kien ilu jħoss il-ħajra li jsir reliġjuż. L-eżempji tajba li ħa mingħand P. Anġ Pirotta, Fra Innoċenz Apap u Fra Manwel Cini, it-tlieta minn Naxxar, wassluh biex jagħżel li jsir dumnikan bħalhom. P. Anġ ħadu għand il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Ġużepp Xuereb li, f'Novembru 1929, laqgħu fil-kunvent tar-Rabat, bħala postulant. Iż-żagħżugħ Carmelo rċieva l-libsa bajda u sewda ta' San Duminku fil-11 ta' Awissu 1930. Flimkien mal-libsa rċieva l-isem ta' Fra Gulielm. Fil-15 ta' Awissu 1931 għamel l-ewwel professjoni u sitt snin wara, għamel il-professjoni solenni fl-24 ta' Ottubru 1937.

Fra Gulielm ma kienx wieħed li joqgħod ma jagħmel xejn. Għall-ewwel beda jaħdem fil-ġnien flimkien ma' Fra Valent u mbagħad mar jgħin fil-kċina. Sentejn wara beda jaħdem bħala sagristan, xogħol li kien għal qalbu ħafna.

Fil-kunvent tar-Rabat dam ħdax-il sena. Wara niżel fil-kunvent tal-Belt fejn kompla l-ħidma tiegħu bħala sagristan. Kienu żminjiet iebsa għax kien żmien il-gwerra. Fil-komunità tal-Belt Fra Gulielm dam sa l-1951 meta mar fil-komunità ta' Tas-Sliema fejn, sakemm saħħitu ħallietu, ħadem bħala sagristan, kien jagħmel il-kuruni tar-Rużarju u kien jillega l-kotba.

Il-mard kiddu, iżda hu ma kienx minn dawk li jgerger. L-età ta' 85 sena ħejjietu biex il-mewt ma teħdux għall-għarrieda u biex b'tama kbira ntelaq fi ħdan il-Mulej meta sejjaħlu.

L-għada ta' mewtu il-ħbieb u l-familjari tiegħu ingħaqdu ma' l-aħwa dumnikani biex isellmu għall-aħħar darba lil Fra Gulielm, li ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata fil-qabar tal-Provinċja, fejn ġismu jistenna l-qawmien mill-ġdid għal ħajja li ma tintemmx.

# Patri Gundisalv Grech O.P.

Patri Gundisalv Grech, twieled f'Ħal Qormi fil-5 ta' Awissu 1910, minn Gaetano u Giovanna Ellul. Daħal fl-Ordni Dumnikan fis-6 ta' Jannar 1929, meta rċieva l-libsa ta' San Duminku, u ġie mgħoti l-isem ta' Gundisalv. Għamel il-professjoni sempliċi fit-12 ta' Jannar 1930 u dik solenni fil-15 ta' Jannar 1933. Ġie ordnat presbiteru fis-7 ta' Lulju 1935.

Studja fil-kulleġġ ta' San Tumas ta' Aquino, fir-Rabat. Kompla jistudja Ruma, fil-kulleġġ Angelicum, minn fejn kiseb il-grad ta' Lettur u Duttur fit-Teoloġija u l-Baċċellerat fil-Filosofija.

Meta rritorna Malta fl-1938, tawh l-uffiċċju ta' surmast tan-novizzi u ta' l-istudenti. Dan l-uffiċċju qdieh sa' l-1944. Beda jgħallem il-filosofija u l-apoloġetika fil-Kulleġġ ta' San Tumas tar-Rabat.

Ġie maħtur eżaminatur supplenti fl-Università ta' Malta. Fl-1950 laħaq Majjistru fit-Teoloġija u bejn 1950 u l-1954 kien membru tal-Kummissjoni Leonina, mwaqqfa mil-Papa Ljun XIII, li tieħu il-pubblikazzjoni kritika tal-kitba ta' San Tumas.

Fl-1955 beda jgħallem it-teoloġina Dommatika fl-Università ta' San Tumas ta' Ruma. Bejn l-1958 u l-1969 kien kummissarju tas-Sagra Kongregazjoni għar-Reliġjużi. Fil-mistrieħ tas-sajf, bejn l-1958 u l-1969, għamilha ta' kappillan awżiljari mal-qawwiet Amerikani fil-Ġermanja, fil-Greċja u fit-Turkija. Irritorna Malta fl-1985.

Hawn Malta, f'dawn l-aħħar snin ta' ħajtu, kien membru tal-Kunsill tal-Fakultà tat-Teoloġija, meta din kienet għadha f'Tal-Virtù, kien Censur teoloġiku għall-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca u President tal-Kummissjoni Teoloġika Arċidjoċesana.

Patri Gundisalv b'kollox kiteb sittax-il ktieb u ħafna artikli bil-Latin, Ingliż, Taljan u Malti.

Il-Mulej sejjaħlu biex jagħtih il-premju li ħaqqu għall-ħidma li wettaq propju nhar il-Milied, fil-għaxija, wara marda twila. Għall-funeral tiegħu, minbarra l-familjari tiegħu, ħadu sehem ħafna saċerdoti, sorijiet Dumnikani u ħafna ħieb. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ.

## P. Ġulju Eynaud OFM

Miet nhar l-10 ta' Frar fid-Dar tal-Kleru, fl-għomor ta' 72 sena. Kien għamel il-Professjoni Solenni fis-27 ta' Settembru 1939 u ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Ġunju 1949.

Huwa għadda ħajtu fil-kunvent tar-Rabat. Reliġjuż ta' ġabra u maħbub, dejjem medd idu f'kull xorta ta' xogħol fil-Knisja u l-Kunvent.

## P. Hugh Attard OFM

Miet nhar l-1 ta' Marzu fil-kunvent tar-Rabat, fl-għomor ta' 76 sena. Kien għamel il-Professjoni Solenni fis-17 ta' Jannar 1943 u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1947.

Għadda ħajtu jaħdem ma' l-emigranti Maltin f'Cardiff u f'Londra b'attenzjoni partikulari għall-morda u dawk fl-isptarijiet.

# P. Remiġ Vella OFM

Miet nhar it-2 ta' April fl-isptar San Luqa, fl-għomor ta' 77 sena. Kien għamel il-Professjoni Solenni fil-15 ta' Mejju 1938 u ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1942.

Wettaq parti kbira tal-ħidma pastorali tiegħu fil-konfessjonarju tal-Knisja Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt u kien konfessur imfittex.

# P. Alfons M. Camilleri OFM

Miet nhar is-16 t'Awissu fid-Dar tal-Kleru, fl-għomor ta' 84 sena. Kien għamel il-Professjoni Solenni fit-13 ta' Ġunju 1931 u ġie ordnat sacerdot fil-15 ta' Awissu 1933.

Għallem l-Iskrittura, eżaminatur fl-Università u l-Kurja f'Malta u Għawdex, Ċensur Teoloġiku, Ministru Provinċjal. Viżitatur Ġenerali, waqqaf id-Dar Porziuncola ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Konfessur imfittex.

# P. Leonardu tat-Tfajjel Ġesù Bambin

## Tereżjan 1912-1994

Kien nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju, għal xi l-11.15a.m., x'ħin permezz ta' telefonata mingħand is-sorijiet li jieħdu ħsieb jikkuraw u jaqdu lis-saċerdoti rikoverati fid-Dar tal-Kleru Birkirkara ġejna mitluba mmorru hemm kemm jista' jkun malajr għax ħuna P. Leonardu kien wasal fl-aħħar. Meta qorob nofs in-nhar dan ħuna ħa nifs qawwi u għadda għall-ħajja ta' dejjem.

P. Leonardu tat-Tfajjel Ġesù ta' Praga, magħruf minn qrabatu u ħbiebu bl-isem tal-magħmudija ta' Vincent Aquilina, twieled Birkirkara fl-1 ta' Lulju 1912. Meta kellu 21 sena hu għażel li jħaddan il-ħajja reliġjuża fi ħdan l-Ordni tagħna l-Karmelitani Skalzi – Tereżjani. Wara s-snin ta' tħejjija u studju hu kien ordnat saċerdot fid-29 ta' Marzu 1941 meta kellu 29 sena.

Tul is-snin fil-ħajja reliġjuża P. Leonardu kien għal xi żmien f'kull wieħed mill-erba' kunventi tagħna, imma l-iktar li dam kien f'dan il-kunvent ta' Ta' Xbiex. Bħala reliġjuż kien bniedem ta' karità u hafna mill-appostolat saċerdotali tiegħu għaddieh fil-konfesjonarju, mhux biss fil-Knisja u l-parroċċa tagħna imma wkoll f'għadd ta' knejjes oħra fil-qrib jew fil-bogħod kif kien jiġi mitlub. Kien iħobb ukoll iwassal l-Ewkaristija lill-morda tal-parroċċa u lil oħrajn barra l-parroċċa wkoll.

L-anzjani li ilhom ħafna snin joqogħdu f'l-inħawi ta' Ta' Xbiex jiftakruh żgur lil P. Leonardu. Imma ż-żgħażagħ u t-tfal tal-lum ftit li xejn jafuh għax, minħabba

l-mard, hu kien ilu rikoverat fid-Dar tal-Kleru għal dawn l-aħħar 7 snin. Min jafu tajjeb jgħidlek li P. Leonardu kien metodiku għall-aħħar fl-affarijiet tiegħu imma fl-istess ħin għex ħajja sempliċi.

## Patri Girgor Grima, Karmelitan

Patri Girgor (Joseph) Grima, li twieled nhar l-24 ta' Awissu 1932, mill-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq, ġie msejjaħ mill-Mulej biex jidħol fl-hena ta' dejjem nhar il-21 ta' Ottubru 1994. P. Girgor kien iben Karmenu u Marija. Huwa għamel l-istudji tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq u kompla fl-iskola ta' Stella Maris tal-Gżira. P. Grima beda n-Novizzjat tiegħu fl-Ordni Karmelitan nhar l-4 t'Ottubru 1948 u wara l-professjoni temporanja tiegħu nhar is-16 t'Ottubru 1949, għamel l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ San Ċirillu, f'San Ġiljan. Huwa ġie ordnat saċerdot nhar is-17 ta' Marzu 1956 mill-Arċisqof, Mons. Mikiel Gonzi.

Patri Girgor sa mill-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu kellu għal qalbu l-ħidma missjunarja. Fil-fatt huwa mar il-missjoni fl-1957 u dam hemm sa l-1988, meta kellu jerġa' lura minħabba raġunijiet ċirkustanzjali. Kemm dam il-missjoni, Patri Girgor okkupa dawn il-karigi: Vigarju Ġenerali tal-Prelatura ta' Chuqibamba fil-Perù bejn is-snin 1962 u l-1965; Pirjol u Kappillan f'Camanà, il-Perù bejn l-1965 u l-1967; Direttur tar-Riformatorju tat-Tfal, f'Arequipa, il-Perù bejn l-1968 u l-1975; Pirjol u Kappillan f'Tingo, il-Perù bejn l-1971 u l-1988 u Superjur tal-Missjoni Karmelitana Maltija fil-Perù u l-Bolivja bejn l-1982 u l-1988.

Meta ġie lura Malta fl-1988, huwa għamel xi żmien fil-kunvent tal-Fgura u wara fid-Dar tat-Talb, Lunzjata, ir-Rabat. Fl-1992, P. Girgor reġa' lura lejn il-missjoni, din id-darba biex jaħdem f'Tarija, il-Bolivja fejn okkupa l-kariga ta' Pirjol u Kappillan sa ma' l-Mulej sejjaħlu għalih.

Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem

## P. Daniel Glavina S.J.

### (9 Sept 1902 - 21 Oct 1994)

P. Daniel twieled l-Isla. Hu daħal Ġiżwita fil-Provinċja ta' Torin, fin-novizzjat ta' Gozzano. Kompla l-istudji tiegħu f'Torin u mbagħad għamel it-Teoloġija fi Chieri. Meta reġa lura Malta, hu għamel żmien bħala Promotur ta' l-Appostolat tat-Talb. Ħadem fil-qrib ukoll mas-Soċjetà ta' S. Pawl għal xi snin. Wettaq ukoll ħafna xogħol pastorali fid-djar tal-Kumpanija f'Malta u Għawdex.

# Reliġjużi Nisa li l-Mulej sieħeb għas-sema fl-1994

## KLARISSI

### Sr. Maria Gabriella ta' l-Annunzjata

**(Giuseppina Muscat)**

Twieldet: 24-1-1913
Mietet: 16-8-1994

Sr. Maria Gabriella Muscat minn Naxxar kienet iż-żgħira fost erbat aħwa bniet. Imrobbija f'familja fejn it-talb ta' kuljum u r-Rużarju ma kien jonqos qatt. Kienet membru tal-MUSEUM. Ħasset is-sejħa għall-ħajja mogħtija lil Alla fil-klawsura u ġiet tħabbat mal-bieb tas-Sorijiet Klarissi. Laqgħetha l-Madre Badessa Marie Claire u l-Vigarja tagħha, Madre Mary Felix, Ingliża. Kienet waħda minn dawk l-erbgħa li daħlu flimkien fl-1935, dik is-sena li fiha żżanżan il-monasteru ġdid f'San Ġiljan. Kienet ġeneruża ħafna. Uriet l-imħabba tagħha għal Kristu bid-dedikazzjoni tagħha għal kull xorta ta' xogħol fil-komunità: ħasil, fil-ġnien, qtugħ ta' njam biex is-Sorijiet jiffrankaw l-użu ta' l-elettriku. Minn xi għaxar snin 'l hawn bdiet tbati bl-istonku u bl-artrite. Mietet fis-16 ta' Awissu kkonfortata mis-Sagramenti Mqaddsa u madwarha s-Sorijiet ikantaw is-Salve Reġina.

### Mère Marie Véronique de la Sainte Face

**(Alphonsine Dubois)**

Twieldet: 5-7-1910
Mietet: 14-8-1994

Mère Marie Véronique, imwielda f'Cysoing fl-1910 mhux 'il bogħod minn Lille, fin-Nord ta' Franza, mietet fl-14 ta' Awissu, 1994. Ġiet Malta fl-1953 fuq talba li għamel Mons. Gonzi lill-Kardinal Liénart ta' Lille, fejn staqsih jekk jistax jibgħat żewġ sorijiet Klarissi mid-Djoċesi tiegħu biex jgħinu l-komunità Maltija milquta mill-mewt tal-Badessa qaddisa tagħhom Mère Marie Claire. Din il-komunità kienet għadha "żagħżugħa". Kellha tradizzjoni Franċiża u kien jeħtiġilha għajnuna. Dik it-talba ltaqgħet mill-Badessa tal-Klarissi ta' Roubaix, Mère Marie-Rose, li b'ġenerożità kbira tat żewġ Sorijiet mill-aħjar: Mère Marie Véronique u Sr. Marie Colette. Tassew li dan kien att ta' ġenerożità kbira. U xejn

anqas min-naħa taż-żewġ Sorijiet li aċċettaw l-eżilju biex jgħinu komunità li qatt ma semgħu biha. Waslu fl-1 ta' Marzu 1953.

Mère Marie Véronique kellha saħħitha delikata. Kienet tbati bl-emikranja, imma kienet ta' karattru sod, ferrieħi, enerġetiku, ħelu u deċiż. Għamlet xogħol importanti fil-monasteru. It-tnejn tawna formazzjoni u direzzjoni soda skond l-ispirtu tar-Regola tagħna. Komplew ix-xogħol li kienet bdiet Mère Marie-Joseph, il-fundatriċi, u Mère Marie-Claire, l-ewwel Abbadessa ta' dan il-monasteru. Mère Marie-Véronique kienet ilha tnaqqas dawn l-aħħar għaxar snin. Mietet lejlet Santa Marija, fl-14 ta' Awissu, 1994. Il-funeral li sar l-għada kien festa tassew! Qlubna kienu mimlija b'radd ta' ħajr għar-rigal li kien tana l-Mulej bil-preżenza ta' din il-Madre li permezz tagħha tana grazzji tant sbieħ.

## SORIJIET DUMNIKANI

### Sr. Emilia Farrugia

Sr. Emilia Farrugia twieldet l-Eġittu fis-sena 1904. Hija daħlet fl-Ordni Dumnikan f'Settembu 1927 u ħadet l-abitu reliġjuż f'April 1928. Għamlet l-ewwel Professjoni f'April 1930 u l-Professjoni Perpetwa f'Ġunju 1933. Matul il-ħajja tagħha hija okkupat diversi uffiċċji fil-Kongregazzjoni fosthom dak ta' Madre Maestra.

Sr. Emilia kienet reliġjuża li mhux biss kellha mħabba li ma bħalha lejn iż-żgħar, iżda kellha wkoll imħabba u rispett lejn il-ġenituri u l-familjari tas-sorijiet speċjalment tan-novizzi tagħha. Kienet tipprova tifhem b'mod fin lil kull min kien imur għandha biex jiftaħ qalbu magħha. Għall-vokazzjoni ta' dak li jkun kienet tagħmel minn kollox. Kienet il-vera omm li taf tagħti parir f'waqtu u bl-imħabba. Sr Emilia mietet fis-7 ta' Settembru 1994.

## SORIJIET FRANĠISKANI TAL-QALB TA' ĠESÙ

### Sr. M. Angelina Cassar

Sr. M. Angelina Cassar. Twieldet l-Isla fl-10 ta' Jannar 1908. Fil-fjur ta' żogħżita daħlet fil-Kongregazzjoni tagħna. Hija għarfet dejjem tgħix bl-akbar imħabba l-ħajja tagħha konsagrata u kif għexet hekk mietet. Infatti ftit sigħat qabel ma għalqet għal dejjem għajnejha għal din id-dinja, talbet lill-Madre Ġeneruża biex tirċievi l-griżma tal-morda u ġġedded il-voti reliġjużi tagħha.

Sr. Angelina kellha passjoni kbira għall-mużika, infatti fis-snin twal li għexet fi Sqallija, in-nies kienu jfittxuha ħafna għal-lezzjoni tal-pjanu. Kien ta' ferħ u fl-istess ħin ta' soddisfazzjoni għaliha li kienet tista' tagħti b'dan il-mod il-kontribut tagħha lill-komunità.

Il-mument l-aktar iebes għaliha kien, meta s-Superjuri kienu raw li saħħitha sejra lura, għalhekk sejħulha Malta għall-mistrieħ. Madankollu qatt ma tilfet minuta żmien, għaliex kienet dejjem sejra taħdem il-ganċ u xogħlijiet oħra ta' rakmu, ordnati min-nies, peress li x-xewqa tagħha, kif diġà għidna, kienet li tirrendi ruħha utli fil-komunità.

Fis-27 ta' Jannar, fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, fl-età ta' 86 sena l-Mulej sejħilha għal ħajja aħjar. Hija kbira t-tama, li l-għażiża Sr. Angelina qiegħda diġà tgawdi fis-sema l-premju li jistħoqqilha.

## Sr. M. Rita Zampa

Twieldet Birkirkara, fil-21 ta' Settembru 1949. Il-Mulej ried jiġbor dan il-fjur mill-ġardin tal-Kongregazzjoni tagħna fl-età ta' 44 sena, wara li din is-sorella għaddiet għal sitt snin sħaħ mit-tbatijiet tal-marda qalila li qabditha.

Ftit xhur qabel ma mietet, fakkret flimkien ma' sħabha, kif kienet ix-xewqa tagħha, il-25 sena tal-professjoni reliġjuża tagħha.

Sr. Rita kienet bniedma kollha ta' Alla, mogħtija għat-talb u kliemha kien dejjem meqjus. Il-missjoni tagħha kienet dik li tfarraġ u tiżra' t-tama f'kulħadd, hija li tant kellha bżonn min ifarraġha. Għarfet terfa' s-salib tal-marda qalila tagħha b'sabar kbir u marbuta dejjem mar-rieda t'Alla.

Sr. Rita, wara ġranet ta' agonija kkonfortata mill-aħħar sagramenti u mill-preżenza bla taqta' tas-sorijiet sħabha u ta' qrabatha li tant kienu iħobbuha, mietet serenament fit-28 ta' Frar 1994 fid-dar tagħna ta' Betanja-Msida.

## Sr. M. Antonietta Lanzon

Twieldet ir-Rabat, Għawdex fit-23 ta' Jannar 1899 u mietet fil-Casa Madre, li tinsab Għawdex stess, fit-13 ta' Marzu 1994 fl-età ta' 95 sena.

Hija kienet is-soru l-aktar anzjana tal-Kongregazzjoni u li kellha x-xorti tara l-iżvilupp tagħha. Nistgħu ngħidu li kienet xorbot l-ispiritwalità tal-fundatriċi tagħna u qaddejja t'Alla, Madre Margerita u ta' l-ewwel sorijiet.

Sr. Antonietta kienet soru intelliġenti ħafna u dejjem sejra, barra minn hekk kellha kapaċità u attitudni kbira li tikkomponi poeżiji u kienet turi dan it-talent

tagħha, b'mod partikulari fl-okkażjonijiet speċjali tal-Komunità tal-Casa Madre, fejn għexet snin twal u fejn f'riġlejn Ġesù Ewkaristija kisbet dik il-qawwa meħtieġa biex għexet b'mod awtentiku l-għotja tagħha lill-Mulej.

## Sr. M. Colomba Sultana

Twieldet ix-Xagħra – Għawdex fit-8 ta' April 1921. Kienet soru silenzjuża u mimlija ħlewwa, ruħ verament franġiskana. Laqgħet dejjem bit-tbissima x-xogħol li ġie fdat f'idejha, speċjalment dak tal-kċina, fejn kompliet tagħti l-kontribut tagħha sa ftit xhur qabel ma mietet. Infatti xi wħud mix-xhieda, li kellhom kuntatt kontinwu ma' Sr. Colomba, peress li kienet issajjar fi kċejjen kbar għall-Patrijiet u Seminaristi, qalu li: "Sr. Colomba kient issajjar mhux b'idejha, iżda b'qalbha".

Nistgħu ngħidu li hija kienet reliġjuża eżemplari għall-ħajja tagħha ta' talb, għall-ispiritwalità tagħha, għal mod kif għexet fil-fraternità, animatriċi ta' paċi u ta' ferħ. Ħabbet dejjem il-vokazzjoni tagħha u kienet tgħixha b'ferħ qaddis.

Sr. Colomba wara marda qasira, iżda qalila, ħalliet dan il-wied tad-dmugħ fit-13 ta' Ġunju 1994, sabiex tingħaqad għal dejjem mal-Mulej li tant ħabbet.

## Sr. M. Tomasina Vella

Twieldet il-Mosta fit-8 ta' April 1917. Fl-età ta' 20 sena daħlet tagħmel parti mill-Kongregazzjoni tagħna tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Kienet soru sempliċi, serena u umli, veru mudell tar-ruħ frangiskana.

Ma kinitx mara ta' kultura, iżda l-eżempju tagħha silenzjuż, imma effikaċi, kien priedka u twissija kontinwa mhux biss għall-membri tal-komunità tagħha, iżda għal dawk kollha li kienet taqdi fl-uffiċċju tagħha bħala kap ta' kċina.

Infatti Sr. Tommasina ddedikat il-biċċa l-kbira ta' ħajjitha fil-kċina ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, fejn kien hemm numru kbir ta' tfal li kienu jinsabu f'diffikultà minħabba l-problemi familjari, flimkien ma' grupp ta' Patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li lilhom għadha afdata l-kura tat-tfal.

Minhabba n-nuqqas ta' sorijiet, is-Superjuri kellhom iwaqqfu din l-attività u kienet ta' tbatija kbira għaliha li tħalli lil dawk it-tfal li tant ħabbet.

Għexet l-aħħar snin ta' ħajjitha fid-dar tagħna ta' l-Imġarr, fejn kompliet is-servizz tagħha fil-kċina. Baqgħet tagħti dan is-servizz sa xi sena ilu.

Il-Mulej, peress li sabha lesta, ġie għaliha biex jeħodha fid-Dar tiegħu fl-20 ta' Novembru 1994, wara marda qasira ta' ħamest ijiem.

# SORIJIET TAL-KARITÀ

## Suor Liberata Cassar

Suor Liberata Cassar, fis-seklu Giovanna, twieldet il-Belt Valletta u mietet Ħal-Balzan fl-1 ta' Lulju 1994 fl-età ta' 78 sena li minnhom għaddiet 54 fil-Ħajja Reliġjuża. Sr. Liberata wettqet il-ħidma appostolika tagħha bħala Infermiera fl-Ospizji li għandna fil-Provinċja. Kien ħawnhekk li l-Mulej riedha sserviH u tħobbu fil-persuna ta' l-anzjani. Is-Sorijiet li għexu madwarha jagħtu xhieda ta' kemm verament Sr. Liberata qdiet dmirha bl-akbar reqqa u dedizzjoni. L-anzjani kienu ferm għal qalbha u kienet tagħmel min kollox biex tara li ma jkun jonqoshom xejn biex jgħaddu ħajja trankwilla u kuntenti. Kienet taf tiddefendihom u taqbeż għalihom kif ukoll għal dawk li jieħdu ħsiebhom.

Milquta minn attakk ta' puplesija ma setgħetx tkompli tagħti s-servizz tagħha. Kellha rieda qawwija għall-fejqan, imma divers kien il-pjan ta' Alla l-imbierek u għalxejn it-tobba għamlu dak kollu li setgħu biex Sr. Liberata terġa' takkwista l-fejqan.

Fis-servizz tagħha max-xjuħ ta' l-Ospiżju 'Saura' saret taf lil waħda sinjorina, marida b''depression' qawwija wara li kienet mietetilha ommha. Sr. Liberata b'imħabba kbira fehmet x'kien għaddej minn dik il-persuna sofferenti u minn dak il-ħin sakemm il-forzi tagħha għenuha tagħmel dan, ħadet ħsiebha b'mod eċċezzjonali. Din is-sinjorina, b'tant ġentilezza u gratitudni għarfet tapprezza dak kollu li għamlet magħha Sr. Liberata, tant, li meta wslet fl-istat li kienet trid kollox mill-oħrajn, kont issibha hemm biex tgħinha f'dak li kienet teħtieġ. Fl-aħħar jiem ta' ħajjitha, din is-sinjorina qatt ma ħallietha ħlief għal ħin qasir, u wara li kienet tkun ċerta, li ma kenitx se tkun weħidha. Kienet twennisha u tfarraġha bil-presenza grata tagħha. Għaliha, kif tgħid hi stess, kienet it-tieni omm.

L-aħħar mumenti ta' ħajjitha kienu ferm sofferenti anki jekk fid-dehra ma kenitx f'sensiha. Ħalliet dan il-wied tad-dmugħ fl-1 ta' Lulju biex tmur tiltaqa' ma' Dak li tant ħabbet fuq din l-art.

Sliem u paċi lil ruħha.

## Sr. Salesia Casha

Sr. Salesia Casha, fil-magħmudija ngħatat l-isem ta' Teresa. Twieldet il-Ħamrun u mietet Ħal Balzan fit-28 ta' Awissu 1994 fl-età ta' 84 sena li minnhom għaddiet 65 fil-ħajja Reliġjuża.

Wara li spiċċat in-Novizzjat, Suor Salesia ġie mogħtija l-mandat biex tgħallem l-Imtaħleb lit-tfal u għalhekk kienet residenti Dar S. Giovanna Antida, ir-Rabat. Damet tagħti dan is-servizz għal sentejn biss, perjodu qasir iżda li fih akkwistat

il-fiduċja u r-rispett tan-nies ta' dan ir-raħal ċkejken għaliex hi kienet tagħmel minn kollox għalihom u tgħinhom f'kulma kienu jeħtieġu kemm f'dak li hu materjali u wisq iżjed f'dak spiritwali. Ta' kull filgħaxija kienet tmur iżżur il-morda u nhar ta' Ħadd kienet tgħallem il-katekiżmu. It-tfajliet ta' dak iż-żmien, illum fil-parti kbira nanniet, għadhom jiftakruha u jistaqsu għaliha.

Fl-1937 ma baqgħetx mat-tfal iżda bdiet il-missjoni tagħha fost il-morda u x-xjuħ ta' sptarijiet u ospizji differenti li għandna fil-kura tagħna fil-Provinċja. Sr. Salesia kienet taqdi dmirha għall-aħjar li setgħet, dejjem attenta biex tara li xejn ma kien jonqos lil min kien jeħtieġ is-servizz tagħha. Kienet tilħaq lil kulħadd mingħajr ħafna storbju u għaliha kulħadd kien l-istess, għalhekk dejjem wettqet dmirha mingħajr preferenzi lejn ħadd.

Għaddiet il-Ħajja Reliġjuża tagħha bħall-oħrajn mingħajr xejn partikulari li jagħżilha mis-sorijiet l-oħra, twajba u attiva iżda bla dubju ta' xejn, Alla li jara l-intimu u l-fond tal-qalb, żgur li Sr. Salesia kienet għal qalbu.

Wara ħafna ħidma fl-għalqa tal-Mulej, wasal għalija ż-żmien li tistrieħ: offerta li Sr. Salesia aċċettat bil-qalb. Fid-Dar tal-Mistrieħ, Ħal Balzan għaddiet ħafna mill-ħin tagħha fit-talb u fit-twettiq ta' xi servizzi żgħar li kienu jeħtieġu s-sorijiet anzjani fl-istess dar.

Sr. Salesia tħejjiet tajjeb għal-laqgħa tagħha mal-Mulej li seħħet fit-28 ta' Awissu.

Il-paċi u s-sliem lil ruħha.

## Suor Maria Carmela Micallef

Suor Maria Carmela Micallef, fil-magħmudija ngħatat l-isem ta' Virġinia, twieldet l-Imdina u mietet Ħal Balzan fis-6 ta' Ottubru 1994 fl-età ta' 87 sena li minnhom għaddiet 66 fil-ħajja Reliġjuża.

Wara l-ewwel Professjoni, Sr. Maria Carmela intbagħtet Ruma fejn ħadet id-Diploma ta' Infermiera. Meta reġgħet lura Malta għaddiet is-snin kollha tahgħha bħala Soru tal-Karità bil-ħidma tagħha fl-isptarijiet diversi li għandna Malta, l-ewwel snin bħala infermiera u wara bħala Superjura.

Sr. M. Carmela kellha qalb li tifhem u tagħder, kienet taf tfarraġ lill-morda u taqsam magħhom it-tbatija bi kliem li jtaffi l-eżiġenzi tagħhom. Kienet reliġjuża ta' talb u kien minn hawn li kienet tieħu l-forza u l-qawwa meħtieġa biex twieġeb għall-eżiġenzi li jitlob ix-xogħol ta' l-istpar. Qatt ma kienet tgerger minħabba l-ħafna xogħol li kellha; l-ebda sagrifiċċju ma kien iġiegħelha terġa' lura fil-qadi ta' dmirijietha.

Fil-komunità dejjem kienet ta' eżempju tajjeb, attenta għall-ħtiġijiet tas-sorijiet, it-talb il-ħajja tagħha u dejjem doċli u disponibbli. Bħala Superjura, kien jispikka fiha l-ispirtu ta' sagrifiċċju u l-ħeġġa għall-ġid ta' l-erwieħ. Is-sorijiet

kienu jsibu fiha soru eżemplari kemm bħala persuna ta' talb kif ukoll fl-imħabba lejn kulħadd.

Fl-1975, minħabba fl-età avanzata tagħha, għaddiet għad-Dar tal-Mistrieħ, Ħal Balzan, Villa M. Annunziata. Hawnhekk, bħal dejjem, kienet ta' edifikazzjoni l-aktar bil-ħajja ta' talb u tjubija partikulari.

Fit-28 ta' Settembru ġieha attakk ċelebrali u raddet ruħha lill-Ħallieq fis-6 t'Ottubru. Il-laqgħa tagħha mal-Mulej kienet laqgħa verament serena u trankwilla kif dejjem għexet fir-rieda tal-Mulej.

Il-Mulej jagħtiha l-mistrieħ ta' dejjem.

## Sorijiet Orsolini

## Sister Carmen Aquilina

Sister Carmen Aquilina twieldet Tas-Sliema fl-20 ta' Novembru 1947. Daħlet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Orsolini fl-24 ta' Novembru 1963. Għamlet il-Professjoni Sempliċi, fl-4 ta' Diċembru 1966, u l-Professjoni Perpetwa fil-5 ta' Diċembru 1971.

Sister Carmen daħlet fil-Kongregazzjoni fl-età ta' 16-il sena. Għaddiet 28 sena ta' xhieda, ta' mħabba, ta' ħidma fil-Kongregazzjoni, mimlija bl-ispirtu ta' Dun Sidor, il-Fundatur ta' l-Orsolini, u ta' Ommna Sant' Angela Merici. Hija għexet ħajja eżemplari, sempliċi, u dejjem għamlet il-volontà t'Alla. Sister Carmen qatt ma fittxet unuri, u lanqas id-drittijiet tagħha. Hija dejjem kienet toffri biex tgħin lil oħrajn. Kienet tħobb il-Kongregazzjoni tagħna u devotissima tal-Madonna tal-Karmnu.

Sister Carmen tibqa' mnaqqxa f'qalb kull waħda minna, għax żgur li hija tibqa' tħobbna u titlob għalina mis-sema, kif ħabbitna dejjem f'din id-dinja.

Mietet fis-17 ta' Awissu 1994.

## Sorijiet tal-Bon Pastur

## Sr. M. Pawla Attard

Sr. M. Pawla Attard, fis-seklu Rosina, twieldet Birkirkara fl-4 ta' April, 1904 minn Pietru u Ġużeppa. Meta oħtha Angela daħlet soru hija kienet saret mitħla tal-Kunvent tal-Bon Pastur. Hija tħajret u daħlet biex tagħti ruħha lill-Mulej. Wara xi xhur ta' prova, s-superjuri raw li kienet vokata u baghtuha Ruma biex tibda n-Novizzjat. Wara sentejn, fit-28 ta' Awissu 1931 hija għamlet il-Professjoni Reliġjuża.

Għal 40 sena l-għalqa tal-ħidma appostolika tagħha kienet Ruma. Fil-11 ta'

Diċembru 1968 hija rritornat Malta. Hawnhekk, hija kienet tgħin f'diversi xogħlijiet, speċjalment għenet fi grupp ta' Tfajliet. Dawn kienu jsibu fiha għajnuna spiritwali bil-pariri ta' fejda li kienet tagħtihom. Il-ħidma tagħha waqfet ħesrem meta fl-1980 tatha puplesija u ħallietha għal 16-il sena fuq "wheelchair". F'dawn is-snin ta' tbatija imsallba ma' Kristu Msallab offriet it-talb u t-tbatija għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ li għalihom hija kienet għamlet Vot taż-Żelu. Il-Mulej Ġesù r-Ragħaj it-Tajjeb laqagħha fi ħdanu fl-10 ta' Frar 1994 wara ħajja twila ta' ħidma fis-servizz tiegħu.

## Sr. M. Margherita Galea, (Pawla)

Twieldet l-Imġarr, Malta fit-2 ta' Jannar 1912. Meta kellha 16-il sena riedet issir reliġjuża u daħħlet għall-prova fil-Kunvent tal-Bon Pastur. Wara ftit xhur marret Ruma biex tibda n-Novizzjat. Ta' 20 sena hija għamlet il-Professjoni u malajr bdiet il-ħidma tagħha fl-opra tal-Kongregazzjoni. Kienet is-sena 1932 fil-15 ta' Frar. Sr. Margherita kienet soru ta' bżulija kbira u fuq kollox kienet mimlija żelu għall-qdusija personali u ta' l-oħrajn. Hija wetqet il-ħidma tagħha f'Palermo fejn għaddiet 50 sena tieħu ħsieb il-ġnien u s-siġar tal-frott tal-kunvent. Ġiet lura Malta fil-15 ta' Jannar, 1978. Għaddiet 10 snin fid-dar tagħna tal-Mosta u meta ma setgħetx tkompli fil-ħidma tagħha fil-ġnien ġiet fil-kunvent ta' Ħal Balzan. Kulma kienet tagħmel kienet tagħmlu bil-qalb. Il-virtujiet li kienu jispikkaw fiha kienu l-umiltà u s-sempliċità. Hija offriet it-tbatijiet u t-talb tagħha għal konverżjoni tal-midinbin li għal dan il-għan hija għamlet il-vot speċifiku tal-Kongregazzjoni tal-Bon Pastur. Fis-26 ta' Jannar, 1994 il-Mulej baghat għaliha biex jagħtiha l-ħlas għal ħidma li wetqet fl-għalqa tiegħu.

## Ulied il-Qalb ta' Ġesù

## Sr. Vittorina Scicluna CFCJ

Sr. Vittorina Scicluna CFCJ twieldet fit-12 ta' Jannar 1917 fil-parroċċa ta' San Ġejtanu, il-Ħamrun. Fil-festa ta' San Ġużepp, fid-19 ta' Marzu 1935, ingħaqdet mal-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". Għamlet l-Ewwel Professjoni tagħha fil-21 ta' Novembru 1937 u ntrabtet bil-Voti Perpetwi fis-6 ta' Jannar 1942.

Sr. Vittorina kienet bniedma spiritwali u dejjem puntwali għat-talb. Għal xi żmien kienet tifforma l-imħuħ u l-qlub ta' ħafna tfal żgħar li kienu jattendu l-iskola tagħna u anki fl-iskola tal-Gvern. Kienet bniedma ħabrieka u enerġika ħafna anki meta kibret. Dejjem wetqet id-doveri tagħha bl-imħabba minkejja l-età tagħha.

Il-mewt tagħha ħasdet lil kulħadd fis-17 ta' Awissu 1994, meta hija ħalliet dan il-wied tad-dmugħ biex tmur tiltaqa' mar-Ragħaj Divin tagħha biex tgawdih għal dejjem.

## Sr. Filomena Felice Pace CFCJ

Ttwieldet il-Belt Valletta fil-Parroċċa ta' San Pawl fit-8 ta' Diċembru 1900. Ingħaqdet mal-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fil-21 ta' Novembru 1923. Tliet snin wara, fit-2 ta' Ottubru 1926 għamlet l-Ewwel Professjoni u fit-30 ta' Diċembru 1931 intrabtet bil-Voti Perpetwi.

Sr. Filomena kienet Reliġjuża kollha kemm hi mogħtija lil Alla. Kellha karattru ferrieħi u kienet sempliċi u sinċiera. Għal ħafna snin kienet tgħallem id-Duttrina lit-tfal. Għaddiet 36 sena bħala purtinara fejn bil-kelma ħelwa tagħha u bi spirtu ta' qadi tat xhieda tajba lil kull min kien jafha. Kienet mara ta' talb u fl-istess ħin tinteressa ruħha fl-Appostolat biex titlob għas-Sorijiet sħabha. Fuq kollox kienet dejjem lesta li taċċetta r-rieda ta' Alla u dik tas-Superjuri tagħha.

Fit-3 ta' Ottubru 1994 hija ttajret fi ħdan Alla biex tieħu l-premju mistħoqq lilha għall-eternità.

## Sr. Martina Dimech CFCJ

Sr. Martina Dimech CFCJ imwielda fil-parroċċa tal-Mellieħa fis-7 ta' Ottubru 1925, ingħaqdet ma' "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fis-27 ta' Mejju 1948. Wara l-Postulandat u n-Novizzjat fid-29 ta' April 1951 għamlet l-Ewwel Professjoni u ħames snin wara, fit-18 ta' Awissu 1956 wegħdet li tintrabat bil-Voti Perpetwi.

Sr. Martina kienet Reliġjuża umli, ġeneruża u tħabrek biex tikber fil-ħajja spiritwali. Għaddiet ħafna snin minn ħajjitha tagħti servizz lill-parroċċi u kunventi tal-patrijiet bil-ħjata, ħasil u mogħdija ta' l-"Abiti Sagri" kemm tas-saċerdoti kif ukoll ta' l-artali.

Fl-aħħar snin ta' ħajjitha ħadet ħsieb ħuha li kien jgħix waħdu. Għalkemm iddedikat ruħha għalih hija qatt ma traskurat id-doveri tagħha spiritwali u komunitarji. Fejn kien ikun possibbli, anki b'sagrifiċċji kbar tagħha, dejjem fittxet li tattendi għall-attivitajiet tal-Kongregazzjoni.

Fl-20 ta' Ottubru 1994 hija marret tiltaqa' ma' l-Għarus Divin tagħha li għalih kienet għexet.

## Society of the Sacred Heart

# Sr. Josephine Micallef

Born at Mosta on the 2nd October, 1906

Died at Tal-Virtù on the 9th August, 1994

Sr. Josephine was born at Mosta on the 2nd October 1906 and baptized the next day. Her parents, Vincenzo Micallef and Maria nèe Caruana had 12 children – four sons and eight daughters including Josephine.

Josephine joined the Society of the Sacred Heart at St. Julian's on the 25th January 1930. She made her temporary profession in the same house on the 26th July 1932 and her final profession on the 24th March 1938.

Josephine lived in the same house until she was moved to the new convent at Tal Virtù in 1973. There she remained until her death on the 9th August 1994. Josephine worked in the community room and refectory and helped with the house-work. Her life has been one completely dedicated to her religious vocation. Faithful almost to scrupulosity, devoted and hard-working, she lived very close to Our Lord.

She was a soul of prayer – a real contemplative in action as our Mother Foundress wanted her daughters to be.

Josephine was always serene and gentle towards others. Her deep sense of humour endeared her to all the members of the community and helped her bear her physical infirmities with invincible courage and joy. she loved composing verses and her "poems" written on the Superior's feastday or other celebrations were appreciated by all. She had a very good memory and could recite poems and prayers with great ease.

For many years Josephine suffered much physical disability as she was almost bent double with arthritis and used to go around supporting herself by pushing a wheelchair until the last two years of her life when she had to submit to be wheeled around. She was very brave and was able to attend community Mass and reunion each day until Thursday before her death. She was a living example of acceptance and joyful resignation to will to God and was so grateful for any little service rendered to her. This was always accompanied by a delightful smile and a clear "Thank you, Sister".

She was never heard to complain about anything. Prayer was the main goal in her life. She spent hours praying and saying the Rosary. Asked by her Superior if she had finished her prayers, Josephine once answered, "No, I never finish" and that was true.

Her death came peacefully on the 9th August 1994. She looked beautiful in her coffin – rosy cheeks and so straight and dignified as never before. R.I.P.

# Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija

## Suor M. Eustella fis-seklu Jessie Mangion

Suor M. Eustella fis-seklu Jessie Mangion twieldet fit-3 ta' Lulju 1917, ġewwa l-Ħamrun. Hija wieġbet għas-sejħa tal-Mulej u ngħaqdet mas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija, li dak iż-żmien kienu magħrufa bħala "ta' l-Eġittu". Suor M. Eustella telqet minn Malta bħala postulanta fis-6 ta' Settembru 1935. Fil-25 ta' Marzu 1938 għamlet l-ewwel voti u tlett snin wara ngħaqdet għal dejjem mal-Mulej bil-professjoni Perpetwa. Matul dawn is-snin Sr. Eustella qdiet lill-Mulej bit-tagħlim taż-żgħar. Hija għexet il-Ħajja Konsagrata tagħha fit-talb, fis-skiet u fit-testimonjanza. It-tbatija tal-marda kiefra li għaddiet minnha kienet l-akbar xhieda ta' mħabba lejn l-Għarus Divin. Aċċettatha mingħajr tgemgim sakemm il-Mulej għoġbu jsejħilha fit-23 ta' Lulju 1994 biex tingħaqad miegħU għal dejjem.

## Suor M. Epifania Mizzi

Suor M. Epifania Mizzi fis-seklu Grace twieldet fid-19 ta' Marzu 1912, ġewwa Ħaż-Żabbar. Fl-età ta' 25 sena hija wieġbet għas-sejħa tal-Mulej u daħlet mas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija, fejn fid-19 ta' Marzu għamlet il-voti ta' ċaħda, safa u ubbidjenza. Wara il-Professjoni marret Napli fejn wetqet xogħol tagħha f'diversi dmirjiet speċjalment mat-tfal iltiema. Wara ħafna snin ta' missjoni barra minn Malta ġiet Malta fid-dar tal-Ħamrun fejn kienet xhieda ta' ħajja ta' sagrifiċċju u mħabba lejn sħaba s-sorijiet. Fil-5 ta' Frar 1994 ġiet imsejħa mir-Ragħaj Divin.

## Suor M. Carmelina Bonnici

Suor M. Carmelina Bonnici fis-seklu Maria twieldet fit-12 ta' Frar 1914 ġewwa l-Birgu. Hija wieġbet għas-sejħa tal-Mulej u ngħaqdet mas-sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Bla Tebgha ta' Marija. Ta' 18-il sena hija għamlet il-voti u wara marret isservi fil-missjoni tagħna ġewwa l-Eġittu. Hemm hi ħadmet mal-fqar u l-iltiema għal aktar minn 40 sena. Fl-1970 hi ġiet Malta fejn baqgħet taqdi dmira fl-edukazzjoni tat-tfal. Wara marda qalila l-Mulej għoġbu jsejħilha fl-1 ta' Settembru 1994.

# EŻEMPJU TA' OMELIJI

**L-Erbgħa ta' Rmied**

*Qabel il-funzjoni tar-Rmied, għandha ssir omelija, iżda flok l-omelija wieħed jista' jaqra l-MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦAR-RANDAN 1995 li jinsab paġ.179*

---

**L-Ewwel Ħadd Tar-Randan**

*Illum bħas-soltu tinqara l-pastorali ta' l-isqfijiet għar-Randan u din tieħu l-post ta' l-omelija; iżda qabel il-qari tal-pastorali tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni tal-fidili għall-messaġġ tal-qari ta' llum, bil-kliem li ġej jew kliem ieħor bħalu:*

Ir-Randan huwa żmien ta' ġabra, żmien li fih nidħlu fina nfusna biex ngħarblu l-imġiba tagħna ħa naraw aħniex mexjin skond is-sejħa tagħna ta' nsara. Dan nagħmluh jekk fl-ispirtu, inwarrbu ruħna mid-dinja, nagħmlu bħal Ġesù li mar jgħaddi erbgħin jum fid-deżert, isum u jitlob u jissaħħaħ fil-fehma tiegħu u hekk jirbaħ it-tiġrib kollu tax-xitan.

Lilna wkoll is-sawm u t-talb isaħħuna kontra t-theddied kollu tax-xitan li ma jieqaf qatt jipprova jqarraq bina u jdgħajfilna l-fidi tagħna, il-fidi f'Alla wieħed u Missier ta' kulħadd li, kif ħeles il-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim, mill-jasar ta' l-Eġittu, hekk ħeles lilna mill-jasar tad-dnub u tax-xitan permezz ta' Ibnu stess, Ġesù Kristu: aħna nemmnu fih biex ikollna l-ġustifikazzjoni u nistqarru l-fidi tagħna fih biex ikollna s-salvazzjoni, kif jgħidilna San Pawl fit-tieni qari tal-Quddiesa ta' llum.

**It-Tieni Ħadd tar-Randan**

# IL-PATTIJIET TA' ALLA

## Il-pattijiet ta' Alla

Wara d-dulluvju, tgħidilna l-Iskrittura, Alla għamel patt ma' Noe li kellu jkun il-patt li jmexxi l-ordni soċjali u reliġjuż tal-kotra kollha tal-ġnus, ordni fdat mill-provvidenza ta' Alla għall-ħarsien ta' l-anġli biex irażżan is-supervja tal-bniedem imwaqqa' fid-dnub u mgħaddas fil-ħażen; dan l-ordni ta' Alla għall-ġnus kellu jibqa' sakemm jibqa' żmien il-ġnus, sakemm jitħabbar ma' kullimkien l-Evanġelju tal-Patt il-ġdid għal dejjem li kellu jseħħ b'Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla (Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolik n. 56-58).

Għalhekk Alla ħaseb biex minn fost il-ġnus jagħżel poplu għalih biex bih jiġbor il-ġnus kollha tal-bnedmin mjassrin mid-dnub u mxerrdin ma' kullimkien: sejjaħ lil Abraham biex mill-poplu li tnissel minnu tinżamm bla mittiefsa l-wegħda tas-salvazzjoni li Alla kien għamel lil Adam u lil Eva minnufih wara d-dnub, u tenniha kemm-il darba lill-patrijarki. Lil dan il-poplu, nisel Abraham, Alla, permezz ta' Mosè, ħelsu mill-jasar ta' l-Eġittu u ħdejn is-Sinaj għamel miegħu patt biex fi ħdanu tinżamm ħajja l-fidi ta' Abraham huwa u jistenna ħerqan is-Salvatur imwiegħed.

L-ewwel qari ta' llum ikellimna fuq il-patt li Alla għamel ma' Abraham, biex imbagħad il-Ħadd li ġej naraw kif Alla sejjaħ il-Mosè għall-missjoni li għaliha għażlu, ħalli imbagħad fir-raba' Ħadd tar-Randan naraw kif il-poplu magħżul ta' Alla wiegħed li jibqa' dejjem fidil għall-Patt ta' Alla, ħaġa li dan il-poplu ma għamilx għax kien poplu ta' rasu iebsa, u għalhekk permezz tal-profeti Alla ħabbar ħaġa ġdida, patt li jibqa' għal dejjem, patt ta' għaqda u sliem, ta' mħabba u rikonċiljazzjoni.

## Il-patt ma' Abraham

Il-patt li Alla għamel ma' Abraham kien il-wegħda li Alla għamillu, minħabba l-fidi kbira tiegħu. Alla sejjaħ lil Abraham u qallu jħalli kollox, qrabatu, art twelidu, u jmur għall-għonq it-triq, mingħajr ma jaf fejn; u Abraham emmen fil-kelma ta' Alla, ma qagħadx jaħsibha, telaq minnufih għas-sejħa ta' Alla. U Alla ippremjah, qallu, kif smajna fl-ewwel qari: "Ħares daqsxejn lejn is-sema, u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom. Hekk għad ikun nislek". U meta Abraham temm is-sagrifiċċju tiegħu Alla qallu: "Lil nislek jiena nagħti din l-art mix-xmara ta' l-Eġittu sax-xmara l-kbira ta' l-Ewfrat".

Kliem il-Mulej seħħ b'mod wisq aktar ta' l-għaġeb milli Abraham qatt seta' jobsor. Abraham sar missier kotra kbira ta' ġnus, ġnus imnisslin minnu mhux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu, għax Abraham huwa missierna fil-fidi, jiġifieri dawk kollha li għandhom il-fidi li kellu Abraham huma lkoll ulied

Abraham. Is-saltna li Alla wiegħed lil nisel Abraham m'hijiex xi saltna limitata miż-żewġ xmajjar kbar tal-Lvant Nofsani il-Nil u l-Ewfrat, imma hija s-saltna ta' dejjem, li għandha l-bidu tagħha fuq din l-art; l-art li Alla semma' lil Abraham kienet id-dinja kollha magħrufa minn Abraham, u fil-ħsieb ta' Alla kienet tfisser is-saltna li Kristu ġie jwaqqaf fid-dinja sa trufijiet l-art kollha, saltna li kellha tilħaq il-milja tagħha fis-sema.

## Is-Saltna tas-sema

Ta' din is-saltna Kristu nnifsu ried jagħtina xi ħjiel meta fuq l-għolja tat-Tabor, huwa u jitlob, tbiddel quddiem it-tliet Appostli li kienu miegħu u wiċċu tbiddel u lbiesu ħa sura ta' bjuda li tgħammex, u dehru Mosè u Elija jitħaddtu miegħu. L-Appostli xtaqu li dik id-dehra ma tintemm qatt: "Kemm hu sew li aħna hawn", qal San Pietru, u ma kienx jaf x'qed jgħid. Mosè u Elija dehru jitħaddtu ma' Ġesù fuq it-tmiem tiegħu, fu il-mewt li kellu jġarrab għas-salvazzjoni tad-dinja, ħaġa li l-Appostli ma ridux jaċċettaw tant li, meta Ġesù kellimhom dwar il-passjoni tiegħu, Pietru beda jlumu biex ma jitlax Ġerusalemm ħalli jeħles mit-tiġrib tal-passjoni tiegħu... u Ġesù ċanfru għax ħsibijietu kienu ta' bniedem mhux ħsibijiet ta' Alla.

Bit-trasfigurazzjoni tiegħu, Ġesù ried juri lill-Appostli – u lilna wkoll – li biex nidħlu fil-glorja tas-saltna tas-smewwiet, irridu ngħaddu minn ħafna tiġrib, irridu nbatu ħafna, irridu niċċaħdu minn hajja ta' xalar u divertimenti u nfiq bla rażan. Fi kliem ieħor ma rridux inkunu, kif jgħidilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, għedewwa tas-salib ta' Kristu u nagħmlu l-ikel u x-xorb żejjed l-allat tagħna. Aħna li lbisna 'l Kristu fil-magħmudija tagħna, aħna pajżani tas-sema: mis-sema nistennew jiġi jsejħilna, meta jasal il-waqt, il-Mulej Ġesù, biex idaħħalna fil-glorja tiegħu, biex ibidlilna il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, biex fi kliem ieħor, jittrasfigurana kif ittrasfigura ruħhu fuq it-Tabor.

It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej għal ftit mumenti fuq it-Tabor hi għalina t-tħabbira tal-qawmien tagħna mill-imwiet fl-aħħar taż-żmien meta inqumu għall-ħajja ġdida b'ġisem glorifikat, nieqes mit-taħsir tal-qabar, u immortali, bħall-Ġisem ta' Kristu rxoxt. Din hi t-tama tagħna, din hi l-fidi tagħna, tama sħiħa u fidi soda li tqawwina biex nilqgħu kull xorta ta' sagrifiċċji u ta' tiġrib, u l-penitenzi kollha ta' żmien ir-Randan, biex immutu ma' Kristu għad-dnub ħalli miegħu nqumu għall-ħajja ta' dejjem.

**It-tielet Ħadd tar-Randan**

## "DAN ĠARA B'EŻEMPJU GĦALINA"

### Il-ġrajja tal-Lhud u aħna

F'dan it-tielet Ħadd tar-Randan il-Knisja trid tfakkarna li l-ġrajja kollha tal-poplu li Alla għażel għalih fi żmien il-Patt il-Qadim kienet ġrajja kollha tagħlim għalina; anzi l-Knisja tridna naraw fil-ġrajja tal-poplu Lhudi, meħlus mill-jasar ta' l-Eġittu, simbolu u xbieha tal-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub u mill-madmad tax-xitan. Dan jgħidulna San Pawl stess fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin: "Missirijietna, jgħidilna San Pawl, ilkoll kienu taħt id-dell tas-sħaba, ilkoll qasmu l-baħar, ilkoll kielu mill-istess ħobż spiritwali, ilkoll xorbu mill-istess xorb spiritwali fi żmien Mosè".

### Il-ħelsien tal-Lhud mil-jasar ta' l-Eġittu

Kif smajna fl-ewwel qari ta' llum, Alla sejjaħ lil Mosè waqt li kien fid-deżert jirgħa l-merħla ta' Getro, ħatnu, u waqt li kien jirgħa l-merħla Alla deherlu f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq, u minn ġon-nar sejjaħlu u qallu min kien: "Jiena hu Alla ta' missirijietek, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb. Jien rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu, smajt il-karba tagħhom u għażilt lilek biex teħodhom f'art tajba 'l bogħod mill-Eġittu, art tnixxi ħalib u għasel". U l-Mulej kompla jgħidlu: "Dan għid lil ulied Israel: "JIEN HU, jien JAHWEH, bagħtni għandkom."

Mosè mar jaqdi l-missjoni li fdalu Alla; ma kenitx missjoni ħafifa, għax il-Fargħun, is-sultan ta' l-Eġittu, ma riedx iħalli lil ulied Israel iħallu l-Eġittu; biss wara li Alla bagħat għaxar kastigi fuq il-pajjiż, li l-Fargħun ma kompliex iwebbes rasu u l-Lhud telqu għal għonq it-triq lejn l-art imwiegħda lilhom minn Alla. Qasmu l-Baħar tal-Qasab mill-inxief waqt li l-Eġiżżjani għerqu fih, iżda damu jiġġerrew erbgħin sena fid-deżert minħabba l-ebusija ta' rashom li waslithom jeħduha ta' spiss kontra Alla, għalkemm Alla pprovdilhom l-ikel mis-sema, il-manna, ħarġilhom ilma minn blata samma biex jistgħu jixorbu huma u l-merħliet tagħhom; imma ħadd minn dawk li ħaduha kontra Alla ma daħlu fl-art imwegħda, ilkoll mietu fid-deżert.

### Il-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub

Kif inhi din il-ġrajja tal-Lhud simbolu u xbieha tagħna bħala nsara? Kif il-Lhud ħelsu darba għal dejjem mill-jasar ta' l-Eġittu wara li qasmu l-Baħar tal-Qasab, hekk aħna ħlisna mill-jasar tad-dnub u l-madmad tax-xitan, meta fuqna ssawwab l-ilma tal-Magħmudija, u bdejna mexjin lejn l-Art Imwiegħda lilna, is-Saltna tas-Sema. Fil-mixi tagħna lejn is-sema Alla ħasbilna għall-ikel fit-triq, tana il-veru ħobż ħaj li niżel mis-sema, il-Ġisem u d-Demm għażiż ta' Kristu li fit-

tqarbin hu l-ikel ta' ruħna, u sqiena wkoll mill-għejun tas-salvazzjoni li ħarġu mill-ġisem minfud ta' Kristu fuq is-salib, l-għejun tal-grazzji li bla heda Alla jagħtina tul il-mixi tagħna lejn is-sema. Iżda aħna, minkejja dan il-ġid kollu li Alla ma jieqaf qatt jagħtina, spiss inġibu ruħna kif ġiebu ruħhom il-Lhud ma' Alla fid-deżert; aħna wkoll nafu nkunu nies ta' ras iebsa ma' Alla u neħduha kontra tiegħu u kontra dawk li, bħal Mosè, hu jagħżel biex imexxuna mit-triqat mudlama tad-dinja tad-dnub lejn il-mergħat ta' dejjem.

## Il-ħtieġa li nindmu mir-ras iebsa tagħna

Fl-Evanġelju ta' llum Ġesù jwissina biex ma nwebbsux rasna kontra Alla jekk ma rridux nintilfu, kif intilfu l-Lhud fid-deżert.

Ġesù jsemmilna żewġ fatti li ġraw fi żmienu, żewġ diżgrazzji kbar li mlew bil-biża' lin-nies li semgħu bihom. L-impressjoni li ħadu n-nies biż-żewġ diżgrazzji ta' l-Evanġelju wasslet lil Ġesù biex iwissihom ħa jaħsbu f'ruħhom. Dawk li mietu meta ġġarraf it-torri ta' Silwah u dawk il-Gallilej li ġew maqtulin mis-suldati ta' Pilatu ma kenux agħar mill-bqija tan-nies, iżda l-mewt ġie fuqhom għall-għarrieda. Ma nafux meta se tiġi fuqna l-mewt, jgħidilna Ġesù, u għalhekk jeħtieġ li nkunu dejjem imħejjin, biex ma teħodniex għall-għarrieda u nintilfu għal dejjem.

## Il-frott li Alla jistenna minna

Alla minna jistenna li nagħmlu frott ta' għemejjel tajba tul ħajjitna kollha, għax hekk biss inkunu mħejjin meta hu jsejħilna ħa nidhru quddiemu biex nagħtu kont ta' għemilna, u b'hekk ma nintiflux għal dejjem. Alla jistabar ħafna bina, jagħtina ħafna żmien biex nagħmlu għemejjel tajba għas-salvazzjoni ta' ruħna, biex il-mewt ma teħodniex għall-għarrieda. Dan Ġesù jgħidulna bil-parabbola tas-siġra tat-tin li sidha qatt ma sabilha l-frott li xtaq – tagħtu biss weraq u frott xejn, u ried iqaċċatha biex ma tkiddx aktar l-art. Iżda dak li kien iħaddimlu l-għalqa talbu jħalliha għal sena oħra ħa jdemmilha u forsi tagħti frott. Hekk jagħmel Alla magħna, għat-talb tal-Knisja tiegħu, itawlilna ż-żmien fid-dinja biex ikollna okkażjonijiet aktar li nagħmlu għemejjel tajba għas-salvazzjoni tagħna, iżda jekk aħna qatt ma nagħtu widen għal dak li tgħidilna l-Knisja, jekk qatt ma nagħmlu użu mill-mezzi li Kristu ried jafda lill-Knisja għas-salvazzjoni tagħna – is-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin – aħna lkoll nintilfu xorta waħda, ma' dawk kollha li tul ħajjithom webbsu rashom ma' Alla u ġarrbuh kif kienu jġarrbuh il-Lhud fid-deżert.

**Ir-raba' Ħadd tar-Randan**

# IL-ĦBIBERIJA TAL-BNIEDEM MA' ALLA

## L-ispritu tar-Randan

It-tieni qari ta' llum jħabbrilna dak li huwa l-qofol ta' l-ispirtu tar-Randan. F'dan iż-żmien il-Knisja tfakkarna li permezz ta' Kristu sirna ħolqien ġdid, għax bil-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib aħna ħlisna mill-jasar tad-dnub u sirna ħbieb ta' Alla u wlied adottivi ta' Alla; dan għal kull wieħed minna seħħ fil-Magħmudija tagħna, għaliex fil-magħmudija aħna ndfinna ma' Kristu fil-mewt tiegħu biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida u, imqawwijin bil-grazzji tiegħu, nimxu 'l quddiem biex din il-ħajja ġdida nwassluha għall-kobor sħiħ tagħha fis-saltna tas-smewwiet.

Il-mixi tagħna f'din id-dinja jixbah il-mixi tal-Lhud fid-deżert, u l-wasla tagħhom fl-art imwiegħda hi xbieha tal-wasla tagħna fis-sema pajjiżna. Kif smajna fl-ewwel qari ta' llum, il-Lhud malli waslu fil-wita ta' Ġeriko, fl-art imwiegħda, neħħew minn fuqhom l-għajb ta' l-Eġittu, kif ħabbrilhom Alla permezz ta' Ġożwè, u l-għada ċċelebraw l-Għid u kielu mill-frott ta' l-art. Dan hu għalina tixbiha tad-dħul tagħna fis-saltna tas-sema, ħielsa minn kulll tebgħa u fdal tad-dnub, ħa niċċelebraw l-Għid ta' dejjem tagħna aħna u nieħdu sehem fil-festa tat-tieġ tal-Ħaruf fis-saltna tas-sema.

## Il-mixi tagħna lejn is-sema

Mgħammdin u mlibbsin bi Kristu, il-mixix tagħna lejn is-sema pajjiżna imissu jkun mixi ħieni għaliex bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu għandna nirbħu t-theddid kollu li jqanqal kontrina l-għadu ta' ruħna, li għalkemm mirbuħ, għadu jista' jhedded il-mixi tagħna lejn is-sema. U għaliex aħna bnedmin dgħajfa, u nafdaw iżżejjed fil-ħila tagħna biex nirbħu t-tnassis tax-xitan, mingħajr ma nintebħu, insibu ruħna mill-ġdid taħt il-jasar tiegħu minħabba d-dnub li fih naqgħu. Iżda dan m'għandux jaqtagħlna qalbna, għax Alla, fil-kobor tal-ħniena tiegħu għalina, għoġbu jagħtina mezz mill-aktar qawwi biex neħilsu mill-madmad tax-xitan, jekk nerġgħu naqgħu taħtu wara l-Magħmudija tagħna minhabba dnubietna. Alla jrid il-ħbiberija tagħna miegħu, u halla f'idejn il-Knisja l-messaġġ ta' din il-ħbiberija, u għalhekk San Pawl jgħidilna llum, dak li hu l-qofol tal-messaġġ tar-Randan: "Nitlobkom f'isem Kristu, agħmlu ħbieb ma' Alla, għax Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Kristu Ġesù, sar dnub għalina biex aħna nsiru fih ġustizzja għal Alla". Nagħmlu ħbieb ma' Alla permezz tas-sagrament tal-Penitenza u Kristu li kien safi u qaddis u bla dnub, tgħabba bi dnubietna, biex iħassarhom b'demmu fuq is-salib tal-passjoni tiegħu. Alla, Missier il-ħniena, bil-passjoni u l-mewt ta' Ibnu l-għażiż ħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu u sawwab fuqha l-Ispirtu tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet; din il-maħfra jagħtihielna bil-ministeru tal-Knisja, bil-

ministri tiegħu li lilhom ried jafda il-messaġġ tal-ħbiberija ma' Alla – is-saċerdot, ministru tal-Knisja, fil-persuna ta' Kristu, jaħfer id-dnubiet ta' dawk li niedma u sogħbiena jistqarruhomlu u jħabbibhom mill-ġdid ma' Kristu.

Il-maħfra tad-dnubiet u l-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla titlob sogħba u ndiema li huma wkoll don tal-grazzja ta' Alla, kif turina sewwa l-parabbola ta' l-iben il-ħali li tħabbret lilna fl-Evanġelju ta' llum.

## Il-parabbola ta' l-iben il-ħali

Il-ġrajja ta' l-iben il-ħali hija xbieha tal-ġrajja ta' kull wieħed u waħda minna. Aħna wkoll xi drabi nagħmlu bħall-iben il-ħali: nieħdu s-sehem tal-wirt tagħna u mmorru ntajruh u naħluh f'art barranija. Xi jfisser dan? Il-wirt tagħna hija l-grazzja ta' Alla, il-ħajja ġdida li ksibna fil-Magħmudija; din il-ħajja neqirduha fina meta nitbegħdu minn Alla u nfittxu d-dinja u l-frugħat u l-qerq kollha tagħha – qisna tbegħedna minn dar Missierna tas-sema u morna f'art barranija. Iżda x'jiġri? Jasal il-waqt li nintebħu bil-miżerja li fiha nkunu waqajna meta fittixna l-frugħat u l-hena tad-dinja, li għall-ewwel jidhru sbiħ u jħajruna, iżda wara ma jħallux ħlief mrar u dwejjaq – jiġrilna bħall-iben il-ħali li meta tajjar ġidu kollu man-nisa tat-triq ma kellux biex jgħix u kellu joqgħod jirgħa l-qżieqeż, simbolu tal-miżerja kollha li jġib id-dnub. U meta jaħkmuna d-dwejjaq u l-imrar tal-ħajja tibda taħdem fina l-grazzja ta' Alla biex tqanqalna ħa nagħarfu l-iżbalji tagħna u tqawwilna qalbna biex inqumu mill-miżerja tagħna u nerġgħu lura għand il-Missier tas-sema, nitolbu maħfra fis-sagrament tal-penitenza. Hu dan li jkun jistenna minna l-Mulej, u meta jara li rġejna lura għandu, ikun hemm ferħ kbir fis-sema, ferħ kbir għal kull midneb li jindem minn dnubietu.

L-anġli jifirħu bl-indiema tal-midinbin, iżda ħafna minna, minkejja li huma nsara bħalna, ma jifirħux, kif ma ferħx bl-indiema ta' l-iben il-ħali ħuħ il-kbir. Aħna naħsbu bħalma jaħsbu l-bnedmin u nippretendu li ma tintweriex ħniena ma' min żbalja, iżda Alla mhux hekk, għax Alla hu għani fil-ħniena, u lilna li forsi jiddispjaċina xi ftit meta midneb kbir jikkonverti, il-Mulej jgħidilna dak li qal missier l-iben il-ħali: "Intom li qed tgħixu ħajja tajba, intom dejjem miegħi; kunu mela bħali, u jifirħu kif nifraħ jien meta xi ħadd fostkom jitbiegħed mid-dar u jerġa' lura niedem u sogħbien, għax jeħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu għal dak ħuna li kien mejjet u reġa' qam, li kien mitluf u nstab."

**Il-ħames Ħadd tar-Randan**

# IL-ĦWEJJEĠ KBAR LI ALLA GĦAMEL MAGĦNA

## Tħabbira ta' ħajja ġdida

Il-profeta Isaija, fit-tħabbir tiegħu lill-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim, tħabbir li smajna fl-ewwel qari ta' din il-Quddiesa, jistieden lill-poplu ta' Israel biex jinsa l-ħwejjeġ kbar li Alla għamel miegħu fil-ħruġ tiegħu mill-jasar ta' l-Eġittu meta għaddih mill-inxif minn nofs il-Baħar tal-Qasab, u qered f'nofs l-ilmijiet qawwija ta' dan il-baħar lill-Fargħun u l-karrijiet u ż-żwiemel u l-eżerċti u n-nies qalbiena kollha tiegħu.

Għaliex Isaija stieden lill-poplu ta' Israel biex jinsa dawn l-għeġubijiet kbar li Alla għamel biex tah ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu b'id qawwija u driegħ mifrux? Għax Alla kien se jagħmel ħaġa ġdida, għeġubijiet wisq aqwa minn dawk li kien għamel għall-ħelsien ta' Israel mill-jasar ta' l-Eġittu.

Għal Isaija, u għan-nies ta' żmienu, din il-ħaġa ġdida ma kinitx ħlief it-tmiem ta' l-eżilju kiefer tal-Lhud f'Babel, eżilju li dam sebgħin sena: dan l-eżilju kien wasal fi tmiem tiegħu, u Israel kien se jibda jgħix ħajja ġdida. Iżda din il-ħajja ġdida li l-profeta habbar lil Israelin, il-ħaġa ġdida tat-tmiem ta' l-eżilju tagħhom f'Babel kienet biss xbieha tal-ħajja tassew ġdida li seħħet permezz ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, it-tmiem ta' l-eżilju tagħna 'l bogħod mis-sema pajjiżna minħabba d-dnub, Kristu bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu għall-ħajja ġdida tana ħelsien sħiħ, fetħilna mill-ġdid il-bibien tas-sema, qajjimna mill-irqad tagħna għax dawwalna bid-dija tiegħu u hekk urina t-triq tas-sema, it-triq tas-salvazzjoni tagħna.

## Ħaġa ġdida li rebaħ Kristu għalina

Iżda kemm qegħdin inħossu aħna din il-ħaġa ġdida li rebħilna Kristu? Kemm napprezzaw is-salvazzjoni li kisbilna bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja? San Pawl, fit-tieni qari ta' llum, jurina kemm fehem sewwa x'kienet din il-ħaġa ġdida li ksibilna l-Mulej Ġesù; għaraf li kienet ġawhra mill-aktar fina li biex jakkwistaha ċċaħħad minn kollox, kien lest jitlef kollox, iqis kollox bħala knis biex ikun ħaġa waħda ma' Kristu, biex jikseb mingħandu l-ħbiberija tiegħu. Lilna wkoll tahielna Ġesù din il-ħaġa ġdida, għaliex bis-saħħa tal-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja, fil-Magħmudija tana li jkollna d-dinjità ta' wlied Alla, li nkunu ħutu u werrieta miegħu tas-saltna tas-sema. U dan mhux b'xi mertu tagħna, mhux għax ħarisna l-Liġi tiegħu, iżda għax emminna fih, għax Alla, fil-kobor tal-ħniena tiegħu għalina, tana d-don tal-fidi biex nagħarfuh u nsiru nixbhuh fit-tbatijiet tal-passjoni tiegħu ħalli miegħu mbagħad inqumu għall-ħajja ta' dejjem.

Iżda San Pawl ifakkarna li għalkemm ksibna dik il-ħaġa ġdida li tana l-Mulej, id-dinjità ta' wlied Alla, dan ma jfissirx li aħna fiż-żgur u se jkollna sehem fil-

wirt tas-sema miegħu. Dan għad ma lħaqnihx, imma għad irridu nitħabtu għalih: ħarsitna trid tkun dejjem lejn l-għan li rridu nilħqu, il-ħajja ta' dejjem u bħal San Pawl irridu nrossu 'l quddiem ħa niksbu l-premju tal-ħajja ta' dejjem li Alla qed isejħilna għalih.

## Il-ġrajja ta' l-adultera

X'irridu nagħmlu biex niksbu dan il-għan, biex nilħqu l-perfezzjoni li Alla jistenna minna? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù fl-Evanġelju ta' llum, fil-ġrajja tal-mara li nqabdet tiżni; folla ta' nies ħaduha għand Ġesù biex jaraw kif se jġib ruħu, biex jekk jikkundannaha jixluh b'nuqqas ta' ħniena u jekk jibgħatha jixluh bi qsir tal-liġi ta' Mosè. Iżda Ġesù ma weġibhomx, u minflok beda jikteb fit-trab ta' l-art, u wiehed wieħed dawk li xlew il-mara bdew jitilqu wara li Ġesù qalilhom: "Min hu bla ebda dnub ħa jibda jħaġġarha hu lil din il-mara". Imbagħad lill-mara qalilha: "Ħadd ma qed jikkundannak, u lanqas jien ma se nikkundannak; mur u tidnibx iżjed."

Minn din il-ġrajja tal-mara li nqabdet tiżni, nistgħu naraw x'għandna nagħmlu biex inrossu 'l quddiem ħa niksbu l-għan ta' ħajjitna: l-ewwelnett irridu nagħrfu x-xejn tagħna, id-dgħufija tagħna għax minkejja l-isforzi kollha li nagħmlu qatt ma aħna ħielsa għal kollox minn kull dnub, u spiss inħallu d-dinja bil-frugħat tagħha tqarraq bina u tbegħdna mit-triq tal-perfezzjoni; irridu mbagħad nirbħu t-tentazzjoni li nqisu ruħna aħjar mill-oħrajn u għalhekk nikkundannaw l-iżbalji żgħar ta' għajrna mingħajr ma nintebħu bin-nuqqasijiet kbar tagħna, lesti nikkundannaw u nitfgħu l-ġebla tagħna biex inħaġġru l-għajrna, iżda ma rridux li l-Mulej iċanfarna għas-suppervja tagħna li twassalna biex inqisu ruħna aktar ġusti mill-oħrajn; u fl-aħħarnett – u din hi l-aqwa ħaġa – jeħtieġ li ma nidinbux aktar. Dan għandu jkun il-proponiment tagħna f'dan iż-żmien ta' maħfra u rikonċiljazzjoni: nindmu tassew minn dnubietna, biex l-indiema tagħna tkun tassew konversjoni lejn Alla, biex imwettqin bil-grazzja ta' Alla inkomplu niġru 'l quddiem ħa nilħqu l-għan ta' ħajjitna – il-glorja tas-sema.

## Is-sitt Ħadd tar-Randan

# ĦADD IL-PALM U L-PASSJONI TAL-MULEJ

*Ir-rakkont tal-passjoni tal-Mulej ma tippermettix li ntawwlu ħafna l-omelija, iżda hu dmir tagħna li fil-qasir infissru l-messaġġ li trid tagħtina l-Knisja f'dan il-jum li jagħti bidu għaċ-ċelebrazzjoni solenni tal-misteru ta' l-Għid il-Kbir tal-Mulej. Għalhekk wara l-qari tal-passjoni, nistgħu nwasslu l-messaġġ tal-Quddiesa ta' llum bil-kliem li ġej, jew kliem ieħor bħalu:*

Fil-bidu tal-Quddiesa ta' llum fakkarna d-dħul trijonfali ta' Kristu f'Ġerusalemm u sseħibna mat-tfal tal-Lhud biex nagħtu glorja tifħir u ġieh lil Ġesù li bħala sultan rebbieħ daħal Ġerusalemm riekeb fuq ħmar, felu ta' ħmara, fost it-tixjir tal-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ, aħna u nkantaw: Hosanna lil Bin David! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Osanna lil Bin David!

Ġesù daħal Ġerusalemm biex jagħti bidu għall-passjoni u l-mewt tiegħu, passjoni u mewt li bihom kellu jikseb rebħa sħiħa fuq ix-xitan u jeħlisna mill-jasar tiegħu. Il-ħelsien tagħna mill-mewt u d-dnub seħħ permezz tal-passjoni kiefra tal-Mulej, passjoni li din is-sena tħabbritilna bil-kliem ta' l-Evanġelju ta' San Luqa: ġrajja li tħabritilna kemm-il darba, imma kull darba li titħabbrilna hi għalina dejjem tħabbira ġdida, għaliex l-Ispirtu Qaddis ta' Alla jgħinna nintebħu dejjem aktar bil-kobor bla qjies ta' l-imħabba u tal-ħniena ta' Alla u ta' Ibnu Ġesù Kristu Sidna, imħabba u ħniena li narawhom fil-ħafna episodji żgħar tar-rakkont tal-passjoni: il-ħarsa kollha ħlewwa ta' Ġesù lil San Pietru wara li dan kien ċaħdu għal tliet darbiet; il-kliem kollu ħlewwa u faraġ għan-nisa ta' Ġerusalemm iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh; it-tjieba taċ-Ċirinew li għen lil Ġesù jerfa' s-salib tiegħu lejn il-Kalvarju; il-wegħda magħmulha lill-ħalliel it-tajjeb imsallab ma' Kristu; ix-xhieda taċ-ċenturjun wara li Ġesù miet fuq is-salib; it-tjieba ta' Ġużeppi ta' Arimatija, membru tal-Kunsill tal-Lhud, li ħa ħsieb id-difna ta' Ġesù f'qabar ġdid. B'dan l-episodju tagħlaq it-tħabbira ta' l-Evanġelju ta' llum, iżda l-ġrajja ma tieqafx hawn – it-tmiem glorjuż tagħha jitħabbar lilna għeluq il-Ġimgħa Mqaddsa li tagħha qed nagħtu bidu llum, jitħabbar fil-lejl tas-Sibt li ġej, meta l-Knisja, meta l-ħolqien kollu, meta l-anġli tas-sema jifirħu għaliex il-Mulej ħareġ rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub u ta bidu għall-ħajja ġdida lill-ħolqien kollu, ħajja ġdida li tilħaq il-milja tagħna fil-glorja tas-smewwiet.

**L-ewwel Ħadd ta' l-Għid**

# IL-FERĦ TA' L-GĦID IL-KBIR TAL-MULEJ

## Il-Maddalena u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet

Nissieħbu llum mal-Knisja kollha f'dan il-ferħ ta' l-Għid imxerred ma' kullimkien fid-dinja għax illum il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna li hu Kristu, bil-mewt tiegħu feda n-nagħaġ tiegħu mill-jasar tal-mewt; u reġa' ħabbeb il-midneb ma' Alla l-Missier f'taqbida ta' l-għaġeb bejn il-Ħajja u l-Mewt – rebħet il-Ħajja u nqerdet il-mewt. Hekk tkanta l-Knisja llum biex turi l-ferħ tagħha, hija u ħerqana tistaqsi u terġa' tistaqsi lil Maddalena, lil dik li l-ewwel waħda ltaqgħet ma' Kristu Rxoxt, u tgħidilha: "Għidilna, Marija, ħabbrilna lil min rajt fit-triq?" u l-Maddalena tweġibna u tgħidilna: "Jien rajt qabar Kristu li rxoxta fis-sebħ tal-qawmien, rajt l-Anġli li ġew jagħtu xhieda, rajt il-faxxa u l-liżar."

Dan il-kliem tal-Maddalena hu mwettaq mill-Evanġelju li tħabbrilna llum, mill-Evaneġlju li tul il-ġimgħa kollha li ġejja se jħabbrilna dak li ġara filgħodu kmieni mas-sebħ fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

Marjam ta' Magdala, jew kif aktar nafuha aħna l-Maddalena, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni, kif kien għadu d-dlam, marret ħdejn il-qabar fejn kien ġie midfun ġisem il-Mulej, il-Ġimgħa filgħaxija; marret biex tagħmel dak li ma kellhiex żmien tagħmel il-Ġimgħa filgħaxija għax kien beda l-mistrieħ tas-Sibt tal-Lhud. Marret lejn il-qabar ma' l-ewwel mument li fih setgħet tagħmel mal-ġisem ta' Kristu dak li kienet titlob id-drawwa tal-Lhud; marret kollha ħosbiena ssibx lil xi ħadd biex ineħħilha l-ġebla li kienet tagħlaq il-qabar, ħalli tkun tista' tidħol ħdejn ġisem Ġesù. Iżda meta waslet, smajna fit-tħabbira ta' l-Evanġelju ta' llum, sabet il-ġebla mneħħija u minnufih telqet tiġri tgħid lill-Appostli li sabet il-qabar vojt: "Qalgħu l-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh". San Pietru u San Ġwann telqu jiġru lejn il-qabar; San Ġwann wasal l-ewwel iżda stenna lil San Pietru jidħol fil-qabar biex jara b'għajnejh il-qabar vojt; warajh daħal San Ġwann u ra l-faxex ta' l-għażel li bih kien imgeżwer ġisem Ġesù mixħutin f'rokna u l-maktur li kien madwar rasu imgeżwer u mixħut għalih mhux ħdejn il-faxex. Meta ra dan, San Ġwann emmen: kien l-ewwel wieħed li ftakar dak li kien ħabbrilhom il-Mulej meta semmgħalhom il-passjoni u l-mewt tiegħu u ħabbrilhom li wara tliet ijiem jerġa' jqum mill-imwiet. Dak in-nhar ma fehmuhx x'ried jgħidilhom Ġesù għax ma kenux jafu x'jiġifieri qawmien mill-imwiet: iżda issa San Ġwann quddiem il-qabar vojt ftakar fi kliem Ġesù u emmen għalkemm kien għad ma rax lil Ġesù rxoxt. Għaliex kienet il-Maddalena, għall-imħabba kbira li kellha għal Ġesù li kellha tkun l-ewwel xhud tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet. Marijam ta' Magdala baqgħet ħdejn il-qabar vojt, ma tafx x'taqbad tagħmel, meta dehrilha Ġesù: ma għarfitux, ħasbitu l-ġardinar, iżda meta

sejħilha b'isimha gharfitu, u marret tiġri twassal l-ordni li ta Ġesù biex tgħid lill-Appostli jmorru jistennew fil-Galilija.

## Ix-xhieda ta' l-Appostli

Il-Maddalena saret l-ewwel xhud għalina tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, u warajha mbagħad għandna l-Appostli, li tul erbgħin jum ġew imwettqin mill-Mulej fil-fidi tagħhom fil-qawmien tiegħu mill-imwiet, għalkemm xi wħud baqgħu jiddubitaw sakemm irċevew id-don ta' l-Ispritu s-Santu u tant kisbu konvinzjoni fil-fidi tagħhom fi Kristu rxoxt li dak il-mument stess li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu ħarġu f'nofs folla kbira ta' nies minn kull pajjiż tal-Mediterran u ħabbrulhom l-Bxara t-Tajba li ġiet imħabbra lilna fl-ewwel qari ta' llum: li Kristu qam mill-imwiet fit-tielet jum u deher mhux lil kulħadd imma lil dawk li kien għażel biex ikunu xhieda tiegħu sa truf l-art.

## It-tweġiba tagħna

Din ix-xhieda kompliet tingħata tul iż-żminijiet mis-suċċessuri ta' l-Appostli li sa llum, u jibqgħu sa l-aħħar taż-żmien, ifakkruna f'dan il-jum li għamel il-Mulej jum li fih għandna nifirħu u nithennew fil-Mulej, għaliex bis-saħħa ta' dan il-jum aħna mitna għad-dnub u rxoxtajna ma' Kristu għall-ħajja ġdida, dik il-ħajja li tilħaq il-kobor sħiħ tagħha meta Kristu jerġa' jiġi biex isejħilna ħa nidhru flimkien miegħu fis-sebħ tal-glorja tiegħu.

Dan iseħħ għalina jekk aħna, tul ħajjitna fid-dinja, naħsbu fuq il-ħwejjeġ tas-sema u mhux fuq dawk ta' l-art; jekk aħna inwarrbu minna l-ħmira tal-ħażen u tal-qerq biex inkunu ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa, kif ħeġġiġna San Pawl fit-tieni qari ta' llum. Jalla tul ħajjitna f'din id-dinja niltaqgħu spiss ma' Ġesù kif iltaqgħu miegħu nhar l-Għid filgħaxija ż–żewġ dixxipli li kienu sejrin Għemmaws; tul it-triq Ġesù fissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura dwaru; u meta qagħdu miegħu fuq il-mejda għarfuh fil-qsim tal-ħobż Ġesù jiltaqa' magħna dejjem waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, ifissrilna l-Kotba mqaddsa u mbagħad jistedinna għall-ikla ewkaristika tiegħu: jalla qatt ma nibqgħu lura milli nieħdu sehem miegħu f'din l-ikla ta' l-Għid tiegħu.

**It-tieni Ħadd ta' l-Għid**

# IL-FIDI FIL-QAWMIEN TA' KRISTU MILL-IMWIET

## Tmint ijiem wara

Ninsabu llum kif kienu jinsabu miġburin l-Appostli fiċ-Ċenaklu tmint ijiem wara li Ġesù kien qam mill-imwiet, ninsabu miġubrin nistennew il-miġja tal-Mulej fostna biex iwettaqna fil-fidi tagħna fiha, kif għamel dak in-nhar fiċ-Ċenaklu u wettaq il-fidi ta' l-Appostlu tiegħu San Tumas; dan ma riedx jemmen li Ġesù kien qam tassew mill-imwiet meta sħabu l-Appostli l-oħra qalulu li Ġesù kien deher fosthom waqt li hu ma kienx magħhom. Ma riedx jemminhom, ried jara b'għajnejh u jmiss b 'idejh is-sinjali ta' l-imsiemer biex jemmen li tassew Ġesù kien irxoxta. U Ġesù kkuntentah, għax meta reġa' deher fost l-Appostli, tmint ijiem wara li qam mill-imwiet, mar fuq San Tumas u qallu: "Newwel sebgħek 'l hawn u ara idejja, u ġib idejk u qiegħda fuq ġenbi; qis li ma tonqosx mill-fidi iżda emmen!"

## Nonqsu mill-fidi

Bħal San Tumas aħna wkoll kemm-il darba nonqsu mill-fidi u t-twissija ta' Ġesù lil San Tumas tgħodd għalina wkoll: "Qis li ma tonqosx mill-fidi iżda emmen". Kif nistgħu aħna nonqsu mill-fidi? Kif nistgħu ma nemmnux li Ġesù qam tassew mill-imwiet? Aħna lil Ġesù rxoxt ma narawhx kif rawh l-Appostli u kif rah San Tummas kemm-il darba, tul l-erbgħin jum li dam fid-dinja wara li qam mill-imwiet, qabel reġa' lura għand il-Missier. Iżda aħna, għalkemm ma narawx lil Ġesù rxoxt bl-għajnejn tal-ġisem, narawh bl-għajnejn tal-fidi; iżda din il-fidi tagħna, minħabba d-dgħufija li ġejja mid-dnub, kemm-il darba tiġi mġarrba minn ħafna dubbjji: Tgħid veru li Ġesù qam tassew mill-imwiet? Tgħid ma tqarrqux l-Appostli u l-fantażma ta' Kristu ħasbuh Kristu rxoxt? Tgħid ix-xewqa kbira tagħhom li jaraw 'il Kristu mqajjem mill-imwiet, kif kien ħabbrilhom kemm-il darba, ma waslithomx biex jaraw ħolm u dehriet, u xejn veru?

Dawn huma kollha diffikultajiet bla ebda pedament: l-Appostli ma fehmuhx lil Ġesù meta kellimhom fuq il-qawmien mill-imwiet, għax ma kinux jafu x'ifisser dan; meta xi nisa waslulhom l-aħbar li sabu l-qabar vojt, u meta l-Maddalena ħabbritilhom li kienet rat lil Ġesù u kelmitu ma ridux jemmnuha: ħasbuha qiegħda tewden; xi wħud minnhom baqgħu jiddubitaw sal-mument meta Ġesù reġa' tela s-sema. X'ġara mela biex f'daqqa waħda marilhom kull dubju li kellhom? Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu li tahom id-don tal-fidi u fakkarhom f'kull ma qalilhom Ġesù u neħħielhom kull dubju minn moħħom.

## Id-don tal-fidi

Hekk ukoll jagħmel magħna l-Ispirtu s-Santu li fil-Konfermazzjoni tana s-siġill tad-don tiegħu jiġifieri dritt għal kull għajnuna li neħtieġu biex nemmnu

li Ġesù qam tassew mill-imwiet kif emmnu l-ewwel insara f'Ġerusalemm bis-saħħa ta' l-Appostli. Dawn bdew jagħmlu ħafna għeġubijiet fost il-poplu u n-nies kienu jiġu minn kullimkien iġibu l-morda tagħhom ħalli mqar id-dell ta' San Pietru huwa u għaddej jgħaddi minn fuqhom u jfiqu. Dawn il-mirakli u għeġubijiet baqgħu jseħħu tul iż-żminijiet u għadhom iseħħu wkoll fiż-żminijiet tagħna: huma mirakli li kemm-il darba ma narawx b'għajnejna, mirakli li ma nintebħux bihom minnufih, imma huma kollha mirakli li l-Ispirtu s-Santu jagħmel fil-qlub tal-bnedmin ta' rieda tajba, permezz tal-ministri li Kristu għażel ħa jkunu amministraturi tal-misteri qaddisa tiegħu.

## Kif isiru l-mirakli biex aħna nemmnu

Dawn il-mirakli jsiru permezz tat-tħabbir tal-Kelma t'Alla meta Kristu nnifsu jkun ikellimna permezz tal-ministru tiegħu, kif kellimna llum stess meta permezz ta' l-Appostlu maħbub tiegħu San Ġwann u qalilna: "Jiena hu l-ewwel u l-aħħar. Jiena ħaj, jien kont mejjet imma issa ħaj għal dejjem ta' dejjem, u għandi jinsabu l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Qigħ l-art". Dan il-kliem ta' Gesù ikun għalina thewdin biss, kliem fieragħ li ma jfisser xejn, jekk m'għandniex id-don tal-fidi li bih nemmnu kull ma jgħidilna Ġesù permezz tal-ministri tiegħu, permezz tal-Knisja tiegħu. U dan id-don tal-fidi għadu kemm tahulna l-Mulej Ġesù stess malli deher fostna u semmagħlna kelmtu waqt il-qari ta' l-Evanġelju. Qalilna: "Il-paċi magħkom", dik il-paċi vera, dak is-sliem tassew li Ġesù niżel fid-dinja biex jagħtih lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba, lill-bnedmin kollha li fihom Alla jsib l-għaxqa tiegħu. Dan id-don tal-fidi iġib il-paċi fi qlubna, u jħarrab id-dubji kollha li x-xitan jista' jqajmilna f'moħħna. Dan is-sliem niksbuh jekk bħal San Tumas nistqarru l-fidi tagħna f'Ġesù rxoxt aħna u miegħu ngħidu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi".

Din l-istqarrija tal-fidi tagħna hi ta' siwi kbir quddiem Alla kif jgħidilna Ġesù stess. San Tumas emmen għax ra b'għajnejh u mess b'idejh; aħna la rajna u lanqas missejna s-sinjali tal-passjoni tal-Mulej, imma nemmnu u għalhekk aħna fost dawk li huma henjin għax ma rawx u emmnu fil-kelma ta' Kristu mwassla lilna mill-Evanġelju li l-Knisja tħabbrilna, f'kull jum tal-Mulej hija u tistedinna niċċelebraw magħha l-misteru tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

**It-tielet Ħadd ta' l-Għid**

# IL-QAWWA TA' L-IMĦABBA

## Ma nibżgħux nagħtu xhieda

Għandha ħafna tagħlim x'tagħtina l-Knisja llum biex biċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma ssaħħaħ fina l-fidi fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u hekk inkunu xhieda ta' dan il-misteru kbir tar-reliġjon tagħna quddiem id-dinja.

X'tagħlim trid tagħtina l-Knisja llum? L-ewwel tagħlima nsibuha fl-ewwel qari tal-Quddiesa, u hawn il-Knisja trid tgħidilna li ma għandna nibżgħu qatt nagħtu xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja minkejja d-diffikultajiet u t-tiġrib li miegħu nistgħu niltaqgħu għax, kif stqarrew l-Appostli quddiem is-Sanhedrin, jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin.

Il-mexxejja tal-Lhud kienu ordnaw lill-Appostli biex ma jxandrux aktar 'il Kristu, għax dan ix-xandir kien qiegħed jinkwetahom ħafna; imma l-Appostli wieġbu li dan l-ordni qatt ma setgħu jobduh għaliex kienu rċevew ordni mingħand Ġesù li jxandru l-Bxara t-Tajba sa tfur l-art kollha, u kienu rċevew l-Ispirtu s-Santu biex ikunu xhieda qalbiena quddiem id-dinja kollha. L-Ispirtu s-Santu, bid-doni tiegħu, tahom il-qawwa jirbħu kull tiġrib, anzi tahom il-qawwa li jfirħu bil-persekuzzjonijiet li kienu qed iġarrbu minħabba l-isem ta' Ġesù.

L-eżempju ta' l-Appostli hu tagħlima għall-insara ta' kull żmien għalina wkoll: meta niġu biex nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, għandna nagħżlu li nagħmlu dejjem dak li hu tajjeb quddiem Alla, ukoll jekk dan se jfisser ħafna tbatija u tiġrib għalina; iżda dawn it-tbatijiet għandhom ikunu għajn ta' ferħ għalina għax inkunu qed niġu mmaqdrim għall-imħabba ta' Alla.

## Hija l-qawwa ta' l-imħabba li tagħmilna xhieda

Hija l-imħabba ta' Alla li għandha tmexxija f'kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu. U dan naraw mill-kliem li Ġesù qal lil San Pietru, kliem li bih Ġesù ta lill-Appostlu tiegħu l-okkażjoni li jpatti bi tliet stqarrijiet ta' mħabba għat-tliet ċaħdiet tiegħu fil-Pretorju, fil-lejl li Ġesù ġie tradut. Għat-tliet tweġibiet ta' San Pietru għall-mistoqsija tal-Mulej: "Tħobbni int", Ġesù tah is-setgħa jirgħa n-ngħaġ u l-ħrief tiegħu, jiġifieri tah setgħa fuq il-Knisja kollha; iżda żied jgħidlu li fil-qadi ta' din is-setgħa, kien se jimxi lejn it-triq tal-martirju: "Meta kont żagħżugħ", qallu, "Kont titħażżem waħdek u tmur fejn trid, imma issa li xjeħt inti tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u jieħdok fejn ma tridx."

Kienet l-imħabba għal Kristu li wasslet lil San Pietru għall-martirju, kienet dejjem l-imħabba li wasslet l-Appostli li jixhdu quddiem is-Sanhedrin li aħjar tobdi 'l Alla mill-bniedem, u kienet l-imħabba li tul iż-żminijiet kollha wasslet

lil tant u tant insara jagħtu xhieda ta' Kristu sat-tixrid tad-demm ukoll, u hi l-imħabba li fi żmienna wkoll wasslet tant qlub ġenerużi ibatu biex jibqgħu fidili lejn Kristu, minkejja t-tiġrib kollu li miegħu ltaqgħu.

Din l-imħabba, li twassal sa l-ogħla sagrifiċju, dejjem tat kotra bla qjies ta' frott – "id-demm tal-martri", kiteb Tertulljan fit-tielet seklu, "hu żerriegħa ta' l-insara"; fi kliem ieħor il-Knisja kibret tul iż-żminijiet u xterdet ma' kullimkien bix-xhieda ta' l-imħabba li l-insara ta' kull żmien taw quddiem id-dinja.

Dan il-mod tal-kobor tal-Knisja nistgħu narawh imħabbar fil-miraklu li seħħ ħdejn il-baħar ta' Tiberja: l-Appostli għamlu lejl sħiħ jistadu u ma jaqbdu xejn ħut, iżda għall-kelma tal-Mulej qabdu kotra kbira ta' ħut, u meta niżlu l-art sabu l-Mulej jistennihom u jnewwlilhom il-ħobż u l-ħut. Nistgħu naraw misteri kbar iseħħu f'din il-ġrajja: il-kotra kbira ta' ħut li l-Appostli qabdu mal-kelma tal-Mulej turina li l-Knisja tikber u tixtered max-xandir tal-Kelma ta' Alla għax il-ħidma ta' l-Appostlu ma tagħtix frott jekk ma tkunx imwettqa mill-Kelma ta' Alla; iżda t-tħabbir tal-Kelma jitlob ħafna sagrifiċċji – l-Appostli batew biex itellgħu fid-dgħajsa x-xibka mimlija ħut – u dawn is-sagrifiċċji jsiru biss jekk ikun hemm l-imħabba. U minn fejn tiġi l-imħabba? Narawh fl-ikla li l-Appostli sabu malli niżlu l-art: ħobż u ftit ħutiet jinxtwew: simblu ta' l-Ewkaristija, is-sagrament ta' l-imħabba, li jwettaq il-ħidma ta' l-Appostlu ta' Kristu, huwa u jaqdi l-missjoni tiegħu jħabbar lid-dinja l-misteru tas-salvazzjoni u jsejjaħ il-bnedmin kollha ta' rieda tajba ħa jaqbdu t-triq li twassal għall-ħajja ta' dejjem, fejn aħna lkoll li nemmnu u ngħixu fl-imħabba għad ningħaqdu mal-qtajja ta' l-Anġli fis-sema biex itennu lill-Mulej l-innu, li tħabbrilna fit-tieni qari ta' llum, u nagħtu tifħir, ġieħ, glorja, ħakma u radd il-ħajr għal dejjem ta' dejjem lil Alla wieħed fi Tliet Persuni, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

## Ir-raba' Ħadd ta' l-Għid

### TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET

*Flok l-omelija llum jista' jinqara l-Messaġġ tal-Papa għal dan il-Jum paġ. 00. Wara l-omelija, jixraq li tingħad it-talba tal-Papa li hemm fil-Messaġġ.*

### In-ngħaġ tal-Mulej

Ġesù llum qed jippreżenta ruħu lilna tant ix-xbieha tar-Ragħaj it-tajjeb li jagħraf in-ngħaġ tiegħu: huma jimxu warajh għax jisimgħu leħnu huwa u jsejħilhom lejn il-ħajja ta' dejjem. Min huma dawn in-ngħaġ li r-Ragħaj it-tajjeb imexxihom lejn il-mergħat ta' dejjem? Iweġibna l-ktieb ta' l-Apokalissi: huma dik il-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien li jinsabu weqfin quddiem il-Ħaruf li kien maqtul, li jinsabu quddiem Ġesù, lebsin l-ilbiesi bojod u bil-friegħi tal-palm f'idejhom; huma dawk li ħaslu lbieshom u bajduhom bid-demm tal-Ħaruf, jiġifieri dawk li ssaffew mit-tniġġis kollha tad-dnub u twieldu mill-ġdid fl-ilma u bl-Ispirtu s-Santu bis-saħħa tas-salvazzjoni li Kristu kiseb bit-tixrid ta' demmu fuq is-salib; huma qegħdin igawdu l-hena ta' dejjem għax ħelsu minn kull tiġrib u minn kull niket tal-ħajja tad-dinja, għax kien il-Mulej innifsu, bħala r-Ragħaj it-tajjeb li wassalhom ħdejh, ħdejn l-għejun ta' l-ilmijiet tal-ħajja u xxutalhom kull demgħa minn għajnejhom.

Hu għalhekk li Ġesù fl-Evanġelju qalilna li n-ngħaġ tiegħu ma jeħodomlu ħadd, għax tahomlu l-Missier u l-Missier hu aqwa minn kulħadd.

### Il-ħerqa tar-ragħaj għan-ngħaġ tiegħu

Dan il-kliem sabiħ li ħabbrilna l-qari ta' llum għandu jimliena b'ferħ kbir, iżda fl-istess ħin fih twissija għalina, lilna li l-Mulej daħħalna fil-merħla tan-ngħaġ tiegħu: ħadd ma jista' jaħtafna minn taħt idejn Ġesù, ibegħdna minn taħt il-ħarsien tiegħu, iżda aħna, sakemm għadna mexjin wara Ġesù lejn il-mergħat ta' dejjem, nistgħu nibegħdu mill-merħla, ma nagħtux widen għall-Kelma ta' Ġesù li twasslilna l-Knisja, nistgħu nagħtu widen għall-ilħna oħra li m'humiex leħen ir-Ragħaj it-tajjeb u nistgħu nintilfu. Iżda dan Ġesù ma jridux, u hu stess jgħidilna li ma jieqafx ifittex kull ngħaġa li tintiliflu: jiġri warajna meta nitbegħdu minnu, ma jieqaf qatt isejħilna, bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu bla heda jqanqal qlubna ħa nerġgħu lura lejh, u jekk dan, ikun hemm ferħ kbir fis-sema; iżda jekk aħna nibqgħu nwebbsu rasna u nkomplu nitbegħdu minnu, ikun hemm niket kbir fis-sema minħabba t-telfien tagħna, minħabba n-nagħġa mitlufa li ma nstabitx.

### Ragħajja ta' Kristu

Imma kif jagħmel Ġesù biex isemma' leħnu lin-ngħaġ tiegħu? Kif jagħmel biex ifittex in-nagħġa mitlufa? Permezz dawk li jagħżel ħalli, msieħbin miegħu, ikompli fid-dinja l-missjoni tiegħu ta' ragħajja tal-merħla tiegħu. Hu għalhekk

li l-Knisja, f'jum il-festa tar-Ragħaj it-tajjeb tridna nitolbu għall-vokazzjonijiet, jiġifieri tridna nitolbu lill-Mulej biex isejjaħ ħafna ħaddiema fil-ħsad tiegħu, fil-Knisja tiegħu, għax il-ħsad kbir u l-ħaddiema ftit, għax l-għadd tan-nies fid-dinja, – u kotra l-kbira tagħhom na jafux bi Kristu – dejjem qed jiżdied u l-għadd ta' dawk li jwasslulhom lil Kristu dejjem aktar qiegħed jonqos: Kristu jrid jiġi mwassal lilhom ukoll, kif ħabbrilna l-ewwel qari.

## Il-problema tal-vokazzjonijiet

Il-Mulej ma jieqaf qatt isejjaħ, iżda kemm illum qed jagħtu widen għal-leħen tiegħu? I-Mulej jibda jsejjaħ lil min fuqu jitfa ħarsa ta' mħabba speċjali minn ċkunitu, minn żogħżitu, imma kemm iwieġbu b'ġenerożità kbira għal dawn is-sejħat tal-Mulej? Għalhekk il-Papa fil-messaġġ tiegħu ta' din is-sena jridna naraw x'rabta kbira hekk bejn il-pastorali tal-vokazzjonijiet u l-pastorali taż-żgħażagħ. Il-Knisja għandha ħerqa kbira għaż-żgħażagħ, u l-Papa ma jieqafx ifakkarna f'dan, u fil-Messaġġ tiegħu jrid li ż-żgħażagħ jagħmlu lil Ġesù l-mistoqsija li għamillu ż-żagħżugħ ta' l-Evanġelju: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem". Ġesù wieġbu: "Ejja u imxi warajja". Dak iż-żagħżugħ, għamel kif qed jagħmlu ħafna żgħażagħ illum: għax imqarrqin mill-frugħat tad-dinja, mhux qed jagħtu widen għal-leħen ta' Ġesù. Iżda Ġesù ma jieqaf qatt isejjaħ, u l-Papa jrid ifakkar iż-żgħażagħ li kull wieħed minnhom, kull ġuvni u kull xebba, għandha sejħa minn Alla, sejħa jew vokazzjoni mhux biss għas-saċerdozju, mhux biss għall-ħajja reliġjuża jew għall-ħajja missjunarja, imma wkoll għall-ħajja fid-dinja, għax bil-ħajja fid-dinja wkoll nistgħu nkomplu l-missjoni tar-Ragħaj it-tajjeb, billi bil-kelma u l-imġiba tagħna nqaddsu d-dinja madwarna u nagħmluha post xieraq għas-Saltna ta' Alla. Iżda s-sejħa għas-saċerdozju, għall-ħajja reliġjuża u għall-ħajja missjunarja huma sejħat speċjali, doni speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu lil dawk li l-Mulej jixħet fuqhom ħarsa speċjali ta' mħabba. Hu dmir tagħna llum nitolbu biex dawn jilqgħu din is-sejħa li qed jagħmlilhom il-Mulej u jwieġbu għaliha bil-ġenerożità kollha ta' qalbhom. Flimkien mal-Papa għalhekk nitolbu lill-Verġni Marija, Omm ir-Ragħaj it-tajjeb u Reġina ta' l-Appostli, biex tieqaf ma' dawk kollha li Binha jsejjaħ għal warajh, hu jwieġbu għas-sejħa tiegħu bl-istess "iva" li biha wieġbet għas-sejħa ta' Alla li tkun Omm il-Feddej tagħha.

**Il-ħames Ħadd ta' l-Għid**

L-IMĦABBA TA' BEJNIETNA

## Il-qofol tal-ħajja nisranija

Fl-aħħar ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata għalina, Ġesù lid-dixxipli tahom kmandament ġdid, qalilhom: "Nagħtikom kmandament ġdid li tħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi: jekk ikollkom imħabba lejn xulxin".

F'dan il-kliem ta' Ġesù għandna naraw il-qofol tal-ħajja nisranija, l-Imħabba: l-imħabba bejn l-aħwa li tagħha taw eżempju mill-isbaħ l-ewwel insara f'Ġerusalemm, kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli. Għalkemm ma kinux jingħaqdu magħhom, in-nies ta' Ġerusalemm kienu jistagħġbu bl-imħabba li l-ewwel insara kienu juru għal xulxin: kellhom kollox bejniethom, ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn, għax kulħadd kien dejjem lest jgħin lill-aħwa fil-bżonn. Kienet vera mħabba din ta' l-ewwel insara ta' Ġerusalemm, għax kienu jħobbu 'l xulxin kif ħabbhom il-Mulej. Għaliex f'dan tikkonsisti l-vera mħabba: imħabba li tkun xbieha ta' l-imħabba ta' Alla għalina – hekk riedha Ġesù. Imma, kif nistgħu nħobbu 'l xulxin kif ħabbna l-Missier? Il-Missier wera l-imħabba tiegħu bla qies għalina meta tana lil Ibnu stess għas-salvazzjoni tagħna, meta bagħtu fid-dinja mhux biex ikun moqdi imma biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra. Dan tal-Missier kien l-akbar għemil ta' mħabba li jista' jkun hemm, għax, kif qalilna Ġesù, m'hemmx imħabba akbar minn dik ta' dak li jagħti ħajtu għal ħbiebu – hi mħabba li twassal ukoll għall-ogħla sagrifiċċju li jista' jagħmel il-bniedem, is-sagrifiċċju ta' ħajtu stess.

## L-imħabba li ġejja mill-Ispirtu s-Santu

Din l-imħabba tissawwab fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu li jingħata lilna meta nitwieldu mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu u titwettaq fina bid-doni ta' l-Ispirtu s-Santu li qatt ma jonqsuna tul ħajjitna kollha għax f'ruħna nġibu s-siġill ta' dawn id-doni, is-sinjal li jagħtina dritt għalihom. Dawn id-doni jaħdmu fina dejjem sakemm aħna ma nxekklux il-ħidma ta' l-ispirtu s-Santu fina – dan nagħmluh meta flok ngħixu fl-imħabba ta' Alla, infittxu l-imħabba fiergħa u qarrieqa tad-dinja tad-dnub, imħabba qarrieqa li ma tħalliniex ninħabbu bejnietna bħalma ħabbna l-Mulej.

## Eżempji ta' mħabba vera

Il-ġrajja kollha tal-Knisja, tul l-elfejn sena tagħna, turina għadd bla qies ta' eżempji ta' din l-imħabba. L-ewwel qari ta' llum isemmilna l-ħidma ta' San Pawl u San Barnaba biex iħabbru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus: meta reġgħu lura minn dan l-ewwel vjaġġ missjunarju qalu lill-ġemgħa ta' l-insara f'Antjokja

dak kollu li l-Mulej għamel magħhom: batew ħafna, għaddew minn ħafna tiġrib imma ma qatgħux qalbhom għax kienet qed timbuttahom l-imħabba għal ħuthom il-bnedmin l-oħra. Kienet l-imħabba għall-bnedmin kollha li, fuq l-eżempju tal-Mulej, waslet l-Appostli biex jiġġerrew mad-dinja kollha jwasslu l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni biex il-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu għall-għarfien ta' Alla wieħed u veru u ta' Dak li bagħat Ibnu Ġesù Kristu Sidna. Din l-imħabba għall-bnedmin l-oħra, kif ħabbna l-Mulej, tul iż-żminijiet kollha qanqlet tant u tant saċerdoti, tant u tant reliġjużi, tant u tant lajċi wkoll biex jissagrifikaw ruħhom, jiċċaħdu minn kollox, u kemm-il darba wkoll jissagrifikaw l-istess ħajjithom ħa jwasslu l-Bxara t-tajb tas-salvazzjoni, l-imħabba bla qies ta' Alla għall-bnedmin kollha sa truf l-art.

## Eżempji ta' llum

Dan l-għemil ta' mħabba bejn l-aħwa kellna u għandna eżempji mill-isbaħ llum ukoll l-aktar f'dawk il-pajjiżi li għaddew, jew għadhom għaddejjin, mit-tiġrib tal-persekuzzjoni, tal-moħqrija u tal-mibegħda: eluf u eluf huma dawn il-martri kbar ta' l-imħabba għal aħwa; nafu biss minn kienu dawn il-martri kbar ta' l-imħabba fi żmienna, San Massimiljanu Marija Kolbe, Edith Stein, il-martri ta' Spanja, li l-Knisja llum tqimhom bħala martri ta' l-imħabba, iżda l-kotra l-kbira ta' dawn il-martri ta' l-imħabba isimhom hu moħbi għalina; moħbi għalina iżda mhux moħbi għal Alla għaliex huma fost dik il-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha minn kull ġens u poplu, minn kull tribù u lsien, lebsin ilbies bojod u bil-friegħi tal-palm f'idejhom, li qegħdin quddiem it-tron ta' Alla u quddiem il-ħaruf, kien ġie mħabbar lilna fit-tieni qari tal-Quddiesa tal-Ħadd li għada. Dawn huma ċittadini tal-belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema: fiha laqagħhom il-Mulej u xxottalhom kull demgħa minn għajnejhom: għalihom ma hemmx aktar biki, jew għajjat, jew tbatija u lanqas iżjed mewt: dak kollu li ġarrbu fid-dinja mill-għedewwa tas-Salib ta' Kristu għab għal kollox għalihom: huma fis-sema igawdu l-hena u s-sliem li l-Mulej għandu mħejji għal dawk kollha li fid-dinja ħabbew lill-bnedmin ħuthom b'dik l-istess imħabba li biha Alla ħabbna.

**Is-sitt Ħadd ta' l-Għid**

# IL-ĦIDMA TA' L-ISPIRTU S-SANTU FIL-KNISJA

## Kliem Ġesù llum

L-Evanġelju ta' llum ħabbrilna silta mill-kliem li Ġesù qal lill-Appostli huwa u jagħmel l-Aħħar Ikla tiegħu magħhom qabel bata għalina, għas-salvazzjoni tagħna. Kliem Ġesù, li għadu kemm tħabbar lilna hu mimli tagħlim kbir: Kellimna dwar l-imħabba li biha għandna nħobbuh biex tkun ta' ġid kbir għalina; kellimna dwar l-Ispirtu s-Santu li wiegħed li jagħtina biex ikun Difensur ieħor għalina wara li hu jerġa' lura għand il-Missier; kellimna dwar is-sliem li kien se jagħtina, sliem li ma għandux x'jaqsam mas-sliem fieragħ li twegħedna d-dinja; u qawwilna qalbna biex ma nibżgħux imma nifirħu għax hu sejjer għand il-Missier, biex iħejjijlna post, ħalli, meta jasal il-waqt, jerġa' jiġi ħa jeħodna miegħu fis-saltna tiegħu.

## Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu

Minn dak il-kliem kollu ta' Ġesù, li għandu jfisser ħafna għalina, il-Knisja tridna niġbdu l-attenzjoni kollha tagħna fuq kliem Ġesù dwar l-Ispirtu s-Santu. Ġesù sejjaħlu Difensur jew Paraklitu, wieħed li jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna, għaliex aħna lanqas għandna l-ħila nsemmu l-isem ta' Ġesù u jkun jiswielna għas-salvazzjoni jekk l-Ispirtu s-Santu ma jidħolx għalina. L-Ispirtu s-Santu se jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila tagħna, għaliex se jgħallimna kollox u se jfakkarna f'dak kollu li jgħidilna Ġesù.

Ġesù, il-kliem li smajna, qalu lill-Appostli waqt l-Aħħar Ikla tiegħu magħhom, iżda baqa' jtennih tul iż-żminijiet kollha, f'kull laqgħa tiegħu mal-poplu li hu kiseb għalih: tennih lilna wkoll illum, għaliex kien hu li kellimna permezz tal-ministru tiegħu, biex iħabbrilna l-ħidma li l-Ispirtu s-Santu se jagħmel magħna bħala Difensur tagħna. Se jfakkarna l-veritajiet tal-fidi li aħna nistqarru, se jgħidilna x'inhuma d-dmirijiet tagħna bħala dixxipli tal-Mulej, bħala nsara, bħala nies li niftaħru bl-isem ta' nsara li aħna nġibu. U dan l-Ispirtu s-Santu jagħmlu permezz tad-doni li hu jagħtina, id-doni ta' l-għerf u tax-xjenza, tal-qawwa, ta' l-għaqal u tad-dehen, permezz tal-pjetà u tal-biża' ta' Alla.

Din il-ħidma l-Ispirtu s-Santu beda jagħmilha fil-Knisja ta' Kristu u f'kull wieħed u waħda mill-membri tagħha minn dak inhar li niżel fuq l-Appostli u fuq dawk id-dixxipli kollha li flimkien mal-Madonna kienu miġburin magħhom jistennew isseħħ il-wegħda ta' Ġesù. Minn dakinhar l-Ispirtu s-Santu ma waqaf qatt mill-ħidma tiegħu ta' Difensur fil-Knisja sa mill-bidunett, kif wriena l-ewwel qari ta' llum.

## It-tiġrid tal-Knisja

Il-Knisja sa mill-bidu tagħha kienet imġarrba minn ħafna tfixkil, tfixkil mhux biss minn barra, bħalma kienu l-persekuzzjonijiet, imma tfixkil ukoll minn ħdanha stess, minħabba l-kwistjonijiet li jinqalgħu kif jurina l-ewwel qari ta' llum.

Kienet kwistjoni serja għax kienet theddida għall-istess missjoni li ġiet fdata lill-Knisja mill-Mulej innifsu li tħabbar l-Evanġelju lill-ħolqien kollu, lill-ġnus kollha ta' l-art. Issa kien hemm xi wħud li saru nsara minn fost il-Lhud u dawn ippretendew li l-pagani, biex jiġu milqugħin bħala dixxipli ta' Kristu, kellhom l-ewwel isiru Lhud. San Pawl, li lilu, kif hu stess jgħid, ġie rivelat il-misteru moħbi sa mill-bidu, jiġifieri li l-pagani wkoll huma msejħin għas-salvazzjoni, ħadha bil-qawwa kbira kontra din il-fehma, u qamet kriżi fil-Knisja ta' l-ewwel żminijiet; u l-Appostli f'Ġerusalemm iltaqgħu biex jaraw x'jistgħu jagħmlu – mexxihom l-Ispirtu s-Santu kif huma stess stqarrew, kif stmajna fl-ewwel qari: "Lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna m'għandniex ngħabbukom b'ebda piż ieħor ħlief dak li hu meħtieġ".

## L-Ispirtu s-Santu jmexxi l-Knisja

Il-fatt jurina kif l-Ispirtu s-Santu ma jieqaf qatt ikun id-Difensur tal-Knisja u jfakkarha u jgħallimha; u dan narawh ukoll fil-ġrajja kollha ta' l-elfejn sena tal-Knisja, qed narawh fi żminijietna wkoll.

Tul l-elfejn sena li għaddew kien hemm ħafna firdiet fil-Knisja; minn dawn il-firdiet l-Ispirtu s-Santu għaraf joħroġ ġid kbir għall-Knisja, għax kif qal il-Papa dan l-aħħar dawn il-firdiet waslu biex jingħaraf ħafna għana tal-misteru tal-Knisja li kieku kien jibqa' mhux magħruf; u llum l-Ispirtu s-Santu qed imexxi dejjem aktar lejn xulxin dawn id-dixxipli tal-Mulej li jinsabu mifrudin minn xulxin, u qegħdin jintebħu li hemm wisq aktar li jgħaqqadhom bejniethom minn dak li jifridhom, u għalhekk, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, qed jitolbu u jħabirku biex, meta Alla jrid u kif irid, isseħħ it-talba tal-Mulej għamel wara l-Aħħar Ikla tiegħu, li lkoll, dawk kollha li jemmnu fih, ikun ħaġa waħda bejniethom fih, biex hekk f'din id-dinja wkoll il-Knisja tidher fil-ġmiel kollu tagħha, mingħajr l-għajb tal-firda, u tkun tassew xbieha ta' dak li għad tkun fil-glorja ta' dejjem, Ġerusalemm tas-sema, li, kif smajna fit-tieni qari ta' llum San Ġwann ra nieżla mis-sema, mingħand Alla, bis-sebħ ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra l-aktar prezzjuża.

Lejn din il-belt aħna lkoll mexjin imdawwlin mill-Ispirtu s-Santu: naslu fiha jekk inħobbu 'l Ġesù kif ħabbna hu, u nħarsu l-kmandamenti tiegħu. Hi x-xewqa ta' Ġerusalemm tas-sema li għandha tmexxina tul ħajjitna fuq l-art, sa ma naslu għall-hena ta' dejjem fis-sema.

**Is-seba' Ħadd ta' l-Għid**

# TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA

*(Jum il-Mezzi ta' komunikazzjoni soċjali)*

## Kliem il-Mulej lilna

Illum il-Knisja qiegħda tistedinna biex ngħixu mill-ġdid il-ġrajja li seħħet erbgħin jum wara li Ġesù qam mill-imwiet, il-ġrajja tat-tlugħ tiegħu fis-sema. Il-Knisja qed tistedinna nissieħbu mal-Mulej huwa u miexi, flimkien ma' l-Appostli tiegħu, ħa nisimgħu l-aħħar kliem tiegħu qabel reġa' lura għand il-Missier. X'qal lill-Appostli? X'qed jgħid lilna llum? Qalilhom jistennew isseħħ il-wegħda li kien għamlilhom waqt l-Aħħar Ikla tiegħu magħhom, jiġifieri jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu qabel jixterdu ma' l-art kollha jħabbru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u jistiednu lill-bnedmin kollha għall-indiema ta' dnubiethom. L-istess ħaġa qed jgħid lilna llum, li ġa rċevejna d-don ta' l-Ispirtu s-Santu, li ġa rċevejna is-siġill tad-don tiegħu f'ruħna: qed jgħidilna li aħna wkoll, bħall-Appostli msejħin biex ixandru l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u nistiednu l-bnedmin għall-indiema ta' dnubiethom.

## Kif se naqdu l-missjoni tagħna llum

U l-Knisja llum qed tgħidilna b'liema mod għandna naqdu din il-missjoni tagħna: l-Appostli qdew il-missjoni tagħhom, bil-kilba tagħhom u bil-kelma ħajja tagħhom fis-sinagogi tal-Lhud u fil-pjazez tal-pagani; aħna llum għandna mezzi aqwa għall-qadi tal-missjoni tagħna, għalkemm il-kitba għadha mezz mill-aktar qawwi, u l-kelma ħajja tagħna ta' xhieda għal Kristu għandha l-qawwa tagħha wkoll. Hu għalhekk li llum il-Knisja tistedinna biex nagħmlu użu mill-aħjar tal-mezzi li hemm illum biex inwasslu lil kull bniedem il-messaġġ ta' l-Evaneġlju – hemm il-ġurnali, il-kotba, ir-radju, it-T.V., iċ-ċinema. U fuq iċ-ċinema l-Papa din is-sena ried jinsisti fil-messaġġ tiegħu għal dan il-jum: hu mezz kbir ta' edukazzjoni, u mezz ukoll ta' rikreazzjoni, iżda jista' jkun, u fil-fatt hu, ukoll skola ta' vjolenza, ta' sesswaliżmu, ta' konsumiżmu, u ta' materjaliżmu l-aktar sfaċċat, u llum permezz tal-films fuq it-T.V. qed jidħol fid-djar tagħna lkoll, u qed ikollu influwenza kbira fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.

## Il-films

Inkunu naqdu l-missjoni tagħna ta' nsara li nagħarfu nagħżlu t-tajjeb kollu li jagħtina dan il-mezz hekk qawwi ta' komunikazzjoni soċjali, u bil-kelma u bl-eżempju tagħna nħajru lill-oħrajn jagħmlu huma wkoll użu tajjeb minn dan il-mezz. Hemm produtturi ta' films li qed jipproduċu films edukattivi, tajbin għall-membri kollha tal-familja, imma hemm ħafna li moħħom biss mill-qliegħ u sakemm film iħallilhom qliegħ kbir ma jimpurtahom xejn jekk il-messaġġ li

jagħti hu tajjeb jew ħażin: iridu jkunu dawk li jmorru jaraw il-films kemm fis-swali u kemm fuq it-T.V. li bl-imġiba tagħhom juruhom li dak li hu ħażin fl-aħħar mill-aħħar ma jrendix.

Films tajbin jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira fil-mixi tagħna f'din id-dinja lejn s-sema pajjiżna, kif films ħżiena jistgħu jkunu ta' tfixkil kbir għalina f'din il-mixja tagħna. Hu dmir tagħna għalhekk li nevitaw kull ma jista' jbiegħdna mit-triq it-tajba u jkun ta' tifxkil għalina fil-qadi tal-missjoni tagħna bħala nsara.

## It-tifsir tal-festa ta' llum

Naqdu dan id-dmir tagħna u fl-aħħar niksbu l-hena ta' dejjem jekk inżommu quddiem għajnejna xi tfisser għalina l-festa ta' llum. Xi tfisser? Tgħidilna l-Knisja stess fit-talb tagħha llum, għax illum il-Knisja titlob biex kif Kristu tela' għand il-Missier hekk ukoll, meta jasal il-waqt, itella' lilna wkoll miegħu għall-hena ta' dejjem.

Din it-talba tal-Knisja l-Mulej mhux sejjer ma jismagħhiex għax qabel reġa' lura għand il-Missier berikna u wegħdna li jibgħatilna l-Ispirtu tiegħu ħa jkun id-Difensur tagħna f'din id-dinja u jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna f'dak li għandu x'jaqsam mal-missjoni tagħna fid-dinja bħala nsara.

Ġesù llum tela s-sema u hemm bla heda jidħol għalina quddiem il-Missier, hu li hu l-Medjatur il-waħdieni tagħna, 'il fuq minn kull saltna u setgħa, 'il fuq minn kull qawwa u ħakma. Il-fidi tagħna fi Kristu, bħala l-medjatur waħdieni tagħna twassalna biex b'qalb sinċiera, bil-kuxjenza tagħna ħielsa u safja minn kull ħażen, nersqu lejh, nersqu lejn it-tron tal-grazzja nitolbu l-għajnuna kollha f'waqtha li neħtieġu tul ħajjitna kollha.

U l-Knisja Ommna tidħol għalina wkoll u mingħand Alla ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Missier tal-glorja, titlob għalina l-Ispirtu ta' għerf ħalli nagħrfu x'inhi s-sejħa tagħna, x'inhi l-għana tal-glorja tal-wirt li għalih aħna msejħin flimkien mal-qaddisin, x'inhu l-kobor blq qjies tas-setgħa tiegħu, li, kif qajjem lil Kristu mill-imwiet, għad iqajjem il-ġisem imsejken tagħna mill-imwiet fl-aħħar taż-żminijiet biex, imżejnin b'ġisem nieqes mit-taħsir tal-qabar u liebes l-immortalità ningħaqdu għal dejjem ma' Kristu fis-saltna tiegħu ta' l-hena d-dawl u s-sliem.

### It-tmien Ħadd ta' l-Għid

# IL-MIĠJA TA' L-ISPIRTU S-SANTU

## L-imħabba

Ninsabu llum miġburin qisna fiċ-Ċenaklu flimkien ma' l-Appostli u l-Madonna nistennew isseħħ il-wegħda li għamel il-Mulej lill-Appostli fl-Aħħar Ikla tiegħu magħhom u li jtennihilna kull sena tul żmien l-Għid, il-Wegħda ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħu, li fl-Evanġelju li għadna kemm smajna se jgħallimna kollox u jfakkarna f'dak kollu li Ġesù qalilna tul iż-żmien kollu li għadda fostna fuq l-art, bniedem bħalna.

X'għallimna Ġesù? Il-qofol tat-tagħlim tiegħu tħabbrilna fil-bidu ta' l-Evanġelju ta' llum: "Jekk tħobbnuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi, jekk xi ħadd iħobbni jħares kelmti u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu". Fi kliem ieħor il-qofol tat-tagħlim ta' Ġesù huwa l-kmandment ta' l-imħabba, li fih jiġbor il-kmandamenti kollha, għaliex il-kmandamenti, kif ġew imħabbra minn Alla lil Mosè, ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jgħidulna x'ma għandniex nagħmlu jekk ma rridux nonqsu mill-imħabba ta' Alla u ta' għajrna. Jekk inħobbu 'l Alla mhux se nagħtu qima lil xi Alla ieħor, mhux se nkasbru ismu bid-dagħa u b'ħalf falz, se nqaddsu għalih l-ewwel jum ta' kull ġimgħa; jekk inħobbu lil għajrna mhux se nagħmlulu deni la lill-persuna tiegħu, la f'ġidu u lanqas fl-isem tajjeb li jkollu man-nies – għajrna hu kull bniedem ibda mill-ġenituri u l-ulied u l-qraba sa dawk l-aktar imbegħdin minna, li huma proxxmu tagħna wkoll jekk huma f'xi ħtieġa. U l-imħabba li rridu nuru lil għajrna, trid tkun għal Alla, u mhux biex ikollna l-ftaħir tan-nies, għax, jekk dan, ma tkun tiswielna xejn quddiem Alla, kif tennilna kemm-il darba l-Mulej Ġesù.

## Imħabba li sawwab fina l-Ispirtu s-Santu

L-imħabba li jitlob Alla minna, isawwbet fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna, u ngħatat lilna fil-Magħmudija tagħna, meta ġejna msaffijin minn kull tingis tal-ħażen u bdejna ngħixu ħajja ġdida; din l-imħabba ta' Alla li ssawwbet fi qlubna m'hjiex ħaġ'oħra ħlief l-għamara ta' Alla, l-għamara tat-Trinità qaddisa fir-ruħ tagħna, għax bil-Magħmudija sirna tempji ta' Alla – għalhekk Ġesù qalilna llum "jekk tħobbuni, Missieri jħobbkom u aħna niġu u ngħammru għandkom".

Bil-presenza ta' Alla fina, l-Ispirtu s-Santu jaħdem bla heda f'ruħna u jkun għalina d-Difensur l-ieħor, li wegħedna Ġesù, l-avukat tagħna li jidħol għalina fin-nuqqas ta' ħila u bla heda jixhed lilna li aħna wlied Alla, u jgħidilna kif għandna nġibu ruħna bħala wild Alla.

## Il-ħajja ta' wlied Alla

Fit-tieni qari ta' llum smajna lil San Pawl jgħidilna kif għandha tkun il-ħajja

fid-dinja ta' dawk li huma wlied Alla: bħala wlied Alla ma għandniex ngħixu skond il-ġisem, jiġifieri rridu nżommu ruħna minn dak kollu li hu frott ta' ħajja skond il-ġisem, ta' ħajja materjali, ta' ħajja mehdija biss bix-xalar u d-divertiment bla rażan, ħajja bħal dik ta' dawk li għamlu ġisimhom l-alla tagħhom; dawn ma jistax ikollhom l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fihom, u jekk kienu rċevew l-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija tagħhom, bl-imġiba ħażina tagħhom ġiegħeluh jitbiegħed minnhom. Bħala ulied Alla rridu ngħixu skond l-Ispirtu u l-frott ta' l-Ispirtu hu kull ma hu tjieba, verità u qdusija.

Għandna ngħożżu din il-presenza ta' l-Ispirtu fina, li bla heda jqanqalna biex ngħollu leħenna lejn Alla u nsejħulu, bil-kunfidenza kolha, "Abba! Missier!" U huwa u jagħmel dan fina jkun jgħidilna wkoll li aħna aħwa ma' Kristu, u werrieta flimkien miegħu tas-saltna tas-sema; iżda jgħidilna wkoll li jekk irridu nkunu werrieta flimkien ma' Kristu u mseħbin miegħu fil-glorja, irridu nissieħbu wkoll miegħu fit-tbatijiet tiegħu, permezz tas-sagrifiċċji li nagħmlu ħa nrażżnu l-ġisem tagħna li jmut, ġisem li kemm-il darba bix-xewqat tiegħu jkun irid imur kontra dak li jgħid l-Ispirtu. F'din id-dinja ħajjitna hi mġarrba minn ġlieda dejjem sejra bejn i-ġisem u l-Ispirtu, ġlieda qalila li nirbħuha biss jekk nimxu skond dak li jnebbaħna l-Ispirtu li bħala d-Difensur li wiegħed Kristu, jieqaf dejjem magħna u jwettaqna bid-doni tiegħu biex noħorġu rebbieħa fuq il-ġisem mejjet tagħna minħabba d-dnub.

## Talba lill-Ispirtu s-Santu

L-ilsna tan-nar li dehru fuq l-Appostli meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu jfissru l-ħeġġa u l-qawwa li tiġina mill-Ispirtu s-Santu fil-ġlieda tagħna kontra l-ġibda ta' l-għajnejn, il-ġibda tal-ġisem u s-suppervja tal-ħajja; u r-riħ qawwi li nħass kien xhieda tal-qawwa ta' l-Ispirtu li jsaffi lir-ruħna mit-tinġis tad-dinja. Għalhekk illum mal-Knisja kollha tlabna lill-Ispirtu biex jiġi fina biex inaddafna minn kull tebgħa ta' dnub, biex ifejjaqna minn kull ġerħa tal-ħażen, biex irattab l-ebusija ta' qalbna, biex iqajjimna mill-irqad tagħna, biex ibiegħed minna kull biża' fieragħ u kull qtigħ il-qalb li ma naslux biex nagħmlu dak li Alla jrid minn bħala wliedu.

"Ejja, Spirtu qaddis, imla qlub il-fidili tiegħek, u kebbes fina n-nar ta' mħabbtek biex nibqgħu dejjem fidili għas-sejħa tagħna ta' wlied Alla, u meta jasal il-waqt int li qajjimt lil Kristu mill-imwiet tqajjem ukoll il-ġisem imsejken tagħna li jmut u tlibsu bin-nuqqas ta' taħsir u bl-immortalità."

**Id-disa' Ħadd tas-sena**

# IT-TRINITÀ QADDISA

## Iż-żmien li ġej

Il-Ħadd li għadda temmejna ngħixu mal-Knsija l-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna, mill-miġja ta' Ġesù fid-dinja sal-passjoni u l-mewt tiegħu fuq is-salib, sal-qawmien tiegħu mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-sema fil-leminija tal-Missier, minn fejn bagħat l-Ispirtu Qaddis tiegħu fuq il-Knsija biex, bħala Difensur ieħor, jibqa' magħha sa l-aħħar taż-żmien.

Issa matul iż-żmien li ġej, sakemm jasal il-waqt biex nerġgħu nibdew ngħixu għal sena oħra l-misteru tas-salvazzjoni tagħna mal-Knisja fil-bidu tax-xahar tal-Milied, il-Knisja tistedinna nikkontemplaw magħha u nimmeditaw dak kollu li l-Mulej Ġesù għamel u għallem tul it-tliet snin tal-ministeru tiegħu fl-Art Imqaddsa; iżda qabel dan il-Knisja tridna naħsbu ftit fuq il-misteru kbir tal-fidi tagħna, il-misteru li kien moħbi fi żmien il-Patt il-Qadim, imma li tiegħu Alla ta xi ħjiel lill-profeti u lin-nies gusti ta' żmienhom, u ġie rivelat fis-sħuħija kollha tiegħu mill-Mulej Ġesù nnifsu; il-misteru tal-ħajja intima ta' Alla, il-misteru ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni magħżulin minn xulxin u ndaqs fil-kobor.

## Ħjiel tal-misteru

L-ewwel qari tal-Quddiesa ta' llum, mill-Ktieb tal-Proverbi, huwa innu lill-Għerf ta' Alla fil-ħolqien tad-dinja, l-Għerf ta' Alla, li kien minn dejjem ta' dejjem qabel ma nħalqu l-ibħra l-kbar, qabel ma tqiegħdu l-muntanji, l-Għerf li kien ma' Alla meta ħejja s-smewwiet, meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar kbir, meta xeħet is-sisien ta' l-art, hemm kien dejjem l-Għerf, jitliegħeb dejjem quddiem Alla. F'dan il-kliem tal-Ktieb tal-Proverbi l-għorrief tal-Knisja, sa mill-ewwel żminijiet, raw imħabbar, għalkemm mhux b'mod ċar, il-misteru tal-Verb ta' Alla, li kien fil-bidu, li kien għand Alla, li kien Alla, li kollox sar bih u mingħajru ma sar xejn, kif jgħidilna San Ġwann fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu. Il-kliem ta' dan l-Evanġelju jfissrilna ċar kliem Ktieb il-Proverbi li tħabbrilna llum fil-Quddiesa, fid-dawl tar-rivelazzjoni li Ġesù Kristu għamel lill-Appostli dwar il-ħajja intima ta' Alla, dwar il-ħajja ta' Alla fih innifsu.

## Ir-rivelazzjoni minn Kristu

Il-Mulej Ġesù ma rrivelax il-misteru tat-Trinità Qaddisa kif nistqarruh aħna meta ngħidu li nemmnu f'Alla wieħed fi Tliet Persuni, magħżulin minn xulxin u ndaqs fil-kobor; imma rrivelah ftit ftit skond ma kienu jifilħu jifhmu l-Appostli: dan kliem Ġesù dwar it-Trinità Qaddisa fehmuh sewwa wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu, kif smajna lil Ġesù jgħidilhom fl-Evanġelju li tħabbrilna llum: "Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom fuqi u fuq il-Missier, iżda intom għalissa

ma tifilħux għalihom, għax moħħkom għadu mimli fehmiet ħżiena dwar il-missjoni li għaliha ġejt fid-dinja; iżda l-Ispirtu s-Santu meta jiġi fuqkom jgħallimkom kollox u jmexxikom fis-sewwa kollu. U Ġesù kompla jgħidilhom lill-Appostli: "L-Ispirtu s-Santu ma jitkellemix minn rajh, imma jgħidilkom dak kollu li jisma'; hu jsebbaħni għax jieħu minn dak li hu tiegħi, u dak li hu tiegħi hu wkoll tal-Missier". B'dan il-kliem Ġesù kien qed iħabbar lill-Appostli li hu u l-Missier u l-Ispirtu huma ħaġa waħda, Alla wieħed, iżda magħżulin minn xulxin għax il-Missier mhux l-Iben u lanqas l-Ispirtu s-Santu, kif l-Iben mhux il-Missier u lanqas l-Ispirtu s-Santu, u l-Ispirtu s-Santu m'huwiex la l-Missier lanqas l-Iben imma huma Tliet Persuni magħżulin minn xulxin imma dejjem Alla wieħed.

## Il-misteru

Il-Missier huwa Missier għax nissel lill-Iben minn dejjem ta' dejjem, u l-Iben hu Iben għax imnissel mill-Missier minn dejjem ta' dejjem, u l-imħabba tal-Missier għall-Iben u ta' l-Iben għall-Missier hi l-Ispirtu s-Santu, għalhekk fil-Kredu nistqarru li l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben u tkellem b'fomm il-profeti. Mhux l-Ispirtu s-Santu biss tkellem b'fomm il-profeti imma t-Tliet Persuni flimkien, għax l-opra kollha tal-fidwa tagħna, l-opra kollha tas-salvazzjoni hija opra tat-Tliet Persuni flimkien: Il-Missier jibgħat lil Ibnu fid-dinja biex aħna jkollna l-ġustifikazzjoni bil-fidi, kif ħabbrilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, bit-tama li għad niksbu l-glorja ta' Alla, minkejja t-tbatijiet kollha tal-ħajja f'din id-dinja; dan għaliex it-tbatija tgħallimna s-sabar, u s-sabar iqawwi fina t-tama – dan kollu bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat b'Ibnu fina, ħa jsawwab fi qlubna l-imħabba, meta jingħatalna fil-Magħmudija tagħna. Fi kliem ieħor it-Tliet persuni tat-Trinità Qaddisa jaħdmu s-salvazzjoni tagħna u jnisslu fina dik l-imħabba li neħtieġu biex qatt ma tonqosna l-fidi u t-tama li, meta jasal il-waqt, fis-sema nkunu nistgħu nissieħbu mal-qtajja tal-qaddisin, li marru qabilna, biex magħhom intennu għal dejjem l-innu ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li Alla wieħed fi Tliet persuni: Qaddis, qaddis, qaddis, il-Mulej Alla ta' kull setgħa, li kien, li hu u li jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**L-għaxar Ħadd tas-sena**

# IL-ĠISEM U D-DEMM IMQADDES TA' KRISTU

## Il-Misteru ta' l-Ewkaristija

Wara li l-Knisja stednitna l-Ħadd li għadda biex nikkontemplaw il-misteru tat-Trinità Qaddisa, illum qed tistedinna biex nimmeditaw fuq il-misteru ta' l-Ewkaristija, fuq il-misteru ta' l-ikla tal-Mulej, fuq il-misteru tal-Ġisem u d-Demm għażiż ta' Kristu.

L-Ewkaristija tgħidilna l-Knisja, hi ikla mqaddsa li fiha aħna nieħdu 'l Kristu bħala ikel ta' ruħna, fiha ssir it-tifkira tal-Passjoni tiegħu, ir-ruħ tagħna timtela' bil-grazzja, u jingħatalna r-rahan tal-ħajja ta' dejjem. F'din l-antifona tal-Liturġija tal-Knisja għandna miġbur il-qofol tal-verità dwar il-misteru ta' l-Ewkaristija li qatt ma aħna sejrin infissru f'omelija waħda l-għoli u l-fond, il-wesgħa u t-tul ta' dak kollu li ġie rivelat lilna dwar is-Sagrament ta' l-imħabba.

Jekk inqisu l-qari li l-Knisja għandha għas-solennità ta' llum tul it-tliet ċikli tal-qari għall-Quddiesa tal-Ħadd naraw li kull sena il-Knisja tistedinna nimmeditaw aspett wieħed tal-misteru ta' l-Ewkaristija: fi kliem ieħor tistedinna nikkontemplaw l-Ewkaristija bħala għajn ta' grazzja u ta' qdusija, jew bħala rahan tal-ħajja ta' dejjem, jew bħala l-ikla tal-Mulej. U proprju dwar dan l-aspett il-Knisja tistedinna nimmeditaw illum.

## L-ikla tal-Mulej

L-Istituzzjoni ġenerali tal-Missal Ruman tgħidilna li għall-Ewkaristija, għall-ikla tal-Mulej, il-poplu ta' Alla jinġema' f'ġemgħa waħda, taħt il-presidenza tas-saċerdot, biex f'isem Kristu jiċċelebra t-tifkira tal-Mulej, jiġifieri s-sagrifiċċju ewkaristiku, (n. 7). Il-Quddiesa, tgħidilna l-Knisja, hi ikla sagrifiċjali u llum turina kemm dan hu minnu permezz tal-qari tal-Quddiesa ta' llum.

## Is-sagrifiċċju ta' Melkisedek

L-Ewkaristija bħala ikla sagrifiċjali nsibuha mħabbra fit-Testment il-Qadim fis-sagrifiċċju tal-ħobż u nbid li Melkisedek, sultan ta' Salem u sultan tas-sliem, offra b'radd ta' ħajr għar-rebħa li Abraham kiseb fuq l-għedewwa tiegħu. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jara f'Melkisedek xbieha ta' Kristu saċerdot: Melkisedek fl-Iskrittura jidher bla missier, bla omm, bla nisel, qisu la għandu bidu u lanqas tmiem ta' ħajtu biex ikun jixbah l-Iben ta' Alla li hu minn dejjem u jibqa' għal dejjem (ara Lh 7, 3). Melkisedek hu xbieha ta' Kristu mhux biss f'dan, iżda wkoll fis-sagrifiċċju tal-ħobż u nbid li offra b'radd ta' ħajr, u f'dan is-sagrifiċċju l-Knisja tara mħabbra l-Quddiesa li hi wkoll sagrifiċċju, għax taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, Kristu sħiħ, jiġifieri Kristu flimkien mal-Ġisem tiegħu, flimkien mal-Knisja l-Għarusa tiegħu, joffri lilu nnifsu lil Alla, u jtenni f'misteru l-offerta li għamel darba għal dejjem fuq is-salib għas-salvazzjoni tagħna.

## It-tagħlim ta' San Pawl

Dan jgħidulna wkoll San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Korintin, li tħabbritilna fit-tieni qari ta' llum. San Pawl ifakkarna dak li għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata għalina, u żied jgħid li kull meta aħna l-insara nġeddu l-ikla tal-Mulej b'tifkira tiegħu, kif ordnalna, aħna nkunu nħabbru l-mewt tiegħu, aħna u nistennewh jerġa' jiġi fil-glorja. Kliem San Pawl hu ċar biżżejjed u m'għandux bżonn tifsir fit-tul: kull tifkira – ċelebrazzjoni ta' l-ikla tal-Mulej hi sagrifiċċju, hi ikla sagrifiċjali, li fiha l-Mulej jagħtina bħala ikel u x-xorb ta' ruħna l-Ġisem u d-Demm imqaddes tiegħu, kif Hu stess wegħdna: "Jiena hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema: min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem."

## Il-miraklu hu tat-tkattir tal-ħobż

Dan il-kliem Ġesù qalu lill-folol tan-nies li marru warajh wara li għamel il-miraklu tat-tkattir ta' ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, miraklu li tħabbrilna fl-Evanġelju ta' llum. F'dan il-miraklu l-Knisja tara tħabbira ta' l-ikla tal-Mulej, li tiġġedded tul iż-żminijiet b'tifkira tiegħu. Il-ġrajja kollha tal-miraklu tgħidilna quddiemna dak li jiġri f'kull Quddiesa.

Bħalma Ġesù ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet u refa' għajnejh lejn is-sema, bierek lil Alla u qasamhom, hekk is-saċerdot, f'kull Quddiesa, jieħu l-ħobż u l-kalċi mimli nbid, jerfa' għajnejh lejn is-sema, jgħid talba ta' barka, jaqsam il-ħobż, u mbagħad jagħti lill-insara l-ħobża maqsuma (li m'hijiex aktar ħobż imma l-Ġisem ta' Kristu) u f'xi okkażjonijiet, jagħti wkoll jixorbu mill-Kalċi bl-inbid (li mhux aktar inbid imma d-Demm għażiż ta' Kristu): L-Evanġelju jgħidilna li ma kienx Ġesù li qassam il-ħobż u l-ħut lill-folla iżda tahom lill-Appostli biex iqasmuhom huma: hekk jiġri f'kull Quddiesa: huwa Kristu li jibdel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħu, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, għax is-Saċerdot, huwa u jġedded dak li għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla, jikkonsagra l-ħobż u l-inbid *in persona Christi,* iżda mbagħad huwa hu, bħala ministru ta' Kristu kif kienu l-Appostli, li jqarben il-fidili, biex, huma u jfakkru l-mewt tal-Mulej, ruħhom timtela bil-grazzja u jiksbu r-rahan tal-ħajja ta' dejjem, għax min jiekol mill-Ġisem ta' Kristu u jixrob demmu jkollu l-ħajja ta' dejjem u ma jmut qatt.

Quddiem dan is-sagrament hekk kbir ta' l-imħabba ta' Alla għalina m'għandniex nagħmlu ħaġ'oħra, ħlief intennu mal-Knisja t-talba li biha tagħlaq is-sekwenza tal-festa ta' llum:

Int Ragħaj tajjeb, ħobż tassew
Ġesù tagħna, ħenn għalina;
Int itmagħna, int ħarisna,
inti lilna l-ġid urina
fl-art imbierka tal-ħajjin;
hemm għamilna lkoll imsieħba
mal-qtajjiet tal-qaddisin.